

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 217

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

30 ta' Lulju 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2013/C 217/01	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Awstrija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija, 2012-2017	1
2013/C 217/02	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Belġju u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju, 2012-2016	5
2013/C 217/03	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija, 2012-2016	10
2013/C 217/04	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tar-Repubblika Ċeka, 2012-2016	14
2013/C 217/05	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka 2013-2016	18
2013/C 217/06	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Estonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, 2012-2017	21

MT

Prezz:
EUR 7

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2013/C 217/07	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja, 2012-2017	24
2013/C 217/08	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Franza tal-2013 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza, 2012-2017	27
2013/C 217/09	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja, 2012-2017	33
2013/C 217/10	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Ungerija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija, 2012-2016	37
2013/C 217/11	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2013 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja, 2012-2017	42
2013/C 217/12	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Latvja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, 2012-2016	47
2013/C 217/13	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Litwanja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja, 2012-2016	51
2013/C 217/14	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Lussemburgu u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu, 2012-2016	55
2013/C 217/15	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 ta' Malta u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta, 2012-2016	59
2013/C 217/16	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2012-2016 ...	63
2013/C 217/17	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, 2012-2016	67
2013/C 217/18	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tas-Slovakkja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja, 2012-2016	71



I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2013 tal-Awstrija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija, 2012-2017

(2013/C 217/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-

linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-'linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazżjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazżjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.
- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2012 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija għall-perjodu 2012-2016.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika dwar l-ekonomija. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih l-Awstrija ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir revizzjoni fil-fond.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jerġgħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fis-16 ta' April 2013, l-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2013 taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Awstrija għamlet sforzi konsiderevoli biex il-baġit ikun f'pożizzjoni li d-defiċit eċċessiv jiġi kkorreġut. Fir-rigward tal-Programm ta' Stabbiltà, ix-xenarju makroekonomiku abbażi tal-projezzjonijiet baġitarji huwa ottimist. L-objettiv prinċipali tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li gradwalment jitnaqqas id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika sabiex jinkiseb baġit ibbilanċjat f'termini nominali sal-2016 u biex jintlaħaq l-objettiv ta' terminu medju (OTM) sal-2015. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-OTM preċedenti b'defiċit strutturali ta' 0,45 % tal-PDG. L-OTM huwa allinjat mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tal-projezzjonijiet attwali, l-Awstrija hija fit-triq it-tajba biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2013 billi d-defiċit tal-Gvern kien ta' 2,5 % tal-PDG fl-2012 u huwa mistenni li jonqos aktar għal 2,2 % tal-PDG fl-2013 u għal 1,8 % tal-PDG fl-2014 skont it-tbassir mis-servizzi tal-Kummissjoni. Madankollu, hemm possibillment kostijiet addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mar-rettifika ta' bank kbir li jista' jkollhom l-impatt sinifikanti li jżidu d-defiċit. Wara titjib qawwi li jaqbeż il-linja ta' aġġustament meħtieġa fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) fl-2012, id-defiċit tal-bilanċ strutturali huwa previst li jiżdied sa 1,8 % fl-2013. Żieda żgħira fid-defiċit strutturali fl-2013 hija kkonfermata ukoll fit-tbassir mis-servizzi tal-Kummissjoni. Skont l-informazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà, mill-2014 'il quddiem, il-kalkolu mill-ġdid tal-bilanċ strutturali jipprevedi aġġustament strutturali li jaqbeż iż-0,5 % fl-2014 u fl-2015, li jista' jippermetti lill-Awstrija tilħaq l-OTM f'sentejn qabel meta mqabbel max-xenarju ppreżentat fil-Programm ta' Stabbiltà, jiġifieri fl-2015 minflok fl-2017.
- Fir-rigward tal-valur referenzjarju tan-nefqa taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir skont l-informazzjoni pprovduta fil-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata tat-tkabbir għan-nefqa tal-Gvern, netta mill-miżuri diskrezzjonali fis-snin 2014 u 2016 hija mistennija li tikkontribwixxi għal aġġustament strutturali annwali tal-OTM b'0,5 % tal-PDG. Madankollu t-tnaqqis sinifikanti previst fil-proporzjon nefqa/PDG fix-xenarju tal-Programm ta' Stabbiltà huwa ambizzjuż ħafna ladarba n-nefqa hija stmata li tikseb f'termini ta' PDG wieħed mill-aktar livelli baxxi f'aktar minn ħmistax-il sena. L-Awstrija hija mistennija tkun f'perjodu ta' tranżizzjoni mill-2014 sal-2016 rigward il-konformità mal-kriterju tad-dejn, u l-pjanijiet jiżguraw progress suffiċjent biex tintlaħaq konformità.
- It-tisħiħ tal-qafas baġitarju ħalla r-relazzjonijiet fiskali bejn saffi tal-gvern mhux mittiefsa u responsabbiltajiet mrikkbin u inkonsistenzi bejn responsabbiltajiet ta' ffinanzjar u nfiq jibqgħu sfida. Il-mekkaniżmu kumpless ta' ftehimiet kontinwi bejn il-gvern nazzjonali, il-fornituri tas-sigurtà soċjali u l-livell sottofederali, jikkostitwixxu riskju ta' implimentazzjoni għall-miżuri mmirati biex irażżnu n-nefqa tas-saħħa. Fl-edukazzjoni, in-negozjati dwar proposta ta' sitt punti inkluża l-abolizzjoni tal-awtoritajiet tal-iskejjel fil-livell distrettwali huma pass tajjeb għas-simplifikazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn is-saffi differenti tal-Gvern, iżda tinħtieġ aktar simplifikazzjoni sabiex il-frammentazzjoni titnaqqas b'mod sostanzjali aktar.
- (10) Il-forza tax-xogħol tal-Awstrija hija prevista li mill-2020 tonqos u l-ekonomija qed issir aktar ibbażata fuq il-ħiliet. Hemm lok fejn tista' tiġi ottimizata l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, b'mod partikolari n-nisa, il-migranti u l-ħaddiema kbar fl-età.
- (11) Ħaddiema kbar fl-età għad għandhom rata ta' impjiegi taħt il-medja tal-UE (43,1 % vs. 48,8 %), minkejja li din qed titjeb sinifikattivament u tersaq lejn il-medja tal-UE, u kważi 30 % tal-persuni jgħattgħu bejn sena u nofs u tliet snin qiegħda jew bil-liv tal-mard qabel ma jirtiraw. L-użu relattivament għoli, mifruq, tal-irtirar kmieni u l-iskemi ta' pensjonijiet tal-invalidità kif ukoll età tal-irtirar statutorja relattivament baxxa għan-nisa (60), li se tiżdied biss gradwalment bil-mod fil-futur, għandhom impatt negattiv fuq il-forza ta' ħaddiema kbar fl-età. Ġew adottati għadd ta' miżuri fl-2012 sabiex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, prinċipalment billi jitnaqqas l-użu ta' pensjonijiet tal-irtirar kmieni jew tal-invalidità.
- (12) Għalkemm ir-rata ta' impjiegi għan-nisa fl-Awstrija hija relattivament għolja (70,3 % meta mqabbla mal-livell ta' 62,4 % tal-UE fl-2012), għad hemm lok fejn tista' tiżdied billi titnaqqas is-segmentazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol. Il-kwota tan-nisa f'impjiegi part-time hija waħda mill-ogħla fl-UE u d-disponibbiltà ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal kif ukoll ta' kura fuq terminu twil

- huma limitati. Ir-rati ta' mpjeg tan-nisa mkejla f'ekwivalenti *full-time* jissuġġerixxu li l-Awstrija għandha diffikultajiet partikolari biex tisfrutta bi sħiħ il-potenzjal tan-nisa fid-dinja tax-xogħol. Barra minn hekk, hemm kważi d-doppju ta' nisa f'impjegji marġinali, u huma kkonċentrati f'impjegji b'paga baxxi. Din l-istruttura tirriżulta f'differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ta' 24 %, li hija l-ogħla tielet rata fl-Unjoni. It-tnaqqis fil-piż tat-taxxa għal dawk bi dħul baxx jista' jipprovdi aktar inċentivi biex il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tiżdied. L-istruttura tas-sistema fiskali tal-Awstrija tipprovdi l-ispazju biex it-tassazzjoni tiġi ttrasferita fuq sorsi oħra li huma anqas detrimentali għat-tkabbir. Id-dħul tat-taxxa minn fuq il-proprietà fl-Awstrija huwa ta' 0,5 % tal-PDG, u huwa anqas b'mod sinifikanti mill-medja ta' 2,1 % tal-PDG tal-UE. B'mod partikolari, id-dħul minn taxxi rikorrenti fuq il-proprietà immobbli, li huma kkunsidrati l-anqas detrimentali għat-tkabbir, huma t-tielet l-anqas fl-Unjoni, u jirrappreżentaw 0,2 % tal-PDG tal-2011 (medja tal-UE: 1,3 %).
- (13) B'19 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fl-2011 imwiċċla barra l-pajjiż, l-Awstrija għandha waħda mill-ogħla kwoti ta' immigranti fl-età tax-xogħol fost il-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-migranti ħafna drabi jiffaċċjaw diffikultajiet fis-suq tax-xogħol u għandhom rati ogħla ta' qgħad sinifikanti (9,7 % vs. 3,6 %) u rati anqas ta' impjeg (ċittadini mhux tal-UE 27: 62,8 % vs. l-Awstrija: 76,4 %) Barra minn hekk, persuni bi sfond migratorju huma għal tliet darbiet aktar, impjegati u mħallsin anqas mill-kwalifiki li effettivament ikollhom b'paragun mal-Awstrija (2008: 27,5 % vs. 9,7 %). Kif ukoll, ir-riżultati tagħhom fl-edukazzjoni huma aktar baxxi u r-riskju tal-faqar tagħhom huwa darbtejn ogħla (26,6 % vs. 12,6%).
- (14) It-tbassir tan-nefqa tal-pensjoni u tas-saħħa fuq terminu medju u twil juri riskju għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-previżjonijiet dwar in-nefqa għall-kura fit-tul jippuntaw ukoll lejn riskju għas-sostenibbiltà, għalkemm fuq skala iżgħar. Ir-riformi reċenti fis-sistema tal-pensjonijiet probabbilment inaqqsu r-riskji għas-sostenibbiltà, sa ċertu punt, jekk ikunu akkumpanjati ma' titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jħallu ħaddiema kbar fl-età jdumu aktar fl-impjeg tagħhom. Madankollu, għad hemm in-nuqqas ta' armonizzazzjoni aċċelerata tal-etajiet tal-irtirar bejn in-nisa u l-irġiel u t-tiżjod tal-età effettiva tal-irtirar billi tiġi allinjata l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji pensjonistiċi mal-bidliet tal-istennija tal-għomor. Il-kwistjoni tas-sostenibbiltà fiskali tal-kura tas-saħħa u tas-sistema għall-kura fit-tul trid tiġi indirizzata, anki quddiem il-ħtieġa u d-domanda li qed jiżdiedu għas-servizzi tal-kura fit-tul. Il-miżuri ta' politika meħuda reċentement fis-setturi tas-saħħa probabbli li mexjin fid-direzzjoni t-tajba, għalkemm għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-effikaċċja tagħhom fis-snin li ġejjin. Ma hemmx lok li titjeb il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti sabiex jitrażżnu l-kostijiet futuri tal-kura fuq terminu twil.
- (15) Skont studji internazzjonali komparattivi u testijiet, ir-riżultati tal-Awstrija huma taħt il-medja ta' dawk li għandhom bejn l-10 snin u l-15-il-sena, minkejja li n-nefqa fuq l-edukazzjoni tal-Awstrija kienet ta' 6,01 % tal-PDG, ogħla sew mill-medja tal-UE ta' 5,41 %. Aktar minn 25 % taż-żgħażaġh li għandhom 15-il sena fut li xejn jafu jaqraw u r-riżultati huma fut aħjar fil-matematika biss. Differenzi fil-kisbiet ta' żgħażaġh bi sfond migratorju u dawk nattivi huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Fl-edukazzjoni għolja ż-żieda fl-għadd ta' studenti qed toħloq pressjoni fuq is-sistemi finanzjarji u ta' organizzazzjoni, iżda l-għadd ta' studenti li jlestu l-istudji b'suċċess huwa baxx. Id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet fil-ġestjoni u l-iffinanzjar tas-sistema edukattiva hija frammentata.
- (16) L-Awstrija hija wieħed mill-Istati Membri li bit-tnaqqis tal-ostakoli għall-forniment tas-servizzi transkonfinali l-aktar li tieħu benefiċċju (bħala PDG). Madankollu, għad hemm ostakoli sinifikanti biex ikun hemm aċċess għall-kompetizzjoni u biex tkun effettiva fis-settur tas-servizzi. Dawn l-ostakoli jidhru b'mod speċjali fil-professjonijiet liberi u fit-trasport ferrovjarju. Is-servizzi professjonali għandhom rwol importanti fis-swieq kummerċjali tas-servizzi, u jammontaw għal 10 % tal-PDG u 11 % tal-impjegji kollha. Għad hemm restrizzjonijiet biex wieħed ikollu aċċess kif ukoll jipprattika l-professjonijiet fis-settur tas-servizzi, pereżempju fir-rigward tal-forma legali u tar-rekwiżiti għaż-żamma tal-ishma. Hemm argument sod biex jiġi vvalutat kemm ir-restrizzjonijiet huma ġġustifikati, u jekk l-istess l-oġettivi ta' interess pubbliku jistgħux jintleħqu b'sistemi regolatorji eħfef. Għalkemm tiddil reċenti fil-liġi tal-kompetizzjoni se jsaħħa il-poteri tal-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Awstrija, ir-riżorsi umani u finanzjarji għadhom taħt il-livelli osservati fekonomiji tal-istess daqs jew anki iżgħar.
- (17) L-Awstrija għamlet progress fil-kooperazzjoni superviżorja finanzjarja transkonfinali bejn il-pajjiż tad-domiċilju u dak ospitanti. Barra minn hekk, sar aktar progress fir-ristrukturazzjoni tal-banek nazzjonalizzati jew parzjalment nazzjonalizzati li bbenefikaw minn għajjuna għall-istrutturar. Madankollu, minħabba r-riskji assoċjati ma' żieda fid-deterjorament fil-kwalità tal-assi ta' dawn il-banek, għad hemm spazji ta' vulnerabbiltà li jridu jiġu mmonitorjati mill-qrib.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Hija mhux biss qieset ir-relevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (7) hawn taħt.

- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, l-Awstrija għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 biex:

1. Timplimenta l-baġit għas-sena 2013 kif previst biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli u biex twettaq l-isforz għall-aġġustament strutturali annwali medju speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-PDE. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, twettaq sforz b'pass xieraq għall-aġġustament strutturali sabiex tilħaq l-OTM sal-2015. Iġġib f'konformità l-konnessjonijiet fiskali bejn is-saffi tal-Gvern pereżempju billi tissimplifika l-qafas organizzattiv u billi tallinja r-responsabbiltajiet ta' nfiq u ta' ffinanzjar.
2. Tmexxi l-quddiem l-armonizzazzjoni tal-età tal-pensjoni għall-irġiel u għan-nisa, iżżid l-età effettiva tal-irtirar billi jsir allinjament tal-età tal-irtirar jew tal-benefiċċji pensjonistiċi mal-bidliet tal-istennija tal-għomor, timplimenta u timmonitorja r-riformi reċenti li jirrestrinġu l-aċċess għall-irtirar kmieni u ttejjeb aktar l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kbar fl-età, sabiex jiżdiedu l-età effettiva tal-irtirar u r-rata tal-impjiegi tal-ħaddiema kbar fl-età.
3. Tieħu miżuri ġodda biex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jiġifieri billi ttejjeb is-servizzi għall-indukrar tat-tfal u dawk għall-kura fuq terminu twil, kif ukoll tindirizza d-differenzi għolja fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel u l-pensjonijiet. Tuża l-potenzjal sħiħ tas-suq tax-xogħol tal-persuni bi sfond migratorju billi tkompli ttejjeb ir-rikonox-

ximent tal-kwalifiki tagħhom u r-riżultati derivati mill-edukazzjoni tagħhom. Tnaqqas il-piż effettiv tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali fuq ix-xogħol ta' persuni bi dħul baxx, b'mod li jkun newtrali għall-baġit, billi tistrieħ fuq sorsi ta' tassazzjoni oħrajn anqas detrimental għat-tkabbir bħal taxxi fuq il-proprjetà rikorrenti.

4. Timplimenta b'mod effettiv ir-riformi riċenti tas-sistema tas-saħħa biex tiżgura li l-gwadann costeffiċjenti mistenni jseħħ. Tiżviluppa mudell finanzjarju sostenibbli għall-għoti tal-kura fuq terminu twil u tiffoka b'aktar saħħa fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti.
5. Ittejjeb ir-riżultati fl-edukazzjoni, b'mod partikolari taż-żgħażaġh żvantaġġati billi ttejjeb l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u billi tnaqqas l-effetti negativi tat-tqassim bikri tat-tfal fi klas-sijiet skont il-ħila. Tkompli ttejjeb l-ippjanar strateġiku fl-edukazzjoni għolja u ttejjeb il-miżuri biex tnaqqas dawk li jabbandunaw minn kmieni l-iskola.
6. Tkompli ssaħħaħ is-setgħat u r-riżorsi tal-awtorità federali tal-kompetizzjoni u timmonitorja l-implimentazzjoni tar-riforma fil-liġi tal-kompetizzjoni. Tneħħi l-ostakoli eċċessivi għall-fornituri ta' servizzi. Dan jinkludi l-eżami ta' jekk ir-restrizzjonijiet eżistenti għall-aċċess u għall-kondotta tal-professjonijiet irregolati humiex iġġustifikati b'interess ġenerali, u humiex qed jinkuraġġixxu l-kompetizzjoni b'mod partikolari fis-settur ferrovjarju.
7. Bl-għan li iżżomm l-istabbiltà finanzjarja, tkompli tissorvelja mill-qrib il-banek nazzjonalizzati jew parzjalment nazzjonalizzati u tħaffef ir-ristrutturazzjoni tagħhom.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2013 tal-Belġju u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Belġju, 2012-2016

(2013/C 217/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tnedi strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazżjonali tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tad-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-tkabbir u l-impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għall-azzjoni fuq il-livelli nazżjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew fuq azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jiksbu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Belġju għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Belġju għall-perjodu 2011-2015.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jirrappreżenta l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-28 ta' Novembru 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifika il-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tiegħu kien ser isir rieżami fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jiġi mħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titwetqat konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-riżami fil-fond tagħha għall-Belġju, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Belġju jinsab għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi, li jshoq-qilhom monitoraġġ u azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, żviluppi makroekonomiċi fl-oqsma ta' kompetittività esterna ta' prodotti, u tidjin, speċjalment li jikkonċernaw l-implikazzjonijiet tal-livell għoli ta' dejn pubbliku għall-ekonomija reali, jishoq-qilhom li jkomplu jingħataw attenzjoni.

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 5.

- (9) Fid-29 ta' April 2013, il-Belġju ressaq il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà għall-perjodu 2012-2016 tiegħu. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà, li twettqet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plawżibbli. Meta mqabbel mat-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, li jipprojetta li tkabbir tal-PDG se jkun wieqaf fl-2013 u li se jiżdied għal 1,2 % fl-2014, dan ix-xenarju huwa kemxejn aktar ottimist (bi projezzjonijiet ta' 0,2 % u 1,5 %, rispettivament). Mill-2010, u b'mod partikolari fl-2012, il-Belġju implimenta miżuri ta' konsolidazzjoni, u, wkoll fl-2012, introduċa riformi strutturali fis-sistema tal-pensjonijiet, fis-sistema tal-benefiċċji għall-qgħad u fis-swieq tal-prodotti. Madankollu, l-isforz fiskali ma kienx biżżejjed biex ikun f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 biex tintemm il-qagħda ta' defiċit eċċessiv. Anke fid-dawl tar-rikapitalizzazzjoni tal-grupp bankarju Dexia, li kellha impatt negattiv ta' 0,8 % tal-PDG fuq ir-riżultat tad-defiċit, u l-iżviluppi ekonomiċi li kienu agħar milli mistennija fit-tieni nofs tal-2012, l-iskadenza tal-2012 għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv ma ġietx irrispettata. Minħabba dan, issa huwa previst li d-defiċit jitniżżel taħt il-Valur ta' Referenza tat-Trattat, ta' 3 % tal-PDG mill-2013. L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja ppreżentat fil-programm huwa li jintlaħaq baġit bilanċjat f'termini strutturali sal-2015 u li jintlaħaq l-oġġettiv ta' terminu medju (OTM) fl-2016. Il-Programm ta' Stabbiltà biddel l-OTM minn surplus ta' 0,5 % għal 0,75 % tal-PDG. L-OTM il-ġdid huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà huwa kompatibbli mal-iskadenza l-ġdida tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-2013, iżda skont it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni 2013, il-marġni ta' sikurezza kontra l-ksur tal-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG hu żgħir, b'defiċit ta' 2,9 % tal-PDG fl-2013.

Il-progress annwali ppjanat lejn l-OTM, li huwa proġettat li għandu jintlaħaq sal-2016, huwa oġhla minn 0,5 % tal-PDG (f'termini strutturali). L-ebda miżuri ta' konsolidazzjoni ma kienu speċifikati lil hinn mill-2013. Skont it-tagħrif ipprovdut fil-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, matul il-perjodu 2014-2016 hi mistennija li tikkontribwixxi għal aġġustament strutturali annwali lejn l-OTM b'0,5 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn se jilħaq il-quċċata ta' 100 % tal-PDG fl-2013 u se jonqos b'mod gradwali għal 93 % tal-PDG sal-2016. Mill-2014 sal-2016, il-Belġju jista' jkun mistenni li jkun f'perjodu tranżitorju fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-dejn. Skont il-pjanijiet, il-parametru referenzjarju tad-dejn se jintlaħaq fi tmiem il-perjodu tranżitorju. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-2013, li jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għandu jilħaq 101,4 % fl-2013 u li jiżdied aktar għal 102,1 % tal-PDG fl-2014 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, it-tranżizzjoni lejn ir-

regola għat-tnaqqis tad-dejn mhux se tiġi rispettata fl-2014, u dan jindika li l-progress lejn l-OTM mhux biżżejjed. Il-Programm ta' Stabbiltà ma jispjegax kif l-aġġustament ipplanat se jinqasam bejn is-saffi differenti tal-gvern, kwistjoni li ġiet indirizzata wkoll mir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż tas-sena l-oħra. Minbarra l-qafas pluriennali għall-amministrazzjoni pubblika, l-bbażat fuq regoli, huwa meħtieġ li jiffasslu u jkun hemm qbil fuq arranġamenti ta' koordinazzjoni espliċiti biex jassiguraw u jinfurzwaw impenji awtomatiċi aktar robusti mir-reġjuni, mill-komunitajiet u mill-awtoritajiet lokali, sabiex jintlaħqu l-miri baġitarji.

- (11) Il-Belġju qed jiffaċċja żieda sinifikanti ħafna proġettata fin-nefqa marbuta mal-età (+ 2,0 punti perċentwali tal-PDG) għall-perjodu 2010-2020, b'mod partikolari fl-oqsma tal-pensjonijiet u tal-kura fit-tul. Ir-riforma tas-sigurtà soċjali tax-xjuħija li nbdiet, hi mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq ir-rata tal-impjeggi tal-persuni mdaħħla fiż-żmien. Madankollu, it-tbassir juri li l-Belġju mhux ser jilħaq il-mira għall-2020 li stabbilixxa għalih innifsu f'dan il-qasam. Minħabba l-kobor tal-isfida, se jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex inaqqas id-distakk bejn l-età effettiva u l-età statutorja tal-irtirar. Miżuri li jorbtu l-età statutorja tal-irtirar ma' żviluppi fl-istennija tal-għomor ikunu jagħmluha possibbli biex tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet fuq medda twila ta' żmien. Il-ħtieġa li tintlaħaq sostenibbiltà finanzjarja se jkollha tkun ibbilanċjata mal-ħtieġa li tinżamm l-adeqwezza tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għax-xjuħija. Fir-rigward tal-kura fit-tul, għandhom jiġu esplorati titjib fil-kosteffikaċja tal-infiq pubbliku fuq servizzi ta' kura fit-tul, miżuri għall-iffrankar ta' kosti bħall-prevenzjoni tas-saħħa u r-riabilitazzjoni, u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet aħjar għal ħajja indipendenti, fid-dawl tal-kost relattivament għoli ta' kura istituzzjonali fil-Belġju.
- (12) It-telf fil-kompetittività fuq terminu twil tal-Belġju huwa kkawżat minn diversi fatturi, fosthom is-sistema tal-iffissar tal-pagi, il-funzjonament ħażin fis-swieq għall-inputs, u fatturi li mhumiex marbutin mal-kosti, li huma relatati mal-kapaċità innovattiva tal-ekonomija. In-norma tal-pagi tal-1996, maħsuba sabiex tippreserva l-kompetittività vis-à-vis l-imsieħba kummerċjali ewlenin, mhux dejjem wettqet ir-rwol tagħha. Il-miżuri immedjati meħuda s'issa biex irendu l-evoluzzjonijiet tal-pagi aktar konformi mal-livelli tal-produttività huma passi fid-direzzjoni t-tajba, iżda mhumiex biżżejjed biex jiżguraw kompatibbiltà fit-tul bejn l-iżviluppi fis-salarji u fil-produttività. Titjib strutturali għall-qafas ta' negozjar tal-pagi għadu meħtieġ: dawn jinkludu korrezzjonijiet awtomatiċi f'każ li n-norma tal-pagi ma tkunx irrispettata jew fejn iż-żieda fl-indiċi tas-saħħa taqbeż żidiet fil-pagi tal-imsieħba kummerċjali ewlenin. Is-sistema ta' negozjar tal-pagi għandha tiżgura li l-iżviluppi fil-pagi jimxu mad-dinamika tal-produttività fil-livell subreġjonali u lokali. Il-Belġju jispeċjalizza fi prodotti intermedjarji li għalihom il-kompetizzjoni internazzjonali hi severa, u dan jagħmilha diffiċli li jiġu inklużi varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-input fil-prezzijiet finali. Filwaqt li l-punti ta' vantaġġ tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&Ż) Belġjana

kellhom rwol attenwanti fir-rigward tal-kwistjoni tal-kostkompetittività, ir-R&Ż tan-negozji jibqgħu ferm ikkonċentrati u l-adozzjoni usa' min-negozji għadha lura. Il-kundizzjonijiet ta' qafas li jħaffu t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar intensiva mil-lat tal-għarfien għandhom jiġu rinfurzati biex jiffukaw fuq l-intraprenditorija, l-iffaċilitar tad-dinamika ta' kumpanija u l-formazzjoni tal-kapital uman.

- (13) Il-prezzijiet għall-elettriku u ħafna prodotti u servizzi oħra huma ogħla fil-Belġju minn Stati Membri oħra, u jirriflettu l-kompetizzjoni dgħajfa u l-ostakli strutturali. Il-prezzijiet fis-settur tal-bejgħ bl-imnut jibqgħu 'l fuq mill-medja taż-żona tal-euro, filwaqt li r-restrizzjonijiet dwar servizzi professjonali jimpedixxu l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi u jrażżnu l-investment. Il-Belġju għamel biss progress limitat fuq titjib fil-kompetizzjoni fl-industrija ta' netwerk u l-istabbiliment ta' regolaturi b'saħħithom u indipendenti għadu mhux komplut. Il-Belġju għandu t-tieni rata l-aktar baxxa ta' penetrazzjoni tal-broadband mobbli fl-Unjoni, l-aktar minħabba problemi regolatorji u ta' koordinazzjoni fir-rigward tad-disponibbiltà tal-ispettru. Filwaqt li ż-żieda fil-bdil tal-konsumatur minn operatur għal ieħor naqqas id-dominanza fil-ġenerazzjoni tal-operatur tradizzjonali tal-enerġija, il-kompetizzjoni fil-livell tal-bejgħ bl-imnut tal-elettriku u tal-gass u fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku tibqa' tikkostitwixxi sfida, b'kosti tad-distribuzzjoni għolja li jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat għal-livelli netti ta' prezzijiet għal utenti industrijali meta mqabbla mal-pajjiżi ġirien. Id-deċizzjoni tal-Belġju biex jikkontrolla l-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut għall-utent aħħari għall-elettriku u l-gass, tista' ttelef il-kapaċità għal investimenti u d-dħul ġdid fis-suq. Il-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' liċenzji fis-settur postali għadu jqajjem tħassib. It-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri mhuwiex miftuħ għall-kompetizzjoni u l-leġiżlazzjoni tax-xogħol f'portijiet ma ġietx modernizzata. Minħabba l-importanza tas-setturi kollha msemmija hawn fuq għall-kompetittività, dawn il-miżuri huma meħtieġa b'mod urġenti.
- (14) Is-sistema tat-tassazzjoni Belġjana tiddependi b'mod sproporzjonat fuq it-taxxi diretti u fiha lakuni li jnaqqsu l-ġustizzja tagħha. Filwaqt li l-Belġju għamel xi sforzi biex jitnaqqas il-piż kumplessiv tat-taxxa fuq ix-xogħol, ir-rata impliċita tat-taxxa għadha fost l-ogħla fl-Unjoni għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' ħaddiema. Il-Belġju għadu wieħed mill-pajjiżi bl-inqas sehem tat-tassazzjoni ambjentali mid-dħul totali mit-taxxa. Hemm lok għas-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa u għat-titjib tal-effiċjenza tagħha, inkluż billi jitnaqqsu u jiġu ssimplifikati nefqiet tat-taxxa, kif ukoll billi jitneħħew rati mhux ġustifikati jew rati ineffettivi mnaqqsas ta' VAT.
- (15) Il-Belġju jbati minn parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol li tinsab taħt il-medja u li hija staġnata kif ukoll minn disparitajiet għoljin fl-impjiegi u l-qgħad bejn ir-reġjuni u s-sottogruppi tal-popolazzjoni kollha. Dawk il-gruppi tal-popolazzjoni bl-inqas parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jinkludu dawk bi sfond ta' migrazzjoni, l-anzjani u ż-żgħażaġh b'ħiliet limitati fir-reġjuni kollha. Dawn il-gruppi huma wkoll esposti għal riskji ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali. Ir-riforma ta' sistema ta' benefiċċji ta' qgħad hija pass fid-direzzjoni t-tajba iżda ma tagħtix fiha nfisha garanzija għal aktar tqabbil effettiv tal-provvista tax-xogħol mad-domanda sakemm ma tkunx assoċjata ma' għajjnuna effettiva għat-tiftix ta' impjiegi u ma' opportunitajiet ta' taħriġ. L-interazzjoni bejn it-tnaqqis immirat fuq il-livell federali u l-iskemi ta' appoġġ għall-impjiegi implimentati mir-reġjuni tiġġenera kumplessità konsiderevoli. Għalkemm il-miżuri li kienu mmirati lejn żgħażaġh b'ħiliet limitati x'aktarx li minnhom jibbenefikaw ukoll migranti, hi meħtieġa strateġija mmirata speċifikament lejn dan il-grupp fil-mira. Barra minn hekk, jidher diffiċli biex jiġu solvuti ċerti nuqqasijiet ta' tqabbil fil-qasam tax-xogħol mingħajr ma tiżdied sinifikantement il-mobbiltà interreġjonali tal-ħaddiema. Valutazzjoni fundamentali akbar hi meħtieġa dwar kif l-għoti tal-edukazzjoni u t-taħriġ isir aktar trasparenti u effiċjenti u kif tista' tissaħħaħ is-sinerġija bejn id-diversi fornituri tat-taħriġ.
- (16) Projezzjonijiet dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 jindikaw li l-Belġju ser jonqos milli jilħaq il-mira għat-tnaqqis ta' 15 %. Għadu mhux ċar kif inizjattivi iżolati meħuda mill-awtoritajiet differenti se jiżguraw li tintlaħaq din il-mira, jew kif il-piż se jinqas bejn ir-reġjuni. L-impatt tal-miżuri konġunti fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet, b'mod partikolari mis-settur tat-trasport u mill-binjiet, għadu mhux ċar. Il-konġestjoni qed tqiegħed piż kbir fuq l-ekonomija tal-Belġju, stmata li saħansitra tammonta għal 2 % tal-PDG u li hija fost l-ogħla fl-Ewropa, iżda l-implimentazzjoni tas-sistema tat-taxxa tat-traffiku ġdida fit-tliet reġjuni ġiet ittardjata sal-2016.
- (17) Il-kwistjonijiet ta' koordinazzjoni inerenti għal struttura reġjonalizzata ħafna jpoġġu l-enfasi fuq l-organizzazzjoni effiċjenti ta' governanza pubblika, billi l-preżenza ta' networks, saffi u atturi multipli tista' twassal għad-dupplikazzjoni tal-istrutturi ma' governanza dgħajfa u għal kosti amministrattivi ogħla. Dawn il-kwistjonijiet jitfaċċaw fuq quddiem nett fir-rigward tat-tassazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-piż tal-isforzi baġitarji inkluż għall-edukazzjoni u s-sigurtà soċjali, li, b'mod ġenerali, jeħtieġu aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, u ppreżentat rieżami fil-fond. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika

kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-gejġeni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.

- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. Fuq din il-bażi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, il-Belġju għandu wkoll jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni matul il-perjodu 2013-2014 sabiex:

- Jadotta miżuri addizzjonali biex jikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li jagħti avviż li jkun korrett id-defiċit eċċessiv sal-2013 u li jittejbu s-sostenibbiltà u l-kredibbiltà tal-konsolidazzjoni. Korrezzjoni dewwiema ta' żbilanċi fiskali kredibbli teħtieġ l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-kapaċità tal-aġġustament u li jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, ikompli jaħdem fuq l-aġġustament strutturali b'pass xieraq, sabiex jilħaq l-OTM sal-2016 u biex jiżgura li l-proporzjon għoli ta' dejn jitqiegħed, b'mod deċiż, fuq perkors 'l isfel. Għal dan l-għan, jippreżenta, sal-15 ta' Ottubru 2013, miżuri strutturali favur it-tkabbir għall-2014 li jiżguraw korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv u progress suffiċjenti lejn l-OTM. Jiżgura illi l-perkors ta' aġġustament ikun ibbilanċjat maż-żmien jew saħansitra jitlesta qabel. Jadotta arranġamenti ta' koordinazzjoni espliċiti sabiex jiġi żgurat li l-miri baġitarji huma vinkolanti fil-livelli federali u sottofederali fi ħdan perspettiva ta' ppjanar fuq terminu medju, inkluż permezz tal-adozzjoni fil-pront ta' regola dwar il-bilanċ/is-surplus tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika li tikkonforma mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja u sabiex tiżdied it-trasparenza tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u r-responsabbiltà mas-saffi kollha tal-gvern.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

- Iżid l-isforzi biex tonqos id-diskrepanza bejn l-età effettiva u l-età statutorja tal-irtirar, inkluż billi jkompli bir-riformi li jnsabu għaddejġin sabiex jitnaqqsu l-possibiltajiet ta' rtirar bikri. Isostni riformi tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għax-xjuħija b'miżuri favur l-impjeggi u riformi tas-suq tax-xogħol li jwasslu għal tixjeh attiv. Iżid l-età tal-irtirar effettiva billi jallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mat-tibdil fl-istennija tal-għomor. Ikompli jtejjeb il-kosteffikaċja tal-infiq pubbliku fit-tul fuq kura istituzzjonali.
- Sabiex jirrestawra l-kompetittività, ikompli għaddej bl-isforzi tiegħu biex jirforma s-sistema tal-iffissar tal-pagi, inkluż l-indiċjar tal-pagi, b'mod partikolari, billi jieħu miżuri strutturali, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u f'konformità mal-prassi nazzjonali, biex jiżgura li l-issettjar tal-pagi iwieġeb għall-iżviluppi fil-produttività, jirrifletti d-differenzi subreġionali u lokali fil-produttività u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, u jipprovi korrezzjonijiet awtomatiċi meta l-evoluzzjoni tal-pagi timmina l-kompetittività.
- Jippreżenta miżuri konkreti u strutturali b'termini ta' żmien speċifiċi biex itejjeb il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi, billi jitneħħew l-ostakli fin-negozju u r-restrizzjonijiet eċċessivi fis-servizzi professjonali u jtejbu l-għoti tal-broadband mobbli. Ikompli jtejjeb it-tħaddim tas-settur tal-enerġija billi jnaqqas il-kosti tad-distribuzzjoni u l-prezzijiet bl-immnut tal-monitoraġġ, u billi jsaħħaħ l-indipendenza tar-regolaturi tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni u tas-setturi tat-trasport (ferroviji, ajruporti). Ineħħi l-ostakli regolatorji li għad fadal fis-settur postali.
- Jistabbilixxi proposti konkreti b'termini ta' żmien speċifiċi biex it-taxxi jiġu trasferiti minn fuq ix-xogħol għal fuq bażijiet għat-taxxa li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir, notevolment billi jiġi esplorat il-potenzjal ta' taxxi ambjentali, pereżempju fuq id-diżil u fuq il-fjuwils għat-tisħin u t-tassazzjoni fuq l-użu privat ta' karozzi tal-kumpanija. Jissimplifika s-sistema tat-taxxa billi jitnaqqsu n-nefqiet tat-taxxa ftassazzjoni fuq l-introjt, tiżdied l-effiċjenza tal-VAT u tittejjeb il-konformità mat-taxxa billi jingħalqu l-lakuni eżistenti.
- Ikompli jnaqqas id-dizincitivi għax-xogħol billi jiġi żgurat infurzar effettiv ta' rekwiżiti għal meta wieħed ikun qed ifittex impjieg u assistenza personalizzata għat-tiftix ta' impjieg għal dawk qiegħda. Jieħu miżuri li jżidu l-mobbiltà interreġionali tal-ħaddiema. Jissimplifika u jsaħħaħ il-koerenza bejn l-inċentivi ta' impjieg, il-politiki ta' attivazzjoni, it-tqabbil tal-impjeggi, l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u l-politiki ta' taħriġ vokazzjonali għal persuni akbar fl-età u għaż-żgħażagħ. Jiżviluppa strateġiji komprensivi għall-inklużjoni soċjali u s-suq tax-xogħol għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

7. Jieħu miżuri konkreti u jaqbel ma' diviżjoni ċara tal-isforzi bejn l-awtoritajiet federali u reġjonali biex jiġi żgurat progress biex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet li mhumiex koperti mill-Iskema għan-Negożjar tal-Emissjonijiet, b'mod partikolari dawk mis-settur tat-trasport u mill-binjiet.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija, 2012-2016

(2013/C 217/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi varata strateġija ġdida u għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet ta' Stat jew Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi li kien jipprovdi qafas koerenti għall-azzjoni fuq il-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar l-azzjoni li kellha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, u b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ sabiex jiksbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u sabiex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Bulgarija għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija għall-2012-2015.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, u dan nieda l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, fejn identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom isir eżami fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni li ssostni t-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self fl-ekonomija, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond tagħha għall-Bulgarija, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija qed tesperjenza iżbilanċi makroekonomiċi, li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, l-impatt tat-tnaqqis fil-livell tad-dejn fis-settur korporattiv flimkien mal-aġġustament kontinwu tal-pożizzjonijiet esterni, il-kompetittività u s-swieq tax-xogħol jixriqilhom li jkomplu jingħataw attenzjoni.

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p.9.

- (9) Fid-19 ta' April 2013, il-Bulgarija ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt.
- (10) Lil hinn mill-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-finanzi pubbliċi fil-Bulgarija fil-biċċa l-kbira huma sodi. L-oġġettiv fuq terminu medju (OTM) intlaħaq fl-2012. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet tal-baġit fil-Programm ta' Konverġenza huwa plawżibbli għall-perijodu 2013-2014, meta t-tkabbir annwali huwa mistenni li jilħaq il-1,0 % fl-2013 u l-1,8 % fl-2014. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi tkabbir tal-PDG ta' 0,9 % fl-2013 u ta' 1,7 % fl-2014. L-oġġettiv tal-istrateġija tal-baġit deskritta fil-Programm ta' Konverġenza huwa li żżomm il-bilanċ strutturali tal-baġit qrib tal-OTM matul il-perijodu tal-programm. Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-OTM preċedenti ta' -0,5% tal-PDG li huwa aktar ambizzjuż milli meħtieġ mill-Patt tal-Istabbiltà u t-Tkabbir. Fuq il-bażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat), li huwa stmat li se jiddgħajjef xi ftit minn defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2012 għal bejn 0,7-0,8 % tal-PDG matul l-2013-2016. Il-Bulgarija taqa' marġinalment taħt l-OTM tagħha matul il-perijodu tal-Programm ta' Konverġenza. Fit-2013-2015, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, meta wieħed iqis il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul, tkun tirrispetta l-valur referenzjarju li jagħti l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fir-rigward tan-nefqa, iżda ma tikkonformax miegħu fl-2016. Il-proporzjon tad-dejn huwa taħt is-60 % tal-PDG u, skont il-Programm ta' Konverġenza, huwa mistenni jilħaq l-ogħla punt tiegħu ta' 20,4 % tal-PDG fl-2014, u mbagħad jiekien matul il-perijodu tal-programm. Bl-istess mod, it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li l-proporzjon tad-dejn jammonta għal 20,3 % tal-PDG fl-2014.
- (11) Il-Bulgarija saħħet b'mod sostanzjali l-qafas fiskali tagħha fis-snin riċenti li kkontribwixxa għaż-żamma tad-dixxiplina fiskali u għal żieda fil-kredibilità tal-politika fiskali. Il-Liġi l-ġdida tal-Finanzjament Pubbliku li se tidħol fis-seħħ fl-2014 iżżomm ir-regoli fiskali numeriċi eżistenti, tintroduċi oħra ġodda u tespandi l-kopertura għas-subsetturi kollha tal-Gvern, tkompli ssaħħaħ l-obbligi fuq il-livell municijali u tirriforma l-qafas baġitarju fuq terminu medju ta' tliet snin. Huwa importanti li l-awtoritajiet iżommu l-momentum tar-riformi u jħejju l-art għall-implimentazzjoni tal-Liġi l-ġdida tal-Finanzjament Pubbliku, b'mod partikolari billi jistabbilixxu l-istituzzjoni fiskali indipendenti prevista u jagħtuha mandat ċar, awtonomija funzjonali u riżorsi adegwati. Hemm spazju konsiderevoli għal titjib fl-infurzar tat-taxxa u progress f'dan il-qasam jippermetti lill-Bulgarija ssostni aktar infiq li jsaħħaħ it-tkabbir. Filwaqt li l-Bulgarija ħadet xi passi rikonossibbli lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-konformità u sabiex ittejjeb il-ġbir tad-dħul, is-sistema tat-taxxa għadha kkaratterizzata minn evażjoni sinifikanti tat-taxxa u livell baxx ta' effiċjenza amministrattiva. L-ispejjeż amministrattivi għall-ġbir tat-taxxa huma kbar, kif huma kbar l-ispejjeż għan-negozji assoċjati mal-ħlas tat-taxxi. Minkejja l-miżuri li ttieħdu sabiex tittejjeb il-konformità mat-taxxa, is-sehem tal-ekonomija informali għadu kkalkulat li hu għoli u t-tnaqqis tiegħu jitlob sforzi sostnuti fuq perijodu twil.
- (12) It-tnaqqis tal-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol huwa sfida ewlenija għat-titjib tal-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, kif ukoll għall-provvista tal-ħaddiema. Ir-rata tal-impjeg tal-ħaddiema li huma akbar fl-età, b'mod partikolari n-nisa li huma akbar fl-età, hija taħt il-medja tal-UE u tirriżulta f'intitolamenti mhux adegwati tal-pensjonijiet għal proporzjon kbir mill-benefiċjarji. Filwaqt li diġà qed isiru riformi importanti f'dan il-qasam, l-iskemi speċjali li baqa' għal ċerti professjonijiet huma fost il-fatturi li qed jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-rata tal-irtirar effettiva. Sabiex tkompli l-progress miksub fiż-żieda tal-età tal-pensjoni, il-Bulgarija għandha wkoll tipprepara u tistabbilixxi data għall-introduzzjoni tal-istess età tal-irtirar statutorja għall-irġiel u għan-nisa b'kontribuzzjonijiet sħaħ tal-karriera. Analiżi tal-kriterji u l-kontrolli għall-allokkazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità (bħall-introduzzjoni bħala kriterju tal-abbiltà li wieħed jaħdem) tkun kontribuzzjoni importanti sabiex l-abbuż jiġi llimitat b'mod effettiv.
- (13) Il-Bulgarija qed tbat i minn impjeg taħt il-medja u li qiegħed jiddeterjora kif ukoll disparitajiet għolja bejn ir-reġjuni u s-subgruppi tal-popolazzjoni. Il-kriżi kellha impatt partikolarment qawwi fuq il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u żiedet b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Il-qgħad fit-tul huwa ogħla mill-medja tal-UE. Aġenzija tal-impjegi rrifirmata jkollha l-potenzjali li twettaq rwol prominenti sabiex tqabbal il-provvista mad-domanda fis-suq tax-xogħol tal-Bulgarija permezz ta' servizz ta' pariri aktar effettiv, miżuri mmirati favur l-impjeg u identifikazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet futuri f'termini ta' ħiliet. Valutazzjoni bikrija tal-Inizjattiva tal-Impjeg taż-Żgħażaġħ li tinsab għaddejja tista' tgħin sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu diretti lejn daww l-azzjonijiet li jiġġeneraw l-ogħla rendiment f'termini ta' ħolqien ta' impjegi. Għadu mhux faċli li wieħed jiżgura li s-sistema tal-kontribuzzjonijiet minimi tas-sigurtà soċjali tilħaq l-għan li tnaqqas l-ekonomija informali, filwaqt li ma tgħollix iżżejjed il-prezz tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi. L-ċittadini Bulgari jiffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Promozzjoni tal-Inklużjoni Soċjali 2020 għandha tiġi ttrattata bħala prijorità. Hemm il-ħtieġa li tittejjeb l-aċċessibilità u l-effikaċja tat-trasferimenti soċjali u li jissaħħu l-effikaċja tas-servizzi soċjali u l-aċċess għalihom, b'mod partikolari għat-tfal u persuni avvanzati fl-età. Il-pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma għandha tindika miżuri speċifiċi, finanzjament adattat u t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ sabiex jitkejjel l-impatt tal-azzjonijiet.

- (14) Il-Bulgarija qiegħda tiffaċċja l-isfida li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza kumplessivi tas-sistema edukattiva tagħha. L-adozzjoni finali tal-Att tal-Edukazzjoni Skolastika u Preskolastika qabel tmiem l-2013 tipprovdi qafas għall-progress dwar riformi neċessarji, inkluża l-modernizzazzjoni tal-kurrikuli u l-implimentazzjoni tat-titjib fit-taħriġ u fl-inċentivi tal-għalliema. Fl-edukazzjoni għolja, ir-riformi għamlu progress limitat ħafna. L-eżistenza ta' disparità importanti bejn l-eżiti tal-edukazzjoni għolja u d-domanda tas-suq tax-xogħol taggrava l-qgħad strutturali u xxekkel l-iżvilupp ta' setturi innovattivi ta' valur għoli. Ir-riżultati f'qar fl-edukazzjoni għolja huma marbuta man-nuqqas ta' inċentivi fil-livell istituzzjonali u wkoll mal-livell tar-riċerkaturi u l-għalliema individwali. It-titjib tal-kwalità u l-kopertura tas-sistema tal-kura tas-saħħa hija sfida fit-tul għall-Bulgarija. Żieda fit-trasparenza fil-finanzjament tal-kura tas-saħħa tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività fis-settur. Is-sehem tal-infiq fuq il-kura tas-saħħa li jmur fuq il-kura ambulatorja huwa baxx, u dan jillimita l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa kost-effettivi. Ir-rata għolja ta' ħlasijiet minn but il-pazjent effettivament teskludi ċerti kategoriji tal-popolazzjoni mis-servizzi tas-saħħa. Il-Bulgarija qed tiffaċċja sfidi importanti fir-razzjonalizzazzjoni u l-ġestjoni tas-settur tal-isptarjiet.
- (15) Il-kompetittività tal-kumpaniji domestiċi u l-attrazzjoni tal-investimenti barranin tibbenefika ħafna mit-titjib għall-ambjent tan-negozju tal-Bulgarija, inkluża żieda fl-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi. Introduzzjoni aktar mgħaġġla u sistematika tal-gvern elettroniku toffri potenzjal konsiderevoli u tista', inter alia, tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità u l-piżijiet amministrattivi għan-negozji. Minbarra dan, l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tal-leġislazzjoni korporattiva, inklużi l-ħlasijiet tard u l-proċeduri tal-insolvenza, itejbu konsiderevolment il-kundizzjonijiet ta' qafas, mhux l-anqas għall-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs). Aċċess inadegwat għall-finanzjament għadu qed iżomm lura l-iżvilupp tal-SMEs. Jibqa' skop konsiderabbli għal użu aħjar tal-programmi ffinanzjati mill-Unjoni li jappoġġaw lill-SMEs. Sistema ġudizzjarja indipendenti u li tiffunzjona tajjeb hija prerekwiżit għal żvilupp ekonomiku sostenibbli. Fis-snin riċenti, il-Bulgarija għamlet progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari fl-immodernizzar tal-qafas legali u istituzzjonali. Fl-istess ħin, għad hemm potenzjal konsiderevoli sabiex isir użu sħiħ minn dan il-qafas, fejn tinkiseb is-sostenibbiltà tar-riżultati u tissaħħa is-sjieda tar-riformi fuq kull livell. Sforzi msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu kontribuzzjoni pożittiva għat-titjib tal-ambjent tan-negozju.
- (16) L-implimentazzjoni effettiva tal-fondi tal-Unjoni għadha ta' importanza kritika għall-investment pubbliku neċessarju. Ir-riforma tal-2011 tal-leġislazzjoni tal-akkwisti pubbliċi kienet pass sinifikanti lejn it-titjib tal-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-ippenalizzar tal-irregolaritajiet. Filwaqt li ddaħħlu fis-seħħ regoli ġodda li jkopru fost l-oħrajn il-proġetti kofinanzjati mill-UE, l-għoti ta' poteri msaħħa lill-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku jkompli jsahħa l-effikaċja tal-kontroll ex ante.
- (17) Il-kapaċità u l-indipendenza tar-regolaturi f'setturi ekonomiċi ewlenin huma kundizzjonijiet ta' qafas importanti għall-kompetittività. L-infrastruttura tat-trasport tal-Bulgarija rat xi titjib f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li għad hemm potenzjal konsiderevoli biex l-għoti u ż-żamma tas-servizz issir effiċjenti biżżejjed. Il-Bulgarija għadha trid twestaq l-obbligi tagħha taħt is-Suq Intern tal-Enerġija. Għad hemm sfidi konsiderevoli kemm fil-livell bl-ingrossa, kif ukoll f'dak bl-imnut. Il-barrieri persistenti tas-suq, arranġamenti ta' profitt garantit u prezzijiet irregolari, flimkien mal-assenza ta' suq bl-ingrossa għall-elettriku u l-gass naturali, jikkostitwixxu oqsma ta' tħassib partikolari. Fid-dawl tad-dipendenza konsiderevoli tagħha fuq rotta unika tal-enerġija, il-Bulgarija hija esposta ħafna għar-riskju ta' xokkijiet tal-provvista. L-implimentazzjoni tal-proġetti tal-inerkonnetturi tal-elettriku u l-gass għandhom jiġu mgħaġġla sabiex tittejjeb id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvista. L-effiċjenza baxxa tal-enerġija għadha piż ekonomiku sinifikanti kemm għall-impriżi kif ukoll għall-konsumaturi privati. B'mod partikolari, l-effiċjenza tal-enerġija tal-binjiet, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għandha potenzjal konsiderevoli.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza, u ppreżenta rieżami fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom biex fil-Bulgarija jkun hemm politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) aktar 'l isfel.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,
- (20) Fid-dawl tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (3), (4) u (5) hawn taħt,

(1) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 sabiex:

1. Tippreserva pożizzjoni fiskali soda billi tiżgura l-konformità mal-oġġettiv fuq terminu medju (OTM) u ssegwi politika fiskali favorevoli għat-tkabbir kif previst fil-Programm ta' Konverġenza. Timplimenta strateġija komprensiva tat-taxxa sabiex jissaħħu l-aspetti kollha tal-liġi tat-taxxa u l-proċeduri tal-għbir bil-għan li jiżdied id-dħul, b'mod partikolari billi jittejjeb il-għbir tat-taxxi, tiġi indirizzata l-ekonomija informali u jitnaqsu l-ispejjeż tal-konformità. Tistabbilixxi istituzzjoni indipendenti sabiex timmonitorja l-politika fiskali u tipprovdi analiżi u pariri.
2. Tneħħi l-għażliet tal-irtirar kmieni, tintroduċi l-istess età statutorja tal-irtirar għall-irġiel u n-nisa u timplimenta politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jippermettu lill-ħaddiema li huma akbar fl-età sabiex jibqgħu aktar fis-suq tax-xogħol. Tissikka l-kriterji tal-eliġibbiltà u l-kontrolli għall-allokazzjoni tal-pensjonijiet tal-invalidità sabiex tillimita l-abbużi b'mod effettiv.
3. Taċċellera l-Inizjattiva tal-Impjiegi taż-Żgħażaġħ nazzjonali, pereżempju permezz ta' Garanzija taż-Żgħażaġħ ⁽¹⁾. Issaħħaħ ulterjorment il-kapaċità tal-Aġenzija tal-Impjeg bil-għan li tipprovdi pariri effettivi għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol u tiżviluppa l-kapaċità għall-identifikazzjoni u t-tlaqqigħ tal-ħtiġijiet tal-ħiliet. Ittejjeb il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskemi nazzjonali tal-impjeg. Twettaq eżami tal-limiti minimi għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sabiex tiżgura li s-sistema ma taqtax lil dawk li jkollhom ħiliet baxxi 'l barra mis-suq tax-xogħol. Tiżgura twettiq konkret tal-Istrateġiji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Promozzjoni tal-Inklużjoni Soċjali 2020 u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma. Ittejjeb l-aċċessibilità u l-effikaċja tat-trasferimenti u s-servizzi soċjali, b'mod partikolari għat-tfal u l-persuni li huma akbar fl-età.
4. Tadotta l-Att dwar l-Edukazzjoni tal-Iskola u twettaq ir-riforma tal-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari billi tallinja aħjar l-eżiti mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju. Ittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni inklussiva għat-tfal żvan-tagġati, b'mod partikolari r-Roma. Tiżgura l-aċċess effettiv għall-kura tas-saħħa u ttejjeb l-ipprezzar tas-servizzi tal-kura tas-saħħa billi torbot il-finanzjament tal-isptarijiet mar-riżultati u tiżviluppa l-kura tal-pazjenti esterni.
5. Tieħu passi ulterjuri sabiex ittejjeb l-ambjent tan-negozju, billi taqta' l-burokrazija, timplimenta strateġija tal-gvern elettroniku u timplimenta l-leġislazzjoni dwar il-ħlasijiet tard. Ittejjeb il-kwalità u l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u tiġġielew b'mod aktar effettiv kontra l-korruzzjoni. Ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-kumpaniji li jkunu għadhom kif twaqqfu.
6. Taċċellera l-assorbiment tal-fondi tal-UE. Tiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-leġislazzjoni tal-akkwisti pubbliċi billi testendi l-kontroll ex-ante mill-Aġenzija tal-Akkwisti Pubbliċi sabiex jiġu evitati l-irregolaritajiet.
7. Issaħħaħ l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-kapaċità amministrattiva b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija u t-trasport, u kif ukoll għall-immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma. Tneħħi l-ostakli tas-suq, il-kwoti, ir-restrizzjonijiet territorjali u l-prezzijiet regolati, u tlesti d-diżinn tas-suq billi tistabbilixxi suq trasparenti bl-ingrossa għall-elettriku u l-gass naturali. Taċċellera l-proġetti tal-interkonnettur tal-elettriku u l-gass u ssaħħaħ il-kapaċità sabiex jiġu indirizzati l-interruzzjonijiet fis-servizz. Iżżid l-isforzi sabiex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 (ĠU C 120, 26.4.2013, p.1).

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tar-Repubblika Ċeka, 2012-2016

(2013/C 217/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu "l-linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tal-ekonomija u tal-impjiegi tagħhom.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet tal-Istat jew il-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fuq livell nazzjonali, ta' UE u taż-żona tal-euro, bl-użu tal-livers, l-istrumenti, u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fuq livell ta' Stat

Membru, b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ ('ir-Rakkomandazzjoni tal-2012') dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Repubblika Ċeka għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tar-Repubblika Ċeka għall-2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat it-tieni Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ir-Repubblika Ċeka ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwetq analiżi fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu garantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fis-17 ta' April 2013, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha u, fis-26 ta' April 2013 l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew invaluatati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Repubblika Ċeka naqqset id-defiċit nominali b'1,4 % ⁽⁵⁾ tal-PDG mill-2009 sal-2012 bis-saħħa ta'

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p.17.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽⁵⁾ Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għall-2012 jinkludi impatt ta' darba li jgħolli d-defiċit tal-adozzjoni tal-liġi dwar il-kumpens finanzjarju lill-knejjes (1,5 % tal-PDG).

sforzi ta' konsolidazzjoni, u dan, abbażi tal-aspettazzjonijiet attwali, huwa d-direzzjoni li biha jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv. Ix-xenarju makroekonomiku li jappoġġa l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza huwa plawżibbli. Skont il-Programm ta' Konverġenza, it-tkabbir effettiv tal-PDG huwa mistenni li jkun ta' 0 % u 1,2 % fl-2013 u fl-2014 rispettivament, meta mqabbel ma' -0,4 % u 1,6 % fl-2013 u fl-2014 rispettivament fit-bassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni 2013. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja mfassal fil-Programm ta' Konverġenza huwa biex id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jibqa' taħt it-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat. Il-mira tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' 2,8 % tal-PDG fl-2013 hija konformi mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. It-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni 2013 jipprevedi li d-defiċit tal-gvern jkun ta' 2,9 % u 3 % tal-PDG fl-2013 u fl-2014 rispettivament. Hemm ir-riskju ta' riżultat baġitarju li jkun aġġar milli mistenni fl-2013 minħabba korrezzjonijiet addizzjonali fir-rimborż tal-fondi tal-UE. Fuq punt pożittiv, dħul ta' darba relatat mal-irkantar ta' firxa ta' frekwenzi ġodda tat-telekomunikazzjoni jista' jirriżulta friżultat baġitarju aġġar milli mistenni fl-2013.

Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-objettiv ta' terminu medju (OTM) preċedenti ta' defiċit ta' 1 % tal-PDG, li b'mod adegwat jirrifletti r-reqwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-defiċit strutturali tal-baġit (ikkalkulat mill-ġdid) huwa previst li jiżdied b'0,3 %, 0,2 % u 0,5 % tal-PDG fl-2014, fl-2015 u fl-2016 rispettivament; għalhekk l-ebda aġġustament għal OTM ma huwa previst fil-programm, li mhuwiex skont il-linja tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern hija konformi mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-2014, iżda tiddevja b'0,3 % u b'0,5 % tal-PDG fl-2015 u fl-2016 rispettivament, bil-preżunzjoni li t-titjib ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-OTM jitqies adattat mill-Kummissjoni. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG huwa previst li jkompli jiżdied tul il-perijodu tal-programm, għalkemm b'pass aktar kajman, u se jilħaq il-51,9 % tal-PDG fl-2016.

- (10) L-irkupru ta' malajr u fit-tul huwa mxekkel fir-Repubblika Ċeka minn tnaqqis ripetut fin-nefqa tal-investment pubbliku. Is-salvagwardja tan-nefqa li ttejjeb it-tkabbir b'effett għoli multiplikattiv, inklużi proġetti kkofinanzjati mill-fondi tal-UE, ma tgħinx biss biex jissaħħaħ l-irkupru iżda tista' tikkontribwixxi biex ikunu indirizzati l-isfidi fuq terminu twil. Effetti ta' tkabbir sostanzjali jistgħu jirriżultaw min-nefqa li tagħti prijorità lil miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-impjiegi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u l-proġetti tal-infrastruttura. Fl-istess waqt, huwa kruċjali li jiġu żgurati l-legalità, ir-regolarità u l-effiċjenza ta' dan l-infiq.

- (11) Sar progress limitat fl-2012 fuq ir-riforma tat-taxxa. Filwaqt li t-taxxa tat-trasferiment fuq il-proprjetà immobbli żdiedet, ma ttehdhu l-ebda passi biex jiżdied il-livell baxx ħafna tat-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Pjanijiet sabiex tiġi introdotta taxxa fuq is-CO₂ u jiġu aboliti l-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa fuq il-gass naturali għat-tisħin tħassru. Ir-rata tat-taxxa impliċita fuq l-enerġija hija taħt il-medja tal-UE u t-taxxi fuq il-vetturi li jiċċirkolaw għadhom baxxi ħafna. Għad hemm ukoll sfidi strutturali fit-tassazzjoni tax-xogħol li jaffettwaw b'mod partikolari dawk bi dħul baxx u l-ħaddiema part-time. Sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi ttehdhu biss passi marġinali fit-trattament fiskali tal-impjegati u tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Ir-Repubblika Ċeka għandha lok fejn tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni fiskali tagħha. Fir-rigward tat-taxxa fuq l-introjt, il-Gvern qed jippjana li jistabbilixxi Punt tal-Ġbir Uniku fl-2015, li effettivament jissimplifika l-amministrazzjoni fiskali u jgħin biex titnaqqas il-kumplessità tas-sistema attwali. Madankollu, żvantaġġ tar-riforma huwa li l-bażijiet tat-taxxa fuq l-introjt personali, is-saħħa u l-kontribuzzjonijiet soċjali mhux se jkun armonizzati, u b'hekk se jħallu parti kbira mill-benefiċċji potenzjali tar-riforma mhux sfruttati.

- (12) Ir-Repubblika Ċeka għandha differenza fis-sostenibbiltà ta' 5,0 % tal-PDG, li hija ogħla mill-medja tal-UE. Din id-differenza tirrifletti l-ispiża tax-xjuħija prevista fuq terminu twil, li hija mmexxija miż-żidiet mistennija fin-nefqa tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa kif ukoll fin-nefqa għall-kura fuq terminu twil. L-età tal-irtirar statutorja qed tiżdied bil-mod b'mod partikolari għall-irġiel. Iż-żieda tal-età tal-irtirar effettiva billi jiġu allinjati aħjar l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mat-tibdiliet fl-istennija tal-għomor, meta mqabbla mal-leġislazzjoni attwali għandha ssaħħaħ b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tas-sistema. L-ikkomplementar ta' dawn it-tibdiliet ma' reviżjoni tal-formula tal-indiċjar ibbażata fuq il-prezzijiet, għandu jiġġenera ffrankar meta implimentata fit-tul.

- (13) Kuntrarju għar-Rakkomandazzjoni tal-2012, il-Gvern introduċa skema ta' rtirar kmieni fl-2013, li toffri l-possibiltà li tittieħed il-pensjoni għal ħames snin qabel ma tintlaħaq l-età tal-irtirar statutorja. Il-pensjonijiet antiċipati se jitħallsu mill-pilastru (it-tielet) tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet. Madankollu, il-pilastru jgawdi minn sussidju statali sostanzjali permezz ta' kopagamenti diretti u ta' tnaqqis fiskali fuq il-kontribuzzjonijiet. Irrispettivament minn jekk il-kriterju għall-eliġibbiltà biex wieħed ikollu aċċess għall-iskema hux effettivament se jintlaħaq minn numru limitat ta' persuni, kif il-Gvern qed jistenna, il-miżura tippermetti lill-benefiċjarji li jużaw is-sussidju pubbliku ġa miġmugħ għal skop li jmur kontra l-politiki li jippromwovu ħajja b'ħidma itwal.

- (14) Iż-żieda mistennija fil-kura tas-saħħa u n-nefqa għall-kura fit-tul tipprovdni wkoll kontribuzzjoni sostanzjali għall-ispiża tax-xjuħija u d-differenza kbira fis-sostenibbiltà.

Ir-riformi mmirati li jtejjbu l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa permezz ta' trażżin fin-nefqa u soluzzjonijiet orjentati aktar lejn is-suq ġew implimentati fis-snin reċenti fir-Repubblika Ċeka. Madankollu għad hemm il-problemi. Meta mqabbla ma' pajjiżi oħra, is-sistema tas-saħħa tar-Repubblika Ċeka għandha t-tendenza li tkun iċċentrata fuq il-kura tal-isptar, li tagħti lok għall-ineffiċjenzi. Hemm lok fejn jista' jkun imtejjeb l-għoti tal-kura bl-aktar mod klinikament xieraq u kosteffettiv, pereżempju billi l-ammissjoni titressaq għal meta se ssir l-operazzjoni u billi jitnaqqas it-tul mhux approprijat ta' rikoveru fl-isptarijiet tal-kura intensiva.

- (15) Previżjonijiet reċenti tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) juru li konverġenza totali fir-rati tal-impjeg tan-nisa u tal-irġiel jwaqqfu t-tnaqqis previst fil-forza tax-xogħol kollha kemm hi u jżidu *per capita* l-PDG b'daqs 16,5 % sal-2030. Fit-22 ta' Mejju, il-Gvern ippropona abbozz ta' Att biex jintroduċi "gruppi ta' tfal" immexxija minn nannies professjonali, akkumpanjati minn sussidji fiskali għall-persuni li jipprovdu l-kura u l-familji li jipparteċipaw. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda huwa biss tweġiba parzjali għall-kwistjoni. Minħabba nuqqas kontinwu ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, b'mod partikolari għal dawk ta' taħt it-tliet snin, hemm il-ħtieġa għal żieda ulterjuri ta' appoġġ baġitarju għall-faċilitajiet pubbliċi tal-indukrar tat-tfal ta' qabel il-primarja. L-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni bi żvantaġġi jibqgħu problema: hemm lok sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-effikaċja tas-servizz pubbliku tal-impjegi.
- (16) Ir-rakkomandazzjoni fir-Rakkomandazzjoni tal-2012 dwar l-amministrazzjoni pubblika semmiet speċifikament il-bżonn li tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u li titqawwa l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Madankollu, sar biss progress limitat fl-adottar tal-atti legali prijoritarji skont l-istrateġija Ċeka ta' kontra l-korruzzjoni għall-2011-2012. Strateġija ġdida ta' kontra l-korruzzjoni għall-2013-2014 adottata mill-Gvern f'Janar 2013 trid tiġi segwita bl-adozzjoni urġenti ta' atti prijoritarji pendenti, bħall-Att dwar il-Ħaddiema taċ-Ċivil. Dan l-Att ġdida se jkun jeħtieġ li jissepara adegwament il-persuni maħturin mill-persunal mhux politiku, jiggarrantixxi l-indipendenza u l-istabbiltà tal-uffiċjali tal-Istat kif ukoll toħloq sistema li tiffunzjona ta' karrieri sabiex jitnaqqas iċ-ċaqliq tal-persunal għoli. Ir-Repubblika Ċeka għamlet progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Att tal-Akkwist Pubbliku, li daħal fis-seħħ f'April 2012. Madankollu diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku ġew irrappurtati mill-awtoritajiet lokali. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, bosta mill-miżuri inklużi fil-pjan ta' azzjoni sabiex jissaħħu s-sistemi ta' mmaniġjar u kontroll kienu implimentati sal-aħħar tal-2012. Madankollu l-Awtoritajiet Ċeki se jkollhom jiżguraw il-monitoraġġ kontinwu tal-pjan ta' azzjoni.
- (17) Fil-livell ta' edukazzjoni obbligatorja, l-istudenti Ċeki jġibu kollox ma' kollox riżultati medji meta mqabblin internazzjonalment. Fil-matematika u x-xjenza, madankollu, ir-riżultati tat-tagħlim iggravaw b'mod rapidu biż-żmien. L-awtoritajiet Ċeki rrispondew b'sett ta' miżuri li jirrikjedu l-iżvilupp ta' standards ta' edukazzjoni minimi, li għandhom jintużaw għall-itestjar tal-istudenti fuq skala nazzjoanli. Madankollu, sistema aktar integrata għandha tiġi żviluppata, biex tiżgura li l-istudenti, l-ġhalliema u l-iskejjel li ma jkollhomx prestazzjoni tajba fit-testijiet jirċievu appoġġ sistematiċu biex il-livell tal-ambizzjoni tar-riforma jkompli jogħla. L-isfida prinċipali li s-sistema Ċeka ta' edukazzjoni għolja qed tiffaċċa hija li tiżgura li l-għadd ta' studenti li dejjem qed jikber, ikollhom il-ħiliet meħtieġa biex ikollhom suċċess fis-suq tax-xogħol. Riforma fl-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja qed jiġi diskuss sabiex jiġu introdotti arranġamenti ta' finanzjament differenzjati kif ukoll jissaħħaħ l-akkrediment. Hemm proposti rilevanti u ambizzjużi, għalkemm l-impatt reali tagħhom se jiddependi fuq id-disinn finali tar-riforma. L-awtoritajiet qed jipplanaw ukoll li jadottaw standards ta' evalwazzjoni riveduti għall-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' rċerka. Żieda fil-kwota tal-indikaturi ta' kwalità, inklużi it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni mas-settur kummerċjali, jgħinu lis-sistema Ċeka ta' rċerka u innovazzjoni tilħaq livell ta' eċċellenza ogħla.
- (18) Ir-Repubblika Ċeka għandha l-ogħla għadd ta' professjonijiet irregolati fost l-Istati Membri. Konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju għall-professjonijiet twettaq fl-2012 u r-riżultati se jiġu ppreżentati fl-2013. Dan huwa pass importanti sabiex jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-ostakoli għal dawk il-professjonijiet li għalihom ir-regolamentazzjoni mhijiex meħtieġa jew hija kkunsidrata eċċessiva (fosthom it-tul ta' apprendistat obbligatorju) u li għalihom aċċess aktar faċli jista' jiftaħ aktar impjegi u tkabbir. Minkejja t-titjib fis-snin reċenti, ir-Repubblika Ċeka għad għandha waħda mill-ogħla intensitajiet tal-enerġija fl-Unjoni u effiċjenza baxxa fil-binjiet.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka. Hija vvalutat il-Programm Nazzjoanali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjoanali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (7) hawn taħt.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tieħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 biex:

1. Timplimenta kif previst il-baġit għas-sena 2013 sabiex tikkompenza d-defiċit eċċessiv fl-2013 b'mod sostenibbli u twettaq l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-PDE. Mis-sena 2014 'il quddiem, issa għad li timplimenta bir-reqqa l-istrateġija tal-baġit, appoġġata b'miżuri suffiċjentement speċifikati, sabiex tiżgura sforz fiskali adegwat biex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM. Tagħmel prijorità n-nefqa li ttejjeb it-tkabbir inkluż twettaq fil-ħin il-proġetti kkofinanzjati mill-fondi tal-UE li jifdal skont il-qafas finanzjarju attwali.
2. Tnaqqas il-livell għoli ta' tassazzjoni fuq ix-xogħol billi titfa' taxxi fuq oqsma inqas detrimentali għat-tkabbir, bħat-taxxi rikorrenti fuq id-djar u taxxi fuq il-vetturi li jiċċirkolaw. Tnaqqas aktar id-diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa bejn min hu impjegat u min jaħdem għal rasu. Ittejjeb il-konformità fiskali u tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità billi tistabbilixxi Punt tal-Ġbir Uniku u tarmonizza l-bażijiet tat-taxxa għat-taxxa fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-saħħa u soċjali.
3. Iżżid l-età tal-irtirar effettiva billi l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni jiġu allinjati mat-tibdiliet fl-istennija tal-għomor, u tirrevedi l-mekkaniżmu tal-indiċjar. Takkumpanja ż-żieda fl-età tal-irtirar ma' miżuri li jixprunaw l-impjegabilità ta' ħaddiema akbar fl-età u tnaqqas il-mod kif wieħed jirtira kmieni. B'mod partikolari, tneħħi s-sussidju fuq l-iskema ta' rtirar kmieni. Tieħu miżuri biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tan-nefqa għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għall-kura fl-isptarjiet.

4. Tagħmel sforzi addizzjonali biex issa għad li ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tas-servizz pubbliku tal-impjiegi. Iżżid b'mod sinifikanti d-disponibilità tal-faċilitajiet inklussivi għall-indukrar tat-tfal b'attenzjoni fuq it-tfal ta' mhux aktar minn tliet snin, u l-parteċipazzjoni tat-tfal Rom, b'mod partikolari billi tadotta u timplimenta l-liġi dwar l-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u ssaħħa il-kapaċitajiet tas-servizzi kemm pubbliċi kif ukoll privati għall-indukrar tat-tfal.

5. Tiżgura l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni għall-2013-2014. Tadotta l-Att dwar il-Ħaddiem ta' Ċivil li għandu jiżgura servizz amministrattiv tal-Istat stabbli, effiċjenti u professjonali. Ittejjeb l-immaniġjar tal-fondi tal-UE fid-dawl tal-perijodu ta' programmar 2014-2020. Issa għad li ttejjeb il-kapaċità tal-implimentazzjoni tal-offerti pubbliċi fuq livell lokali u reġjonali.

6. Tistabbilixxi qafas komprensiv ta' evalwazzjoni fl-edukazzjoni obbligatorja, u tieħu miżuri mmirati biex tappoġġa l-iskejjel li jikklassifikaw 'l isfel fir-riżultati tat-tagħlim. Tadotta miżuri biex ittejjeb l-akkreditazzjoni u l-iffinanzjar tal-edukazzjoni għolja. Iżżid il-kwota ta' finanzjament abbażi tal-prestazzjoni tal-istituti ta' riċerka.

7. Billi tibbaża fuq l-eżami li jinsab għaddej, tipproċedi b'ri-forma fil-professjonijiet irregolati, billi iżżid jew telimina l-ostakli għad-dħul u għar-riżervi tal-attivitajiet fejn huma għustifikati. Tieħu aktar miżuri biex ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija fis-setturi industrijali u tal-bini.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka 2013-2016

(2013/C 217/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni l-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titneda strateġija ġdida għall-impjiegi u għat-tkabbir u, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew il-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-tkabbir u l-impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fl-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari filwaqt li esprimew impenn sħiħ għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż.
- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka għall-perijodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-28 ta' Novembru 2012 ukoll, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat id-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-tkabbir għall-2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex jiggarantixxi l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidament fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li jitkompla konsolidament fiskali differenzjat u li jiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond tagħha għad-Danimarka, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni ġġegħelha tikkonkludi li d-Danimarka qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, għalkemm dawn mhumiex eċċessivi.
- (9) Fit-30 ta' April 2013, id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2013 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2013 tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p.21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 21.

- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza tal-2013 skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jappoġġa l-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huma plawsibbli. Ix-xenarju li jipprojetta tkabbir tal-PDG għal 0,7 % u 1,6 % fl-2013 u l-2014 huwa konformi sew mat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' 0,7 % u 1,7 %. Il-Programm ta' Konverġenza jiddeskrivi strateġija baġitarja mmirata lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u s-sodisfazzjoni tal-obiettivi ta' terminu medju (OTM) ta' defiċit strutturali ta' mhux aktar minn 0,5 % tal-PDG sal-2013, b'riflessjoni tal-obiettivi tal-Patt. Il-Programm ta' Konverġenza jimmira lejn defiċit ġenerali tal-gvern ta' 1,7 % tal-PDG fl-2013 u 1,8 % fl-2014, li huwa konformi mal-iskadenza tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (PDE) proposta mill-Kummissjoni. L-isforz fiskali annwali medju fil-perijodu 2011-2013, ibbażat fuq il-kalkoli tal-bilanċ tal-baġit strutturali, huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura għad-defiċit eċċessiv. Fil-Programm ta' Konverġenza, il-miżuri diskrezzjonali netti huma stmati li jwasslu għal konsolidazzjoni ġeneralment konformi mar-rakkomandazzjoni maħruġa taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Fil-Programm ta' Konverġenza, il-miżuri diskrezzjonarji netti huma stmati li jrendu konsolidazzjoni ġeneralment konformi mar-rakkomandazzjoni maħruġa taħt il-PDE. Huwa stmat li n-nefqa reali tal-gvern (inklużi l-miżuri diskrezzjonali għall-introjt) li jkollha żero tkabbir fl-2013 u li tkun 0,4 % fl-2014 u b'hekk tkun qed tilħaq il-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir f'dawk is-sentejn. Il-finanzi pubbliċi huma ġeneralment sodi u l-pajjiż diġà laħaq l-OTM. Madankollu, ukoll billi l-pajjiż għandu popolazzjoni li qed tixxjeh u politiki ta' protezzjoni soċjali ambizzjużi, huwa kruċjali għad-Danimarka li żżomm qafas sod u sostenibbli għall-politiki fiskali u li żżomm id-defiċit taħt il-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 3 % tal-PDG.
- (11) Fl-2012, id-Danimarka kkonkludiet ir-riforma tal-iskemi tal-pensjoni tad-diżabbiltà u l-impjeg issussidjat (is-sistema "flessimpjeg"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Dawn ir-riformi jikkostitwixxu miżuri importanti għat-tisħiħ tal-provvista tax-xogħol fid-Danimarka. Madankollu, it-titjib tal-impjegabbiltà ta' dawk li huma l-aktar imbiegħda mill-impjegi, inklużi l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, dawk li ilhom qiegħda u l-ħaddiema bi ftit kwalifiki, jibqa' sfida. Filwaqt li tiġi rikonnoxxuta l-aġenda ambizzjuża tar-riforma tal-Gvern, huwa importanti li jiġi żgurat li l-mudell Daniż rinomat tal-"flessigurtà" ikompli jiffaċilita tranżizzjoni bla ostakoli bejn l-qgħad u x-xogħol, fil-waqt li jillimita l-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali. Ir-rwol tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet huwa importanti f'dan ir-rigward.
- (12) Għad-Danimarka, l-edukazzjoni hija ġustament prijorità ċara. Madankollu huma meħtieġa sforzi kontinwi għat-titjib tal-kwalità u l-kosteffettività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħha, inkluż bit-tweqqif tar-riformi diġà mibdija. Ir-riforma proposta tas-sistema tal-edukazzjoni primarja u sekondarja inferjuri hija orjentata lejn id-direzzjoni t-tajba u tista' tiġi mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq il-kosteffettività tas-sistema tal-iskejjel u l-kwalità tal-edukazzjoni, inklużi l-livelli ta' kisba tal-istudenti. Fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali, fl-2012 il-Gvern ħa passi biex isaħħaħ il-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ u jiżgura l-apprendistati privati meħtieġa. Twaqqaf kumitat bejn il-Gvern, il-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u s-sħab soċjali biex isib soluzzjoni permanenti għall-iżgurar tal-provvista meħtieġa ta' apprendistati u għat-titjib tal-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Is-sejbien ta' soluzzjonijiet dejjiema u ambizzjużi kemm għan-nuqqas tal-apprendistati kif ukoll għar-rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola fis-sistema tal-edukazzjoni vokazzjonali taż-żgħażagħ tassew iħejji lid-Danimarka aħjar għad-domandi futuri ta' hillet fis-suq tax-xogħol u jtejjeb il-prestazzjoni tal-producttività.
- (13) Id-Danimarka tista' tiġġenera aktar tkabbir ekonomiku billi tneħħi l-ostakoli għall-kompetizzjoni fis-servizzi lokali u tal-bejgħ bl-immnut, minħabba l-importanza ta' dan is-settur fl-ekonomija Daniża. Fl-2012, il-Gvern Daniż ippreżenta att ġdid dwar il-kompetizzjoni, li jikkostitwixxi pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar il-kompetizzjoni tagħha introduċiet mekkaniżmi aktar effettivi għat-tisħiħ tar-regolamentazzjoni dwar il-kompetizzjoni, li tirrspetta bis-sħiħ il-parti korrispondenti tar-Rakkomandazzjoni tal-2012. Madankollu, jista' jsir aktar biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri meħuda fl-oqsma tas-servizzi settorjali u pubbliċi biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq. Bosta inizjattivi politiki f'dan il-qasam għadhom fi stadju bikri u huma meħtieġa sforzi kontinwi biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.
- (14) Fis-sena li għaddiet saret analiżi sinifikanti tad-dejn tal-familji fil-livelli nazzjonali u tal-UE sabiex jiġi vvalutat it-tneħħid għall-istabbiltà finanzjarja u ekonomika. Għalissa, ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jidhru li huma kkontrollati, iżda jirrikjedu li jiġu mmonitorjati kontinwament. L-awtoritajiet Daniżi hađu għadd ta' miżuri biex titjeb is-saħħa tas-sistema tal-kreditu ipotekarju. Dawn jinkludu skema għat-tikkettar tar-riskji għas-self ipotekarju għall-abitazzjoni u restrizzjonijiet fuq l-imgħax varjabbli u/jew self b'amortizzament differit. L-istituzzjonijiet tal-kreditu ipotekarju hađu miżuri, minn jeddhom, biex inaqqsu l-ħtieġa għal kollateral addizzjonali. Dawn il-miżuri kollha huma orjentati lejn id-direzzjoni t-tajba, iżda se jkun meħtieġ monitoraġġ mill-qrib sabiex jiġi aċċertat jekk hux qed ikollhom l-impatt mixtieq. Il-Kummissjoni se teżamina r-rapporti regolari tad-Danimarka dwar l-impatt tal-miżuri meħuda f'dan il-kuntest. Maż-żmien, it-tassazzjoni fuq il-proprietà fid-Danimarka għandha terġa' tiġi eżaminata sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet u jissaħħu l-karatteristiċi kontroċikliċi tagħha.

- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka. Hija vvalutat il-Programm Nazżjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza, u ppreżentat analiżi dettaljata. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli imma qieset ukoll il-konformità mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tal-analiżi dettaljata tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (3) hawn taħt,
1. Timplimenta l-istrateġija baġitarja fl-2013 kif ippjanat, sabiex tiġi żgurata l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013. Barra minn hekk, timplimenta l-istrateġija baġitarja għall-2014 u aktar 'il quddiem sabiex tiżgura sforz fiskali xieraq biex tibqa' fl-OTM.
 2. Tieħu aktar passi biex ittejjeb l-impjegabbiltà tal-persuni fil-marġnijiet tas-suq tax-xogħol, inklużi l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, dawk li ilhom qiegħda u l-ħaddiema bi ftit kwalifiki. Ittejjeb il-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali biex tnaqqas ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola u żżid l-għadd ta' apprendistati. Timplimenta r-riforma tal-edukazzjoni primarja u sekondarja inferjuri sabiex iżżid il-livelli tal-kisba u ttejjeb il-kosteffettività tas-sistema tal-edukazzjoni.
 3. Tkompli l-isforzi tagħha biex tneħħi l-ostakoli għall-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi inklużi s-setturi tal-bejgħ bl-imnut u tal-konstruzzjoni u ssaħħaħ l-effettività fil-provvista tas-servizzi pubbliċi.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka għandha tieħu azzjoni matul il-perjodu 2013-2014 biex:

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Estonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, 2012-2017

(2013/C 217/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas- 7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jquis l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-

użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Estonja għall-2012 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika dwar l-ekonomija. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih l-Estonja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-30 ta' April 2013, l-Estonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jsejjes it-tbassir baġitarju fil-Programm huwa plawsibbli fl-2013-2014 meta

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

t-tkabbir reali tal-PDG huwa mistenni li jkun medja ta' madwar 3,3 %. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi tkabbir ta' 3,5 % fl-2013-2014. L-Estonja kisbet defiċit baġitarju nominali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2012. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-oġġettiv ta' terminu medju (OTM) preċedenti ta' eċċess strutturali. Dan huwa aktar ambizzjuż minn dak meħtieġ mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Minħabba li l-bilanċ strutturali tal-Estonja kellu eċċess fl-2012, l-Estonja laħqet l-OTM tagħha sena qabel dak li kien previst fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2015. L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà għall-perjodu 2012-2017 huwa li tiġi żgurata politika fiskali sostenibbli li tappoġġa tkabbir bilanċjat, billi jinżamm l-OTM filwaqt li jiġu żgurati biżżejjed bafers fiskali u jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. Id-defiċit baġitarju nominali pplanat, 0,5 % tal-PDG fl-2013, huwa previst mill-Programm ta' Stabbiltà li jitjeb fil-medda ta' żmien tat-tbassir, u jilħaq bilanċ fl-2014 u mbagħad jilħaq eċċess wara. Wara valutazzjoni globali tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid, inkluża analiżi tal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-Estonja ma tiddevjax b'mod sinifikanti mill-OTM fl-2013, u terġa' lura għal eċċess strutturali fl-2014. Il-proporzjon tad-dejn huwa ħafna aktar baxx minn 60 % tal-PDG u skont il-Programm ta' Stabbiltà x'aktarx jonqos wara l-2013 għal madwar 9 % fl-2015-2016. L-Estonja qed tippjana li tintroduċi regola għall-bilanċ baġitarju strutturali fl-2013, b'mod konformi mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, iffirmit fit-2 ta' Marzu 2012 fi Brussell. Ir-regola għall-bilanċ baġitarju strutturali għandha tkun ikkomplementata bit-tisħiħ tan-natura vinkolanti tal-miri tan-nefqa pluriennali hekk kif dik ir-regola tidħol fis-seħħ.

- (10) Fir-rigward tas-suq tax-xogħol, filwaqt li l-impjiegi jkomplu jikbru, għad fadal ostakoli fuq it-tkabbir inkluż il-qgħad persistenti fost iż-żgħażaġh u fuq żmien twil, in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, u n-nuqqas dejjem jikber fil-forza tax-xogħol, inkluż t-telf fil-forza tax-xogħol minħabba problemi tas-saħħa li jdumu żmien twil. Is-sistema tal-benefiċċji soċjali għandha ssir aktar flessibbli u mmirata, u ttiprovdi servizzi ta' appoġġ u inċentivi għal dawk li huma qiegħda u għall-persuni inattivi li jistgħu jerġgħu jiġu impjegati, filwaqt li l-miżuri ta' attivazzjoni għandhom jiġu msaħħa sabiex jiġi żgurat li jilhq u lil dawk li għandhom l-aktar bżonn. Il-kosteffiċjenza tan-nefqa tal-politika tal-familja tista' tittejjeb b'mod newtrali għall-baġit, inkluż billi jiġi allokat mill-ġdid il-finanzjament mill-benefiċċji għall-ġenituri għal miżuri aktar effiċjenti bħal pereżempju s-servizzi għall-kura tat-tfal b'effett pożittiv mistenni fuq l-impjiegi għan-nisa. L-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni għandu jiġi indirizzat b'mod aktar ikkoordinat sabiex jiġu pprovduti riżultati aktar viżibbli.
- (11) Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Estonja implimentat parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet tal-2012 tal-Kunsill; ir-reforma tal-edukazzjoni għolja ġiet adottata fl-2012 u riforma ġdida komprensiva vokazzjonali dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ għandha tiġi adottata fl-2013. Se tkun meħtieġa attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat involviment suffiċjenti tas-sħab soċjali sabiex ikun hemm għadd suffiċjenti ta' apprendistati fl-edukazzjoni vokazzjonali. Il-provvista razzjonalizzata ta' edukazzjoni

sekondarja tibqa' impenn importanti li għadu ma ġiex sodisfatt. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh li għadu relattivament għoli għandu jiġi indirizzat fid-dawl tas-sehem għoli ta' persuni mingħajr edukazzjoni professjonali jew vokazzjonali. L-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għall-ħaddiema bi fteit kwalifiki għadu ma ġiex indirizzat biżżejjed u l-miżuri għall-impjegati żgħażaġh mhux dejjem jissodisfaw b'mod kredibbli l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. In-nuqqas ta' konnessjoni eżistenti bejn is-settur pubbliku tar-riċerka u l-ekonomija għadu jippreżenta sfida għat-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività. Barra minn hekk, l-inter-nazzjonalizzazzjoni u l-prjoritizzazzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tibqa' sfida minħabba d-daqs żgħir tal-ekonomija.

- (12) L-intensità tal-enerġija tal-Estonja għadha għolja ħafna. Filwaqt li l-Gvern ħa' ċerti passi, l-isforzi għandhom jtkomplew u jiżdiedu, b'enfasi addizzjonali fuq ir-restawr tal-bini residenzjali. Il-flotta ta' karozzi ġodda fl-Estonja hija l-aktar intensiva fl-enerġija fl-Unjoni u x-xejriet tal-konsumaturi mhux qed jinbidlu minkejja ż-żieda fid-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil. Fin-nuqqas ta' miżuri addizzjonali, l-Estonja x'aktarx li ma tissodisfax il-mira tagħha tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, b'mod partikolari jekk ma jittieħdu l-ebda miżuri fil-qasam tat-trasport u d-djar. Is-suq tal-enerġija tal-Estonja jibqa' relattivament iżolat minħabba li l-konnessjonijiet bejn il-fruntieri huma insuffiċjenti.
- (13) Il-provvista tas-servizzi li l-gvern lokali huwa legalment obligat li jagħti mhijiex effettiva b'ħafna mis-setturi, b'mod partikolari fil-kura għal żmien twil, is-servizzi għall-appoġġ tal-familji, l-edukazzjoni u t-trasport; l-istess japplika għal miżuri lokali ta' appoġġ li huma meħtieġa sabiex ikun żgurat l-għoti ta' servizz effikaċi fil-kura tas-saħħa. Dan huwa minħabba l-kapaċità amministrattiva baxxa tal-gvernijiet lokali u d-diskrepanza bejn id-dħul tal-gvern lokali u r-responsabbiltajiet devoluti. Għadu ma ġie stabbilit l-ebda pjan vijabbli għat-titjib tal-amministrazzjoni lokali.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fl-Estonja imma wkoll kemm jikkonformaw mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) hawn taħt.
- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Estonja, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽¹⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, l-Estonja għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Tkompli l-isforzi tagħha għal politika fiskali favur it-*tkabbir* u *żżomm* pożizzjoni fiskali soda kif previst, filwaqt li tiżgura konformità mal-OTM fil-medda ta' *żmien* tal-Programm ta' Stabbiltà. Tikkomplementa r-regola ppjanata għall-bilanċ baġitarju strutturali b'regoli dwar in-nefqa pluriennali aktar vinkolanti fil-qafas baġitarju ta' terminu medju u tkompli ssaħħaħ l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.
2. Ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol billi tagħmel is-sistemi varji ta' benefiċċji soċjali eżistenti aktar konsistenti u billi *żżid* il-provvista tas-servizzi soċjali, inkluża l-kura tat-tfal, filwaqt li *żżid* l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-politika tal-familja. Issaħħaħ il-miżuri ta' attivazzjoni biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn lejn is-suq tax-xogħol tal-persuni li ilhom qiegħda għal *żmien* twil u tal-persuni li jirċievu l-benefiċċji għad-diżabbiltà u għall-inkapaċità għax-xogħol. Tistabbilixxi miżuri kkoordinati għat-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni affettwati minn rata ta' qgħad għolja.
3. Tkompli l-isforzi tagħha biex ittejjeb ir-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi aktar involviment tas-sħab soċjali u l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-*żgħażaġh*. Iżżid b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni ta' ħaddiema b'livell baxx ta' kapaċitajiet fit-tagħlim tul il-ħajja. Tintensifika l-isforzi tagħha biex tipprijoritizza u tinternazzjonalizza s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn in-negozji, l-edukazzjoni għolja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka.
4. Ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, b'mod partikolari fil-bini u t-trasport, u ssaħħaħ l-inċentivi ambjentali li jikkonċernaw il-vetturi u l-iskart. Tħaffef l-iżvilupp tal-konnessjonijiet tal-enerġija bejn il-fruntieri biex tiddeversifika s-sorsi tal-enerġija u tippromwovi l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija.
5. Tibbilanċja aħjar id-dħul tal-gvern lokali għar-responsabbiltajiet imqassma. Ittejjeb l-effiċjenza tal-gvernijiet lokali u tiżgura provvista ta' servizzi pubbliċi lokali ta' kwalità.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Finlandja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja, 2012-2017

(2013/C 217/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u għat-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdha qafas koerenti għall-azzjoni fil-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati

Membri, u b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ favur il-kisba tal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Finlandja għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li nieda s-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kien se jitwettaq rieżami fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitravwem it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami fil-fond tagħha għall-Finlandja, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Finlandja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, li jisthoqquqhom monitoraġġ u li jhtieġu azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, id-deterjorament sostanzjali fil-pożizzjoni tal-kont kurrenti u d-dgħufija fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni, xprunata minn ristrutturatur industrijali, u l-fatturi ta' kompetittività marbuta mal-ispejjeż u oħrajn li mhumiex, jisthoqquqhom li jkomplu jingħataw attenzjoni.
- (9) Fit-18 ta' April 2013, il-Finlandja sottomettiet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p.28.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-finanzi pubbliċi tal-Finlandja huma fil-biċċa l-kbira sodi u li saru sforzi sabiex jiżied id-dħul u biex tiġi kkontrollata n-nefqa bil-għan li jsir progress lejn l-oġettiv fuq terminu medju (OTM). Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet tal-baġit fil-Programm ta' Stabbiltà huwa plawżibbli. Il-projezzjoni tat-tkabbir għall-2013 hija simili għat-tbassir tar-rebbiegħa tas-Servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li dik għall-2014 hija 0,6 punti perċentwali ogħla mit-tbassir tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-Servizzi tal-Kummissjoni. L-oġettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li l-finanzi tal-gvern ċentrali jiġu bbilanċjati u li l-proporzjon tad-dejn mal-PDG tal-gvern ċentrali jinġieb fuq xejra ta' tnaqqis sal-2015. Il-Programm ta' Stabbiltà jinkorpora bidla fl-OTM minn 0,5% għal -0,5%. L-OTM l-ġdid huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà jipprevedi li l-OTM jintlaħaq sal-2014 u li din is-sitwazzjoni tinżamm sal-2017. Abbażi tal-bilanċ strutturali (rikalkulat) imsejjes fuq l-informazzjoni fil-Programm ta' Stabbiltà, il-Finlandja ma ssodisfa l-OTM applikabbli qabel u ma kenitx se tissodisfa l-OTM l-ġdid fl-2013.

Il-Programm ta' Stabbiltà jipprojetta li l-bilanċ strutturali baġitarju (rikalkulat) se jittejjeb minn -1% tal-PDG fl-2012 għal -0,9% tal-PDG fl-2013. Bejn l-2014 u l-2017, huwa se jibqa' bejn -0,6% u -0,7% tal-PDG. Fl-2012, in-nefqa netta tal-Finlandja żdiedet b'0,4% li għadha taħt ir-rata referenzjarja applikabbli tal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Minħabba t-tkabbir reali negattiv tal-PDG fl-2012, l-aġġustament strutturali baxx huwa meqjus suffiċjenti. Fl-2013, il-bilanċ strutturali tal-baġit (rikalkulat) tal-Finlandja qed jittejjeb u n-nefqa netta tagħha hija projettata li tiddevja biss b'0,1% tal-PDG mill-valur referenzjarju tan-nefqa. Fid-dawl tad-distakk kbir u negattiv tal-produzzjoni li għandha l-Finlandja, dan huwa meqjus bħala xieraq. Fl-2014, il-bilanċ strutturali tal-baġit (rikalkulat) tal-Finlandja huwa previst li jkompli jittejjeb, u jilħaq -0,6% tal-PDG, u b'hekk joqrob biżżejjed lejn l-OTM (Minbarra dan, skont it-tbassir tar-Rebbiegħa tas-Servizzi tal-Kummissjoni, il-Finlandja tilħqu b'mod sħiħ fl-2014. Globalment, dan ikun jimplika konformità mal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-dejn konsolidat gross tal-amministrazzjoni pubblika kien 53% tal-PDG fl-2012 u se jibqa', skont il-Programm ta' Stabbiltà, taħt is-60% tal-PDG matul il-perjodu tal-programm. Il-Programm ta' Stabbiltà ibassar tnaqqis fil-livell tad-dejn fl-2016 u fl-2017. Is-sostenibbiltà fit-tul qed tkompli tkun l-aktar sfida importanti għall-politika fiskali. Id-distakk tas-sostenibbiltà relatat mat-tixjiħ, fir-rigward tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, ġie rikonoxxut u jeħtieġ monitoraġġ kostanti.

(11) It-tkabbir fil-produttività fis-servizzi pubbliċi ma laħħaqx mat-tkabbir fil-produttività fl-ekonomija aktar wiesgħa

filwaqt li l-piż marbut mat-tixjiħ tal-popolazzjoni qiegħed jiżdied. Filwaqt li l-prinċipji għar-riforma tal-muniċipalitajiet ġew stabbiliti, il-fużjonijiet se jibqgħu volontarji għalkemm se jkunu disponibbli inċentivi finanzjarji mill-gvern ċentrali. Huwa mistenni li r-riforma li tinsab għaddejja tas-servizzi soċjali u tas-saħħa mhix se twassal għal tnaqqis sinifikanti fin-numru kurrenti ta' distretti tal-kura tas-saħħa.

(12) Ġew implimentati miżuri sabiex jitnaqqas il-qgħad taż-żgħażaġh u dak fit-tul, bħall-Garanzija taż-Żgħażaġħ, il-programm temporanju tal-ħiliet għall-adulti żgħażaġh u l-programm pilota għal dawk qiegħda fit-tul. Dawn il-programmi ġew supplimentati fl-2013 b'appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-apprentistati bħala parti mill-Garanzija taż-Żgħażaġħ u dawn huma milqugħa b'sodisfazzjon fil-kuntest ta' żieda mistennija fir-rata tal-qgħad. Dawn il-miżuri issa jeħtieġ li jiġu implimentati b'attenzjoni ċara fuq it-titjib tal-livell tal-ħiliet u tal-pożizzjoni tas-suq tax-xogħol tal-gruppi fil-mira. Żieda fir-rata tal-impjeg tal-ħaddiema ikbar fl-età hija importanti biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli u biex tintlaħaq id-domanda għall-impjegi fil-ġejjieni. Id-daqs tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qiegħed jonqos fil-Finlandja. Ġew miftiehma bosta miżuri sabiex jiġu indirizzati modi għall-irtirar kmieni, bħal li togħla l-età għall-aċċess għal pensjoni part-time, it-tneħħija tal-possibilità ta' pensjoni mnaqqsa u ż-żieda fl-età tal-irtirar wara l-qgħad. Madankollu, iż-żieda fl-istennija tal-ħajja kienet iktar mgħaġġla milli kien previst matul ir-riforma tal-pensjonijiet fl-2005, u għalhekk, aktar ma jgħaddi żmien, il-firxa tal-età statutorja ta' rtirar eżistenti tista' tirriżulta baxxa wisq u l-pensjonijiet jistgħu jirriżultaw mhux suffiċjenti. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu, il-Gvern impenja ruħu li jżid l-età tal-irtirar effettiva għal 62,4 sena sal-2025, li tibqa' waħda baxxa fil-kuntest tal-istennija tal-ħajja u tal-isfidi demografiċi. L-implimentazzjoni ta' dawn il-linji ta' azzjoni maqbula tibqa' prijorità fuq perjodu qasir.

(13) L-ostakli regolatorji fis-settur tas-servizzi fil-Finlandja għadhom restrittivi u l-konċentrazzjonijiet tas-suq huma għolja f'setturi importanti bħall-bejgħ bl-imnut. It-tibdiliet previsti għall-Att tal-Kompetizzjoni fir-rigward tal-pożizzjoni dominanti tal-operaturi tal-kummerċ tal-merċa, tal-oġettivi tal-programm dwar il-kompetizzjoni sana f'termini ta' aktar superviżjoni f'dan is-settur u tat-tneħħija ta' restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq il-kompetizzjoni fil-leġiżlazzjoni eżistenti, bħal dik fuq l-ippjanar tal-ispazju u l-kostruzzjoni, għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-problemi kurrenti. Il-fużjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni mal-Aġenzija tal-Konsumaturi, flimkien maż-żieda fil-baġit tagħha u setgħat aktar wiesgħa sabiex tkopri n-newtralità tal-kompetizzjoni bejn l-atturi pubbliċi u privati, għandhom itejbu wkoll l-effikaċja u l-benefiċċji tal-politika tal-kompetizzjoni, b'mod aktar ġenerali. Il-multi tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-Finlandja tradizzjonalment huma baxxi

u l-istħarriġ ippjanat għall-2013 għandu jipprovdi bażi għal aktar riformi sabiex jitejjeb l-effett ta' deterrent tagħhom.

- (14) It-tkabbir tal-produttività fil-Finlandja għadu mhux qed ilaħħaq mat-tkabbir fil-pagi filwaqt li l-kompetittività internazzjonali ddgħajfet, kif jidher mit-tnaqqis fis-sehem mis-suq għall-esportazzjonijiet Finlandiżi. Filwaqt li l-investment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadu kbir, kwistjoni li għadha kritika hija dik tal-effiċjenza li biha din ir-riċerka hija tradotta finnovazzjonijiet u kumpaniji ġodda bi tkabbir għoli, li jistgħu jippenetraw swieq tal-esportazzjoni li qed jikbru malajr u jsaħħu l-kompetittività internazzjonali. Fuq perjodu qasir, il-Finlandja għandha timplimenta politiki u miżuri adottati riċentement sabiex ittejjeb is-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni bħall-pan ta' azzjoni l-ġdid, u tipproponi riformi oħra, fejn relevanti, ibbażati fuq l-evalwazzjonijiet eżistenti u r-rapport ta' previzzjoni li qiegħed jitħejja bħalissa. Il-prezzijiet għall-enerġija u x-xogħol ġew identifikati fost il-prezzijiet tal-inputs li qed iżidu l-ispejjeż għall-produtturi Finlandiżi. It-tkabbir fil-pagi fis-snin riċenti kien modest minħabba l-ftehim tripartitiku kurrenti dwar il-pagi li jiskadi fl-2013. Huwa ta' tħassib, għalhekk, li għadu ma ġie konkluż l-ebda ftehim ġdid bejn is-sħab soċjali.
- (15) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, u ppreżentat rieżami fid-dettall. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (16) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl tar-rieżami fid-dettall tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (3), (4) u (5) .
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni qed twestaq ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Fuq din il-baży, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati

Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, il-Finlandja għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u mingħajr dewmien ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Timxi fuq politika fiskali favorevoli għat-tkabbir u żżomm pożizzjoni fiskali soda kif previst, filwaqt li tiżgura l-konformità mal-OTM matul il-perjodu tal-Programm. Tkompli twestaq valutazzjonijiet annwali tad-daqs tal-lakuna tas-sostenibbiltà relatata mat-tixjir tal-popolazzjoni u taġġusta d-dħul u n-nefqa pubbliċi skont l-oġettivi u l-ħtiġijiet fuq terminu twil. Tiżgura l-kosteffikaċja u s-sostenibbiltà tal-kura fit-tul u tqiegħed enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti.
2. Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi amministrattivi li jinsabu għaddejjin li jirrigwardaw l-istruttura munici-pali, sabiex tipproduċi kisbiet fil-produttività u ffrankar tal-kosti fil-provvista ta' servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.
3. Tieħu passi oħra sabiex iżżid ir-rata tal-impjeg tal-ħaddiema li huma akbar fl-età, inkluż billi ttejjeb l-impjegabbiltà tagħhom u tnaqqas il-possibiltajiet ta' rtirar kmieni, iżżid l-età effettiva tal-irtirar billi tallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mat-tibdil fl-istennija tal-ħajja. Timplimenta u timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-miżuri li jinsabu għaddejjin sabiex ittejjeb il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u ta' dawk li ilhom ħafna qiegħda, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' ħiliet relevanti għall-impjegi.
4. Tkompli bl-isforzi tagħha sabiex issaħħa il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u tas-servizzi, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-immnut, billi timplimenta l-programm il-ġdid dwar il-promozzjoni tal-kompetizzjoni sana.
5. Ittejjeb l-abbiltà tagħha sabiex tipprovdi prodotti u servizzi innovattivi u kumpaniji innovattivi li qed jikbru b'pass mgħaġġel f'ambjent li qed jinbidel malajr, u tkompli d-diversifikazzjoni tal-industrija; tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija ġenerali fl-ekonomija. Fl-ambjent ta' tkabbir baxx kurrenti, tappoġġja l-allinjament tal-iżviluppi fil-pagi reali u fil-produttività filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ ir-rwol tas-sħab soċjali u tkun konformi mal-prattiki nazzjonali.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Franza tal-2013 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza, 2012-2017

(2013/C 217/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titneda strateġija ġdida għall-impjiegi u għat-tkabbir u, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki dwar l-ekonomija, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta fit-13 ta' Lulju 2010 rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki dwar l-ekonomija tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽⁴⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet tal-Istat u l-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdri qafas koerenti għal azzjoni fil-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Iddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari li tesprimi impenn sħiħ għall-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁵⁾ ("ir-Rakkomandazzjoni tal-2012") dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Franza għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza għall-perjodu 2012-2016.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika dwar l-ekonomija. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se titwettaq analiżi profonda.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Simestru Ewropew, skont ir-Regolament (KEE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta rizzoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u rizzoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tkun favorevoli għat-tkabbir, biex jiġu rkuprati l-kundizzjonijiet normali ta' self lill-ekonomija, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività, għall-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-analiżi profonda tagħha għal Franza, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ COM(2013) 360 final.

⁽⁴⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁵⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 31.

tal-Kummissjoni ġġegħelha tikkonkludi li Franza qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, li jirrikjedu monitoraġġ u azzjoni politika deċiżiva. B'mod partikolari, l-iżviluppi relatati ma' deterjorazzjoni fil-bilanċ tal-kummerċ u l-kompetittività, li għejjin minn fatturi ta' kost kif ukoll minn fatturi mhux ta' kost, ukoll fil-kuntest ta' pożizzjoni esterna li qed tiddeterjora u dejn pubbliku għoli, għandu jkollhom attenzjoni kontinwa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti ħżiena fuq il-funzjonament tal-ekonomija Franċiża u tal-Unjoni Ekonomika u Mone-tarja, b'mod partikolari minħabba d-daqs tal-ekonomija Franċiża.

- (9) Fit-30 ta' April 2013, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għal-perjodu 2012-2017 u l-. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt.
- (10) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament tal- (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li minkejja l-isforzi konsiderevoli ta' konsolidament li niżżlu d-defiċit nominali minn 7,5 % tal-PDG fl-2009 għal 4,8 % fl-2012, Franza mhijiex mistennija li tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2013 kif irrakkomandat mill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2009. Dan huwa marbut b'mod partikolari ma' ambjent ekonomiku agħar milli mistenni fiż-żmien li għiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li ġie kkompensat parzjalment biss minn dħul imprevist, filwaqt li l-isforz ġie sa ċertu punt differit. Ix-xenarju makroekonomiku li jappoġġa l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa plawsibbli għall-2013 iżda ottimist ħafna għall-2014. B'mod partikolari, l-awtoritajiet jantiċipaw li wara perjodu qiegħed fl-2012 (0 %) u fl-2013 (+0,1 %), il-PDG se jikber b'1,2 % fl-2014 filwaqt li jissoponu li jittieħdu miżuri fiskali sabiex id-defiċit ġenerali tal-Gvern jilħaq it-2,9 % tal-PDG fl-2014. B'paragun, il-Kummissjoni tbassar li l-PDG se jikber b'1,1 % fl-2014 fuq il-bażi ta' suppożizzjoni tal-ebda tibdil fil-politika, xenarju li jqis biss il-miżuri li ġew adottati jew speċifikati biżżejjed u għalhekk jibassar defiċit ta' 4,2 % tal-PDG fl-2014. L-objettiv ewlieni tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li jinkiseb l-objettivi ta' terminu medju (OTM), li huwa baġit ibbilanċjat f'termini strutturali, bħal fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2012-2016. Dan huwa aktar ambizzjuż milli meħtieġ fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Is-sena ta' mira biex jintlaħaq l-OTM hija l-2016, meta mqabbla mal-2015 fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2012-2016.

Id-defiċit nominali ppjanat stabbilit mill-Programm ta' Stabbiltà huwa konsistenti ma' korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2014, sena wara l-iskadenza riveduta stabbilita mill-Kunsill fil-proċedura għad-defiċit eċċessiv (PDE)

fit-2 ta' Diċembru 2009. Minħabba t-tbassir tat-tkabbir ottimist wisq fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2014, sakemm ma jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex jissaħħaħ b'mod sostanzjali l-isforz ta' dik is-sena, il-Kunsill iquis li l-isforz fiskali ppjanat mill-awtoritajiet mhuwiex kompatibbli ma' korrezzjoni attwali tad-defiċit eċċessiv sal-2014. It-tfaddil ipplanat u d-dħul addizzjonali għandhom nuqqas ta' speċifitajiet ukoll. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu speċifikati miżuri kemm għall-2014 kif ukoll għall-2015 sabiex jiġi żgurat b'mod kredibbli li d-defiċit eċċessiv huwa korrett sal-aktar tard fl-2015 kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-2016, il-bilanċ strutturali, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni, huwa mistenni li jkun -0,4 % tal-PDG (-0,3 % fl-2017) u għalhekk l-OTM mhux se jintlaħaq sat-tmiem tal-perjodu tal-programm. Il-progress lejn l-OTM fl-2016 huwa mistenni li jirrappreżenta 0,3 % tal-PDG, li huwa taħt il-valur referenzjarju ta' 0,5 % tal-PDG. Id-dejn ġenerali tal-Gvern żdied b'mod sostanzjali mill-bidu tal-kriżi. Minn 64,2 % fl-2007, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG laħaq 90,2 % fl-2012 u huwa previst li jiżdied aktar sa 96,2 % sal-2014 skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet jistennew li l-proporzjon tad-dejn jilħaq 94,3 % tal-PDG fl-2014 u mbagħad jinżel sa 88,2 % fl-2017. Franza se tkun f'perjodu ta' tranżizzjoni mill-2016 fir-rigward tal-konformità mal-kriterju dwar id-dejn.

- (11) Mnħabba d-dejn għoli u dejjem jiżdied u l-fatt li l-iskadenza biex jiġi korrett id-defiċit eċċessiv reġġet għet posposta, sal-2015, huwa aktar importanti li l-baġit tal-2013 jiġi implimentat b'mod strett u l-isforzi ta' konsolidament sostanzjali jtkomplew fis-snin sussegwenti. B'mod partikolari, huwa kruċjali li n-nefqa pubblika ta' Franza tiżdied inqas malajr b'mod sinifikanti mill-PDG potenzjali minħabba li t-titjib fid-defiċit strutturali sa issa fil-maġġoranza kien ibbażat fuq id-dħul. F'dan ir-rigward, l-analiżi kontinwa tan-nefqa pubblika ("Modernisation de l'action publique") li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jinkludi l-gvernijiet lokali u l-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali minbarra l-gvern ċentrali, għandha tipprovdi indikazzjonijiet sabiex titjeb aktar l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Hemm ukoll lok għal aktar simplifikazzjoni tad-diversi livelli u kompetenzi amministrattivi sabiex jinkisbu aktar sinerġiji, titjib fl-effiċjenza u tfaddil. Il-Liġi l-ġdida dwar id-Deċentralizzazzjoni ppjanata għandha tindirizza din il-kwistjoni. Fid-dawl taż-żieda mistennija f'terminu medju u twil fin-nefqa pubblika għall-kura tas-saħħa, in-nefqa pubblika futura għall-kura tas-saħħa tirrikjedi aktar skrutinju u effiċjenza, b'mod partikolari għall-infiq farmaċewtiku. Il-projezzjonijiet l-aktar reċenti mill-Kunsill Konsultattiv tal-Pensjonijiet ("Conseil d'orientation des retraites") jindikaw defiċits persistenti tas-sistema tal-pensjonijiet sal-2018, b'mod kuntrarju għall-objettiv tar-riforma tal-2010 li tinkiseb sistema bbilanċjata sa' dak iż-żmien. Barra minn hekk, it-treġġiġh lura parzjali tar-riforma tal-2010 tmur kontra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012. Għalhekk, is-sistema tal-pensjonijiet xorta se tiffaċċa defiċits kbar sal-2020 u hemm b'żonn b'mod urġenti ta' miżuri politiki ġodda bħala rimedju għal din is-sitwazzjoni filwaqt li tinżamm l-adegwatezza tas-sistema.

Tali miżuri jistgħu jinkludu li jiżiedu aktar l-età minima għall-irtirar u għall-pensjoni sħiħa kif ukoll il-perjodu ta' kontribuzzjoni biex wieħed jikseb pensjoni sħiħa, jiġu adattati r-regoli ta' indicijar u l-analiżi tal-bosta eżenzjonijiet attwali għall-iskema ġenerali għal kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema. Il-Gvern Franċiż iddeċieda li jassoċja bis-sih lis-sieħba soċjali sabiex jiddisinja r-riforma u jsaħħaħ is-sjeda tagħha. Minħabba l-impatt negattiv fuq il-kost tax-xogħol, żieda fil-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandha tiġi evitata. Fid-dawl tal-isfida tal-finanzi pubbliċi li qed tiffaċċa Franza, huwa importanti ħafna li l-miżuri fiskali jiġu kkumplementati b'aktar sforzi għat-twettiq ta' riformi strutturali sabiex jiġi appoġġat u jiżied il-potenzjal tat-tkabbir fuq żmien twil tal-ekonomija Franċiża.

(12) Kif muri mir-reviżjoni fil-fond tal-2013, il-kompetittività ta' Franza tibqa' sfida sinifikanti, kif turi l-erożjoni kbira tal-ishma tagħha fis-swieq tal-esportazzjoni fis-snin reċenti. F'Novembru 2012 il-Gvern ippropona bosta miżuri politiċi fil-kuntest tal-"Patt dwar il-Kompetittività". L-introduzzjoni ta' kreditu tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv (crédit d'impôt pour la compétitivité et l'emploi — CICE), b'impatt ta' sena sħiħa ppjanat ta' EUR 20 biljun, huwa pass sinifikanti li għandu jikkontribwixxi għal kosti tax-xogħol aktar baxxi. Hemm lok għal aktar azzjoni billi l-kreditu tat-taxxa l-ġdid ma jagħmilx aktar ħlief li jnaqqas b'nofs id-diskrepanza bejn il-proporzjon tat-taxxa Franċiża u l-medja tal-OECD fil-livell tal-paga medja. Barra minn hekk, il-miżuri fiskali li jaffettwaw il-kumpaniji, inlużi t-tnaqqis fl-infiq tat-taxxa, li ġew adottati mill-2010 jirriżultaw f'żieda globali fit-tassazzjoni tan-negozji, anki meta din tiġi korretta għall-CICE. Iż-żieda fil-paga minima deċiża f'Lulju 2012, għalkemm limitata, jista' jkollha impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjegji u l-kompetittività, kif enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni tal-2012. Bejn l-2002 u l-2012, il-paga minima għal kull siegħa żdiedet bi 38 % (16 % f'termini reali). Il-livell għoli tal-paga minima, li tirrappreżenta 60% tal-paga medja, huwa kkompensat għall-impjegaturi minn għadd ta' eżenzjonijiet mill-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għall-impjegaturi. Il-kost relatat għall-finanzi pubbliċi żdied b'pass mgħaġġel bejn l-1992 u l-2002 u stabbilizza ruħu minn dak iż-żmien f'għal viċin 1 % tal-PDG. Barra minn hekk, strumenti alternattivi bħal pereżempju l-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu (il-"Prime pour l'emploi" u r-"Revenu de solidarité active") huma strumenti aktar effiċjenti mill-paga minima biex jindirizzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu.

(13) Fir-rigward tal-kompetittività mhux marbuta mal-prezzijiet, għalkemm il-Gvern reċentement ġedded l-istrateġija tal-esportazzjoni tiegħu, l-appoġġ tal-iżvilupp ta' netwerks u sħubiji orjentati lejn l-esportazzjoni jista' jippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tal-impriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs). B'mod aktar ġenerali, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-ambjent tan-negozju jwassal

għat-tkabbir tal-SMEs. Minkejja l-isforzi konsiderevoli mill-kumpaniji fis-setturi ffukati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp u l-appoġġ imdaqqs mill-Gvern (jiġifieri, il-kreditu tat-taxxa fuq ir-riċerka), is-setturi tat-teknoloġija għolja jew medja-għolja jirrappreżentaw biss sehem modest u dejjem jonqos tal-ekonomija Franċiża. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jitrawmu aktar il-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs u l-kumpaniji tal-livell tan-nofs (ETI) f'dawn is-setturi billi jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' qafas li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. Il-politika tal-clusters li ġiet żviluppata biex ikun hemm rabta bejn ir-riċerka pubblika u l-kumpaniji privati tista' wkoll tiġi mmirata aktar lejn l-esportazzjoni kummerċjali tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R&Z&I), esternalitajiet pożittivi bejn il-kumpaniji privati li jinsabu qrib ta' xulxin u internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs. Barra minn hekk, l-istudji tad-Dottorat u l-esperjenza fir-riċerka għandhom isiru attraenti biżżejjed sabiex irawmu aktar ir-rabtiet bejn il-kumpaniji privati u l-istituzzjonijiet tar-riċerka.

(14) Rigward is-servizzi, kien hemm progress limitat biss matul l-2012. B'mod partikolari, ma nbdiet l-ebda r-riforma orizzontali biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet mhux iġġustifikati fis-setturi u l-professjonijiet regolati. Ħafna fornituri professjonali tas-servizzi għandhom iħabtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet rigward il-forma legali u l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom (pereżempju restrizzjonijiet fuq is-sjeda kapitali għall-veterinarji u l-avukati). Ostakli sinifikanti oħrajn għad-dħul jew il-prattika (bħal pereżempju l-komunikazzjonijiet kummerċjali, il-kwoti jew ir-restrizzjonijiet territorjali) f'għadd ta' setturi (bħal pereżempju t-taxis, ċerti professjonijiet tas-saħħa, in-nutara u professjonijiet legali oħra). Is-settur tal-bejgħ bl-imnut għadu soġġetti għal numru ta' regolamenti, bħal pereżempju l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ineffiċjenti u li jieħdu ż-żmien għall-istabbiliment ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, il-projbizzjoni eżistenti fuq il-bejgħ inqas mill-ispejjeż tinkludi għadd ta' distorsjonijiet filwaqt li l-objettiv li jiġu appoġġati l-produtturi u l-ħwienet ta' distribuzzjoni żgħira jista' jinkiseb b'mod effettiv permezz ta' miżuri b'inqas effett distorsiv. Dawn ir-restrizzjonijiet eċċessivi fis-setturi u l-professjonijiet regolati huma ta' piż fuq il-kompetizzjoni u għandhom it-tendenza li jżidu l-prezzijiet tagħhom. Kif turi l-analiżi fil-fond, prezzijiet oġhla fis-servizzi intermedjarji, li jirrappreżentaw kważi kwart tal-kosti tal-produzzjoni fis-settur tal-manifattura, fl-aħħar ikollhom impatt fuq il-kompetittività esterna tad-ditti Franċiżi. Intlaħaq progress limitat fl-2012 fl-industriji tan-netwerks. Tas-suq tal-elettriku ta' Franza jibqa' wieħed mill-aktar ikkonċentrati fl-Unjoni. Il-prezzijiet regolati fl-elettriku u l-gass jgħawġu l-kompetizzjoni u jkomplu jaġixxu bħala ostaklu għal min irid jidħol ġdid fis-suq. It-tariffi regolati għall-konsumaturi mhux domestiċi għandhom jitneħħew skont l-iskeda ta' żmien miftiehma mal-awtoritajiet Franċiżi. Aktar kapaċità ta' interkonnessjoni mal-pajjiżi fil-viċinat u t-tnedija tal-offerti tal-idro-konċessjonijiet jistgħu wkoll jikkontribwixxu għat-trawwim tal-kompetittività fis-suq tal-elettriku.

Fis-settur ferrovjarju, is-suq tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ilu jiddeklina għal diversi snin (bħal fil-volum f'tunnellati/km li naqas bi 17% bejn l-2006 u l-2011), filwaqt li t-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri mhux miftuħ għall-kompetizzjoni, ħliet għas-servizzi internazzjonali. Ir-riforma li ġejja għandha tiżgura li kwalunkwe "amministratur unifikat tal-infrastruttura" ġdid jibqa' indipendenti mill-operatur preeżistenti biex jiggarantixxi lill-dawk li jridu jidħlu fis-suq aċċess għust u mhux diskriminatorju.

(15) Is-sistema tat-taxxa Franċiża tibqa' kumplessa u mhijiex effiċjenti biżżejjed minħabba l-firxa wiesgħa ta' eżenzjonijiet, benefiċċji speċjali, iżda wkoll bidliet frekwenti fil-leġiżlazzjoni. Minkejja sforzi għat-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tan-nefqa tat-taxxa, l-ammont ta' dħul mitluf minn dawn jibqa' għoli. L-għażla ta' approċċ wiesa' b'rata ta' bażi baxxa għat-tassazzjoni fuq l-introjt korporattiv u personali aktar titwitta t-triq għat-ktabbir u l-protezzjoni soċjali. Ir-rata tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) intermedja se tiżdied minn 7 % għal 10 % minn Jannar 2014. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba iżda hemm bżonn ta' aktar sforzi. B'mod globali, il-kost tal-eżenzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali għadu għoli ħafna sa 10 % tal-PDG. Minkejja n-nuqqas ta' effettività murija ta' xi rati tal-VAT imnaqqsa, bħal pereżempju dawk għas-servizzi tar-ristoranti, ma ttieħdet l-ebda miżura politika differenzjata biżżejjed. L-introduzzjoni tal-kreditu tat-taxxa CICE, iffiranzjat parzjalment permezz taż-żieda msemmija hawn fuq fir-rati tal-VAT intermedji iżda wkoll dawk standard, titttrasferixxi l-piż tat-taxxa mix-xogħol. Madankollu jinħtieġ skop ulterjuri għal azzjoni, b'mod partikolari biex jiġi bbalanċjat mill-ġdid is-sehem tat-taxxi ambjentali. Is-sena l-oħra, Franza adottat xi miżuri biex tindirizza l-inċentivi tat-taxxa għad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva. Tnaqqis fl-imgħax huwa limitat għal aktar minn EUR 3 miljun u 15 % tal-imgħax 'il fuq minn dak il-limitu ma jkunx permess għat-tnaqqis mit-taxxa fl-2013, sehem li ser jitle għal 25 % fl-2014. Madankollu, hemm ambitu għal aktar titjib

(16) Ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 9,7 % fl-2010 għal 10,2 % fl-2012. Il-Kummissjoni tbassar li r-rata tal-qgħad se tiżdied għal 10,6 % fl-2013 u 10,9 % fl-2014 minħabba tkabbir ekonomiku dejjem dgħajef. F'dan il-kuntest, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol Franċiż għadha sors ta' tħassib. Il-probabbiltà li wieħed ibiddel minn impjeg temporanju għal wieħed permanenti kien biss 10,6 % fl-2010, meta mqabbel ma' 25,9 % bħala medja fl-UE. Bħala riżultat, il-ħaddiema bi ffit kwalifiki f'forom ta' impjegi prekarji għandhom it-tendenza li jgħorru l-piż ta' kwalunkwe proċess ta' aġġustament fis-suq tax-xogħol. Ġiet adottata liġi f'Mejju 2013 ibbażata fuq il-ftehim interprofessjonali (ANI) dwar is-sigurtà fl-impjegi konkluż bejn is-sħab soċjali f'Jannar 2013. Din tipprevedi aktar drittijiet għall-ħaddiema, tindirizza l-inċertezza

legali ta' sensji u tipprovi flessibilità akbar għal dawk li jħaddmu. Il-liġi hija pass pożittiv lejn suq tax-xogħol aktar fluwidu. Dwar ċerti kwistjonijiet speċifiċi l-implimentazzjoni reali ta' din ir-riforma, kif ukoll l-impatt tagħha, hija marbuta mal-adozzji ta' aktar ftehimiet bejn il-fergħat u l-impriżi li ser ikunu meħtieġa qabel ma l-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ bis-sħiħ.

(17) Wieħed minn kull sitt żagħżuġ fi Franza jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr kwalifika. Dan huwa ta' tħassib partikolari minħabba li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh kien ta' 25,4 % fi tmien l-2012 u minħabba li r-riskju li jkunu qegħda kien kważi darbtejn ogħla għaż-żgħażaġh l-inqas kwalifikati. L-iskemi li jipromwovu l-apprendistati għandhom jilhq u b'mod partikolari ż-żgħażaġh l-inqas kwalifikati. L-allinjament tal-iskemi nazzjonali mal-Garanzija taż-Żgħażaġħ stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 ⁽¹⁾ għandu jkollu rwol ta' strukturar fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Minkejja r-riformi li nbdeu fl-2009, ir-rata ta' parteċipazzjoni Franċiża tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja (5,7 % fl-2012, għal adulti bi ffit kwalifiki: 2,5 %) hija taħt il-medja tal-UE. It-trasferiment ipplanat ta' kompetenzi lill-Kunsilli reġjonali jista' jipprovi opportunità biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet tas-sistema attwali. Minkejja x-xejra tagħha li qiegħda togħla b'mod sinifikanti, ir-rata tal-impjieg għall-ħaddiema bejn il-55 u l-64 sena għadha baxxa, fil-medja tal-Istati Membri tal-Unjoni (45,7 % fir-raba' kwart tal-2012), u hija naqqset biss bin-nofs il-qabża mill-medja tal-UE mill-2008 (minn 7,4 punti fl-2008 għal 3,8 punti fl-2012). Il-qgħad qed jiżdied fost il-persuni akbar fl-età, bl-istess rata tal-impjegi ġenerali. Għalkemm huma pass fid-direzzjoni t-tajba, mhuxiex ċar sa liema punt il-"kuntratti ta' ġenerazzjoni" se jikkontribwixxu għall-impjieg tal-ħaddiema ta' età kbira u jiffaċilitaw ir-ritorn għax-xogħol ta' dawk li qed ifittxu xogħol ta' età kbira. In-nefqa pubblika Franċiża fuq il-benefiċċji għall-qgħad żdiedet b'5,3 % fl-2012 u hija mistennija li tiżdied aktar b'6,1 % fl-2013 skont il-Programm ta' Stabbiltà. Id-defiċit kumulattiv tar-reġim tal-qgħad, li se jkun qrib l-1 % tal-PDG sal-2013, jirrikjedi riforma tas-sistema tal-benefiċċji għall-qgħad.

B'mod partikolari, xi elementi, bħal pereżempju l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, id-digressività tal-benefiċċji maż-żmien jew ir-rati ta' sostituzzjoni għall-ħaddiema bl-ogħla pagi għandhom jiġu adattati biex jiġi żgurat li l-inċentivi biex wieħed jaħdem huma adegwati. Il-konvenzjoni tripartitika l-ġdida tas-servizz pubbliku tal-impjegi (Pôle emploi) tipprevedi segwitu differenzjati tal-persuni li qed ifittxu impjieg. Il-portafoll ta' konsulent tal-impjegi madankollu żdied aktar minħabba l-livell ta' qgħad dejjem jiżdied u l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-istrateġija Pôle emploi hija mxekkla mis-sitwazzjoni ekonomika

⁽¹⁾ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

dgħajfa. Kollox ma' kollox, hemm bżonn li tittieħed azzjoni ulterjuri minħabba l-prospetti ekonomiċi negattivi u żieda ulterjuri mistennija fil-qgħad fi Franza.

- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, u ppreżentat analiżi fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-relevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Franza, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4), (5) u (6) hawn taħt.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro b'mod globali. Fuq din il-bażi l-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tagħha hija l-euro, Franza għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fil-ħin ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Issaħħa u tkompli twettaq l-istrateġija baġitarja fl-2013. Ittejjeb il-kredibbiltà tal-aġġustament billi tispeċifika, sal-ħarifa tal-2013, u timplimenta l-miżuri meħtieġa għas-sena 2014 u aktar 'il quddiem sabiex tiġi żgurata korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2015 l-aktar tard u l-kisba tal-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-PDE. Tuża l-qligħ mhux mistenni kollu għat-tnaqqis tad-defiċit. Korrezzjoni sostenibbli tal-iżbilanċi fiskali tirrikjedi implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi biex tiżdied il-kapaċità ta' aġġustament u jissaħħu t-tkabbir u l-impjiegi. Iżomm direzzjoni ta' konsolidament fiskali li hija favur it-tkabbir u żżid aktar l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, b'mod partikolari billi tipproċedi kif kien ipplanat b'analiżi tal-kate-

goriji tal-infiq fis-subsetturi kollha tal-gvern ġenerali. Tieħu azzjoni permezz tal-Liġi dwar id-Deċentralizzazzjoni li ġejja sabiex tikseb sinerġiji u tfaddil aħjar bejn il-livelli tal-gvern ċentrali u lokali. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tkompli l-isforz ta' aġġustament strutturali b'pass xieraq sabiex tilħaq l-OTM sal-2016. Tieħu miżuri sat-tmiem tal-2013 sabiex tibbilanċja s-sistema tal-pensjonijiet b'mod sostenibbli mhux aktar tard mill-2020, pereżempju billi tadatta r-regoli dwar l-indiċjar, żżid il-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni sħiħa, billi żżid aktar l-età effettiva tal-irtirar, billi tallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni għall-tibdiliet fl-aspettattiva tat-tul tal-ħajja u billi tanalizza skemi speċjali, filwaqt li tevita żieda fil-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegaturi, u żżid il-kosteffettività tan-nefqa fil-kura tas-saħħa, inkluż fl-oqsma tan-nefqa farmaċewtika.

2. Tiżgura li t-tnaqqis fil-kost tax-xogħol li jirriżulta mill-"crédit d'impôt compétitivité et emploi" irendil-ammont ipplanat u li l-ebda miżura oħra ma tħassar l-effett tiegħu. Tieħu azzjoni ulterjuri sabiex tnaqqas il-kost tax-xogħol, b'mod partikolari, permezz ta' aktar miżuri għat-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi, flimkien mas-sieħba soċjali. Tiżgura li l-iżviluppi fil-paga minima jappoġġaw il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li tqies l-eżistenza tal-iskemi ta' appoġġ għall-paga u l-eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali..
3. Tieħu miżuri ulterjuri għat-titjib tal-ambjent tan-negozju u tiżviluppa l-kapaċità tal-innovazzjoni u tal-esportazzjoni tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-impriji ta' daqs intermedju. B'mod partikolari tnedi l-inizjattivi ta' simplifikazzjoni mħabbra tal-qafas regolatorju, u ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, billi ssaħħa it-trasferiment tat-teknoloġija u l-użu kummerċjali tar-riċerka, fosthom permezz ta' orjentazzjoni mill-ġdid tal-oqsma tal-kompetittività.
4. Tieħu azzjoni sabiex iżżid il-kompetizzjoni fis-servizzi; tneħħi r-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fl-aċċess għas-servizzi professjonali u l-eżerċizzju tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-forma legali, l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja, il-kwoti u r-restrizzjonijiet territorjali; tieħu azzjoni biex tissimplifika l-awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' ħwienet kummerċjali u biex titneħħa l-projbizzjoni tal-bejgħ b'telf; tneħħi t-tariffi regolati tal-gass u tal-elettriku għall-klijenti mhux domestiċi u ssaħħa l-kapaċità ta' inter-konnessjoni mal-pajjiżi fil-viċinat; fis-settur ferrovarju, tiftaħ it-trasport domestiku tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni.
5. Tkompli l-isforzi biex tiġi simplifikata s-sistema tat-taxxi u tittejjeb l-effiċjenza tagħha, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tar-regoli dwar it-taxxa maż-żmien. Tiegħu miżuri addizzjonali biex jitneħħa l-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva. Tħaffef l-isforzi biex tnaqqas u tissimplifika n-nefqa tat-taxxa fuq l-introjt personali u korporattiva filwaqt li jitnaqqas r-rati statutorji; iġġib ir-rati tal-VAT imnaqqsa aktar qrib ir-rata standard u tneħħi r-rati mnaqqsa mhux effiċjenti. Tieħu aktar miżuri li jittrasferixxu l-piż tat-taxxa mit-tassazzjoni jew il-konsum tax-xogħol għal fuq daww ambjentali.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

6. Timplimenta bis-sħiħ, mingħajr dewmien u b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali il-ftehim interprofessjonali ta' Jannar 2013,. Tiegħu azzjoni ulterjuri biex tiġġieled kontra s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari biex tindirizza s-sitwazzjoni tal-ħaddiema tal-aġenziji *interim*. Tniedi b'mod urġenti riforma tas-sistema tal-benefiċċji għall-qgħad b'assoċjazzjoni mas-sħab soċjali u skont il-prattiċi nazzjonali sabiex tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema filwaqt li tiżgura li tipp-rovdi inċentivi xierqa biex wieħed jerġa' lura għax-xogħol. Issaħħaħ ir-rata tal-impjegar tal-ħaddiema akbar fl-età u tistimola l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Tiegħu azzjoni speċifika biex ittejjeb il-perspettiva tal-impjegar tal-persuni bla xogħol akbar fl-età b'mod partikolari permezz ta' gwida u taħriġ speċifiċi. Iżżid il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja, speċjalment ta' dawk l-inqas kwalifikati u ta' dawk qiegħda. Tiżgura li s-servizzi pubbliċi għall-

impjegi jagħtu appoġġ individwali b'mod effettiv lil dawk qiegħda u li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jimmiraw b'mod effettiv dawk li huma l-aktar żvantaġġati. Tiegħu aktar miżuri biex ittejjeb it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, pereżempju permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ⁽¹⁾ u l-promozzjoni tal-apprendistati.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja, 2012-2017

(2013/C 217/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegji,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjegji u għat-tkabbir u, bl-isem ta' Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li se tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjegji ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjegji.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Kumpatt għat-Tkabbir u l-Impjegji, li jipprovdni qafas koerenti ta' azzjoni fuq il-livelli nazzjonali, tal-UE u tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, u b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom sabiex jiksbu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Ġermanja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja għall-perjodu 2012-2016.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2013. Ukoll, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat it-tieni Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-Ġermanja ma kenitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom kellu jsir eżami fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Simestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjegj fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tistimola t-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titwettaq konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fit-12 ta' April 2013, il-Ġermanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 tagħha u fis-17 ta' April 2013, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Chapter 10 Volume 001 P. 84.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjegji (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 35.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li globalment il-finanzi pubbliċi fil-Ġermanja huma sodi u li l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) inkiseb. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati l-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plawżibbli. Il-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-Programm ta' Stabbiltà huma fil-biċċa l-kbira konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-pass u x-xejra tat-tkabbir ekonomiku fl-2013 u l-2014 kif ukoll mal-istima tal-Kummissjoni tar-rata tat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju tal-Ġermanja. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li jiġi żgurat li jkompli jintlaħaq l-OTM. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-OTM preċedenti ta' -0,5% tal-PDG. L-OTM huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt tal-Istabbiltà u t-Tkabbir. Il-Ġermanja kisbet bilanċ pożittiv strutturali baġitarju u għalhekk laħqet l-OTM fl-2012. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-bilanċ strutturali (rikalkulat)⁽¹⁾ se jibqa' pożittiv fl-2013 u fl-2014, li huwa fil-biċċa l-kbira konsistenti mat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, u għalhekk konsegwentement ħoloq spazju għall-istabbilizzaturi ekonomiċi sabiex joperaw liberament. Il-Ġermanja kkonformat ukoll mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2012. Skont l-informazzjoni pprovduta fil-Programm ta' Stabbiltà, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-gvern, netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, teċċedi l-valur referenzjarju tan-nefqa fl-2013 filwaqt li tirrispettah fl-2014. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn gross huwa pjanat li jaqa' għal 80½% tal-PDG fl-2013 u li jibqa' dejjem jonqos minn hemm 'il quddiem.
- Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2011, il-Ġermanja tinsab f'perjodu ta' tranżizzjoni fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-dejn u għamlet progress suffiċjenti lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2012. Jekk il-Programm ta' Stabbiltà jiġi implimentat kif ippjanat, hija tkun qiegħda tagħmel ukoll progress suffiċjenti lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2013 u l-valur referenzjarju tad-dejn jiġi ssodisfat fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fl-2014. Globalment, il-miri tad-defiċit u tad-dejn jidheru realistiki.
- (10) Il-Ġermanja għamlet biss sforzi limitati sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. L-isforzi ta' riformi tal-passat fis-settur tas-saħħa flimkien mar-riforma ta' din is-sena għall-kura fit-tul jidheru li mhumiex biżżejjed biex jiġu limitati ż-żidiet futuri mistennija fl-ispejjeż. Il-Ġermanja tidher li qiegħda żżomm mal-pjan fir-rigward tal-mira nazzjonali dwar in-nefqa fuq l-educazzjoni u r-riċerka iżda għandha tipp-roġetta miri ta' segwitu aktar ambizzjużi bil-għan li tlaħħaq mal-aktar ekonomiji innovattivi.
- (11) Il-Ġermanja mhix qiegħda tutilizza biżżejjed sorsi ta' dħul li jiffavorixxu t-tkabbir. L-applikazzjoni tar-rata mnaqqa tal-VAT, bħalissa ta' 7%, għal dik li bħalissa hija firxa pjuttost wiesgħa ta' oġġetti u servizzi tista' titnaqqas u l-amministrazzjoni tal-VAT tiġi eżaminata mill-ġdid sabiex tiżdied l-effiċjenza, jittejjeb il-ġbir tat-taxxa u tiġi miġġielda l-frodi. Id-dħul mit-taxxi rikorrenti fuq il-proprietà huwa partikolarment baxx fil-Ġermanja, 0,5% tal-PDG fl-2011 meta mqabbel ma' 1,3% fl-UE-27. Dan jista' jħalli spazju għal żieda fid-dħul mit-taxxa muniċipali fuq il-proprietà immobbli (Grundsteuer), b'mod partikolari billi tiġi rivalutata l-bażi għat-taxxa.
- (12) Kien hemm xi progress fl-implimentazzjoni tar-regola kostituzzjonali tal-baġit ibbilanċjat ("it-trażżin tad-dejn") sa mir-Rakkomandazzjoni tas-sena l-oħra. Madankollu, jidher li għadhom jenħtieġu regoli speċifiċi ta' implimentazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-*Länder* sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tat-trażżin tad-dejn fil-proċedura baġitarja annwali.
- (13) Is-settur finanzjarju esperjenza aġġustament sinifikanti u l-qafas regolatorju u superviżorju ġie msaħħa. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat komplew jixprunaw ir-ristrutturar tal-*Landesbanken*. Madankollu, jidher li għad hemm ostakli tal-governanza għal konsolidazzjoni mmexxija mis-suq fis-settur bankarju, li qed jaffettwaw l-effiċjenza globali tas-settur finanzjarju.
- (14) Il-Ġermanja ħadet biss azzjoni limitata sabiex telimina d-dizincenti sinifikanti li jħabbtu wiċċhom magħhom dawk li għandhom it-tieni dħul u d-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal full-time u tal-iskejjel tal-ġurnata kollha għandha tiżdied aktar. Il-Ġermanja għamlet xi progress biex ittejjeb ir-riżultati edukattivi għal persuni żvantaġġati, iżda l-*Länder* kollha għandhom ikomplu bl-isforzi ambizzjużi sabiex joħolqu sistema tal-iskejjel li tipprovi opportunitajiet ugwali għal kulħadd. L-azzjoni ta' politika sabiex jitnaqqas it-*tax wedge* għolja għal dawk li jaqilgħu paga baxxa sa issa kienet limitata. Miżuri sabiex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil għandhom jiżdiedu. Il-Ġermanja għandha taħdem aktar sabiex tnaqqas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għolja imposti fuq il-pagi baxxi. Huma meħtieġa aktar sforzi sabiex tittejjeb it-tranżizzjoni minn ċerti tipi ta' kuntratti, bħall-*mini-jobs*, għal forom oħra ta' kuntratti aktar sostenibbli, biex b'hekk tiġi evitata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Filwaqt li l-pagi reali għadhom taħt il-livell tagħhom fis-sena 2000, li kkontribwixxa għat-tnaqqis strutturali fir-rata tal-qgħad minn 8% għal 5,5%, huma bdew jiżdiedu b'mod dinamiku minn hemm 'il quddiem mingħajr ma affettwaw ħażin il-kompetittività. Fl-istess waqt, żdiedu d-disparitajiet bejn il-pagi.

(1) Il-bilanċ aġġustat ċiklikament nett mill-miżuri ta' darba u dawk temporanji, irrikalkulat mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-programm, bl-użu tal-metodoloġija maqbula komunement.

(15) Il-Ġermanja qiegħda timmira li timminimizza l-prezz ekonomiku kumplessiv tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Dan wassal għal xi riżultati inizzjali iżda l-kosti ġenerali baqgħu jżiedu u għad fadal riskju kbar u ineffiċjenzi potenzjali. Il-Ġermanja qiegħda tagħmel sforzi sinifikanti sabiex taċċellera l-espansjoni tan-netwerks tal-enerġija. Il-koordinazzjoni tal-politika nazzjonali tal-enerġija tagħha mal-politiki tal-pajjiżi ġirien mhijiex suffiċjenti.

(16) Is-sitwazzjoni fis-setturi tas-servizzi ma nbidlitx b'mod sinifikanti sa mill-2012 u għad hemm restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal ċerti professjonijiet u fuq l-eżerċizzju tagħhom. Il-Ġermanja għandha taħdem iżjed sabiex tiftaħ is-setturi tas-servizzi billi tneħħi r-restrizzjonijiet u l-ostakli għad-dħul mhux ġustifikati, u b'hekk twassal għal livelli tal-prezzijiet aktar baxxi, sabiex is-servizzi jsiru aktar affordabbli għall-gruppi b'introjtju aktar baxx. F'bosta setturi tas-snaġġa, inkluż is-settur tal-kostruzzjoni, għad hemm rekwiżit li wieħed ikollu ċertifikat ta' imgħallem tas-sengħa (*Meisterbrief*) jew kwalifika ekwivalenti sabiex wieħed imexxi negozju. Is-settur tal-kostruzzjoni wkoll qed jiffaċċja restrizzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri tal-komunikazzjoni kummerċjali u tal-awtorizzazzjoni. Bosta servizzi professjonali huma wkoll suġġetti għal rekwiżiti dwar il-forma legali u ż-żamma tal-ishma. Il-Ġermanja għandha tivvaluta jekk l-istess għanijiet tal-interess pubbliku jistgħux jinkisbu b'anqas regolamentazzjoni. Id-diversità tas-sistemi regolatorji madwar il-*Länder* tissuġġerixxi wkoll li hemm lok għal aktar sforzi sabiex jiġu identifikati l-approċċi regolatorji li huma l-anqas ta' piż u sabiex dawn jiġu estiżi madwar il-pajjiż kollu, u b'hekk titnaqqas il-burokrazija għan-negozji. Il-livell tal-kompetizzjoni effettiva fil-qasam tal-ferroviji għadu baxx. Fir-rigward tal-akkwisti pubbliċi, il-valur tal-kuntratti ppubblikati mill-awtoritajiet Ġermaniżi taħt il-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwisti huwa pjuttost baxx. Il-proċess leġiżlattiv li jinvolvi r-reviżjoni tal-Att kontra r-Restrizzjonijiet tal-Kompetizzjoni għadu ma ġiex konkluż. Fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, ir-regolamenti tal-ippjanar jirrestrinġu b'mod sinifikanti d-dħul għid fis-suq.

(17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Ġermanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.

(18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà tal-Ġermanja, u l-opinjoni⁽¹⁾ tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Fuq din il-bażi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-pajjiżi li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tagħha hija l-euro, il-Ġermanja għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u mingħajr dewmien ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieħu azzjoni fil-perjodu bejn l-2013 u l-2014 sabiex:

1. Tippreserva pożizzjoni fiskali soda, kif previst, li tiżgura l-konformità mal-OTM matul l-perjodu tal-programm. Issegwi politika fiskali favorevoli għat-tkabbir permezz ta' sforzi addizzjonali sabiex tiżdied il-kosteffikaċja tal-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u fuq il-kura fit-tul, permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-ġhotti tal-kura u ta' enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti. Ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi twessa' l-bażi tal-VAT u tirrivaluta l-bażi tat-taxxa municijali fuq il-proprjetà immobbli. Tuża l-ispazju disponibbli għal żieda fl-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir fuq l-edukazzjoni u r-riċerka fil-livelli kollha tal-gvern, u wkoll għal żieda fl-effiċjenza ta' dan l-infiq. Tlesti l-implimentazzjoni tat-trażżin tad-dejn b'mod konsistenti madwar il-*Länder* kollha waqt li tiżgura li l-proċeduri ta' monitoraġġ u l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni joperaw mingħajr dewmien u jkunu relevanti.
2. Issostni l-kundizzjonijiet li jippermettu t-tkabbir tal-pagi fappoġġ għad-domanda domestika. B'dan il-għan, tnaqqas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għoljin, b'mod partikolari għal dawk li jaqilgħu paga baxxa u żżid il-kisbiet edukattivi tal-persuni żvantaġġati. Iżżomm miżuri xierqa ta' attivazzjoni u integrazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil. Tiffaċilita t-tranżizzjoni minn impjiegi mhux standard bħall-*mini-jobs* għal forom aktar sostenibbli ta' impjieg. Tieħu miżuri sabiex ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, b'mod partikolari għal dawk il-ħaddiema li jaqilgħu t-tieni paga u dawk li għandhom biss ftit ħilet, ukoll bil-għan li jittejjeb l-introjtju tagħhom. B'dan il-għan, telimina d-dizincenċivi għal min jaqla' t-tieni paga u żżid aktar id-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal full-time u tal-iskejjel tal-ġurnata kollha.
3. Ittejjeb il-koordinazzjoni tal-politika tal-enerġija tagħha ma' pajjiżi ġirien u iżżomm il-kosti globali għat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija għal-livell minimu, b'mod partikolari billi teżamina mill-ġdid il-kosteffikaċja tal-istrumenti tal-politika tal-enerġija mfassla biex jiksbu l-miri tal-enerġija rinnovabbli u billi tkompli bl-isforzi tagħha sabiex taċċellera l-espansjoni tan-netwerks nazzjonali u transfruntieri tal-elettriku u tal-gass.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

4. Tiegħi miżuri sabiex tkompli tistimula l-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizzi, inklużi ċerti snajja', b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni, u fis-servizzi professjonali sabiex tagħti spinta lis-sorsi domestiċi tat-tkabbir. Tiegħi azzjoni urġenti sabiex iżżid b'mod sinifikanti l-valur tal-kuntratti pubbliċi miftuħa għall-akkwisti. Tadotta u timplimenta r-riforma leġislattiva mħabbra sabiex jittejjeb l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Tneħħi r-restrizzjonijiet tal-ippjanar li jirrestrinġu aktar milli meħtieġ id-dħul ġdid fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Tiegħi miżuri oħra sabiex telimina l-ostakli li baqa' għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-ferroviji. Tkompli bl-isforzi tagħha għall-konsolidazzjoni tas-settur bankarju, inkluż billi ttejjeb il-qafas tal-governanza.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2013 tal-Ungerija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija, 2012-2016

(2013/C 217/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiki, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiki tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-'linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna qisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazżjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u

Impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazżjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2012 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkanżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jiġtegħeg it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-reviżjoni fil-fond tagħha għall-Ungerija, b'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Ungerija għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi, li jistħoqqilhom monitoraġġ u jeħtieġu azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, l-aġġustament kontinwu tal-pożizzjoni ta' investment internazzjonali nett negattiva ferm, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ingranaġġ fis-settur privat u ambjent tan-negozju dgħajjef, jibqa' jistħoqqu attenzjoni mill-qrib ħafna sabiex jitnaqqsu r-riskji sinifikanti ta' effetti negattivi ferm fuq il-funzjonament tal-ekonomija

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 40.

- (9) Fit-22 ta' April 2013, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u fl-24 ta' April 2013, il-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perjodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jsejjes it-tbassir baġitarju fil-Programm huwa xi ftit ottimist. Il-projezzjonijiet tat-tkabbir tal-awtoritajiet Ungeriżi għall-2013 u l-2014 ta' 0,7 % u 1,9 % rispettivament huma madwar nofs punt perċentwali ogħla mit-tbassir tar-rebbiegħa mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-2013. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza huwa li jiżgura li l-korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv sal-iskadenza tal-2012 ffixata mill-Kunsill b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tat-13 ta' Marzu 2012 u r-rispett kontinwu tal-objettiv ta' terminu medju (OTM). L-Ungerija għamlet sforzi fiskali sinifikanti fl-2012 u b'riżultat tad-defiċit tal-baġit ta' 1,9 % tal-PDG mhux talli kisbet il-mira tad-defiċit ta' 2,5 % tal-PDG irrakkomandata mill-Kunsill, iżda qabżitha. Dan kien parzjalment dovut għad-dħul ta' darba addizzjonali ta' 0,2 % tal-PDG lil hinn minn dak id-dħul li kien diġà magħruf meta saret ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, il-miżuri korrettivi għall-2012 u lil hinn, partikolarment dawk imħabbra fil-ħarifa tal-2012 kienu kkonċentrati l-aktar fuq id-dħul, b'fokus ewlieni fuq setturi magħżula, u għalhekk dan wassal għal dubbji dwar is-sostenibbiltà tal-isforzi ta' konsolidazzjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, hemm bżonn ta' aktar sforzi kemm fl-2013 kif ukoll fl-2014 sabiex jiġi korreġut id-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli. Wara l-pubblikazzjoni tat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-Gvern adotta pakkett korrettiv ġdid li jiffoka fuq l-aspett tal-infiq, u skont il-valutazzjoni aġġornata tal-Kummissjoni, id-defiċit huwa previst li fl-2013 u l-2014 jibqa' taħt il-livell limitu tal-PDG ta' 3 % permezz tal-miżuri l-ġodda.

Il-Programm ta' Konverġenza biddel l-OTM minn bilanċ strutturali ta' -1,5 % għal -1,7 % tal-PDG. L-OTM jirrifletti b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Ungerija rreġistrat bilanċ strutturali ta' 0,7 % tal-PDG fl-2012, jiġifieri ferm ogħla mill-OTM rivedut, u t-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni qed jipprevedi li l-bilanċ strutturali se jibqa' konformi mal-OTM tul iż-żmien imbassar u li se jkun -1,1 % fl-2013 u 1,8 % fl-2014. Abbażi tal-miżuri adottati wara t-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali għandu mnejn jibqa' ferm ogħla mill-OTM fl-2014 ukoll. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern fl-2013 u l-2014, bl-esklużjoni tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, se tkun b'mod ġenerali konformi mar-

rata ta' terminu medju referenzjarja tat-tkabbir potenzjali tal-PDG, iżda hija mistennija taqbiżha sew fl-2015 u l-2016. Għaldaqstant, il-valur referenzjarju tan-nefqa taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mhux se jintlaħaq f'dawn is-sentejn. Skont il-pjanijiet tal-gvern, il-proporzjoni tad-dejn pubbliku mal-PDG se jibqa' jonqos tul il-perjodu tal-programm mill-79,2 % fl-2012 għal 77,2 % fl-2014 u mbagħad għal 73,4 % fl-2016, jiġifieri se jibqa' 'l fuq minn 60 % tal-valur referenzjarju. B'kuntra, it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, b'kont meħud tar-riskji tal-pjanijiet ta' konsolidazzjoni, il-Kummissjoni qed tistenna tnaqqis marġinali ta' 78,9 % tal-PDG fl-2014 li għandu jkun madwar 0,5 punt perċentwali anqas bil-miżuri korrettivi l-ġodda. L-Ungerija se tkun f'perjodu tranżizzjonali mill-2013 fir-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-dejn, u skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni qiegħda tagħmel biżżejjed progress lejn il-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2013 u l-2014.

- (11) Il-qafas baġitarju ta' terminu medju huwa biss indikattiv biex l-orizzont tal-ippjanar fiskali jiffoka biss fuq is-sena baġitarja attwali. Barra minn hekk, minkejja xi titjib riċenti, il-kompiti mandatorji u r-riżorsi analitiċi tal-Kunsill Fiskali għadhom mħumiex proporzjonati mal-poter għall-veto bla preċedent tiegħu u l-ħtieġa ta' valutazzjoni sistematika *ex-post* tal-konformità mar-regoli fiskali numeriċi. It-tisħiħ tal-qafas baġitarji ta' terminu medju u t-tweġigh tal-mandat obbligatorju tal-Kunsill Fiskali se jgħinu s-solidità u l-kredibbiltà tal-qafas tal-governanza fiskali li ġie riformat reċentement.
- (12) Is-settur finanzjarju tal-Ungerija qiegħed inaqas l-ingranġġ b'pass mgħaġġel ħafna, parzjalment minħabba xi miżuri ta' politika li ħallew impatt negattiv qawwi fuq il-profitabbiltà tal-banek u kkontribwew għal kundizzjonijiet ta' kreditu stretti. Il-ġestjoni tal-kwalità deterjoranti tal-portfoljo tirrappreżenta waħda mill-akbar sfidi għas-settur finanzjarju, marbut ma' numru dejjem akbar ta' self improduttiv. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern adotta bosta miżuri biex jgħin lis-selliefa tal-muniti barranin, ħafna drabi mingħajr ma kkonсульта mal-partijiet interessati fi ħdan is-settur bankarju. Madankollu, dawk il-miżuri ma kinux dejjem immirati lejn selliefa f'diffikultà. L-adozzjoni ta' sensiela ta' miżuri f'qasir żmien hemm mnejn iżżid id-dannu morali fost is-selliefa minħabba l-aspettativa kontinwa ta' aktar għajjuna mill-gvern. Il-kriżi finanzjarja globali wriet l-estent safejn is-sistema bankarja eżistenti kapaċi ġġiegħel lill-awtoritajiet nazzjonali jaġixxu biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja. L-ewwel programm ta' assistenza finanzjarja għall-Ungerija sostna l-ħtieġa ta' supervizzjoni tal-ogħla livell u l-ġhoti ta' setgħat ta' emerġenza effettivi lis-superviżur finanzjarju u t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni. Minkejja li tul dawn l-aħħar tliet snin is-setgħat tal-Awtorità Ungeriża tas-Supervizzjoni Finanzjarja żdiedu b'mod sostanzjali, il-leġiżlatur għadu ma fornihex b'biżżejjed setgħat ta' monitoraġġ.

- (13) L-Ungerija ma segwietx ir-rakkomandazzjoni tal-2012 biex tistabbilixxi qafas stabbli u mhux distortiv għat-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet u żiedet il-piż tat-taxxa fuq setturi tal-korporazzjonijiet magħżula billi introduċiet aktar soprataxxi settorjali permanenti. Filwaqt li t-taxxa fuq in-negozji ż-żgħar ġodda introdotta bħala parti mill-Att tal-Protezzjoni tal-Impjiegi għandha disinn favorevoli, l-eżistenza ta' bosta rati tat-taxxa differenti matul is-setturi korporattivi tfixkel l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi u tolqot l-investment u s-self. L-introduzzjoni ta' rati mnaqqa tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali skont l-Att tal-Protezzjoni tal-Impjiegi hija pass fid-direzzjoni t-tajba biex jitnaqqas il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol. Madankollu, il-porzjon tat-taxxa fuq il-persuni b'paga baxxa għadu għoli u r-raffinement tas-sistema biex dan il-grupp jintlaqat aħjar huwa mixtieq. L-Ungerija qed tippjana wkoll li tindirizza n-nuqqas ta' konformità mat-taxxa b'bosta miżuri bħall-konnessjoni obbligatorja tal-cash registers kollha mal-awtoritajiet tat-taxxa. Rigward it-tassazzjoni fuq l-enerġija, il-miżuri meħuda ma jipprovdux inċentivi għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u għandhom effetti distortivi.
- (14) Minkejja t-titjib reċenti, ir-rata baxxa ta' impjeg hiji marbuta mar-rata baxxa ħafna ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh żdied minn 11 % fl-2001 għal 28,1 % fl-2012. L-Iskema Pubblika tal-Impjiegi tuża l-biċċa l-kbira tar-riżorsi baġitarji biex tipprovdi lill-persuni li ilhom qiegħda b'introjtu marbut max-xogħol minflok b'benefiċċji soċjali, minkejja li l-benefiċċji fit-tul fuq l-impjegabbiltà għadhom ma ġewx pruvati. L-Ungerija saħħet il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol iżda ċerti persuni żvantaġġati għandu jkollhom aktar aċċess għalihom. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja għadha waħda mill-iktar baxxi fl-Unjoni. F'dawn l-aħħar ħames snin, ir-rata ta' impjeg tan-nisa baqgħet bejn wieħed u ieħor fl-istess livell baxx. Sabiex in-nisa jiġu mħeġġa jieħdu sehem fis-suq tax-xogħol, il-Gvern espanda l-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u ppromwova arranġamenti flessibbli fuq ix-xogħol. Is-sitwazzjoni soċjali tibqa' sejra lura: 31 % tal-popolazzjoni tinsab friskju ta' faqaw jew esklużjoni soċjali u persentaġġ għoli ta' nies qed jaffaċċjaw deprivazzjoni materjali kbira. Il-faqar jibqa' jolqot b'mod disproporzjonat it-territorji u l-komunitajiet żvantaġġati, b'mod partikolari r-Roma.
- (15) L-ambjent tan-ngeożju fl-Ungerija ilu sejjer lura tul dawn l-aħħar snin kaġun ta' sensiela ta' miżuri fosthom restrizzjonijiet għall-investituri u qafas regolatorju instabbli. Ir-restrizzjonijiet riċenti li laqtu b'mod disproporzjonat lill-investituri barranin huma mmirati l-aktar fuq is-settur tas-servizzi, inklużi dak tal-bejgħ bl-imnut. Il-Programm għal Stat Sempliċi jinkludi 114-il miżura biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji b'madwar HUF 500 biljun iżda l-implimentazzjoni tiegħu ttardjat xi ftit. Livelli baxxi ta' kompetizzjoni fil-prokura-pubblika jippersistu, minkejja li daħlet fis-seħħ liġi għdida fl-1 ta' Jannar 2012. Il-Programm Anti-Korruzzjoni huwa element ċentrali tal-Programm Magyary. Madankollu, billi l-Programm Anti-Korruzzjoni qed jiffoka fuq l-amministrazzjoni pubblika, ma jindirizzax la l-kwistjoni ta' infurzar tal-liġi insuffiċjenti f'dan il-qasam u lanqas il-kontrolli aktar stretti fuq l-iffinanzjar tal-partijiet, qasam ewlieni ta' tħassib. Minkejja l-implimentazzjoni ta' ċerti azzjonijiet ewlenin diġà qed issir, ħafna mill-passi mħabbra għadhom ma twettqux. In-nuqqas ta' monitoraġġ tal-miżuri implimentati jibqa' problematiku wkoll. L-iżvilupp fl-Ungerija fl-2012 u l-2013 żiedu t-tħassib fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tar-Riċerka tikklasifika lill-Ungerija bħala innovatur moderat L-investimenti mis-settur tan-negozju fir-riċerka u żvilupp (R&Ż) isiru l-aktar minn-intrapriżi b'sidien barranin.
- (16) L-Ungerija rnexxielha tnaqqas in-numru ta' dawk li jtilqu l-iskola kmieni. Peress li għad hemm differenzi reġjonali kbar, l-elementi l-ġodda tas-sistema ċentralizzata tal-edukazzjoni pubblika, jekk ma jiġux implimentat bir-reqqa, jaf iħallu impatt negattiv u jżidu l-inugwaljanzi u s-segregazzjoni soċjali. Għalkemm in-numru ta' studenti li qed jipparteċipaw fl-edukazzjoni għolja żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, jonqos xi jsir biex tintleħaq il-medja tal-UE u l-mira nazżjonali ta' Ewropa 2020. Għandu jiġi żgurati li r-riforma tal-edukazzjoni għolja li għaddejja bħalissa ttejjeb l-aċċess għall-istudenti żvantaġġati.
- (17) L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-Pjan Szell Kalman, li hija mmirata biex tittejjeb il-prestazzjoni u l-kosteffettività tat-trasport pubbliku, hija suxxettibbli għal dewmien konsiderevoli u n-nuqqas ta' strateġija komprensiva tat-trasport tfixkel is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tat-trasport. Filwaqt li l-Ungerija żiedet b'mod adegwat l-interkonnessjonijiet tal-qafas tal-elettriku mal-ġirien tagħha kif irrakkomandat fl-2012, in-nuqqas ta' indipendenza tar-regolatur tal-enerġija fl-iffissar tat-tariffi tal-enerġija u s-sehem għoli ta' prezzijiet regolati tal-enerġija fost il-konsumaturi domestiċi u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jibqgħu ta' tħassib.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija. Hija vvalutat l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza, u ppreżentat revizzjoni fil-fond. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovvdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet

nazzjonali tal-ġejjieni. Ir-rakkomandazzjoni tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.

- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-riżultati tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Riforma Nazzjonali u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4) (5) u (7) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tiegħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 sabiex:

1. Timplimenta strateġija fiskali kredibbli u li tiffavorixxi tkabbir billi tispeċifika l-miżuri meħteġa li jiffukaw fuq it-tfaddil mill-infiq u żżomm pożizzjoni fiskali soda fil-konformità mal-OTM tul iż-żmien previst tal-Programm ta' Konverġenza. Billi tibni fuq il-passi msemmija hawn fuq, tqiegħed il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fi proċess sod ta' tnaqqis, anke bil-ħsieb li tnaqqas l-iżbilanċi makroekonomiċi akkumulati. Ittejjeb il-qafas baġitarji ta' terminu medju billi tagħmlu aktar vinkolanti u billi torbtu aktar mill-qrib mar-regoli fiskali numeriċi. Twessa' l-mandat obbligatorju u żżid it-trasparenza tal-Kunsill Fiskali, anke permezz tal-monitoraġġ sistematiku *ex-post* tal-konformità mar-regoli fiskali numeriċi kif ukoll il-preparazzjoni tat-tbassir makrofiskali regolari u l-valutazzjonijiet tal-impatt ta' proposti importanti ta' politika.
2. Tgħin biex jerġa' jiġi instawrat is-self normali lill-ekonomija, prinċipalment billi ttejjeb il-kapaċità ta' akkumulazzjon kapitali fis-settur finanzjarju, fost l-oħrajn billi tnaqqas il-piż żejjed li hemm fuqha bħalissa. Ittejjeb il-kwalità tal-portfoljo billi tneħħi l-assi l-ħżiena mill-karta bilanċjali tal-banek, tikkonsulta mill-qrib mal-partijiet interessati dwar inizjattivi ta' politika ġdida u tiżgura li l-miżuri l-ġodda ta' politika ma jżidux il-periklu morali fost is-selliefa. Iżżid ir-regolar u s-supervizzjoni finanzjarji, partikolarment billi tagħti aktar setgħat ta' emerġenza effettivi lill-Awtorità Ungeriża ta' Supervizzjoni Finanzjarja u billi twaqqaf reġim ta' riżoluzzjoni bankarja.

3. Tiżgura sistema tat-taxxa korporattiva stabbli, aktar bilanċjata u prevedibbli. Tissimplifika t-tassazzjoni korporattiva u tnaqqas id-distorsjonijiet tal-allokazzjoni tar-riżorsi li nħolqu kaġun tat-taxxi speċifiċi għas-setturi, sabiex trawwem it-tkabbir u tkattar l-impjiegi. Tkompli tagħmel it-tassazzjoni tax-xogħol aktar favorevoli għall-impjiegi billi ttaffi l-piż tat-taxxa fuq il-persuni b'paga baxxa, fost l-oħrajn billi tirtfina l-kriterji tal-eligiġibbiltà għall-Att ta' Protezzjoni tal-Impjiegi, u billi tmexxi it-tassazzjoni għal taxxi ambjentali. Timplimenta bis-sħiħ u tħaffef il-miżuri diġà mħabbra biex ittejjeb il-konformità mat-taxxa u tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità mat-taxxa.

4. Tindirizza il-qgħad fost iż-żgħażaġh, pereżempju permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ⁽²⁾. Issaħħaħ il-miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u ttejjeb is-sistema tal-profilu tal-klijenti tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi. Tnaqqas id-dominanza tal-iskema pubblika tax-xogħol fi ħdan il-miżuri tal-impjeg u ssaħħaħ l-elementi tal-attivazzjoni tiegħu. Issaħħaħ il-programmi tat-taħriġ biex ittejjeb il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja. Tkompli tkabbar il-faċilitajiet tal-kura tat-tfal biex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni femminili. Tiżgura li l-oġġettiv tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Inklużjoni Soċjali tiġi integrata fl-oqsma ta' politika kollha sabiex jitnaqqas il-faqar, b'mod partikolari fost it-tfal u r-Roma.

5. Toħloq ambjent ta' negozju ta' appoġġ, b'mod partikolari biex terġa' tistabbilixxi ambjent attraenti għall-investituri barranin diretti, billi tagħmel il-qafas regolatorju aktar stabbli u billi trawwem il-kompetizzjoni fis-suq. Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri maħsuba biex inaqqsu l-piż amministrattiv, ittejjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku u tiegħu aktar miżuri adegwati biex tindirizza l-korruzzjoni. Issaħħaħ aktar il-ġudikatura. Tneħħi l-ostakli introdotti dan l-aħħar fis-settur tas-servizzi, inkluż fis-servizzi tal-bejgħ bl-imnut. Tipprovdi inċentivi mmirati biex tappoġġja l-intrapriżi innovattivi.

6. Timplimenta strateġija nazzjonali dwar it-tluq bikri mill-iskola u tiżgura li s-sistema edukattiva tipprovdi liż-żgħażaġh tagħha bi kwalifiki, kompetenzi u ħilet rilevanti għas-suq tax-xogħol. Ittejjeb l-aċċess għal edukazzjoni tradizzjonali inklużiva, għal dawk li huma żvantaġġati, b'mod partikolari r-Roma. Tappoġġja t-tranżizzjoni bejn l-istadji differenti tal-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol Timplimenta riforma fl-edukazzjoni għolja li tippermetti kisba terzjarja akbar, b'mod partikolari għal studenti żvantaġġati.

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Stabbilita permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

7. Tneħħi b'mod gradwali l-prezzijiet tal-enerġija regolati filwaqt li tiżgura l-protezzjoni effettiva ta' konsumaturi ekonomikament vulnerabbli. Tieħu aktar passi biex tiżgura l-indipendenza tar-regolatur nazzjonali. Tiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-gvern fis-settur tat-trasport billi tnaqqas l-ispejjeż operattivi u żżid id-dħul.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2013 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja, 2012-2017

(2013/C 217/11)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u għat-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li se tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida

għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu "l-linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tal-ekonomija u tal-impjiegi tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fuq livell nazzjonali, ta' UE u taż-żona euro, bl-użu tal-influenzi, l-istrumenti, u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fuq livell ta' Stat Membru, b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Italja għall-2012-2015.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2013. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha identifika lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu garantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 46.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppublikat ir-riżultati tal-analiżi ddettaljata tagħha dwar l-Italja, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Italja qiegħda tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li jenħtieġu azzjoni b'politika determinata. B'mod partikolari, it-telf tal-kompetittività esterna kif ukoll id-dejn pubbliku f'ambjent ta' tkabbir imrażżan b'mod kroniku, jibqgħu identifikati bħala l-iżbilanċi makroekonomiċi prinċipali tal-Italja.
- (9) Fil-11 ta' April 2013, l-Italja ssottomettiet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2017. Wara din is-sottomissjoni, il-Gvern il-ġdid appuntat fit-28 ta' April wera l-intenzjoni li jsaħħaħ l-aġenda tar-riforma strutturali filwaqt li kkonferma l-miri baġitarji mressqin fil-Programm ta' Stabbiltà. Fis-17 ta' Mejju, ġie adottat digriet leġiżlattiv li kellu dispożizzjonijiet ġodda dwar it-tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli u l-estensjoni tal-iskema għas-supplement ta' pagi għall-ħaddiema mhux impjegati biżżejjed. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi u l-miżuri ġodda meħuda mill-Gvern ġew iwwalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jappoġġja il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa ottimist għall-2014, meta kkumparat mat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi l-Kummissjoni. Dak ix-xenarju huwa plawżibbli mill-2015. Madanakollu, dan jekk jiġi meqjus li sseħħ l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi strutturali adottati, li tibqa' sfida. L-istrateġija baġitarja mfasla fil-Programm ta' Stabbiltà ġiet ikkonfermata mill-Gvern u approvata mill-Parlament. Din għandha l-għan li żżomm id-defiċit taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu tal-Programm, tilħaq l-oġettiv ta' terminu medju (OTM) fl-2013 u tpoġġi l-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG fit-triq tan-niżla sa mill-2014. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-OTM ta' pożizzjoni baġitarja f'termini strutturali, li qiegħed flinja mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-defiċit tnaqqas għall-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2012 u skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, huwa mistenni jibqa' taħt il-valur referenzjali tat-Trattat fl-2013-14. Id-dispożizzjonijiet adotatti mill-Gvern Taljan fis-17 ta' Mejju ġew iwwalutati li m'għandhomx impatt sinifikattiv fuq id-defiċit, jekk implimentati b'mod konsistenti. Kif deskritt fid-Deċiżjoni li tħassar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2013, żewġ miżuri ta' salvagwardja ġew imdaħħla fl-eżekuzzjoni sabiex tiġi assigurata l-kisba tal-miri tal-baġit. Il-bilanċ strutturali, wara li tjeib b'2,7 punti perċentwali tal-PDG f'termini kumulattivi bejn l-2009 u l-2012, u jekk ma jkunx hemm aktar tibdil ta' politika, bħala parti mill-PDG huwa previst li jitjeb b'punt perċentwali ieħor fl-2013, għal -0,5 %, u mbagħad jonqos marġinalment fl-2014.
- (11) Filwaqt li ġew adottati riformi importanti li jħeġġu isostenibbiltà fiskali u jixprunaw it-tkabbir, l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom tibqa' sfida u hemm lok għal aktar azzjoni. Numru ta' miżuri prinċipali li ġew proposti għadhom ma ġewx approvati jew għadhom jenħtieġu leġiżlazzjoni applikattiva, u hemm ir-riskju li l-applikazzjoni konkreta tagħhom ma tkunx segwita fil-livelli kollha tal-Gvern. Minkejja l-azzjoni meħuda, l-effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika f'termini ta' qafas regolatorju u proċedurali, il-kwalità tal-governanza u l-kapaċità amministrattiva għadhom isofru minn dgħufijiet li jaffettwaw l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-ambjent kummerċjali.
- (12) It-tlestija tar-riforma tal-ġustizzja ċivili bl-implimentazzjoni tar-reviżjoni fl-organizzazzjoni tal-qrati u t-tnaqqis tad-dewmien eċċessiv, id-dewmien fl-immaniġjar tal-każijiet, ix-xogħol b'lura u l-livell għoli ta' tilwim legali, hija neċessarja biex jitjeb l-ambjent kummerċjali. Wara sentenza tal-qorti Kostituzzjonali dwar il-medjazzjoni f'Ottubru 2012, hija meħtieġa azzjoni li tipromwovi l-użu ta' mekkaniżmi għal soluzzjoni għat-tilwim barra l-qorti. Il-korruzzjoni tirrappreżenta inkwiet serju li timplika spiża stmata għal 4 % tal-PDG, li ttellef serjament il-potenzjal ta' rkupru ekonomiku. Il-Liġi ta' Kontra l-Korruzzjoni ta' Novembru 2012 tenħtieġ azzjoni ta' segwitu u l-effiċjenza fit-trażżin tal-korruzzjoni tista' tittejjeb, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatut tal-limitazzjonijiet attwalment ikkaratterizzat minn termini qosra ta' preskrizzjoni.

- (13) L-istrateġija ta' konsolidazzjoni fiskali ambizzjuża adottata s'issa kienet akkumpanjata bl-introduzzjoni ta' regola baġitarja b'bilanċjata fil-Kostituzzjoni f'April 2012 u b'azzjoni sabiex tittejjeb l-effikaċja u l-kwalità tan-nefqa pubblika. Madankollu, lakuni fl-implimentazzjoni tellfu l-effettività sħiħa tal-azzjoni meħuda. Stalemate politiku ibblokkjat-tnaqqis meħtieġ fl-għadd ta' provinċji. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Koezzjoni għamilha possibbli li l-fondi strutturali li jammontaw għal EUR 11,9 biljun jiġu assorbiti malajr kemm jista' jkun fi tliet fazzjiet konsekuttivi. Madankollu, ma hemmx ħerqa għal titjib fl-immaniġjar ġenerali tal-fondi, speċjalment fin-nofsinar tal-Italja, li jagħti lok għal tħassib serju għall-perjodu ta' programmar tal-2014-2020. Dan jiftaħ l-ambitu għal titjib fl-effiċjenza tan-nefqa pubblika.
- (14) Il-banek tradizzjonalment għandhom rwol deċiżiv billi jappoġġjaw l-attività ekonomika Taljana, b'mod partikolari b'self lill-impriżi żgħar, iżda din il-kapaċità tagħhom li jieħdu dan ir-rwol ġiet imdgħajfa minħabba r-riċessjoni ekonomika fit-tul. Iż-żieda fir-riskju ta' kreditu, bi stokk kbir u dejjem jiżdiend ta' self li mhux irendi, ikkontribwixxiet għal tnaqqis fis-self u tigrava l-profitabbiltà baxxa tal-banek. Bi tweġiba, il-Bank tal-Italja qed jivvaluta l-adeqwatezza tal-provvediment ta' self danneġġat bi spezzjonijiet fuq il-post. Karatteristiċi speċifiċi fil-governanza korporattiva ta' ċerti banek Taljani jistgħu jillimitaw l-effikaċja tal-intermedjazzjoni finanzjarja tagħhom. Ġew adottati miżuri li jinkuraġġixxu l-użu ta' mezzi finanzjarji mhux bankarji, b'mod partikolari il-finanzjament tal-ekwità u l-finanzjament tal-bonds tal-kumpaniji, u sabiex jinkuraġġixxu l-kapaċità innovattiva, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jibqa' limitat u għandhom ma ġewx s'issa kompletament implimentati. It-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali⁽¹⁾ u s-saldu ppjanat tal-istokk akkumulat ta' dejn kummerċjali se jikkontribwixxu biex itejbu l-likwidità tal-impriżi.
- (15) Riforma tas-suq tax-xogħol fuq firxa wiesgħa ġiet adottata f'Ġunju 2012, u tindirizza r-riġidità u s-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol. Ir-riforma trid titlesta billi tiġi adottata l-legalizzazzjoni implimentattiva pendenti u t-tħaddim konkret tagħha jkun immonitorjat b'reqqa fuq il-post. Barra minn hekk, is-servizz statali tal-impjeggi għad irid jiġi integrat mal-amministrazzjoni tal-benefiċċju tal-qgħad sabiex tkun apoġġata l-implimentazzjoni ta' strateġiji effiċjenti ta' attivazzjoni. Qafas ġdid għall-iffissar tal-paġi kien definit mill-imsieħba soċjali fi ftehimiet suċċessivi bejn l-2011 u l-2013. Dan huwa appoġġat minn inċentivi fiskali sabiex jixpruna l-allinjament tal-paġi mal-produttività u bil-kundizzjonijiet lokali tas-suq tax-xogħol. Dan il-qafas għandu jkun implimentat b'mod effettiv u aġġustat progressivament abbażi tal-monitoraġġ tar-riżultati.
- (16) Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-proporzjon ta' żgħażaġh li m'għandhomx impjeg, edukazzjoni jew taħriġ komplew jżdiendu, sal-aħħar tal-2012 laħqu 37 % u 21,1 % rispettivament. Kemm min għandu edukazzjoni terzjarja kif ukoll ir-rata tal-impjeggi għall-iggradwati terzjarji żgħażaġh huma l-aktar baxxi fl-Unjoni, li turi li l-ħiliet tal-iggradwati żgħażaġh ftit li xejn jirriflettu r-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol. It-tluq kmieni mill-iskola għalkemm qed jonqos b'moderazzjoni, għadu għoli. Dan iqajjem tħassib rigward il-prestazzjoni tas-sistema edukattiva. Waħda mill-elementi prinċipali f'dan ir-rigward hija l-professjoni tal-għalliem, li attwalment hija kkaratterizzata minn karriera b'rotta waħda u toffri prospettivi limitati f'termini ta' żvilupp professjonali. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha dgħajfa u d-differenza bejn l-irġiel u n-nisa impjegati għadha waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, u b'mod partikolari d-depravazzjoni materjali severa qed jiżdiendu, filwaqt li s-sistema ta' protezzjoni soċjali għandha diffikultajiet li qed jiżdiendu, biex tkampa mal-bżonnijiet soċjali ġaladarba hija ddominata min-nefqa għall-pensjonijiet, kif ukoll it-trasferimenti soċjali.
- (17) L-istruttura tas-sistema tat-taxxa għadha kumplessa u tistrieħ ħafna fuq ix-xogħol u l-kapital. Wara sforz li ttieħed fl-2010-2011, miżuri oħra li ġew adottati biex ixaqilbu l-piż tat-taxxa minn fuq il-fatturi produttivi għal fuq il-konsum, il-proprietà u l-ambjent, kienu aktar limitati. Għad hemm bżonn ta' azzjoni biex tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa, jiġu ssimplifikati n-nefġiet fiskali, titjeb il-konformità u tiskoraġġixxi l-evazzjoni. Sakemm issir ir-reviżjoni tal-valuri katastali, ir-riforma prevista fit-tassazzjoni tal-proprietà immobbli għandha fil-mira li tagħmilha aktar ġusta, skont il-limiti tal-istrateġija baġitarja stipulata fil-Programm ta' Stabbiltà. Minn tnaqqis fl-ekonomija s-sewda u x-xogħol mhux iddikjarat jistgħu jibbenefikaw il-finanzi pubbliċi u jista' jkun hemm implikazzjonijiet pożittivi fuq l-ekwitajiet. Ir-reviżjoni tal-eżenzjonijiet tal-VAT jew ir-rati mnaqqsin u l-infiq fiskali dirett jistgħu jenħtieġu xi aġġustament fit-trasferimenti soċjali sabiex ikun imnaqqas l-impatt tad-distribuzzjoni.
- (18) Saru sforzi notevoli biex is-settur tas-servizzi jiġi liberalizzat. Madankollu, ir-riforma tal-professjonijiet irregolati għandha titkompla sabiex tindirizza ir-restrizzjonijiet li fadal, u l-prinċipji ewlenin għandhom ikunu s-salvagwardja kontra l-ostakli possibbli, li jiġu b'mod partikolari mir-riforma tal-professjoni legali. Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali f'Luġu tal-2012, azzjoni sabiex jinfetħu s-servizzi pubbliċi lokali hija wkoll importanti. Is-segwitu ta' proposti mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Taljana kif previst mill-legalizzazzjoni Taljana jgħin biex jiġi indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

(¹) ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17 Volum 01 p. 226.

(19) Ir-riforma fl-industrija tan-netwerks għadha ghaddejjja biex jinfetħ l-aċċess għas-suq u titjeb il-kapaċità infrastrutturali, iżda għad hemm sfidi importanti. Is-separazzjoni tas-settur tal-gass hija kważi lesta u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Enerġija ta' Marzu 2013 hemm bżonn tiġi implimentata aktar. Il-ftuħ tat-telekomunikazzjoni għall-kompetizzjoni huwa qasam potenzjali ieħor ta' azzjoni. L-awtorità tat-trasport il-ġdida responsabbli mill-awtostradi, l-ajruporti, il-portijiet u l-ferroviji għadha ma twaqqfix. Għandha tkun indipendenti, tingħata r-riżorsi li għandha bżonn biex tiffunzjona u jkollha poter li tagħti sanzjonijiet. Hemm ukoll il-problema serja tan-nuqqasijiet infrastrutturali interni u bejn il-fruntieri, b'differenzi bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, li jikkontribwixxu għal prezzijiet enerġetiċi għoljin, penetrazzjoni baxxa tal-broadband u konġestjoni tat-trasport.

(20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, u ppreżentat analiżi fil-fond. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fl-Italja, imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.

(21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(22) Fid-dawl tal-analiżi ddettaljata tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.

(23) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tagħha hija l-euro, l-Italja għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 sabiex:

1. Tiżgura li d-defiċit jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2013, billi timplimenta bi sħiħ il-miżuri adottati. Twettaq l-aġġustament strutturali b'pass xieraq u

permezz ta' konsolidazzjoni fiskali li tħeġġeġ it-tkabbir sabiex tilħaq u żżomm l-OTM sa mill-2014. Tilħaq l-eċċessi strutturali primarji ppjanati sabiex il-proporzjon għoli ferm ta' bejn id-dejn u l-PDG jieħu t-triq tan-niżla. Tkompli twettaq titjeb li jdum fl-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika billi timplimenta bi sħiħ il-miżuri adottati fl-2012 kif ukoll iżżid l-isforz permezz ta' analiżi regolari profonda tal-infiq fil-livelli kollha tal-Gvern.

2. Tiżgura l-implimentazzjoni fwaqtha tar-riformi li għadhom għaddejjin billi tadotta b'ħeffa l-leġiżlazzjoni applikabbli neċessarja, li għandha tkun segwita bit-tweqqif konkret fil-livelli kollha tal-Gvern u bil-partijiet interessati rilevanti kollha, u bil-monitoraġġ tal-impatt tagħhom. Issaħħaħ l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u ttejjeb il-koordinazzjoni bejn is-saffi tal-Gvern. Tissimplifika l-qafas amministrattiv u regulatorju għaċ-ċittadini u n-negozji u tnaqqas id-dewmien fl-immaniġjar tal-każijiet kif ukoll il-livelli għolja ta' tilwim fil-ġustizzja ċivili, anki billi ssaħħaħ l-proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Issaħħaħ il-qafas legali għat-trażżin tal-korruzzjoni, anki billi jiġu reviżjonati r-regoli li jirregolaw il-perjodi ta' limitazzjoni. Tadotta miżuri strutturali biex ittejjeb l-immaniġjar tal-fondi tal-UE fir-reġjuni tan-Nofsinhar fil-perjodu ta' programmar 2014-2020.

3. Testendi Prattiki ta' governanza korporattiva tajba għas-settur bankarju kollu li jwasslu għal aktar effiċjenza u profittabbiltà biex ikun sostnut il-fluss ta' kreditu għall-attivitajiet produttivi. Titrasferixxi x-xogħol li għaddej bħalissa rigward l-iskrinjar tal-kwalità tal-assi għas-settur bankarju u tiffaċilita s-saldu ta' self improduktiv fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek. Tippromwovi aktar l-iżvilupp tas-swieq tal-kapital biex tiddiversifika u ssaħħaħ l-aċċess tal-impriżi għall-finanzjament, speċjalment fl-ekwiż, u b'hekk tinkoraġġixxi l-kapaċità u tkabbir fl-innovazzjoni.

4. Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tas-suq tax-xogħol u tar-riformi għall-iffissar tal-pagi, sabiex tippermetti allinjament aħjar bejn il-pagi u l-produttività. Tieħu aktar azzjoni biex ittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol speċjalment tan-nisa u taż-żgħażaġh, pereżempju permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Issaħħaħ l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, tiżgura aktar effiċjenza fis-servizzi pubbliċi tal-impjeg u ttejjeb is-servizzi dwar il-karriera u li jagħtu parir lill-istudenti terziarji. Tnaqqas id-dizincementi fiskali biex it-tieni persuna toħroġ taħdem b'paga u ttejjeb id-dispożizzjoni tas-servizzi għall-kura, speċjalment kura għat-tfal u dik fit-tul, u s-servizzi mhux marbutin mal-iskola. Iżżid l-isforzi biex timpedixxi t-tluq kmieni mill-iskola u ttejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni kif ukoll tar-riżultati, anki billi ssaħħaħ l-iżvilupp professjonali u d-diversifikazzjoni tal-karriera tal-għalliema. Tiżgura l-effikaċja tat-trasferimenti soċjali, b'mod partikolari billi tpoġġi fil-mira l-benefiċċji, speċjalment għall-familji bi dħul baxx li għandhom it-tfal.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

5. Tispostja l-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol u l-kapital għal fuq il-konsum, il-proprjetà u l-ambjent b'mod newtrali għall-baġit. Għal dan il-għan, tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet tal-VAT u tar-rati mnaqqsin u tal-infiq dirett tat-taxxa, u tirriforma s-sistema katastali biex tallinja l-bażi tat-taxxa tal-proprjetà immobbli rikorrenti mal-valuri tas-suq. Tiġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa, ittejjeb il-konformità tat-taxxa u tieħu passi deċiżivi kontra l-ekonomija sewda u x-xogħol mhux iddikjarat.
6. Tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri li għandhom fil-mira l-liberalizzazzjoni tas-swieq fis-settur tas-servizzi. Tneħħi r-restrizzjonijiet li jifdal fis-servizzi professjonali u ttejjeb l-aċċess għas-suq, pereżempju, fl-għoti tas-servizzi pubbliċi lokali, fejn l-użu tal-akkwist pubbliku għandu jitmexxa 'l quddiem, minflok il-konċessjonijiet diretti. Tpoġġi fis-seħħ il-miżuri meħuda sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet

t'aċċess għas-suq fl-industriji tan-netwerk, b'mod partikolari billi bħala prijorità twaqqaf b'urġenza l-Awtorità tat-Trasport. Taġġorna l-kapaċità tal-infrastruttura, b'fowkus fuq l-inter-konnessjonijiet tal-enerġija, it-trasport intermodali u l-broadband b'veloċità għolja fit-telekomunikazzjoni, anki bil-ħsieb li jiġu indirizzati d-differenzi bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Latvja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, 2012-2016

(2013/C 217/12)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinthieg azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jkunu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell

nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Latvja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja għall-perijodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika dwar l-ekonomija. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Latvja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom issir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jiġteggjg it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fid-29 ta' April 2013, il-Latvja ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perijodu 2012-2016 u fit-2 ta' Mejju 2013, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivalutati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 50.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

għall-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plaw-zibbli. It-tkabbir ekonomiku huwa mistenni jonqos xi ftit, għal madwar 4 % fis-sena, matul il-perjodu tal-Programm, filwaqt li ż-żidiet fil-prezzijiet huma previsti li jibqgħu moderati. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika naqas fl-2012 għal livell ħafna inqas il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat u l-objettiv ta' terminu medju (OTM) intlaħaq f'dik is-sena, konsiderevolment aktar kmieni minn dak li kien previst fil-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja għall-perjodu 2012-2015. Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-OTM preċedenti ta' -0,5 %, li jirrifletti kif xieraq l-għanijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza hu li tinżamm pożizzjoni strutturali baġitarja li hija bbażata fuq l-MTO, bi kwalunkwe devjazzjoni limitata għall-impatt inkrementali ta' riforma sistemika tal-pensjonijiet. Din ir-riforma tinvolvi żieda gradwali fis-sehem tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jiġu ddevjati lejn skema ffinanzjata tal-pensjoni u hija implimentata fl-2013, l-2015 u l-2016. Madankollu, wara valutazzjoni ġenerali bil-bilanċ strutturali rikalkulat bħala referenza, inkluża analiżi tal-infiq mingħajr ma jitqiesu l-miżuri diskrezzjonali, jidher li l-bilanċ strutturali huwa stabbilit għal devjazzjoni mill-OTM b'1,0 punt perċentwali tal-PDG fl-2013, jiġifieri ħafna iktar mit-tnaqqis tal-impatt inkrementali tas-sistema tar-riforma tal-pensjonijiet, u b'0,2 punti perċentwali oħra fl-2014. Huwa previst li d-dejn tal-gvern se jibqa' ferm taħt is-60 % matul il-perjodu kollu tal-Programm, jiġifieri jżided minn 40,7 % tal-PDG fl-2012 għal 44,5 % fl-2013, hekk kif il-Gvern jakkumula assi għall-ħlasijiet lura tad-dejn, u jibda jonqos mill-2014 hekk kif jibdeu jitqiesu l-ħlasijiet lura, u laħaq 34,6 % sa tmiem il-perjodu tal-programm. Il-Liġi tad-Dixxiplina Fiskali ġiet approvata mill-Parlament Latvjan f'Janjar 2013 u daħlet fis-seħħ f'Marzu 2013. Jekk implimentata effettivament, il-Liġi l-ġdida se ssaħħaħ konsiderevolment il-qafas fiskali fil-Latvja, u se tipprovi mekkaniżmu effettiv li jillimita ż-żieda fin-nefqa fi żminijiet ekonomiċi tajbin u sservi bħala bażi għal ibbaġitjar multiannwali bbażat fuq ir-regoli.

- (10) Il-Latvja naqqset it-taxxi fuq ix-xogħol u beħsiebha tieħu passi ulterjuri f'dan ir-rigward fl-2014 u l-2015. Minkejja dan, il-porzjon ta' taxxa għal dawk b'paga baxxa xorta għadu fost l-ogħla fl-Unjoni, li jindika l-ħtieġa għal kalibrazzjoni xierqa tal-politika tat-taxxa biex tistimula l-impjiegi għal ħaddiema li huma anqas imħarrġa. Barra minn hekk, li t-tassazzjoni fuq ix-xogħol issir taxxi fuq il-proprjetà rikorrenti u taxxi fuq l-użu ta' riżorsi naturali u oħrajn għandu jtejjeb il-bilanċ strutturali. It-taxxi ambjentali jibqgħu relattivament sottożviluppati u huma profondament iddominati mit-tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-magni, filwaqt li t-tassazzjoni fuq sorsi oħra ta' enerġija, it-tniġġis u l-użu tar-riżorsi naturali hija inqas mill-medja tal-UE. Aktar twessigħ tal-bażi tat-taxxa biex tinkludi sorsi oħra ta' tassazzjoni ambjentali jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet ambjentali. Il-Gvern żied l-isforzi fil-ġlieda tiegħu kontra l-ekonomija informali u dawn l-isforzi għandhom jinżammu.
- (11) Filwaqt li l-aġġustament strutturali ta' wara l-kriżi kien ta' suċċess, l-esperjenza ta' ċiklu boom-bust qawwi titlob

monitoraġġ għat-tkabbir futur ta' kreditu u l-istabbiltà tal-bażi ta' finanzjament tal-bank marbuta ma' introjtu minn depożiti barranin permezz ta' politiki mikro u makroprudenzjali.

- (12) Il-Latvja ħadet għadd ta' passi biex tindirizza r-rata għolja ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh. Tkabbir l-finanzjament u l-kopertura ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol fl-2013 meta mqabbla mal-2012, u qed jiġu implimentati miżuri ġodda, inklużi l-identifikazzjoni profilistika ta' dawk li huma qiegħda u t-titjib tal-għajnuna fit-tiftix ta' impjiegi. Madankollu, il-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġh għadhom għoljin, l-attivazzjoni tal-persuni qiegħda u dawk li jirċievu l-benefiċċji hija baxxa u l-aċċess għas-servizzi soċjali huwa batut. Hemm tħassib li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qed jonqos milli jipprovi kwalità suffiċjenti ta' ħiliet għall-forza tax-xogħol u hemm disponibbiltà limitata ta' taħriġ ta' kwalità bbażat fuq ix-xogħol. Hemm bżonn li tiġi stabbilita gwida komprensiva għall-karriera u titkompla tal-implimentazzjoni tar-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż it-titjib tal-kwalità u l-aċċessibilità ta' taħlim ibbażat fuq ix-xogħol u l-komponenti ta' apprendistat tiegħu.
- (13) Proporzjon għoli (40 %) tal-popolazzjoni Latvjana hija fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dan huwa saħansitra ogħla għat-tfal, attwalment 43,6 %. B'mod ġenerali, ir-rata tar-riskju ta' faqar żdiedet kemxejn fl-2012, u dan jissuġġerixxi li t-tkabbir ma jirriżultax awtomatikament f'anqas faqar, u li hemm bżonn ta' politiki mmirati. Il-Latvja ħadet xi passi biex tindirizza l-faqar ta' nies qiegħda u t-tfal. Madankollu, kien hemm inqas azzjoni diretta biex jiġu indirizzati l-problemi tas-sistema tal-assistenza soċjali b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza, l-adeqwatezza tal-benefiċċju u l-kopertura, kif ukoll nuqqas ta' miżuri ta' attivazzjoni għal dawk li jirċievu l-benefiċċji. In-nuqqas ta' spazju fiskali wassal biex il-Latvja tnaqqas il-livell tad-dħul minimu garantit (DMG) u tabolixxi l-finanzjament mill-baġit tal-istat tal-benefiċċju tad-DMG. Dawn id-deċiżjonijiet x'aktarx li se jaggravaw il-faqar estrem u se jżidu l-inugwaljanza eżistenti fl-aċċess għall-assistenza soċjali madwar il-gvernijiet lokali, filwaqt li jnaqqsu l-inċentivi tal-gvernijiet ċentrali biex jinvestu fl-iżvilupp tal-politika u l-kontroll tal-assistenza soċjali. Huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-effetti ta' dawn id-deċiżjonijiet sabiex jiġi evitat kwalunkwe deterjorament fis-sitwazzjoni.
- (14) Il-Latvja pproponiet riforma ambizzjuża li jista' jkollha impatt pożittiv sinifikanti fuq il-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni għolja tagħha. Il-pjanijiet ta' riforma jkopru tiġdid radikali tal-proċess ta' akkreditazzjoni, is-separazzjoni tal-funzjonijiet akkademiċi u ta' ġestjoni tal-universitajiet, l-iżvilupp ta' mudell ġdid tal-iffinanzjar, u l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla. Madankollu, il-pjanijiet għadhom fi stadju bikri u jeħtieġ li jiġu implimentati sewwa biex tiżgura li impatti pożittivi previsti jimmaterjalizzaw. Barra minn hekk, fl-2013, ser issir evalwazzjoni tal-effettività tal-istituzzjonijiet xjentifiċi

u l-istrategġiji tal-iżvilupp tagħhom. Din il-valutazzjoni importanti għandha tgħin biex issostni r-riformi u l-finanzjamenti futuri tal-istituzzjonijiet xjentifiċi, b'appoġġ għaż-żieda fl-attività ta' innovazzjoni fil-Latvja.

(15) Il-Latvja ressqet miżuri ta' politika li jindirizzaw l-iffrankar tal-enerġija għas-setturi ewlenin tal-ekonomija. Huwa mistenni li fis-snin li ġejjin aktar minn 70 % tal-iffrankar tal-enerġija għandu jiġi ġġenerat fis-settur tal-bini. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' insulazzjoni tad-djar qed issir bil-mod u l-għadd ta' proġetti li tlestew jibqa' żgħir meta mqabbel mal-istokk ta' bini, b'telf kbir fl-enerġija. Il-potenzjal għal kisbiet fl-effiċjenza f'dan il-qasam huwa sinifikanti hekk kif l-intensità tal-enerġija tad-djar tal-Latvja kienet l-ogħla fl-Unjoni fl-2010. Fl-2012, il-Latvja għamlet progress fil-ftuħ tas-suq tal-elettriku tagħha għall-kompetizzjoni u l-parteċipazzjoni fi swieq reġjonali. L-ikkuntrattar dirett mal-fornituri tal-elettriku huwa infurzat kompletament fis-settur tan-negożju u introdott fuq bażi volontarja tad-djar. Il-Latvja dalwaqt se tingħaqad mas-suq ta' Nord Pool Spot f'Ġunju 2013. Madankollu, ma sar l-ebda progress biex is-suq tal-gass naturali jinfetħ u d-dipendenza fuq sors wieħed tiddomina. L-awtoritajiet qed iħabbtu wiċċhom ukoll ma' negożjati diffiċli fuq is-sjeda u l-ġestjoni tal-faċilità ta' ħażna tal-gass, li hija ta' importanza kbira għat-tħaddim xieraq tas-suq tal-gass reġjonali.

(16) Is-sistema ġudizzjarja Latvjana hija kkaratterizzata minn ineffiċjenzi fis-sistema tal-ġustizzja ċivili. Is-sistema tiġbor flimkien diversi fatturi mhux favorevoli bħal proċeduri twal biex jissolvew każijiet ċivili u kummerċjali fl-ewwel istanza u rati baxxi ta' każijiet maqtugħa li jwasslu għal xogħol b'lura fil-każijiet tal-qorti. Il-ħinijiet ta' dispożizzjoni huma partikolarment twal għall-proċeduri ta' insolvenza. Barra minn hekk, ħafna każijiet ma jiġux riżolti fl-ewwel istanza, li joħloq dewmien fil-livelli kollha, sa dak tal-Qorti Suprema. Dan l-aħħar ittieħdu passi pożittivi biex titjeb l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema, iżda għadu kmieni wisq biex l-impatt tagħhom jiġi smat. Huwa partikolarment importanti li tiġi ddedikata biżżejjed attenzjoni għall-politiki ta' ġestjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-ġudikatura. Aktar involviment mill-Kunsill Ġudizzjarju, ħsibijiet ġodda dwar ir-rwol ta' pożizzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan il-ġudikatura u aktar taħriġ għall-imħallfin jistgħu jikkontribwixxu għal kwalità ogħla fil-ġudikatura. L-emendi għal-Liġi dwar l-Insolvenza ġew proposti sa tmiem l-2012. Madankollu, għad irid jiġi ċċarat jekk l-emendi proposti humiex biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-liġi b'mod komprensiv. Pereżempju, ġew identifikati problemi marbuta mal-implimentazzjoni Prattika tal-liġi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-rwol ta' dawk li jaħdmu fil-qasam tal-insolvenza, ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-imħallfin u l-likwidazzjoni effettiva ta' assi, kif ukoll kwistjonijiet ma' insolvenzi personali, li wkoll iridu jiġu indirizzati.

(17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ma qisix biss ir-rilevanza

tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Latvja iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (7) hawn taħt.

(18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-Latvja, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Issaħħa l-istrategġija baġitarja biex tiżgura li d-devjazzjoni mill-OTM tirrifletti biss l-impatt inkrimentali tar-riforma sistematika tal-pensjonijiet. Fi ħdan din l-istrategġija, tnaqqas it-tassazzjoni għal dawk li b'paga baxxa billi t-tassazzjoni tinxteħet fuq oqsma bħalma huma d-dazji tas-sisa, taxxi fuq il-proprietà rikorrenti u/jew taxxi ambjentali. Jinżammu l-isforzi biex titjeb il-konformità mat-taxxa u l-ġlieda kontra l-ekonomija klandestina. Tkompli ssaħħa il-qafas fiskali permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Liġi tad-Dixxiplina Fiskali u baġitjar multiannwali.

2. Tkompli tuża l-politiki mikro- u makro-prudenzjali biex tipprevjeni vulnerabbiltajiet eventwali li jistgħu jinħolqu fil-futur minn tkabbir ta' kreditu u attivitajiet bankarji nonresidenti.

3. Tindirizza l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġħ billi żżid il-kopertura u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi soċjali mmirat. Ittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ, pereżempju permezz ta' Garanziji għaż-Żgħażaġħ, it-twaqqif ta' gwida għall-karriera, timplimenta riformi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u ttejjeb il-kwalità u l-aċċessibilità tal-apprentistati.

4. Tindirizza r-rati għoljin ta' faqar bir-riforma tal-assistenza soċjali għal kopertura aħjar, billi ttejjeb l-adeqgatezza tal-benefiċċji u l-miżuri ta' attivazzjoni għal dawk li jirċievu l-benefiċċji. Issaħħa il-mekkaniżmi ta' twassil biex tnaqqas il-faqar fost it-tfal b'mod effettiv.

5. Timplimenta r-riformi ppjanati tal-edukazzjoni għolja li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' mudell

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- tal-iffinanzjar li jippremja l-kwalità, ir-riforma ta' sistema ta' akkreditazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni. Tiegħu passi ulterjuri biex timmodernizza l-istituzzjonijiet tar-riċerka bbażati fuq il-valutazzjoni indipendenti li qed tiġi attwata.
6. Ittejjeb l-effiċjenza enerġetika, speċjalment ta' bini residenzjali u n-netwerks ta' tisħin distrettwali, tipprovdi inċentivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija u biex il-konsum jiġi orjentat lejn prodotti li huma effiċjenti fl-enerġija. Ittejjeb il-konnettività man-netwerks tal-enerġija tal-UE u tiegħu passi lejn il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-gass naturali, inkluż il-provvediment ta' regoli ċari tal-aċċess għall-partijiet terzi għall-faċilitajiet ta' ħażna.
7. Tlesti r-riformi pendenti biex ittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-ġudikatura u tnaqqas ix-xogħol b'lura u t-tul tal-proċedimenti, inkluż fir-rigward ta' insolvenza. Tpoġġi fis-seħħ politika komprensiva tar-riżorsi umani u tiegħu passi biex timplimenta l-liġijiet dwar il-medjazzjoni u tissimplifika s-sistema tal-qorti tal-arbitraġġ.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Litwanja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja, 2012-2016

(2013/C 217/13)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strategġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-'linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jquis l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ

biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrategġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Litwanja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja għall-perijodu 2011-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika dwar l-ekonomija. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Litwanja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom issir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jittejjeg it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fid-9 ta' April 2013, il-Litwanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u, fis-26 ta' April 2013, il-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew invaluatati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill hu tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfered il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm ta' stabbiltà huwa plawżibbli u fil-biċċa l-kbira huwa konsistenti mal-valutazzjoni fit-tbassir tar-rebbiegħa mis-servizzi tal-Kummissjoni. Wara konsolidazzjoni fiskali ambizzjuża sa mill-2009, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 54.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

tnaqqas għal 3,2 % tal-PDG fl-2012, li huwa meqjus bħala suffiċjenti għar-revoka tad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, filwaqt li jitqies il-kost tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet. It-tnaqqis fid-defiċit kien sa ċertu punt ukoll ibbażat fuq tkabbir ekonomiku b'saħħtu u ffriżar temporanju tan-nefqa. Il-Programm ta' Konverġenza biddel l-oġettiv fuq terminu medju (OTM) minn +0,5 % għal -1,0 %, li huwa xorta waħda konformi mal-oġettivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

L-istrateġija baġitarja deskritta fil-programm għandha l-mira li tilħaq l-OTM sal-2016. Abbażi tal-bilanċ baġitarju strutturali (rikalkulat), il-progress annwali lejn l-OTM f'termini strutturali huwa ogħla minn 0,5 % tal-PDG. Il-valur referenzjarju tan-nefqa taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul il-perjodu tal-Programm huwa milħuq. L-aġġustament huwa xi ftit imxaqleb lejn il-bidu tal-perjodu u jistrieħ l-aktar fuq trażżin fin-nefqa, iżda huwa biss parzjalment sostnut minn miżuri konkreti, inklużi miżuri ta' darba li mhumiex dejjem speċifikati. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-aġġustament strutturali fl-2013 u fl-2014 huwa mistenni li jkun ta' 0,3 % u 0,0 % tal-PDG rispettivament u għalhekk anqas mill-progress meħtieġ ta' 0,5 % tal-PDG, u dan jiffa' wkoll dubju fuq il-perkors tal-aġġustament tal-Programm ta' Konverġenza. Għadhom iridu jiġu speċifikati miżuri oħra ta' konsolidazzjoni, u għandhom jiġu kkunsidrati riformi strutturali, inkluża bidla għal miżuri bbażati fuq id-dħul. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika li kien ta' 40,7 % fl-2012 baqa' taħt is-60 % tal-PDG, u huwa mistenni li jinżel ftit matul il-perjodu tal-programm. Filwaqt li fil-Programm ta' Konverġenza huwa mistenni li d-dejn jonqos għal 39,7 % fl-2013 u jonqos aktar għal 34,5 % sal-2016, it-tbassir tar-rebbiegħa mis-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li dan jonqos għal 40,1 % tal-PDG fl-2013 u għal 39,4 % fl-2014. Id-differenzi huma fuq kollox ir-riżultat ta' preżunzjoni ta' defiċits aktar baxxi fil-Programm ta' Konverġenza.

(10) Minkejja li l-pożizzjoni tad-defiċit tagħha tjebet matul is-snin, il-Litwanja għad ma għandhiex biżżejjed spazju fiskali sabiex tirreaġixxi għal xokkijiet negattivi. Madankollu, hemm lok għal tassazzjoni li tikkawża anqas distorsjoni u titjib ulterjuri fil-konformità tat-taxxa. Il-Litwanja għad għandha l-anqas proporzjon ta' taxxa mal-PDG fl-Unjoni u l-konsolidazzjoni kienet iffukata l-aktar fuq in-naħa tan-nefqa. Għad hemm lok biex wieħed iħares lejn sorsi addizzjonali ta' dħul mit-taxxa li jikkawwaw l-inqas ħsara għat-tkabbir, bħat-taxxi ambjentali u t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà immobbli. Filwaqt li l-Litwanja ħadet passi sabiex iżżid id-dħul rikorrenti mit-taxxa fuq il-proprjetà, jidher li għad hemm lok għal sforz akbar. Id-dħul tal-Litwanja mit-taxxi ambjentali qiegħed fuq xejra ta' tnaqqis u kien it-tieni l-aktar baxx fl-Unjoni fl-2011, anke minħabba l-aktar livell baxx ta' taxxi fuq it-trasport fl-Unjoni; dan ma jiffaċilitax it-tnaqqis fl-intensità qawwija tal-enerġija tal-ekonomija Litwana. Fl-istess ħin, in-nefqa li ssaħħa it-tkabbir, pereżempju fuq ir-riċerka u

l-edukazzjoni, għandha tiġi prijoritizzata fil-konsolidazzjoni fiskali. L-implimentazzjoni ta' liġijiet li jsaħħu l-qafas fiskali għet imdewma. Il-qafas fiskali tal-Litwanja naqas milli jimpedixxi politika fiskali proċiklika fis-snin ta' output gap pożittiv. L-emenda tal-Liġi dwar l-Istruttura Baġitarja fl-2012 hi pass fid-direzzjoni t-tajba. Hemm ħeġġa li jittejjbu l-monitoraġġ, ir-responsabbiltà u l-eżekuzzjoni tal-proċess tal-baġit, b'mod partikolari tal-muniċipalitajiet, u li tiġi żgurata n-natura vinkolanti tal-qafas fuq terminu medju.

(11) L-iżviluppi demografiċi huma sfida għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-Litwanja. Riforma komprensiva tal-pensjonijiet, li timmira kemm għas-sostenibbiltà kif ukoll għall-adeqwatezza tal-pensjonijiet, għalhekk tibqa' importanti. L-adeqwatezza tal-pensjonijiet hija sfida billi l-popolazzjoni li hija akbar fl-età tinsab f'riskju ta' faqar u esklużjoni. Ir-riforma tal-2012 tas-sistema tal-akkumulazzjoni tal-pensjonijiet tinkoraġġixxi l-akkumulazzjoni fit-tieni pilastru pensjonistiku b'inċentivi finanzjarji mill-baġit tal-istat. Hija tintroduċi wkoll il-possibbiltà li wieħed jagħżel li joħroġ mill-akkumulazzjoni tal-pensjoni privata u li jmur lura għall-fond tal-assigurazzjoni soċjali tal-istat matul perjodu ta' transizzjoni flimkien ma' żieda gradwali fl-età tal-irtirar. Ir-riforma se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014. Dawn huma passi importanti iżda iżolati fid-direzzjoni t-tajba u huma meħtieġa bidliet aktar sinifikanti, b'mod partikolari fi ħdan l-ewwel pilastru pensjonistiku. Minbarra dan, huma meħtieġa miżuri li jippromwovu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li huma akbar fl-età u ambjenti tax-xogħol li huma favorevoli għal persuni li huma akbar fl-età.

(12) L-indirizzar tal-qgħad u l-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol ta' persuni bi ftit kompetenzi professjonali għadu jikkostitwixxi sfida ta' importanza ewlenija. Ħaddiema żgħażaġh u nieqsa mill-ħiliet qegħdin isofru b'mod partikolari minn rati ta' qgħad għolja. In-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet sar evidenti ħafna matul il-kriżi, u jirrappreżenta problema li dejjem qed tikber, u dan jindikha li hemm nuqqasijiet strutturali fil-politiki tal-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol. In-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet li jirriżulta huwa aggravat minn rati għolja ta' emigrazzjoni. Għaldaqstant, jinħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali li jtejjbu l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol u li jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, għal persuni bla ħiliet u għal ħaddiema akbar fl-età. Il-kopertura globali tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u l-allokazzjoni finanzjarja għal kull miżura individwali jibqgħu mhux suffiċjenti u l-miżuri mhumiex immirati tajjeb lejn persuni b'ħiliet limitati u lejn dawk li ilhom ħafna qiegħda. Rieżami komprensiv tal-liġi tax-xogħol, bl-involvement tas-sħab soċjali, ikun jista' jidentifika r-restrizzjonijiet bla bżonn u l-ostakli amministrattivi li jaffettwaw il-ftehimiet kuntrattwali flessibbli, id-dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija u l-arranġamenti għall-ħin tax-xogħol flessibbli. Sabiex tittejjeb it-transizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, ikun utli kieku l-apprentistati u t-taħriġ intern isiru aktar attraenti.

- (13) Il-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom flivell għoli ħafna u inkwetanti. B'mod partikolari, hija inkwetanti ż-żieda fil-faqar tat-tfal. Fl-2012 tnedew miżuri ta' riforma tal-assistenza soċjali f'forma ta' flus imfassla sabiex iżidu l-inċentivi għax-xogħol (benefiċċji fuq ix-xogħol għal dawk li ilhom ħafna qiegħda, tnaqqis gradwali tal-benefiċċji soċjali għal persuni fl-età tax-xogħol li huma inattivi) u sabiex inaqqsu l-faqar. Kien hemm riżultati impressjonanti, minn proġett pilota f'ħames muniċipalitajiet, fl-iffrankar fuq in-nefqa u l-immirar aħjar tal-benefiċjarji. Issa huwa meħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ li tivvaluta l-effiċjenza u impatt tiegħu fir-rigward tal-indirizzar tal-faqar u tal-esklużjoni. Ir-riforma għandha wkoll tkun marbuta ma' miżuri ta' attivazzjoni li jtejbju l-parteċipazzjoni, partikolarment għall-benefiċjarji tal-assistenza soċjali fit-tul. Miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-faqar inkludew żieda fil-kopertura tal-benefiċċji soċjali u metodi ġodda għall-ikkalkular tal-ammonti tal-benefiċċji. Minbarra dan, fl-1 ta' Jannar 2013, il-paga minima żdiedet bi 18 %, u dan jista' jgħin biex ikun hemm tnaqqis fin-nasba tal-inattività u fil-faqar fuq ix-xogħol. Madankollu, dawn il-miżuri jidhru li mhumiex suffiċjenti fid-dawl tad-daqs tal-isfida u ma hemmx strateġija jew pian ta' azzjoni komprensivi fil-ġlieda kontra l-faqar.
- (14) Il-gvern ilu jwettaq riforma ambizzjuża tal-impriżi tal-istat (SOEs) mill-2010. Ir-riforma hi rilevanti u kredibbli, u tinvolvi bidliet leġiżlattivi kif ukoll organizzattivi. L-aspetti regolatorji tar-riforma ġew stabbiliti u fil-biċċa l-kbira nkisbet konformità mal-obbligi tar-rappurtar. L-isfida issa hija li jiġu evitati kunflitti ta' interessi, fir-rigward tal-funzjonijiet regolatorji u mhux regolatorji, u li jkun hemm distinzjoni bejn l-attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali tal-SOEs. Ladarba implimentata b'mod sħiħ, ir-riforma tista' tgħin sabiex jiżdiedu l-kompetittività u t-tkabbir. Il-monitoraġġ tal-konformità se jkun, għalhekk, ta' importanza ewlenija.
- (15) Il-konnessjonijiet bl-elettriku u l-gass mal-pajjiżi ġirien għadhom mhux żviluppati biżżejjed. B'riżultat ta' dan, il-kompetizzjoni fis-settur tal-enerġija hija limitata ħafna u l-prezzijiet tal-enerġija huma għolja. Minbarra dan, l-effiċjenza fl-enerġija għadha problematika. Qed isir biss progress bil-mod fir-rigward tar-rinnovament tal-bini, inkluż fir-rigward tal-investimenti fil-kuntest tal-fond holding JESSICA, u għad hemm sfidi kbar fir-rinnovament tal-abitazzjonijiet privati.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Litwanja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjo-ekonomika sostenibbli fil-Litwanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut
- fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-Litwanja, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,
- B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Litwanja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:
1. Tiżgura konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir u timplimenta l-strateġija baġitarja kif ipplanat, filwaqt li ssegwi sforz ta' aġġustament strutturali li jippermetti lil-Litwanja sabiex tilħaq l-OTM tagħha. Tiprijoritizza n-nefqa li żżid it-tkabbir. Tkompli ssaħħaħ il-qafas fiskali, partikolarment billi tiżgura limiti massimi ta' nefqa li jistgħu jiġu infurzati u li jkunu vinkolanti fil-qafas baġitarju ta' terminu medju. Teżamina s-sistema tat-taxxa u tikkunsidra żieda ta' dawk it-taxxi li jagħmlu l-inqas ħsara possibbli għat-tkabbir, bħat-taxxi rikorrenti fuq il-proprietà u dawk ambjentali, inkluża l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-karozzi, filwaqt li tkompli ssaħħaħ il-konformità mat-taxxa.
 2. Tadotta u timplimenta l-leġiżlazzjoni dwar ir-riforma komprensiva tas-sistema tal-pensjonijiet. Tallinja l-età tal-irtirar statutorja mal-istennija tal-ħajja, tirrestrinġi l-aċċess għall-irtirar kmieni, tistabbilixxi regoli ċari għall-indiċjar tal-pensjonijiet, u tippromwovi l-użu ta' skemi ta' tfaddil komplementari filwaqt li tiżgura l-implimentazzjoni tar-riformi li jinsabu għaddejjin. Issostni r-riforma tal-pensjonijiet permezz ta' miżuri li jippromwovu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li huma akbar fl-età.
 3. Tindirizza r-rati għoljin ta' qgħad fost dawk b'ħiliet limitati u dawk li jkunu ilhom qiegħda billi tiffoka mill-ġdid ir-riżorsi fuq il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol filwaqt li ttejjeb il-kopertura u l-effiċjenza tagħhom. Ittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, pereżempju permezz ta' Garanzija taż-Żgħażaġħ, issaħħaħ l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-iskemi ta' apprentistat, u tindirizza n-nuqqas persistenti ta' tqabbil tal-ħiliet. Teżamina l-adegwatezza tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol fir-rigward tal-ftehimiet kuntrattwali flessibbli, id-dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija u l-arranġamenti għall-ħin tax-xogħol flessibbli, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.
 4. Timplimenta miżuri konkreti mmirati sabiex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-riforma tal-assistenza soċjali f'forma ta' flus u l-miżuri ta' attivazzjoni.
 5. Tlesti l-implimentazzjoni tar-riforma tal-Impriżi tal-Istat, u b'mod partikolari tiżgura s-separazzjoni tal-funzjonijiet ta' proprietarju u ta' regolatur, u timmonitorja mill-qrib il-konformità mar-rekwiżiti tar-riforma.

(1) Taħt l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

6. Iżżid il-miżuri biex ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija fil-binjiet, inkluż permezz tat-tneħħija tad-dizincitivi u tal-implimentazzjoni fqasir żmien tal-fond holding. Tippromwovi l-kompetizzjoni fin-netwerks tal-enerġija billi ttejjeb l-interkonnnettività mal-Istati Membri l-oħra kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2013 tal-Lussemburgu u li twassal opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu, 2012-2016

(2013/C 217/14)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-'linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazżjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u

Impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazżjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li nieda s-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-Lussemburgu ma ġiex identifikat bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni li trawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fis-26 ta' April 2013, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazżjonali ta' Riforma tiegħu għall-2013 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-perjodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 58.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jsejjes it-tbassir baġitarju fil-Programm huwa plawisibbli. B'mod partikolari, ix-xenarju tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2013 huwa qrib ħafna għat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li dak għall-2014 huwa kemxejn aktar ottimist. Projezzjonijiet tad-defiċit fuq terminu medju qed isiru f'xenarju ta' tkabbir kemxejn ottimist, ogħla mit-tkabbir potenzjali. L-għan tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li d-defiċit jitnaqqas minn 0,8 % tal-PDG fl-2012 għal 0,6 % tal-PDG fl-2014. Madankollu, fis-snin tal-aħħar tal-perjodu tal-programm, id-defiċit huwa mbassar li jiddeterjora għal 1,3 % tal-PDG kemm fl-2015 kif ukoll fl-2016. Dan huwa riżultat tal-introduzzjoni tar-regoli tal-VAT il-ġodda fir-rigward tas-servizzi elettroniċi, li se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015. Skont dawn ir-regoli, id-dħul mill-VAT iġġenerat mill-attivitajiet tal-kummerċ elettroniku se jiġi trasferit mill-pajjiż fejn jinsab il-fornitur lejn dak tar-residenza tal-klijent. L-impatt tar-regoli l-ġodda huwa stmat mill-awtoritajiet li jnaqqas id-dħul tat-taxxa mill-VAT b'1,4 % tal-PDG. Il-Gvern diġà ħabbar li r-rata standard tal-VAT se tiżdied, bil-għan li jiġi rkuprat parti mit-telf fid-dħul. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju (OTM) ta' qabel ta' bilanċ pożittiv strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. L-OTM huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi kemm tat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll tal-bilanċ strutturali tal-baġit (rikalkulat) fil-Programm ta' Stabbiltà, il-Lussemburgu huwa mistenni li jilħaq bilanċ pożittiv strutturali ta' 0,1 % tal-PDG, li huwa taħt l-OTM, fl-2012, u huwa proġettat li jilħaq l-OTM tiegħu fl-2013. Madankollu, il-Lussemburgu huwa proġettat li jerġa' jiddevja mill-OTM tiegħu sa mill-2014 b'0,3 % tal-PDG u anki aktar minn hekk fl-2015 u l-2016. L-awtoritajiet nazzjonali sostnew l-għan tagħhom li jmorru lura għall-OTM sa mhux aktar tard mill-2017 sabiex jipprovdur aktar spazju għall-manuvra. Fuq livell ta' 20,8 % tal-PDG, id-dejn gross tal-Gvern huwa ferm anqas mil-livell ta' referenza tat-Trattat.

- (10) Il-Lussemburgu rnexxielu jżomm id-defiċit pubbliku tiegħu taħt il-limitu ta' 3 % tal-PDG matul l-aħħar snin, u għalhekk evita li jidħol fi proċedura ta' defiċit eċċessiv. Dan kien dovut aktar għal dħul qawwi milli għal kontroll strett fuq l-infiq. Speċifikament, fl-2012, ir-rata tat-tkabbir tan-nefqa tal-Gvern, nett mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul, hija stmata li qabżet il-limitu tal-infiq kif definit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Id-devjazzjoni mir-rata ta' tkabbir tal-infiq tal-Gvern mill-valur referenzjarju tal-infiq hija stmata li laħqet il-1,3 % tal-PDG, 'il fuq mil-limitu tal-0,5 % tal-PDG definit fir-Regolament (KE) 1466/97. Madankollu, sabiex tiġi kkwalfikata din id-devjazzjoni, trid issir valutazzjoni kumplessiva, li tqis fatturi oħra: (i) id-defiċit iddeterjora f'termini strutturali b'0,2 % tal-PDG biss fl-2012; (ii) l-ekonomija tal-Lussemburgu, minħabba d-daqs żgħir tal-pajjiż u l-grad ta' ftuħ tiegħu, hija volatili ħafna; u (iii) skont it-tbassir tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Lussemburgu huwa mistenni jilħaq l-OTM tiegħu diġà fl-2013. Dawn l-elementi kollha jissottolineaw in-natura mhux strutturali tad-devjazzjoni. Madankollu, il-volatilità għolja tad-dħul miġbur mill-amministrazzjoni pubblika tal-Lussemburgu,

li sa issa rriżultat fi dħul ogħla milli kien ippjanat, tirrappreżenta riskju għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Sabiex dawn ir-riskji jiġu indirizzati aħjar, il-limiti kemm tad-dejn kif ukoll tal-infiq għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi. Minbarra dan għandu jkun hemm korp ta' monitoraġġ identifikat u azzjoni predefinita fil-każ ta' nuqqas ta' konformità. Id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015 tal-pakkett tal-VAT imsemmi aktar 'il fuq u l-impatt qawwi negattiv sussegwenti tiegħu fuq il-ġbir tat-taxxa juri l-importanza għal-Lussemburgu tal-introduzzjoni ta' qafas baġitarju fuq terminu medju. Speċifikament, dan ikun jirrikiedi pożizzjoni fiskali partikolarment prudenti fl-2014.

- (11) Bħalissa, anqas minn terz tad-dħul tat-taxxa jinġabar mit-taxxi fuq il-konsum, parzjalment minħabba rati moderati tal-VAT standard u mnaqqsa. Il-Lussemburgu huwa l-ewwel fl-UE f'termini tan-numru ta' kategoriji ta' oġġetti u servizzi koperti b'rati mnaqqsa tal-VAT. Il-preżenza ta' settur finanzjarju kbir, eżenti mill-VAT, ukoll tikkontribwixxi għall-proporzjon baxx tal-VAT mal-PDG. Kumplessivament, il-Lussemburgu għandu spazju fejn iżid id-dħul tiegħu billi jestendi r-rata standard tal-VAT. Minbarra dan, is-sistema tat-taxxa korporattiva fil-Lussemburgu hija kkaratterizzata minn inklinazzjoni qawwiya tat-taxxa favur id-dejn, li tikkontribwixxi għal proporzjon għoli tad-dejn mal-PDG.
- (12) Ir-riforma tal-pensjonijiet tal-Lussemburgu adottata f'Diċembru 2012 tista' titqies biss b'hal l-ewwel pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Ukoll meta wieħed iqis il-biċċa l-kbira tal-aspetti tar-riforma tal-pensjonijiet adottata, il-Lussemburgu xorta waħda jkun jeħtieġ jimplementa politiki fit-tul li jsaħħu s-sostenibbiltà ekwivalenti għal titjib permanenti ta' 8,6 punti perċentwali tal-PDG fil-bilanċ primarju sabiex jingħalaq id-distakk fiskali. Il-Lussemburgu għalhekk jeħtieġ li jagħmel aktar fir-riforma tal-pensjoni tiegħu. L-introduzzjoni ta' limitu fuq l-aġġustamenti pensjonistiċi abbażi taż-żidiet fil-pagi reali żżid ir-riżervi pensjonistiċi u t-tiżjid tal-età effettiva tal-irtirar billi tiġi allinjata l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji pensjonistiċi mal-bidliet tal-istennija tal-għomor jgħinu sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjoni. Minbarra dan, il-possibilitajiet għall-irtirar bikri għandhom jitnaqqsu u għandu jsir aktar attraenti li wieħed jaħdem aktar mill-minimu meħtieġ. Minbarra dan, l-impatt fuq is-sostenibbiltà fiskali tan-nefqa fuq il-kura fit-tul huwa pproġettat li jikkontribwixxi 2,1 punti perċentwali għad-distakk tas-sostenibbiltà tal-Lussemburgu. Iż-żieda mistennija kemm fin-numru tal-persuni anzjani kif ukoll f'dak tad-dipendenti fil-Lussemburgu huwa għoli meta mqabbel mal-medja tal-UE.
- (13) Il-produttività kurrenti tal-Lussemburgu hija pjuttost għolja. Madankollu, l-isparju għall-manuvra f'termini ta' gwadann fil-produttività qiegħed jonqos. Għalhekk, it-tkabbir fl-ispiża għal kull unità ta' xogħol għandu jiġi

limitat billi tiġi żgurata korrelazzjoni aħjar bejn il-pagi u l-produttività. Il-Lussemburgu ħa miżuri sabiex jimmodera t-tkabbir fil-pagi billi mmodula s-sistema tal-indiċjar bejn l-2012 u l-2014. Madankollu, din ir-riforma hija biss temporanja u ma tiggarantix li l-pagi fuq perjodu ta' żmien jevolvu b'mod konsistenti mal-produttività. Il-produttività mhix l-istess madwar is-setturi ekonomiċi kollha, u l-livell ta' produttività fis-settur finanzjarju hija kważi d-doppju bħal fil-parti li jibqa' tal-ekonomija. Se jkun hemm riskju sinifikanti għall-kompetittività tal-Lussemburgu mill-2015 'il quddiem, meta s-sistema tal-indiċjar awtomatiku se terġa' tiġi applikata bil-mod normali. Għandhom għalhekk jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex is-sistema ta' kif jiġu stabbiliti l-pagi tiġi rriformati b'mod aktar permanenti sabiex tiġi evitata deterjorazzjoni ulterjuri tal-kompetittività fil-futur.

- (14) L-ekonomija tal-Lussemburgu hija dipendenti ħafna fuq is-settur finanzjarju tagħha, li jirrappreżenta madwar 30 % tal-valur miżjud totali u 25 % tad-dħul fiskali miġbur. Sabiex tiġi mħarsa l-kompetittività futura tal-pajjiż, ikun jenħtieġ li jiġu żviluppati "niċeċ ta' kompetenza" alternattivi. Madankollu, is-sistema tar-riċerka u l-iżvilupp tal-Lussemburgu għadha dgħajfa ħafna u l-Lussemburgu mhux fi triqtu li jilħaq il-mira ta' intensità fir-rigward tar-riċerka u żvilupp (R&Ż) għall-2020. Ir-riżultati tal-Lussemburgu fuq l-indikaturi tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka pubblika u l-impriżi huma ferm inqas mill-medja tal-UE, u dan jirrifletti l-iskonnessjonijiet kurrenti bejn ir-R&Ż tas-settur privat u s-sistema tar-riċerka pubblika. Il-Lussemburgu għandu jaħdem kontra x-xejra ta' tnaqqis fl-intensità tar-R&Ż tiegħu, b'mod partikolari billi jgħin biex jstimula l-intensità tar-R&Ż fl-impriżi. L-iżvilupp ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni aktar intelliġenti jista' jkollu rwol kruċjali sabiex jiġu mmasimizzati l-impatti ekonomiċi tal-finanzjament tar-riċerka pubblika, b'mod partikolari billi jiġi żgurat effett ta' lieva fuq l-investimenti privati. Dan l-approċċ immirat għandu jkun ikkomplementat permezz ta' politika orizzontali kumplessiva ffukata fuq l-iżvilupp u t-tkabbir tal- impriżi innovattivi.
- (15) Il-qgħad taż-żgħażaġh għadu flivell persistentement għoli ta' 18 % u jiddependi ħafna fuq il-livell edukattiv. Residenti żgħażaġh jiffaċċjaw kompetizzjoni intensiva għall-impjiegi minn persuni mhux residenti, li ta' sikwit ikollhom ħiliet oġhla. Filwaqt li l-Lussemburgu wera impenn qawwi biex jiġġieled kontra l-qgħad taż-żgħażaġh, huma meħtieġa sforzi akbar. Sabiex jiġu mmasimizzati r-rendimenti, il-miżuri li jittieħdu għandhom ikunu parti minn strateġija kumplessiva ta' riforma, inklużi politiki mtejba ta' attivazzjoni sabiex tiġi miġġielda d-dipendenza fuq il-benefiċċji. Ir-riżultati tal-ittestjar tal-PISA⁽¹⁾ tal-Lussemburgu dwar il-ħiliet bażiċi taż-żgħażaġh huma relattivament dgħajfa. Huma meħtieġa aktar miżuri sabiex tiġi miġġielda t-tendenza negattiva fil-qari, il-matematika u x-xjenza osservata sa mill-2006. Għandhom isiru aktar sforzi sabiex jittejjbu

u jiġu mmirati r-riżorsi tal-edukazzjoni għall-iskejjel bi studenti żvantaġġati u jiżdienu r-riżorsi disponibbli għall-appoġġ lingwistiku u għall-klassijiet rimedjali. L-isfidi speċifiċi ffaċċjati minn nies bi sfond ta' migrazzjoni fuq is-suq tax-xogħol għandhom ikomplu jiġu eżaminati u indirizzati permezz ta' miżuri mmirati, inkluż fir-rigward tal-ħiliet lingwistiċi. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jingħataw attenzjoni partikolari f'dan il-kuntest. Għandhom jittieħdu miżuri oħra sabiex tittejjeb l-edukazzjoni tat-tfulija bikrija u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, b'mod partikolari għall-popolazzjoni tal-migranti. L-impjegabbiltà tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età għandha tiġi mtejba, inkluż permezz ta' titjib tal-ħiliet.

- (16) Il-Lussemburgu huwa impenjat li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra tiegħu fis-setturi mhux tal-ETS (sistema ta' kummerċ fl-emissjonijiet) b'20 % fl-2020 meta mqabbel mal-2005 iżda huwa mistenni li ma jirnexxilux jilħaq il-mira tiegħu b'23 punt perċentwali skont l-aħħar previżjonijiet għall-2020 ibbażati fuq miżuri eżistenti. Is-settur tat-trasport kien responsabbli għal 68 % tal-emissjonijiet non-ETS fl-2011 u jirrappreżenta sfida ewlenija għal-Lussemburgu. Il-miżuri li jinsabu fis-seħħ bħalissa jikkontribwixxu biss għal bejn wieħed u ieħor terz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra meħtieġ sabiex tintlaħaq il-mira. Għaldaqstant, jinħtieġ li l-miżuri jiġu miżjuda b'mod sinifikanti, b'mod partikolari billi tiżdied it-taxxa fuq il-karburanti sabiex jonqos id-distakk tat-taxxa mal-pajjiżi ġirien. Ir-riforma tat-taxxa tal-vetturi wkoll għandha tiġi aċċelerata. Il-Lussemburgu għandu jkompli bl-implimentazzjoni ta' proġetti li jiffavorixxu l-użu tat-trasport pubbliku. Għandhom jiġu introdotti imposti għall-konġestjoni fit-toroq sabiex in-nies jiġu inkoraġġiti jaqilbu għat-trasport pubbliku. Konnessjonijiet tat-trasport pubbliku aħjar marreġjuni ġirien għandhom jiġu promossi.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi kumplessiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu, u l-opinjoni tiegħu⁽²⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(1) PISA huwa l-Programm tal-OECD għal Valutazzjoni Internazzjonali ta' Studenti.

(2) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(19) Fil-kontest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽¹⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, il-Lussemburgu għandu jiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' daww ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Iżomm pożizzjoni fiskali soda u jibqa' mmirat fuq l-OTM sabiex jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari billi jqis l-obbligazzjonijiet impliċiti relatati mat-tixjiħ. Isaħħaħ il-governanza fiskali billi jadotta qafas baġitarju fuq perjodu medju li jkopri l-amministrazzjoni pubblika u jinkludi limiti massimi pluriennali ta' nfiq, u billi jistabbilixxi l-monitoraġġ indipendenti tar-regoli fiskali.
2. Jieħu miżuri sabiex jindirizza l-preferenza favur id-dejn fit-taxxa korporattiva u jestendi l-applikazzjoni tar-rata standard tal-VAT.
3. Irażżan l-infiq relatat mat-tixjiħ billi jagħmel il-kura fit-tul aktar kosteffikaċi, b'mod partikolari permezz ta' enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti, it-tisħiħ tar-riforma tal-pensjonijiet adottata riċentement, it-teħid ta' miżuri addizzjonali sabiex jitrażżan l-irtirar kmieni u ż-żieda fl-età tal-irtirar effettiva billi jallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji pensjonistiċi mal-bidliet tal-istennija tal-għomor.

4. Lil hinn mill-friża preżenti, jieħu miżuri strutturali oħra, f'konsultazzjoni mal-partijiet soċjali u skont il-prattiki nazzjonali, sabiex jirrifirma s-sistema tal-istabbiliment tal-pagi, inkluż l-indiċjar tal-pagi, sabiex itejjeb l-abbiltà tagħha li tirrispondi għall-iżviluppi fil-produttività u daww settorjali u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jinkoraġġixxi l-kompetittività. Iżid l-isforzi favur id-diversifikazzjoni tal-istruttura tal-ekonomija, fejn jinkoraġġixxi l-investment privat fir-riċerka, b'mod partikolari billi jiżviluppa l-kooperazzjoni bejn ir-riċerka pubblika u l-impriżi.

5. Iżid l-isforzi sabiex inaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġħ billi jtejjeb it-tfassil u l-monitoraġġ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Isaħħaħ l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali sabiex iqabbel aħjar il-ħiliet taż-żgħażaġħ mad-domanda tax-xogħol, b'mod partikolari għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Isaħħaħ l-isforzi sabiex iżid ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema li huma akbar fl-età inkluż billi jtejjeb l-impjegabbiltà tagħhom permezz tat-tagħlim tul il-ħajja.

6. Iżid il-miżuri sabiex tintlaħaq il-miżura għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra non-ETS, b'mod partikolari billi jżid it-taxxi fuq il-prodotti tal-enerġija għat-trasport.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 ta' Malta u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta, 2012-2016

(2013/C 217/15)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċizzjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli.

Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta għall-2012 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkanżmu ta' Twissija, li fih identifikat lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġ li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergġghu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-reviżjoni fil-fond tagħha għal Malta, b'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Malta għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi, li jisthoqquhom monitoraġġ u jeħtieġ azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, is-settur bankarju u l-iżviluppi fis-suq immobiljari jiġġustifikaw monitoraġġ mill-qrib. Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tirrikjedi attenzjoni fir-rigward ta' politika.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

(9) Fit-30 ta' April 2013, Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u l-Programm

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 61.

ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ievalutati fl-istess waqt.

- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jsejjes it-tbassir baġitarju fil-Programm huwa plawsibbli. Il-Kunsill abroga d-deċiżjoni tiegħu dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta fl-4 ta' Diċembru 2012⁽¹⁾, ladarba saritlu korrezzjoni fl-2011 li, abbażi tat-tbassir tal-ħarifa tal-2012 mis-servizzi tal-Kummissjoni, dehret durabbli. Madankollu, fl-2012 Malta rreġistrat defiċit tal-amminis-trazzjoni pubblika ta' 3,3 % tal-PDG, li għal darb'oħra qabeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Stabbiltà huwa li gradwalment jitnaqqas id-defiċit minn 3,3 % tal-PDG fl-2012 għal 0,8 % tal-PDG fl-2016, li jimplika progress gradwali lejn l-objettiv ta' terminu medju (OTM). Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-OTM ta' pożizzjoni b'bilanċjata f'termini strutturali, li huwa aktar ambizzjuż milli huwa meħtieġ mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, iżda l-kisba tiegħu mhijiex ipplanata fil-perjodu tal-Programm ta' Stabbiltà. Il-mira ta' defiċit tal-2013 fil-Programm ta' Stabbiltà sserraħ fuq tkabbir relattivament għoli fi dħul mit-taxxa, li ma jidherx li huwa spjegat bis-sħiħ mix-xenarju makroekonomiku sottostanti. Barra minn hekk, mhijiex appoġġata biżżejjed mill-miżuri dettaljati, bħal kif inhu l-każ ukoll għas-snin sussegwenti. B'riżultat ta' dan, il-bidla fil-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) ipplanat hija sinifikattivament ogħla mit-tbassir mis-servizzi tal-Kummissjoni. Skont dan tal-aħħar, il-bilanċ strutturali jitjeb b' $\frac{1}{4}$ punti perċentwali biss tal-PDG fl-2013 u marġinalment biss fl-2014, fuq bażi li ma ssir l-ebda bidla fil-politika.

Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li jibqa' l fuq mil-limitu ta' 60 % tal-PDG matul il-perjodu kollu tal-Programm ta' Stabbiltà. L-awtoritajiet nazzjonali jbassru li d-dejn jiżdied sa 74,2 % tal-PDG fl-2014 u sussegwement jibda jonqos sa 70 % sal-2016. Fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni li jiżdied b'rata ftit aktar mgħagħla, sa 74,9 % fl-2014, hekk kif id-defiċit primarju huwa mistenni li jkompli jikber. Fid-dawl tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2011, Malta tinsab f'perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin fir-rigward tal-applikabbiltà tal-limitu referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn, li beda fl-2012. Malta ma għamlitx biżżejjed progress sabiex tikkonforma mal-kriterju tad-dejn fl-2012 u mhuwiex imbassar li se tagħmel dan fil-perjodu 2013-2014. Filwaqt li l-qafas fiskali ta' Malta huwa pjuttost flessibbli, in-natura mhux vinkolanti tiegħu u l-orizzont qasir ta' ppjanar fiskali ma jappoġġawx pożizzjoni fiskali soda. Id-Direttiva 2011/85/UE⁽²⁾ dwar l-oqfsa baġitarji għadha ma ġietx trasposta u lanqas ma

għadha ġiet introdotta fil-liġi nazzjonali regola tal-bilanċ baġitarju strutturali, kif previst fit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, iffirmit fit-2 ta' Marzu 2012 fi Brussell. Il-Programm ta' Stabbiltà jiddikjara l-intenzjoni tal-Gvern li jwaqqaf Kunsill Fiskali, iżda ma ġew stabbiliti l-ebda pjanijiet konkreti.

- (11) Il-konformità mat-taxxa u l-evazzjoni mit-taxxa jkomplu jkunu ta' sfida għall-kwalità tal-finanzi pubbliċi. L-awtoritajiet introduċew għadd ta' miżuri rilevanti u qed jithejw oħrajn addizzjonali, iżda jeħtieġ li l-implimentazzjoni tiġi mmonitorjata mill-qrib billi għad iridu jinkisbu riżultati konkreti. L-inċentivi tat-taxxa għall-kumpaniji sabiex jidħlu għad-dejn għadhom għoljin ħafna. Fl-2012, Malta eċċellat bħala l-pajjiż bit-tieni l-akbar differenza bejn it-trattament tat-taxxa tad-dejn u l-finanzjament azzjonarju ta' investimenti ġodda. Din it-tendenza tad-dejn tista' twassal għal ingranaġġ korporattiv għoli u allokkazzjoni ineffiċjenti tal-kapital. Malta hija fost il-ftit Stati Membri mingħajr l-ebda dispożizzjoni li tmur kontra t-tendenza tad-dejn.
- (12) Malta għadha qed tħabbat wiċċha ma' sfidi fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha fid-dawl tal-impatt baġitarju tat-tixjiħ li huwa mbassar li se jaqbeż b'mod konsiderevoli l-medja tal-UE. Iż-żieda fin-nefqa pensjonistika tammonta għal aktar minn nofs iż-żieda totali mbassra fin-nefqa relatata mal-età, filwaqt li, meta mqabbla ma' Stati Membri oħra, l-età statutorja tal-irtirar għadha baxxa u iż-żieda lliġizlata mar-riforma tal-2006 miexja bil-mod. Riforma oħra hija meħtieġa biex tiżgura s-sostenibbiltà filwaqt li tissalvagwardja l-adegwatezza u tindirizza t-tħassib dwar l-ekwità interġenerazzjonali. Filwaqt li saru diskussjonijiet ma' sħab soċjali, ma tressqu l-ebda proposti konkreti għal riforma pensjonistika ulterjuri. Ir-rata tal-impjeggi tal-ħaddiema li huma kbar fl-età hija baxxa u għadha trid tiġi ffinalizzata strateġija komprensiva dwar it-tixjiħ attiv. Il-limitazzjonijiet fil-proviżjoni tal-kura primarja pubblika, flimkien mat-tixjiħ li hu mbassar, jistgħu jwasslu għal spiża ogħla tas-saħħa fuq terminu twil. Il-kapaċità amministrattiva fil-qasam tal-akkwist pubbliku hija dgħajfa, li jwassal għal proċeduri kkumplikati u twal.
- (13) Il-miżuri li ttieħdu biex titnaqqas ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola, fosthom it-tnedija riċenti tal-proċess preparatorju li jwassal għal strateġija dwar it-tluq bikri mill-iskola, qed jintlaqgħu tajjeb, anke bil-ħsieb li jitnaqqas l-iżbilanċ bejn id-domanda u l-forza ta' nies b'ħiliet. L-effikaċja tal-isforzi ta' politika li saru se jiddipendu fuq l-implimentazzjoni xierqa u fwaqtha li se jkollha tiġi mmonitorjata mill-qrib. Madankollu, ir-rabta insuffiċjenti bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/778/UE tal-4 Diċembru 2012 (ĠU L 342, 14.12.2012, p. 43).

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rewżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

tax-xogħol hija ostaklu ewlieni. Il-ħolqien previst ta' skema unika ta' apprentistat li tkopri aktar livelli ta' kwalifikazzjoni huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi biex titrawwem forza tax-xogħol li tkun immirata lejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

- (14) Malta ħadet ukoll passi sinifikanti biex iżżid il-parteċi-pazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol, speċjalment bil-għan li titjeb ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja. Ir-rata tal-impjiegi tan-nisa qed tkompli togħla, anke bis-saħħa ta' effett assoċjattiv favorevoli. Madankollu, għad baqa' lok għal titjib: ir-rata tal-impjiegi tan-nisa għadha baxxa, l-istat parentali għad għandu effett sinifikanti fuq il-parteċi-pazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u d-distakk bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija l-ogħla fl-Unjoni. Ir-rinfurzar tal-promozzjoni ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol u ż-żieda fil-provvista ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal u ta' wara l-ħinjiet tal-iskola li jilħqu l-but ta' kulħadd għal segment usa' tal-popolazzjoni tista' tikkontribwixxi biex tkompli ż-żid ir-rata tal-impjiegi tan-nisa.
- (15) Il-mekkaniżmu ta' aggestament ta' Malta għall-għoli tal-ħajja għandu karatteristiki speċifiċi li jidhru li jtaffu l-effett negattiv tiegħu fuq il-prestazzjoni ġenerali tas-suq tax-xogħol u fuq l-aggestament fil-pagi: il-mekkaniżmu jagħti żieda b'ammont fiss, b'hekk jirrappreżenta biss kumpens parzjali għall-inflazzjoni għall-pagi li huma ogħla mill-paga bażika "ta' referenza", hemm disponibbli klawnsoli ta' deroga mikorekonomiċi u makroekonomiċi, u n-negozjar tal-pagi huwa ddeċentralizzat kollu kemm hu. Madankollu, f'każ ta' fażijiet negattivi ħafna taċ-ċiklu ekonomiku, is-sistema xorta tirrappreżenta sfida potenzjali għall-flessibilita' tal-pagi reali, u b'hekk tfixkel l-aggestament tas-suq tax-xogħol u xxekkel il-kompetittivita'. Il-volatilita' tal-prezzijiet ta' xi komponenti tal-indiċi tal-prezzijiet użat fil-mekkaniżmu, b'mod partikolari l-prezzijiet tal-enerġija, tista' tifa' pressjoni fuq l-inflazzjoni permezz ta' spiral ta' pagi-prezzijiet. Għaldaqstant, il-ġbir ta' dejta dwar il-pagi u l-produttivita' fil-livell settorjali, u monitoraġġ mill-qrib tal-impatt tas-sistema tal-indiċizzar tal-pagi se jkunu essenzjali biex jittaffew ir-riskji potenzjali. L-awtoritajiet Maltin għandhom jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt tal-mekkaniżmu fuq l-ekonomija u jħejju ruħhom biex jirrifurmawh kif xieraq.
- (16) Il-kompetittivita' ta' Malta għadha friskju fid-dawl tad-diversifikazzjoni limitata ħafna u tal-prestazzjoni ambjentali fqira tal-provvista tal-enerġija tagħha, li ġġib magħha tariffi għolja tal-elettriku. L-istat finanzjarju ħażin tal-fornitur ewlieni tal-enerġija (Enemalta) iżid ma' dan in-nuqqas ta' sigurtà, iżda l-konnettur tal-elettriku ma' Squalija huwa mistenni li jipprovi solliev wara l-2014. Filwaqt li għadd ta' inizjattivi ġew segwiti aktar, bħall-użu tal-enerġija fotovoltajka, is-sehem ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għadu partikolarment baxx u l-fattibilita' ta' proġetti ewlenin, bħall-iżvilupp ta' wind farms, tidher li tinsab friskju. Ġie rreġistrat progress fl-effiċjenza tal-enerġija, notevolment għall-bini pubbliku, b'appoġġ

mill-finanzjament tal-Unjoni. Il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport ta' Malta hija fqira wkoll. Malta tkun tibnefika minn strateġija komprensiva tat-trasport li tfittex li ttejjeb it-trasport pubbliku, in-netwerk tat-toroq, il-prestazzjoni tas-sistema f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u li tkompli tħeġġeġ l-użu ta' tipi oħra ta' trasport minflok karozzi tal-passiġġieri.

- (17) Is-settur bankarju f'Malta huwa kbir ħafna meta mqabbel mal-ekonomija domestika. Filwaqt li dan huwa partikolarment minħabba banek domestiċi non-core u internazzjonali, li huma esposti b'mod limitat għall-ekonomija domestika, hija gustificata l-kontinwazzjoni ta' supervizzjoni stretta tagħhom biex jiġi evitat impatt negattiv fuq l-istabbilita' finanzjarja mill-attivajiet tagħhom. Il-banek domestiċi jibqgħu esposti ħafna għas-suq tal-proprietà filwaqt li dispożizzjonijiet speċifiċi ta' telf mis-self huma relattivament baxxi. Kien hemm diskussjonijiet ta' politika iżda dawn għadhom iridu jsarrfu f'azzjoni regolatorja adegwata. Is-sistema ġudizzjarja tbat minn insuffiċjenzi li huma ta' riskju ulterjuri għall-istabbilita' finanzjarja. Iż-żmien twil meħtieġ biex jiġu solvuti każijiet ta' insolvenza jostakola l-infurzar effiċjenti ta' drittijiet kollaterali. Fi żminijiet ta' stress ekonomiku, dan jista' jkompli jitfa' piż fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek u jżid it-telf, li jirriżulta fi ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbilita', u ppreżentat revizzjoni fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta iżda anke l-konformita' tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (5) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbilita', u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbilita'. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (5) hawn taħt.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽¹⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, Malta għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tiegħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 sabiex:

1. Tispeċifika u timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tilħaq l-isforz ta' aġġustament strutturali annwali stabbilit fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv sabiex tikkorreġi d-defiċit eċċessiv sal-2014 b'mod sostenibbli u li jiffavorixxi t-tkabbir, li jillimitaha milli tirrikorri għal miżuri ta' darba/temporanji. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tagħmel sforz ta' aġġustament strutturali b'pass xieraq biex tilħaq l-OTM sal-2019. Timplimenta qafas fiskali pluriennali vinkolanti u bbażat fuq regoli fl-2013. Tiżgura t-twassil konkret ta' miżuri li jittieħdu biex tiżied il-konformità mat-taxxa u biex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa, u tiegħu azzjoni biex tnaqqas it-tendenza tad-dejn fit-tassazzjoni tal-kumpaniji.
2. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, tkompli tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet sabiex trażżan iż-żieda mbassra fin-nefqa, fosthom b'miżuri bħall-aċċellerazzjoni taż-żieda fl-età tal-irtirar statutorja, iżżid l-età effettiva tal-irtirar billi tiġi allinjata l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mal-bidliet tal-istennija tal-għomor u billi tinkorreggi t-tfaddil tal-pensjonijiet privat. Tiegħu miżuri biex iżżid ir-rata tal-impjegi tal-ħaddiema li huma akbar fl-età billi tiffinalizza u timplimenta strateġija komprensiva tat-tixjir attiv. Twettaq ir-riformi fil-proviżjoni tal-kura tas-saħħa biex iżżid il-kosteffettività tas-settur, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-proviżjoni tal-kura primarja pubblika. Ittejjeb l-effiċjenza u tnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.
3. Tkompli tagħmel sforzi politiċi biex tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, b'mod partikolari billi twaqqaf sistema komprensiva ta' monitoraġġ, u tagħmel l-edukazzjoni u t-taħriġ iktar rilevanti għas-suq tax-xogħol biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-ħiliet, fosthom permezz tar-riforma mħabbra tas-sistema ta' apprentistat. Tkompli tappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol li qed tittejjeb billi tippromwovi arranġamenti tax-xogħol flessibbli, b'mod partikolari billi ttejjeb il-proviżjoni u l-affordjabbiltà ta' ċentri li jieħdu ħsieb it-tfal u ta' ċentri li jieħdu ħsieb it-tfal ' barra mill-ħin tal-iskola.
4. Tkompli bl-isforzi biex tiddiversifika t-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-enerġija, b'mod partikolari permezz taż-żieda fl-użu ta' enerġija rinnovabbli u t-tlestija f'waqtha tal-konnessjoni tal-elettriku ma' Sqallija. Tkompli bl-isforzi biex tippromwovi l-effiċjenza tal-enerġija u tnaqqas l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport.
5. Tiegħu miżuri biex tkompli ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet għat-telf minn self mhux onorat fis-settur bankarju biex ittaffi r-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-esponizzjoni għas-suq immobiljari. Tkompli bl-isforzi ta' politika biex tiżgura s-supervizzjoni stretta tas-settur bankarju, fosthom għall-banek domestiċi non-core u għal dawk orjentati internazzjonalment. Ittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ġudizzjarja, pereżempju billi tnaqqas iż-żmien meħtieġ biex jiġu riżolti każijiet ta' insolvenza.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2012-2016

(2013/C 217/16)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tnedi strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, imsejħa Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa ta' politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet tal-Istat jew il-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro, bl-użu tal-livers, l-istrumenti, u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jilhqqu l-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2012 tal-Polonja u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-perijodu 2012-2015.

(5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012 ukoll, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Polonja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li kellha ssirlu analiżi fil-fond.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.

(7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fit-30 ta' April 2013, il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 65.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (9) Il-Polonja għamlet sforzi konsiderevoli ta' konsolidazzjoni fl-2011-2012 f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika globali deterjoranti l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv leġget skorriet u hemm bżonn ta' aktar żmien biex dan jitranġa. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa ottimist. B'mod partikolari, il-konsum privat u l-investment privat huwa mistenni jżied ferm aktar minn kif previst fit-tbassir tar-rebbiegħ 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, li jwassal għal rata ta' tkabbir ġenerali ogħla fl-2013 (1,5 % kontra 1,1 %). L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritt fil-Programm ta' Konverġenza huwa li d-defiċit jtnaqqas għal 3,5 % tal-PDG sal-2013 (sena wara l-iskadenza oriġinali tal-EDP tal-2012) u jintlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju (OTM) sal-2016. Madankollu, il-Programm ta' Konverġenza qed jippjana li jġib id-defiċit taħt it-3 % tal-PDG sal-2015 biss. Billi t-tbassir tat-tkabbir huwa ottimist iżżejjed u l-projezzjonijiet tal-introjtu fil-Programm ta' Konverġenza, il-Kunsill jikkunsidra li l-isforz fiskali previst mill-awtoritajiet mhux kompatibbli ma' korrezzjoni attwali tad-defiċit eċċessiv sal-2013 sakemm ma jittiħdux miżuri addizzjonali sinifikanti li jinfurzaw l-isforz għal din is-sena. Il-Programm ta' Konverġenza huwa bbażat fuq xenarju ottimist u mhux appoġġat biżżejjed b'miżuri dettaljati sabiex jiżgura b'mod kredibbli l-korrezzjoni tad-defiċit sa mhux aktar tard mill-2014. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' aktar sforzi bbażati fuq miżuri dettaljati kemm għall-2013 u l-2014.

L-awtoritajiet ma sfruttawx biżżejjed is-sitwazzjoni ta' tkabbir ta' qabel il-kriżi biex jirrifirmaw l-istruttura tan-nefqa pubblika sabiex jagħtu l-prijorità lil dawk l-affarijiet li jkattru t-tkabbir. Il-Programm ta' Konverġenza kkonferma l-OTM preċedenti ta' -1 % tal-PDG, li jirrifletti l-objettivi tal-Patt. Abbażi tad-defiċit strutturali (rikalkulat), l-OTM mhux previst li jintlaħaq sal-2016, kif ipplanat fil-Programm ta' Konverġenza, peress li l-progress annwali pplanat lejn l-OTM ta' 0,3 % tal-PDG (ftermini strutturali) fl-2015 u 0,7 % tal-PDG fl-2016 mhuwiex biżżejjed. Irrata ta' tkabbir tan-nefqa tal-Gvern, b'kunsiderazzjoni tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonarji, huwa konformi mal-livell limitu tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tul il-perijodu tal-programm kollu. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll sforzi addizzjonali u kif ukoll bidliet fil-kompożizzjoni tal-aġġustament fis-snin ta' barra tal-Programm ta' Konverġenza hekk kif il-progress lejn l-OTM jiddependi l-aktar fuq tnaqqis mdaqqs fin-nefqa tal-investment pubbliku u mhix appoġġata biżżejjed b'miżuri dettaljati. Huwa previst li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fil-Polonja jibqa' taħt is-60 % tal-PDG matul il-perijodu kopert mill-programm. L-awtoritajiet nazzjonali jibassru li dan se jibqa' ġeneralment kostanti, f'tit fuq minn 55,5 % tal-PDG sal-2014/2015 (u tnaqqis fl-2016), filwaqt li l-Kummissjoni waqt li tikkunsidra r-riskji possibbli fir-rigward tal-pjanijiet ta' konsolidazzjoni u l-affarijiet li jnaqqsu d-dejn, qed tistenna żieda ta' madwar 59 % tal-PDG fl-2014. Il-konformità mat-taxxa tibqa' kwistjoni ewlenija f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, li teħtieġ ukoll tnaqqis fil-piż amministrattiv fuq il-kontribwenti u titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Sabiex jiġi żgurat is-suċċess

tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni fiskali, huwa importanti li l-konsolidazzjoni fiskali tkun appoġġata b'riformi strutturali komprensivi.

- (10) Sehem baxx ta' nfiq li jsahha it-tkabbir (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni) u għadda dejjem inqas ta' investimenti pubbliċi jxekklu l-prospetti ta' tkabbir fit-tul. Is-settur tas-saħħa fil-Polonja huwa kkonfrontat b'limitazzjonijiet fl-aċċess għall-kura u l-kostineffiċjenzi, filwaqt li l-infiq fil-kura tas-saħħa huwa mistenni jkber b'mod konsiderevoli fuq medda medja sa medda twila ta' żmien minħabba soċjetà li qed tixjeh, u dan se jżid il-piż fuq il-finanzi pubbliċi. Is-sistema tista' tittejjeb bit-tisħiħ tal-kura primarja u tas-sistemi ta' riferiment u bl-isfruttament tal-potenzjal għal qligħ tal-kosteffiċjenza fil-kura fl-isptar.
- (11) Il-Gvern għadu ma implimentax regola tan-nefqa permanenti u konsistenti mas-Sistema Ewropea tal-Kontabilità (ESA). Barra minn hekk, il-Polonja għamlet biss progress limitat fir-rigward tal-ippjanar fit-terminu medju u t-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-Gvern rigward il-proċess baġitarju.
- (12) Il-qgħad fost iż-żgħażaġh qed jikber, li huwa fost l-oħrajn ir-riżultat ta' nuqqas ta' qbil bejn il-frott tal-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Filwaqt li r-riformi implimentati tas-sistemi ta' edukazzjoni huma maħsuba biex jindirizzaw ir-rabta ħażina bejn l-impjeggi u l-ħiliet, xorta hemm il-bżonn li tiżied id-disponibbiltà ta' apprendistati u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, sabiex tissaħħa il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u min iħaddem u biex tittejjeb il-kwalità tat-tagħlim. L-implimentazzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li tibni fuq l-isforzi attwali, se tikkontribwixxi biex tappoġġa liż-żgħażaġh fil-ksib tal-impjeggi. Il-proporzjon tal-adulti li qed jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja għadu baxx ħafna u l-adozzjoni ta' strateġija għal tagħlim tul il-ħajja hija pendenti.
- (13) Fir-rigward tal-kura tat-tfal żgħar, l-isforzi tal-Gvern ikkonċentraw fuq l-implimentazzjoni tat-"Toddler Programme". B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' nurseries kważi rdoppja matul l-aħħar sentejn, iżda għadu baxx f'termini relattivi u ma jissodisfax id-domanda. Il-Polonja ħadet biss passi żgħar biex tindirizza l-użu estensiv ta' impjeggi temporanji. Il-Polonja għandha t-tielet l-ogħla sehem fl-Unjoni ta' impjeggi b'terminu fiss involontarji mill-persuni kollha b'impjeg, b'mod partikolari fil-grupp ta' dawk ta' età bejn il-15-24 sena. Filwaqt li ħafna drabi jingħad li l-kuntratti ta' terminu fiss huma strument għall-persuni qiegħda biex jidħlu fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li aktar 'il quddiem jidħlu għal kuntratt permanenti, dan jidher li mhuwiex il-każ għall-maġġoranza tal-ħaddiema fil-Polonja. Minflok, l-użu estensiv ta' kuntratti bħal dawn jidher li għandu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-kapital uman u fuq il-produktività, billi l-impjegati temporanji għandhom it-tendenza li jkollhom inqas aċċess għal taħriġ vokazzjonali. Il-penali tal-pagi fuq kuntratti b'terminu fiss huwa wkoll relattivament għoli, li jikkontribwixxi għal waħda mill-ogħla rati ta' faqar fost dawk li jaħdmu fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-użu ta' kuntratti tal-liġi ċivili li jduru bi tnaqqis sinifikanti tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali huwa mifruq. Skont ir-rapport

- tal-Gvern "Żgħażaġħ 2011", aktar minn 50 % tal-ħaddiema żgħażaġh huma impjegati b'dan it-tip ta' kuntratti.
- (14) Il-Polonja qed taffaċċja rati baxxi ta' impjegi fost il-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien. Minkejja li l-possibiltajiet għall-irtirar bikri tnaqqsu b'mod sinifikanti u twestqet ir-riforma tal-pensjonijiet ġenerali, għad hemm skema speċjali tal-pensjoni għall-ħaddiema li jaħdmu fil-minjieri. Barra minn hekk, is-sistema ta' sigurtà soċjali għall-bdiewa (KRUS) toħloq inċentivi għall-bdiewa fuq skala żgħira biex dawn jibqgħu fis-settur agrikolu prinċipalment għaliex id-dħul tal-bdiewa individwali mhuwiex ittraċċat b'mod preċiż fis-sistema. Dan jirriżulta f'qgħad mistur fiż-żoni rurali, iżomm lura l-produttività u jwaqqaf il-mobbiltà tax-xogħol reġjonali u settorjali.
- (15) Il-Polonja hija fost l-Istati Membri bl-iktar livell baxx ta' nefqa fir-R&Ż hija waħda mill-agħar fl-indikaturi usa' tal-innovattività. Il-proporzjon globali ta' nfiq fir-R&Ż fil-Polonja, fi 0,77 % fl-2011, kien fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. B'mod partikolari, l-infiq privat fir-R&Ż huwa baxx (0,2 % tal-PDG fl-2011). L-intrapriżi Pollakki kienu qed jiddependu ħafna fuq l-assorbiment tat-teknoloġija, jiġifieri l-applikazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti permezz tal-investiment kapitali fiss. Filwaqt li dan kellu suċċess fli jiżgura l-kisbiet fil-produttività u t-tkabbir ekonomiku, il-Polonja issa teħtieġ tranżizzjoni lejn mudell indiġenu bbażat fuq l-innovazzjoni. Ir-riformi fis-sistema edukattiva oġhla u tax-xjenza niedu ristrutturatur maġġuri biex titrawwem il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u l-industrija. Sa issa mhi disponibbli l-ebda valutazzjoni ta' dawn ir-riformi. Huwa meħtieġ approċċ aktar olistiku biex jiġu allinjati l-isforzi fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika industrijali u jiġi żgurat li jkun hemm strumenti adegwati li jappoġġaw iċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni.
- (16) Għad hemm potenzjal għoli ħafna ta' qligħ minn titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Polonja, b'mod partikolari bis-saħħa tal-iżolazzjoni tal-bini, u dan il-qligħ jista' jkun ta' appoġġ għat-tkabbir. Il-qafas tal-elettriku domestiku għadu kkonġestjonat, iżda il-pjanijiet qegħdin javvanzaw biex tinħoloq aktar kapacià ta' interkonnessjoni lejn swieq ġirien. Il-kompetizzjoni fis-suq tal-gass għadha ostakolata b'numru ta' fatturi, b'mod partikolari t-tneħħija gradwali ta' prezzijiet regolati għad trid titlesta, l-operatur li għandu sehem fis-suq ta' madwar 97 % fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, u 90 % tal-importazzjonijiet ta' gass naturali ġejjin mir-Russja.
- (17) Minkejja li sar xi progress, l-infrastruttura sottożviluppata tat-trasport tal-Polonja tibqa' waħda mill-akbar ostakoli għat-tkabbir. Proġetti kbar ta' infrastruttura tat-toroq għamlu progress, iżda proġetti ta' investiment ferrovjarju għadhom ferm lura. Infrastruttura ferrovjarja degradata teħtieġ investiment sostanzjali ta' tkabbir, billi 36 % biss ta' madwar 20 000 km ta' linji ferrovjarji f'operazzjoni huma f'kundizzjoni teknika tajba. Minkejja sforzi reċenti,
- il-Polonja għadha lura ħafna fejn Stati Membri oħra fil-ħtif tal-potenzjal tat-tkabbir ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). Il-kopertura fissa tal-broadband hi fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, kemm fil-livell nazzjonali u kif ukoll f'żoni rurali. L-investiment f'netwerks tal-ilma jibqa' insuffiċjenti.
- (18) Il-prestazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tal-Polonja hija taħt il-medja tal-UE. Il-problemi ewlenin jinkludu trasparenza, il-kumplessità tas-sistema tat-taxxa u l-ispejjeż tal-konformità, iż-żieda fil-medja tat-tul tal-proċedimenti f'każijiet ċivili u kummerċjali, u proċedimenti ta' falliment twal u rati baxxi ta' rkupru. L-użu tal-Gvern elettroniku fl-amministrazzjoni pubblika għadha wkoll taħt il-medja tal-UE. Il-Polonja bdiet riforma biex tiffaċilita l-aċċess għall-professionijiet irregolati li waqgħet lura fl-iskeda mħabbra fil-bidu.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ma qisix biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (7) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fil-perijodu bejn 2013-2014 sabiex:

1. Issaħħaħ u timplimenta l-istrateġija baġitarja għas-sena 2013 u għas-snin ta' wara, appoġġata b'miżuri speċifikati biżżejjed għall-2013 u l-2014, biex tiżgura korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv sal-2014 b'mod sostenibbli u l-kisba tal-isforz fiskali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Korrezzjoni dewwiema tal-iżbilanċi fiskali teħtieġ implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi, li jżidu l-kapacià tal-aġġustament u jippermettu żieda fit-tkabbir potenzjali u l-impjegi. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, hija għandha tfittex li tikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali li se jippermetti lill-Polonja tilħaq l-OTM sal-2016. Bil-ħsieb li ttejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi, timminimizza qtugħ fl-investiment li jkattar it-tkabbir, u terġa' tivvaluta l-politiki tal-infiq li jtejbju l-miri

(1) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- tal-politiki soċjali u jżidu l-kosteffettività u l-effiċjenza tal-infiq fis-settur tal-kura tas-saħħa. Ittejjeb il-konformità fiskali, partikolarment billi żżid l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa.
2. Tiżgura l-approvazzjoni ta' regola tal-infiq permanenti fl-2013 konsistenti mar-regoli tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet. Tieħu miżuri biex issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni baġitarja annwali u fit-terminu medju ta' żmien fost il-livelli differenti ta' gvern.
 3. Issaħħaħ l-isforzi biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh, pereżempju permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, iżżid id-disponibilità ta' apprendistati u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u min iħaddem u ttejjeb il-kwalità tat-tagħlim. Tadotta l-istrateġija proposti għat-tagħlim tul il-ħajja. Tiġġieled il-faqar fost il-ħaddiema u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol inkluż permezz ta' tranżizzjoni aħjar minn impjeg b'terminu fiss għal impjeg permanenti u billi jitnaqqas l-użu eċċessiv ta' kuntratti tal-liġi ċivili.
 4. Tkompli l-isforzi biex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tinvesti f'servizzi għall-indukrar tat-tfal u edukazzjoni ta' qabel l-iskola ta' kwalità u affordabbli, u billi tiżgura finanzjament stabbli u persunal ikkwalifikat. Bil-ħsieb li tittejjeb il-mobilità tax-xogħol settorjali, tieħu passi permanenti lejn ir-riforma tal-iskema tal-KRUS. Ittemm gradwalment l-iskema speċjali tal-pensjonijiet għal dawk li jaħdmu fil-minjieri bil-għan li dawn jintegraw ruħhom fl-iskema ġenerali. Tinfed ir-riforma tal-pensjonijiet ġenerali b'miżuri li jippromwovu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema akbar fl-età biex jgħollu l-etajiet ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol.
 5. Tieħu miżuri addizzjonali biex tiżgura ambjent tan-negozju li jkun favur l-innovazzjoni permezz tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika industrijali, billi tkompli tiżviluppa strumenti rotattivi u inċentivi tat-taxxa u billi timmira aħjar l-istrumenti eżistenti lejn l-istadji differenti taċ-ċiklu ta' innovazzjoni.
 6. Iġġedded u testendi l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u ttejjeb l-effiċjenza fil-katina kollha tal-enerġija. Tħaffef u testendi l-iżvilupp tal-qafas tal-elettriku, inklużi l-interkonnessjonijiet transkonfinali, u telimina l-ostakli fl-iskambju transkonfinali tal-elettriku. Issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-gass bit-tneħħija gradwali ta' prezzijiet regolati. Issaħħaħ ir-rwol u r-riżorsi tar-regolatur tas-suq ferrovjarju u tiżgura l-implimentazzjoni effikaċi tal-proġetti ta' investiment ferrovjarju mingħajr aktar dewmien. Tħaffef l-isforzi biex tiżdied il-kopertura tal-broadband. Ittejjeb il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma.
 7. Tieħu passi ulterjuri biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju billi tissimplifika l-infurzar tal-kuntratti u r-rekwiżiti għall-permessi tal-konstruzzjoni u billi tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità mat-taxxa. Tadotta u timplimenta il-liberalizzazzjoni ppjanata tal-aċċess għal servizzi professjonali.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Rumanija, 2012-2016

(2013/C 217/17)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tnedi strateġija għida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li se tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għall-azzjoni fil-livelli

nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-livers, l-istrumenti u l-politiki possibbli kollha. Huma ddeċidew fuq l-azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi esprimew l-impenn li jiksbu l-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u li jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-programm ta' riforma nazzjonali tar-Rumanija għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' konverġenza aġġornat tar-Rumanija għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2013 ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifika lir-Rumanija ma kinitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li se ssirlu analiżi fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Semestru Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jitrawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata favur it-tkabbir, biex jinkisbu lura l-kundizzjonijiet normali tas-self għall-ekonomija, biex jinġiebu l-quddiem it-tkabbir u l-kompetittività, jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u tkun immodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fit-30 ta' April 2013, ir-Rumanija ressqet Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2013 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perjodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew iwwalutati fl-istess ħin.
- (9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 72.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

huwa plawżibbli u konformi mal-valutazzjoni tar-rebbiegħa tal-2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Minħabba l-isforzi ta' konsolidazzjoni sostanzjali, u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-Rumanija naqqset id-defiċit globali tal-gvern għal taħt it 3 % fl-2012. Il-Programm ta' Konverġenza jimmira lejn objettiv baġitarju fuq terminu medju (OTM) ta' -1 % tal-PDG (-0,7 % tal-PDG preċedentement), li huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm għandu strateġija baġitarja mmirata lejn l-ilħuq tal-OTM sal-2014 li, meta ġie kkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-metodoloġija miftiehma, jikkorrispondi għall-kisba tal-OTM sal-2015. Il-progress f'termini strutturali lejn l-OTM huwa ogħla minn 0,5 % tal-PDG fl-2013 u jinsab f'madwar 0,4 % fl-2014. Il-livell limitu ta' nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul il-perjodu tal-programm ġie ssodisfat. L-aġġustament huwa kkonċentrat fil-bidu tal-2013, b'miżuri li jkattru d-dħul inkluż tnaqqis fl-oġġetti bit-taxxa deduċibbli, titjib fit-tassazzjoni tal-agrikultura, l-introduzzjoni ta' dazju mhux previst wara d-deregolazzjoni tal-prezzijiet tal-gass u l-introduzzjoni ta' taxa speċjali fuq it-trażmissjoni tal-elettriku u l-gass. Ir-riskji ewlenin għall-Programm ta' Konverġenza jirrelataw ma' aktar korrezzjonijiet finanzjarji possibbli marbuta mal-assorbiment tal-fondi tal-UE, jew il-finanzjament mill-baġit nazzjonali għall-proġetti prijoritarji, akkumulazzjoni mill-ġdid ta' arretrati, b'mod speċjali fil-livell tal-gvern lokali, u progress limitat fir-ristrutturazzjoni tal-intrapriżi tal-gvern. Id-dejn pubbliku tar-Rumanija jibqa' relattivament baxx, jiġifieri 37,8 % tal-PDG fl-2012. Dan huwa mistenni li jiżdied għal 38,6 % fl-2014 iżda se jibqa' ferm taħt il-livell limitu ta' 60 % tul il-perjodu tal-Programm.

- (10) Wara talba mir-Rumanija fis-17 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni u l-FMI nneozjaw programm prekawzjonarju ta' aġġustament ekonomiku mal-awtoritajiet Rumani. Fil-Kuntest tal-assistenza prekawzjonarja tal-Unjoni, ir-Rumanija impenjat ruħha li timplimenta programm ta' politika ekonomika komprensiva b'attenzjoni partikolari fuq miżuri ta' riforma strutturali biex ittejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-prodotti u tax-xogħol u żżid ir-reżiljenza u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija Rumana. Fl-istess waqt, dak il-programm żgura l-kontinwazzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali, it-titjib tal-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzi pubbliċi, u li r-riformi huma implimentati fil-politiki tas-suq finanzjarju, esterni, monetarji u ta' stabbiltà finanzjarja tagħha. F'Marzu 2013, ir-Rumanija talbet formalment estensjoni ta' 3 xhur tal-programm tagħha tal-FMI. Filwaqt li l-possibilità li jittieħdu fondi mill-pogramm tal-UE skadiet fl-aħħar ta' Marzu 2013, ir-reviżjoni tal-programm finali se sseħħ sal-aħħar ta' Ġunju 2013.
- (11) Il-qagħda fiskali tar-Rumanija qiegħda titjeb bid-defiċit tal-baġit jinżel taħt it-3 % fl-2012 u b'konsolidazzjoni fiskali ulterjuri mistennija għall-2013. Il-konformità mat-taxxa baxxa tirrappreżenta sfida kbira għas-sistema tat-taxxa tar-Rumanija, b'mod partikolari fl-oqsma tal-VAT u tat-tassazzjoni tax-xogħol. It-taxxi ambjentali

huma taħt il-medja tal-UE. Id-dejn pubbliku tar-Rumanija jibqa' baxx, 34,7 % tal-PDG fl-2011. Huwa mistenni li jiżdied għal 38 % fl-2014 iżda se jibqa' taħt is-60 % tal-livell limitu tal-PDG. Għalkemm ir-Rumanija mhix qed taffaċċja stress fiskali fit-terminu qasir jew medju taż-żmien, xorta waħda qiegħda f'riskju medju fit-terminu twil taż-żmien minħabba n-nefqa marbuta mal-età. Hemm tħassib dwar is-sostenibbiltà u l-adeqgatezza tas-sistema tal-pensjoni minħabba l-proporzjon baxx ta' kontributori impjegati għan-nies li jieħdu l-pensjoni. Illum ir-Rumanija hija waħda minn żewġ Stati Membri li għadhom ma ddeċidewx li jgħibu l-età pensjonabbli għan-nisa u l-irġiel indaqs u r-rata ta' impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età (41,4 % fl-2012) hija sostanzjalment taħt il-medja tal-UE. Il-Gvern tar-Rumanija ddeċieda li jkompli r-riforma tal-pensjonijiet u li jassoċja lill-imsieħba soċjali fit-tfassil tar-riforma u t-titjib tas-sjeda tagħha.

- (12) Is-settur tas-saħħa tar-Rumanija huwa kkaratterizzat minn inugwaljanzi kbar f'termini ta' aċċess għas-servizzi pprovduti u tal-kwalità tagħhom. Dan huwa, fost l-oħrajn, minħabba l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi u ġestjoni ħażina. Inbdew riformi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-settur tal-kura tas-saħħa iżda xorta waħda jinħtieġ sforzi kontinwi. Il-kosteffettività tas-sistema tista' tizzied billi jitnaqqas l-użu eċċessiv ta' kura ġewwa l-isptarjiet u billi jissaħħu sistemi ta' kura primarja u riferiment.
- (13) Ir-rata ta' impjeg tar-Rumanija baqgħet baxxa, 63,8 % fl-2012 għalkemm ġie rreġistrat titjib żgħir minn 62,8 % fis-sena ta' qabel. Il-mira ta' 70 % ta' Ewropa 2020 għall-pajjiż sas-sena 2020 tibqa' tikkostitwixxi sfida. Il-produttività tax-xogħol tar-Rumanija għadha waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Il-kwalità tal-attivazzjoni tax-xogħol pubbliku, it-tiftix għax-xogħol u s-servizzi ta' taħriġ mill-ġdid għadha relattivament baxxa. Il-kapaċità amministrattiva limitata ma tippermettix it-twassil effiċjenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol permezz ta' servizzi personalizzati ta' kwalità, u lanqas ma tippermetti integrazzjoni aħjar tal-politiki attivi u passivi tas-suq tax-xogħol. Il-parteċipazzjoni adulta fit-tagħlim tul il-ħajja tibqa' staġnata fl-livelli ferm baxxi, li f'1,6 % fl-2011, hija ħafna iktar baxxa mill-medja tal-UE ta' 8,9 %. Ir-rati tal-attività u x-xogħol fost iż-żgħażaġ kienu fost l-aktar baxxi fl-Unjoni fl-2012, 23,9 % u 30,9 % rispettivamente, filwaqt li r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġ kienet għolja, 22,7 % fl-2012. Is-sehem tar-Rumanija ta' żgħażaġ li la qed jaħdmu u lanqas mhuma qed jistudjaw jew isegwu xi taħriġ, li kienet ta' 16,8 % fl-2012. hija għolja u qiegħda tizzied.
- (14) It-tnaqqis tal-faqar jibqa' sfida importanti. Fl-2011, 40,3 % tal-popolazzjoni kienu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, aktar minn żewġ terzi tal-medja tal-UE ta' 24,2 %. L-aktar milquta huma t-fal (49,1 %). L-impatt tat-trasferimenti soċjali, esklużi l-pensjonijiet, fit-tnaqqis

tal-faqar jibqa' ferm taħt l-effiċjenza medja ta' trasferimenti fl-Unjoni, kemm għall-popolazzjoni kollha (23.7 % fir-Rumanija kontra 37.5 % għall-UE fl-2011) u għat-tfal (22 % meta mqabbel mal-42.8 % għall-Unjoni). L-adozzjoni, il-kopertura u l-adegwatezza baxxi tal-benefiċċji soċjali jibqgħu ta' sfida għall-effiċjenza tal-benefiċċji soċjali għat-tnaqqis tal-faqar. Fil-qasam tal-assistenza soċjali, bosta biċċiet ta' leġislazzjoni ġew adottati fl-2012 bħala segwitu għar-riforma tal-2011. L-adozzjoni tal-leġislazzjoni li jifdal se tkun pass importanti lejn it-tlestija tar-riforma. Madankollu, ir-rabta mal-miżuri ta' attivazzjoni tista' tissaħħaħ aktar. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom bdiet fl-2012, iżda r-risultat huma modesti. Hemm bżonn ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-partijiet interessati differenti għal implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija tal-allokkazzjoni tal-finanzjament.

- (15) Il-liġi tal-edukazzjoni tal-2011, riforma ewlenija li stabbiliet aġenda fit-tul għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, għadha mhix operazzjonali kompletament. Sabiex issir implimentazzjoni b'suċċess tar-riforma edukazzjonali, ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa se jkollhom jiġi ddedikati għall-bini tal-kapaċità amministrattiva u t-tfassil tal-politika. Ir-Rumanija taffaċċja sfida ewlenija biex iżżid il-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħha. It-tluq bikri mill-iskola huwa sfida ewlenija. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola tar-Rumanija ta' 17,4 % għall-2012 hija ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 13,5 % u l-mira nazzjonali ta' 11,3 %. Il-problemi jipper-sistu fiż-żoni rurali u remoti u għar-Rom. Ir-Rumanija għandha wkoll nuqqas ta' mekkaniżmu adegwat tal-ġbir tad-data fir-rigward ta' dawk li jtilqu l-iskola kmieni; strateġija komprensiva, li għandha tiġi adottata din is-sena, għandha tgħin f'dan ir-rigward. L-aċċess għal edukazzjoni u kura ta' kwalità u affordabbli kmieni fit-tfulija tibqa' problematika. In-nuqqas ta' taqbil bejn il-ħiliet u d-domanda tas-suq tax-xogħol huma karatteristika ta' proporzjon kbir ta' programmi ta' edukazzjoni terzjarja u vokazzjonali, bi sfida partikolari fil-livell fqir ta' ħiliet vokazzjonali. Ir-rata għolja ta' qgħad fost il-gradwati terzjarji u r-rata ta' soprakwalifiki jagħmlu l-allinjament ulterjuri tal-edukazzjoni terzjarja mas-suq tax-xogħol prijorità ewlenija. Ġie rreġistrat progress kajman fit-transizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik alternattiva għat-tfal bla ġenituri iżda hemm bżonn ta' aktar sforzi.
- (16) Il-kapaċità fqira ta' amministrazzjoni hija ta' tħassib ewlieni għar-Rumanija. L-amministrazzjoni pubblika hija kkaratterizzata minn qafas legali inkonsistenti, rikors frekwenti għal ordinanzi ta' emerġenza, livelli baxxi ta' kooperazzjoni interministerjali u burokrazzja eċċessiva. Din hija wkoll mminata minħabba nuqqas ta' ħiliet, nuqqas ta' trasparenza fir-reklutaġġ tal-persunal u rati għolja tar-rotazzjoni tal-ġestjoni. Kapaċità amministrattiva fqira tikkontribwixxi għal assorbiment baxxa tal-fondi tal-UE. Il-mira ta' assorbiment ta' tmiem l-2012 maqbul skont il-Programm ta' Assistenza Finanzjarja ma ntlaħqitx b'ħafna. L-assorbiment kumulattiv

sal-aħħar tal-2012 kien ta' EUR 5,53 biljun jew 20,2 % tat-total disponibbli ta' fondi strutturali, agricoli u ta' koeżjoni. Dan kien EUR 2,47 biljun inqas mill-mira ta' tmiem l-2012 tal-programm ta' EUR 8 biljun. Kien hemm titjib fir-rata ta' assorbiment tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni minn 7,5 % fi tmiem April 2012 għal 15,2 % fi tmiem Mejju 2013. Biex ikompli jitjeb l-assorbiment u jitnaqqas ir-riskju ta' diżimpenn fl-2013, l-awtoritajiet Rumani jridu jiffukaw, fost l-oħrajn, fuq miżuri li jtejbu l-effiċjenza tas-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll tal-Fondi Ewropej u jsaħħu l-kapaċità amministrattiva tas-sistema tal-akkwist pubbliku.

- (17) Ir-Rumanija taffaċċa għadd ta' sfidi fil-kompetittività ekonomika fejn il-produttività baqgħet baxxa fl-industrija u s-servizzi. L-isfidi ewlenin huma ambjent ta' negozju fqir u appoġġ baxx għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Z). It-titjib fl-ambjent tan-negozju għandu jiġi integrat fi strateġija aktar wiesgħa u koerenti tal-gvern biex tiġi promossa l-kultura amministrattiva tat-trasparenza u ċ-ċertezza legali u jiġu pprovduti servizzi pubbliċi onlajn aħjar. Ir-Rumanija għandha wkoll tieħu impenji biex tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-intensità tar-R&Z hija estremament baxxa, 0,48 % fl-2011, u l-effiċjenza u l-effettività ta' investment hemm bżonn jittejbu sostanzjalment. Investituri fir-R&Z jeħtieġu li jiprijoritizzaw l-attivitajiet li għandhom il-potenzjal li jattiraw l-investment privat. Ir-Rumanija għandha wkoll ittejjeb il-qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali bil-ħsieb li iżżid il-kummerċjalizzazzjoni tar-risultati ta' riċerka.
- (18) Ir-Rumanija għandha livell baxx ta' kompetizzjoni u effiċjenza fl-industrija tat-trasport u l-enerġija. Il-governanza ineffiċjenti u n-nuqqas ta' trasparenza tal-intrapriżi tal-istat f'dawn is-setturi tirrappreżenta sfida ewlenija. Sfida ewlenija oħra hija ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija fil-bini, it-tisħin distrettwali, l-industrija u t-trasport. Ir-Rumanija hija l-ekonomija l-aktar li tuża enerġija fl-Unjoni b'intensità tal-enerġija 2,5 darbiet ogħla mill-medja tal-UE. Hija wkoll it-tielet l-aktar ekonomija li tuża l-karbonju b'mod intensiv fl-Unjoni. Il-bini residenzjali fir-Rumanija juża 8 darbiet aktar enerġija mill-medja tal-UE-15 minħabba sistema ta' tisħin distrettwali ineffiċjenti u minħabba l-fatt li l-bini mhuwiex insulat kif xieraq. L-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku u l-gass tar-Rumanija fis-swieq tal-UE tibqa' mhux kompletata u għad irid jiġu implimentati konnessjonijiet transkonfinali għall-gass.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Rumanija. Hija studjat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Hija ma qisitx biss ir-rilevanza tagħhom għal politika soċjoekonomika u fiskali sostenibbli fir-Rumanija iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa ta' tisħiħ tal-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni

billi tipprovdi input fil-livell tal-UE f'deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (8) hawn taħt.

- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina il-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni tul il-perjodu 2013-2013 biex:

1. Ittemm il-programm ta' assistenza finanzjarja tal-UE/FMI.
2. Tiżgura konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir u timplimenta strateġija baġitarja għas-sena 2013 u lil hinn kif previst, biex b'hekk tiżgura l-kisba tal-OTM sal-2015. Ittejjeb il-ġbir tat-taxxa billi timplimenta strateġija komprensiva ta' konformità mat-taxxa u tiġġieled ix-xogħol mhux dikjarat. Fl-istess ħin, tesplora modi differenti kif iżżid id-dipendenza fuq it-taxxi ambjentali. Tkompli bir-riforma tal-pensjonijiet li nbdiet fl-2010 billi l-età tal-pensjoni tal-irġiel u tan-nisa ssir ugwali u billi tippromwovi l-impjegabbiltà ta' ħaddiema akbar fl-età.
3. Issegwi riformi fis-settur tas-saħħa biex iżżid l-effiċjenza, il-kwalità u l-aċċessibilità, b'mod partikolari għal nies żvantaġġati u komunitajiet remoti u iżolati. Tnaqqas l-użu eċċessiv tal-kura fl-isptar, anke billi tissaħħaħ il-kura tal-pazjenti barra l-isptar.
4. Ittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif ukoll l-impjegabbiltà u l-produttività tal-forza tax-xogħol, billi tirrevedi u ssaħħaħ politiki attivi tas-suq tax-xogħol, biex tipprovdi taħriġ u servizzi individwalizzati u tippromwovi taġħlim tul il-ħajja. Issaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Impjegi sabiex iżżid il-kwalità u l-kopertura tas-servizzi tagħha. Sabiex tiġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh, timplimenta rapidament il-Pjan Nazzjonali għall-Impjegi għaż-Żgħażaġħ, inkluż pereżempju permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Ittaffi l-faqar, ittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tat-trasferimenti soċjali b'attenzjoni partikolari għat-tfal. Tlesti r-riforma tal-assistenza soċjali billi tadotta l-leġislazzjoni rilevanti u ssaħħaħ ir-rabta tagħha mal-miżuri ta' attivazzjoni. Tiżgura riżultati konkreti mill-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom.
5. Tħaffef ir-riforma tal-edukazzjoni inkluż il-bini tal-kapaċità amministrattiva kemm fil-livell ċentrali u kif ukoll dak lokali

u tevalwa l-impatt tar-riformi. Tqawwi r-riformi fl-edukazzjoni t-taħriġ vokazzjonali. Tallinja ulterjorment l-edukazzjoni terzjarja mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ttejjeb l-aċċess għall-persuni żvantaġġati. Timplimenta strateġija nazzjonali dwar it-tluq bikri mill-iskola b'attenzjoni partikolari fuq aċċess aħjar għal edukazzjoni ta' kwalità kmieni fit-tfulija, anke għat-tfal Rom. Tħaffef it-transizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik alternattivi għat-tfal mingħajr ġenituri.

6. Issaħħaħ il-governanza u l-kwalità tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari billi ttejjeb il-kapaċità għall-ippjanar strateġiku u baġitarju, billi żżid il-professjonaliżmu tas-servizz pubbliku permezz ta' ġestjoni tar-riżorsi umani mtejbja u permezz tat-tisħiħ tal-mekkaniżmi għal koordinazzjoni bejn id-diversi livelli tal-gvern. Ittejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tar-regolamenti permezz tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt, u l-evalwazzjonijiet sistematiċi. Issaħħaħ l-isforzi biex tiġi jiżdied l-assorbiment tal-fondi tal-UE b'mod partikolari billi jissaħħu s-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll u jittejjeb l-akkwist pubbliku.
7. Ittejjeb u tissimplifika l-ambjent tan-negozju b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq l-SMEs u l-implimentazzjoni ta' strateġija koerenti tal-gvern. Tiffaċilita u tiddiversifika l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs. Tiżgura rabtiet aktar mill-qrib bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-industrija, b'mod partikolari billi tipprijoritizza l-attivitàjiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom il-potenzjal li jattiraw investiment privat. Tħaffef l-isforzi biex ittejjeb il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja fir-riżoluzzjoni tal-każijiet u tiġġieled il-korruzzjoni b'mod aktar effettiv.
8. Tippromwovi l-kompetizzjoni u l-effiċjenza fl-industriji tan-netwerk billi tiżgura l-indipendenza u l-kapaċità tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u billi tkompli r-riforma ta' governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-gvern fis-setturi tal-enerġija u t-trasport. Tadotta pjan fit-tul u komprensiv għat-trasport u ttejjeb l-infrastruttura tal-broadband. Tibqa' tneħħi l-prezzijiet regolati tal-elettriku u tal-gass u ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija. Ittejjeb l-integrazzjoni transkonfinali tan-netwerks tal-enerġija u tħaffef l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-interkonnessjoni tal-gass.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma 2013 tas-Slovakkja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja, 2012-2016

(2013/C 217/18)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽²⁾, li flimkien jagħmlu "l-linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqsu l-linji gwida integrati fil-politika ekonomika u fil-politika tal-impjiegi tagħhom.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew il-Gvern tal-Istati Memriiddecidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazżjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro, bl-użu tal-influenzi, l-istrumenti, u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fuq livell ta' Stat Membru, b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽³⁾ dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tas-Slovakkja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja għall-2012-2015.

(5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽⁴⁾, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih is-Slovakkja ma kinitx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.

(7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu garantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(8) Fl-24 ta' April 2013, is-Slovakkja ssottomettiet il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2013, u fit-30 ta' April 2013, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu r-rabti ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li s-Slovakkja naqqset id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika minn 7,7 % tal-PDG fl-2010 għal 4,3 % tal-PDG fl-2012 permezz ta' sforz ta' konsolidazzjoni u, abbażi ta' aspettattivi attwali, qiegħda fit-triq it-tajba biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv. Ix-xenarju makroekonomiku li jappoġġa l-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa ġustifikabbli. Mqabbel mal-previżjonijiet tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet jassumu rati ta' tkabbir simili għall-PDG b'konfigurazzjoni f'it differenti. L-oġettiv tal-istrateġija baġitarja mfassla fil-Programm ta' Stabbiltà hija li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tiżgura s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-finanzi pubbliċi. Biex jilħaq dan, il-Gvern jikkonferma l-oġettiv li

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽³⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 74.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

jnaqqas id-defiċit nominali taħt it-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG fl-2013, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE). L-isforz fiskali medju annwali aġġustat fl-2010-2013 jammonta għal 1,4 % tal-PDG, ħafna aktar mill-isforz ta' 1 % tal-PDG rakkomandat mill-Kunsill. Parti kbira mill-iffrankar tan-nefqa fl-2013 hija mistennija mill-gvernijiet lokali u mill-unitajiet ġenerali tal-gvern, li dwarhom il-gvern ċentrali ma għandux influwenza diretta. L-ilħuq tal-mira għalhekk jista' jkun fir-riskju, anki minħabba infiq akbar milli ppjanat tal-imgħoddi.

Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-oġġettiv ta' terminu medju (OTM) preċedenti ta' -0,5 % li jrid jintleħaq sal-2018. L-OTM huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għas-snin ta' wara d-data mistennija fejn trid issir il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, it-titjib previst fil-bilanċ tal-baġit strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) huwa sewwa għall-2014 u għall-2015 (0,6 punti perċentwali u 0,7 punti perċentwali tal-PDG rispettivament) iżda ma jkunx suffiċenti għall-2016 (0,3 punti perċentwali tal-PDG). Is-Slovakkja hija mistennija tikkonforma mal-valur referenzjarju tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn tal-gvern hu mistenni li jibqa' taħt is-60 % tal-valur referenzjarju tal-PDG sal-2016. Il-tbassir tar-rebbrigha 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni qed jipprevedi żieda fil-proporzjon tad-dejn ta' 54,6 % tal-PDG fl-2013 u 56,7 % tal-PDG fl-2014.

Sabiex jiġi assigurat tnaqqis mdaqqas fid-defiċit nominali sa mill-2011, l-awtoritajiet strieħu ukoll fuq tnaqqis f'investiment iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Gvern, li jista' ma jkunx sostenibbli jew mixtieq f'perspettiva fuq terminu medju jew twil, bħall-miżuri ta' darba. Għall-ġejjieni, il-proċess ta' konsolidazzjoni u konverġenza jrid jissalvagwardja n-nefqa tal-kategoriji li jtejbju t-tkabbir bħall-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-infrastruttura tat-trasport.

- (10) Is-Slovakkja għandha lok fejn tgħolli r-riżorsi addizzjonali billi twessa' l-bażi tat-taxxa, tillimita l-ambitu finnuqqas ta' konformità u tal-evazzjoni tat-taxxa, u billi tirrikorri aktar lejn taxxi li huma anqas detrimentali għat-tkabbir bħat-taxxa fuq il-proprjetà u t-taxxa ambjentali. Pjan ta' azzjoni sabiex jiġu miġġielda l-frodi fiskali, b'fokus partikolari fuq il-VAT kien adottat fl-2012. Sabiex l-istrateġija tkun suċċess, miżuri oħrajn huma meħtieġa, b'mod partikolari sabiex tiġi mtejba l-infrastruttura tal-IT, jitwessgħu l-kompetenzi u l-kapaċità ta' awditjar tal-awtoritajiet u jkun hemm segwitu ġudizzjarju.
- (11) Fl-2012 is-Slovakkja adottat ir-riforma tal-pensjonijiet sabiex ittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tagħha. Dan naqqas id-differenza fis-sostenibbiltà fit-tul stmata bi 2 % tal-PDG; madankollu, fil-livell ta' 4,9 % tal-PDG, id-differenza tibqa' ogħla sew mill-medja ta' 3 % tal-UE. Dan jirrifletti fil-biċċa l-kbira l-impatt tal-popolazzjoni li qed tixjeh, bin-nefqa tal-pensjonijiet li

tikkontribwixxi għal 1,5 punti perċentwali tal-PDG u n-nefqa għall-kura tas-saħħa għal 2 punti perċentwali tal-PDG. Ġaladarba l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa tas-Slovakkja huma previsti li jiżiedu b'mod sinifikanti fuq terminu twil, il-progress li sar sabiex is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet titjeb se jkollu bżonn jiġi abbinat ma' riforma fil-kura tas-saħħa sabiex il-finanzi pubbliċi jkunu fis-sod. L-introduzzjoni ta' strutturi ta' inċentiv u mekkaniżmi ta' kontroll effettivi tgħin biex il-kosteffettività u s-sistema għall-kura tas-saħħa jitjebu.

- (12) Il-persistenza ta' qgħad għoli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pass bil-mod tal-irkupru wara l-kriżi, jibqa' waħda mill-isfidi prinċipali għall-ekonomija tas-Slovakkja. F'dawn l-aħħar xhur is-Slovakkja ħadet passi sabiex tirriforma l-politika attiva fis-suq tax-xogħol. Madankollu, is-suċċess tar-riforma se jkun jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq il-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjegi li jimplementawha b'mod effettiv. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali aktar immirati għal dawk il-persuni l-aktar żvantaġġati li qed ifittxu impjieg. L-għoti tal-assistenza soċjali għandu jkun abbinat aħjar mal-attivazzjoni, u hemm bżonn li d-dizincantivi fis-sistema tal-benefiċċji fiskali jitneħħew għal dawk li jkollhom impjieg b'paga baxxa. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' nisa u ta' persuni ikbar fl-età tgħin sabiex tiżied ir-rata tal-impjieg u tintleħaq il-mira tal-impjegi tal-2020 ta' 72 %. Madankollu, innuqqas ta' faċilitajiet adegwati għall-indukrar tat-tfal, b'mod partikolari għal tfal taħt it-tliet snin, jagħmilha aktar diffiċli għall-ommijiet sabiex jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol.
- (13) Is-Slovakkja għandha waħda mill-ogħla rati ta' qgħad fl-Unjoni. Minkejja l-passi ta' riforma li ttieħdu fl-2012 sabiex titjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni fil-kwalità u fis-suq tax-xogħol, it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol tibqa' diffiċli u s-sistema edukattiva ma tirrispondix fil-pront għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-iffinanzjar per capita fl-edukazzjoni jiffavorixxi l-kwantità fuq il-kwalità, u dik il-parti tal-fondi allokata għall-attivittajiet ta' tagħlim (l-għalliema, il-materjal u t-tagħmir) hija baxxa. It-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni għolja u l-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet edukattivi jgħinu wkoll fl-iżvilupp ta' trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona sew, aktar effettività, u biex jiġi attirat l-investment fil-qasam tar-R&Ż, u biex titjeb il-kapaċità tal-innovazzjoni fl-ekonomija Slovakka.
- (14) Il-potenzjal tal-ħaddiema mhux utilizzat biżżejjed jirrigwarda wkoll il-komunitajiet marġinalizzati li jiffaċċaw ostakli sinifikanti meta jippruvaw jidħlu fis-suq tax-xogħol u fis-sistema edukattiva. Wara l-adozzjoni tal-Istrateġija tar-Repubblika Slovakka għall-Integrizzjoni tar-Roma sal-2020, ma ttieħdet l-ebda azzjoni effettiva fl-2012 u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-komunitajiet marġinalizzati, inklużi r-Rom, jibqgħu diffiċli. Huwa importanti li l-isforzi biex jitjebu r-riżultati edukattivi tal-gruppi marġinalizzati jitħaffu, kif ukoll li jiġu żgurati miżuri mmirati ta' attivazzjoni għall-adulti.

- (15) Minkejja l-progress notevoli, is-Slovakkja tikklassifika ruħha bħala l-ħames Stat Membru l-aktar intensiv fl-enerġija, parzjalment minħabba li l-industrija hija l-ikbar parti tal-ekonomija tagħha (25,9 % tal-PDG). Fl-istess waqt, il-prezzijiet tal-elettriku huma relattivament għoljin, b'mod partikolari għall-klijenti industrijali żgħar u ta' daqs medju. Is-Slovakkja għamlet sforzi fis-snin riċenti biex tilliberalizza parzjalment is-suq tal-enerġija, iżda għad hemm fejn isir titjib fil-mod kif is-suq jiffunzjona; b'mod partikolari permezz ta' aktar trasparenza — fosthom l-iffissar tat-tariffi għan-netwerks— u billi jsir titjib fil-bażi ekonomika u l-prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet regolatorji. Hemm ukoll fejn isir titjib fis-sigurtà tal-provvista u biex jiġu ffissati miri aktar ambizzjużi fl-effiċjenza enerġetika.
- (16) Fl-2012, is-Slovakkja nediet riforma maġġuri fl-amministrazzjoni pubblika sabiex ittejjeb l-orjentazzjoni lejn il-klijent tas-servizzi pubbliċi, għaċ-ċittadini u għan-negozji. F'dan l-istadju, bl-eċċezzjoni tal-aġenziji lokali, ir-riforma ma tiffokax fuq il-gvern ċentrali u l-kwalita' ġenerali u l-effikaċja tiegħu. Billi ma kienx hemm progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, il-proċedimenti ġudizzjarji għadhom jieħdu fit-tul, b'mod partikolari f'każijiet ta' insolvenza, u l-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim mhux użati biżżejjed. Is-Slovakkja reċentement irriforमत ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll tejbet l-awtonomija tal-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku, iżda l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali tal-UE turi li l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tibqa' sfida.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Ma qisix biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.
- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, is-Slovakkja għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,
- B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovakkja tieħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 biex:
1. Timplimenta kif ipplanat il-baġit għas-sena 2013, sabiex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli u tilħaq l-isforz fiskali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-EDP. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, twestaq sforz għall-aġġustament strutturali li jippermetti lis-Slovakkja tilħaq l-OTM sal-2017. Tevita qtugħ fin-nefqa li ttejjeb it-tkabbir u żżid l-isforzi biex ittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Tibni fuq ir-riforma tal-pensjonijiet li ġiet diġà adottata biex tkompli ttejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi billi tnaqqas id-differenza ta' finanzjament fis-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi u żżid l-kosteffettività fil-qasam tas-saħħa.
 2. Tħaffef l-implimentazzjoni tal-panjan ta' azzjoni sabiex tiġġieled il-frodi fiskali u tkompli bl-isforzi biex ittejjeb il-ġbir tal-VAT, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-kapaċità analitika u ta' awditjar tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Ittejjeb il-konformità fiskali. Tgħaqqad it-taxxa fuq il-proprjeta' immobbli mal-valur tas-suq tal-proprjeta'.
 3. Tieħu miżuri biex ittejjeb il-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjeg, biex tippovdi servizzi personalizzati lil dawk li jkunu u qed ifittxu impjeg kif ukoll issaħħaħ ir-rabta bejn il-miżuri ta' attivazzjoni u l-assistenza soċjali. Tindirizza b'mod effettiv il-qgħad fuq terminu twil permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni u taħriġ speċifiku. Ittejjeb l-inċentivi għan-nisa li jaħdmu, billi ttejjeb il-provvediment ta' faċilitajiet għall-ħarsien tat-tfal, b'mod partikolari għal dawk li għandhom anqas minn tliet snin. Tnaqqas il-porzjon tat-taxxa għall-ħaddiema b'paga baxxa u tadotta sistema ta' benefiċċji.
 4. Iżżid l-isforzi biex tindirizza l-qgħad għoli fost iż-żgħażaġh, pereżempju permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Tieħu passi sabiex tattira żgħażaġh fil-professjoni tat-tagħlim u tgħolli r-riżultati tal-edukazzjoni. Fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, issaħħaħ id-disponibbiltà tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol fil-kumpaniji. Fl-edukazzjoni għolja, toħloq aktar programmi ta' baċċellerat li jkunu orjentati lejn ix-xogħol. Tħeġġeġ it-trasferiment effettiv tal-għarfien billi tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-akkademja, ir-riċerka u s-settur kummerċjali. Iżżid l-isforzi biex jitjeb l-aċċess għall-edukazzjoni preprimarja ta' kwalita' għolja u inklussiva kif ukoll għall-edukazzjoni skolastika tal-komunitajiet marġinalizzati, inklużi r-Rom.
 5. Iżżid l-isforzi biex is-suq tal-enerġija jiffunzjona aħjar; b'mod partikolari, iżżid it-trasparenza tal-mekkaniżmu għall-iffissar tat-tariffi, iżżid ir-responsabbiltà tar-regolatur. Issaħħaħ l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi tal-viċinat. Ittejjeb l-effiċjenza enerġetika b'mod partikolari fil-binjiet u fl-industrija.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

6. Tiegħu miżuri, inkluż permezz tal-emendar tal-Att tas-Servizz Ċivili, biex issaħħaħ l-awtonomija tas-servizz pubbliku. Ittejjeb l-immaniġjar tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika. Iżżid l-isforzi biex issaħħaħ il-kapaċitajiet analitiċi fil-ministeri ewlenin, bl-għan ukoll li ttejjeb l-assorbiment tal-fondi tal-UE. Timplimenta miżuri biex ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Tippromwovi proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u tinkoraġġixxi aktar l-użu tagħhom.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 għas-Slovenja u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja, 2012-2016

(2013/C 217/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tnedi strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, u bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li

flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għall-azzjoni fuq il-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha. Huma ddeċidew fuq azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jiksbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovenja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja għall-perijodu bejn l-2012 u l-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat it-tielet Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jirrappreżenta l-bidu tat-tielet Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lis-Slovenja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jiġi inkoraġġut it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titwettaq konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami fil-fond tagħha għas-Slovenja, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 77.

s-Slovenja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Hija meħtieġa azzjoni politika urġenti biex twaqqaf it-tkabbir b'rata mgħaġġla ta' dawn l-iżbilanċi u biex tkun ġestita l-inverżjoni tagħhom. S'issa, il-livelli ta' dejn privat u pubbliku huma taħt il-livelli limiti tat-twis-sija tat-tabella ta' valutazzjoni kif ukoll id-dejn estern nett huwa relattivament limitat. Madankollu, il-problema mhijiex fil-livell tad-dejn iżda fl-istruttura tiegħu, li huwa kkonċentrat ħafna fis-settur korporattiv. Fil-kuntest tax-xejriet ekonomiċi negattivi li qed jaċċelleraw, dawn idgħajfu l-istabbiltà tas-settur finanzjarju u jikkomplikaw il-proċess ta' diżingranaġġ, inkluż permezz ta' tgħaqqid flimkien mal-livell ta' dejn sovrani. Dawn ir-riskji huma aggravati b'kapacià limitata għall-aġġustament fis-swieq tax-xogħol u tal-kapital u minn struttura ekonomika li hi ddominata mis-sjeda tal-istat. Perijodi ta' inċertezza politika u l-ostakoli legali għar-riforma żammew lis-Slovenja milli tindirizza l-iżbilanċi tagħha b'mod adegwat u ssaħħaħ il-kapacià ta' aġġustament tagħha, u b'hekk iżżid il-vulnerabbiltà tagħha fi żmien elevat ta' stress sovrani tal-iffinanzjar.

- (9) Fid-9 ta' Mejju 2013, is-Slovenja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perijodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt.
- (10) Fit-23 ta' Mejju 2013, l-awtoritajiet Sloveni bagħtu ittra lill-Kummissjoni li tiġbor fiha, temenda u jiġu ċċarati impenji ewlenin fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma.
- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li minkejja tnaqqis konsiderevoli tad-defiċit ikkonċentrat fil-parti tal-aħħar tal-perijodu li wasslu l-iżbilanċ minn 6,2 % tal-PDG fl-2009 għal 4,0 % tal-PDG fl-2012, is-Slovenja mhijiex mistennija tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2013 kif rakkomandat mill-Kunsill tard fl-2009. Dan huwa marbut, b'mod partikolari ma' ambjent ekonomiku agħar milli kien mistenni fiż-żmien. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa plawsibbli għall-2013, iżda ottimist għall-2014. B'mod partikolari, l-awtoritajiet jipprevedu li wara waqgħa fil-PDG ta' 2,3 % fl-2012 u 1,9 % fl-2013, il-PDG se jikber b' 0,2 % fl-2014, filwaqt li jassumi li l-miżuri fiskali huma meħuda biex jitnaqqas id-defiċit ġenerali tal-gvern minn 4,2 % tal-PDG (esklużi rikapitalizzazzjonijiet tal-bank) fl-2013 għal 2,6 % tal-PDG fl-2014. Madankollu, il-Kummissjoni tipprevedi li l-PDG se jonqos b' 0,1 % fl-2014 abbażi ta' suppożizzjoni tal-ebda bidla fil-politika, xenarju li jqijs biss miżuri li ġew adottati minn nofs April 2013, u tipprevedi defiċit ta' 4,9 % tal-PDG għall-2014. L-obiettivi prinċipali tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà huma biex jiġi kkorreġut id-defiċit eċċessiv sal-2014, sena wara l-iskadenza stipulata mill-Kunsill tard fl-2009, biex tinkiseb pożizzjoni strutturali bbilanċjata sal-2017 u tistabbilizza l-proporzjon tad-dejn inqas minn 55 % tal-PDG. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-obiettivi ta' terminu medju (OTM), li huwa baġit ibbilanċjat f'termini strutturali. Dan l-OTM mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir billi ma jqisx b'mod adegwat l-obligazzjonijiet

impliċiti relatati mat-tixxijh. Il-miri nominali pplanati tad-defiċit fil-Programm ta' Stabbiltà huma konsistenti ma' korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2014.

Madankollu, meta wieħed iqis it-tbassir ta' tkabbir ottimist għal dik is-sena, hemm riskji sinifikanti għall-previżjonijiet dwar id-dħul kif ukoll miżuri dwar l-infiq speċifikati b'mod insuffiċjenti, il-Kunsill iqis li mhuwiex probabbli li l-iżbilanċ eċċessiv se jiġi kkorreġut sal-2014. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-miżuri ta' tisħiħ strutturali addizzjonali għandhom jiġu speċifikati, adottati u implimentati sabiex jiġi żgurati li d-defiċit eċċessiv jiġi kkorreġut mhux aktar tard sal-2015, b'mod kredibbli u sostenibbli kif rakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2013. Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tal-amministrazzjoni pubblika rdoppja aktar minn 22,0 % fl-2008 għal 54,1 % fl-2012 u huwa mbassar li jkompli jiżdied għal 66,5 % sal-2014 skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet qed jistennew li l-proporzjon tad-dejn meta mqabbel mal-PDG jilħaq quċċata ta' 63,2 % fl-2014 u l-2015 u mbaġħad jinżel għal 62,8 % fl-2016. Ir-riskji marbuta mal-proporzjon tad-dejn għall-PDG ixaqilbu lejn proporzjon ogħla, anke minħabba obligazzjonijiet kontinġenti kbar u probabbiltà tal-aġġustament bejn id-fondi u l-flussi minn trasferimenti tal-assi lill-Kumpanija tal-Ġestjoni tal-Assi tal-Banek ("BAMC"), li mhijiex inkluża fil-projezzjonijiet tal-programm.

- (12) F'Mejju 2013, l-awtoritajiet għamlu passi importanti lejn il-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi. Huma kisbu ftehim mal-imsieħba soċjali dwar ammont addizzjonali ta' 1 ¼% tnaqqis fil-pagi bażiċi gross fis-settur pubbliku, minbarra t-3 % tnaqqis li kien miġstiehem fl-Att dwar l-ibbilanċjar tal-finanzi pubbliċi f'Mejju 2012. Barra minn hekk, il-Parlament approva bażi kostituzzjonali għall-istabbiliment ta' regola ġenerali tal-gvern dwar il-bilanċ/eċċess tal-baġit f'termini strutturali. Madankollu, it-traspożizzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Patt fiskali se jsir permezz ta' att speċjali għall-implimentazzjoni kostituzzjonali, skedata għal approvazzjoni parlamentari sa Novembru 2013. Fl-aħħar nett, il-Parlament kważi unanimament issikka r-regoli kostituzzjonali biex isejjaħ u jirbaħ referendum, li hu mistenni jiffaċilita l-introduzzjoni ta' miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali. Minħabba d-dejn li qed jiżdied b'mod rapidu, huwa aktar u aktar importanti li l-istrateġija tal-baġit tal-2013 hija msaħħa u implimentata b'mod strett, u li l-isforzi ta' konsolidazzjoni sostanzjali huma mfittxa bis-sħiħ fi snin sussegwenti. Filwaqt li xi taxxi huma taħt il-medja tal-UE, dipendenza fuq żidiet fit-taxxi ma tistax tipposponi b'mod indefinit il-ħtieġa li jiġu ttrattati d-dinamiċi tan-nefqa. Għalhekk jidher xieraq, li l-miżuri biex jiżdied id-dħul jiġu kkumplementati bi sforzi fiskali addizzjonali permezz ta' tnaqqis fin-nefqa strutturali. Il-qafas baġitarju għal terminu medju u r-regola dwar in-nefqa għadhom mhumie iffokati biżżejjed fuq il-kisba tal-OTM u l-iżgurar ta' sostenibbiltà għat-tul. Barra minn hekk, il-limiti baġitarji dwar ċerti unitajiet tal-amministrazzjoni pubblika, speċjalment utenti indiretti tal-baġit, ma jidhrux li huma infurzati b'mod sħiħ. Fl-aħħar nett, l-istimi internazzjonali u domestiċi jissuġġerixxu li d-daqs tal-ekonomija klandestina fis-Slovenja huwa ogħla mill-medja tal-UE, li jindika lok għal titjib fil-konformità tat-taxxa kif rikonoxxut ukoll mill-miżuri previsti fil-Programm ta' Stabbiltà.

- (13) F'Diċembru 2012 għaddiet riforma tal-pensjoni u daħlet fis-seħħ f'Janar 2013. Din tindirizza l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet tal-2012, għalkemm mhux biżżejjed minħabba li huwa mistenni li għandhom biss impatt fuq medda medja ta' żmien fuq il-finanzi pubbliċi (sal-2020). Filwaqt li din ir-riforma tal-pensjonijiet hija pass importanti, ma tippovdix miżuri speċifiċi li jinkludu kostijiet marbuta mal-età lil hinn mill-2020. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fir-riform biex titjeb is-sostenibbiltà tan-nefqa tal-pensjoni fuq terminu twil ta' żmien, inkluż permezz ta' allinjament tal-età statutorja tal-irtirar maż-żieda fl-għomor tal-ħajja u billi tkompli tirristrinġi l-irtirar kmieni. Fil-qasam tal-kura fuq medda twila ta' żmien, id-domanda għas-servizzi tgħaddi l-provvista filwaqt li l-infiq għadu relattivament baxx. Id-domanda għal kura fit-tul u nfiq relatat huma mbassra li jikbru sostanzjalment fid-dawl tax-xejriet tat-tixjiħ. Aktar evalwazzjonijiet tal-miżuri eżistenti jistgħu jikkontribwixxi għal aktar tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza f'dan il-qasam.
- (14) Filwaqt li d-daqs ta' fis-settur bankarju Sloven huwa relattivament żgħir u anqas minn nofs il-medja għaż-żona tal-euro, l-ikbar banek jesperjenzaw pressjoni sostnuta fuq il-bafers kapitali, li baqgħu baxxi f'paragun reġjonali, u d-dipendenza tagħhom fuq l-istat għall-kapital huwa ta' theddida sostanzjali għall-ekonomija. Il-ħtiġijiet ripetuti ta' rikapitalizzazzjoni huma kkonċentriati f'banek domestiċi li huma tal-Istat. Filwaqt li l-livelli ta' dejn privat totali huwa taħt il-medja taż-żona euro u l-limiti massimi tat-twissija ta' valutazzjoni tal-iżbilanċ makroekonomiku, il-kwistjoni hi ta' natura strutturali. Ħafna mid-dejn huwa kkonċentrat fis-settur korporattiv u ħafna kumpaniji huma fi stat ta' dejn eċċessiv, li jwassal għal aktar żidiet f'self mhux produttiv. Fl-aħħar tal-2012, 23,7 % ta' self korporattiv kienu b'lura b'90 jum jew aktar. Kreditu għall-qawmien mill-ġdid lis-settur korporattiv u d-dizjigranaġġ (deleveraging) tal-intrapriżi huwa meħtieġ biex jiffaċilita l-investment, ittejjeb il-produttività u l-kompetittività. Rikapitalizzazzjonijiet oħra huma previsti fil-Programm ta' Stabbiltà. L-awtoritajiet ikkonfermaw bil-miktub l-impenn li jipprovdu kapital addizzjonali jekk meħtieġ. Il-kreditu qed jonqos u l-interazzjoni bejn banek dgħajfa u s-sovrani ġiet intensifikata. Ir-rata tal-imgħax fuq kreditu korporattiv (għal self ta' aktar minn EUR 1 miljun) huwa aktar minn 2 punti perċentwali ogħla fis-Slovenja milli fiż-żona tal-euro kollha kemm hi u dan il-marġni żdied għal darb' oħra fl-2012. Leġislazzjoni ta' qafas għar-ristrutturazzjoni tal-banek għaddiet iżda għad trid tiġi implimentata b'mod effettiv. Il-BAMC tibqa' l-pjattaforma istituzzjonali ċentrali għar-rijabilitazzjoni tal-bank. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma, flimkien ma' tagħrif riċenti pprovdu mill-Gvern jiddeskrivi pjani għal trasferimenti għall-BAMC ibbażat fuq testijiet tal-istress minn isfel għal fuq imwettqa mill-Bank tas-Slovenja.
- stabbiltà dejjiema tas-settur bankarju. F'pajjiżi oħra dan l-approċċ irriżulta li hu essenzjali biex tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja, il-kredibbiltà u l-aċċess għas-suq. It-tagħrif miksub minn valutazzjoni esterna bir-reqqa hija bażi neċessarja għal strateġija ġenerali tas-settur finanzjarju.
- (15) Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ma jiddeskrivi l-ebda pass addizzjonali biex isaħħaħ is-supervizzjoni bankarja, li ġie identifikat bħala meħtieġa fir-rieżami profond tal-2013. F'termini ta' azzjonijiet supervizzorji fir-rigward tal-banek, l-unika informazzjoni ġdida fil-Programm ta' Riforma Nazzjonali tirrigwarda t-testijiet għall-istress tal-bank il-ġdid tas-Slovenja. Eżami addizzjonali ta' miżuri bħalma huma politiki makroprudenzjali xierqa ma ġiex ipprovdut. Revizzjoni tas-supervizzjoni mikroprudenzjali minn espert indipendenti għandha tiffaċilita wkoll xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq.
- (16) Riforma fis-suq tax-xogħol ġiet adottata f'Marzu 2013 biex tnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u tiżdied il-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol. Ir-riforma tnaqqas il-protezzjoni ta' kuntratti permanenti billi tissimplifika l-proċeduri tas-sensji f'każ ta' sensji kollettivi u individuali u billi tnaqqas il-kostijiet tas-sensji. Ir-Regolament ta' kuntratti b'terminu fiss ġie intensifikat iktar biex jitnaqqas l-użu ħażin, filwaqt li l-użu ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija huwa ristrett. Għalkemm ir-riforma tmur fid-direzzjoni t-tajba, wieħed għad irid jara jekk hijiex ambizzjuża biżżejjed biex ikollha impatt sinifikanti fuq is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-flessibbiltà, u dwar l-attrazzjoni tas-Slovenja għall-investment dirett barrani. Għadha ma tthiedet l-ebda miżura suffiċjenti biex jiġu indirizzati s-suq tax-xogħol f'żewġ livelli kkawżata mir-Regolament ta' xogħol studentesk. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jipproponi miżuri fid-direzzjoni t-tajba. Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġ fis-Slovenja żdiedet sew, b'4,9 punti perċentwali. għal 20,6 % fl-2012, filwaqt li r-rata tal-qgħad żdiedet minn 0,7 punti perċentwali sa 9 % fl-2012. Minkejja ż-żieda fil-qgħad, l-għadd ta' nies qiegħda li jipparteċipaw fil-miżuri attivi ta' politika dwar is-suq tax-xogħol, kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew, naqas b'mod konsiderevoli fl-2012 skont data nazzjonali preliminari. L-ebda miżuri ma tthiedu biex jadattaw ambjenti tax-xogħol biex titwal il-ħajja tax-xogħol u ġew adottati biss miżuri inizjali għal tagħlim tul il-ħajja mfassal apposta jew miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex jiżdiedu l-impjeggi taż-żgħażaġ gradwati fil-livell terzjarju, tal-ħaddiema ikbar fl-età u tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi. Is-Slovenja ħadet xi miżuri biex ittejjeb it-tqabbil tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Proġett pilota dwar kif għandhom jiġu evalwati dawk il-ħtiġijiet qed jitwettaq mis-servizz pubbliku tal-impjeggi iżda jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati.

L-awtoritajiet ikkonfermaw bil-miktub li huma lesti biex jaħdmu mal-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) biex jiżguraw li jitwettqu rieżamijiet indipendenti dwar il-kwalita tal-assi għal għażla ta' banek. L-eżerċizzju għandu jkun mifruq fuq is-sistema kollha biex jiżgura

Huwa meħtieġ li jsir aktar biex titjeb l-attrazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali rilevanti. Miżuri addizzjonali dwar l-orjentazzjoni għall-karrieri fl-SMEs qed jiġu implimentati wkoll. Ir-rwol ta'

min iħaddem fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ għad irid jissaħħaħ. Titjib f'dawn l-oqsma jżid il-produttività u l-kompetittività.

(17) Azzjoni ta' politika biex ittejjeb il-kompetittività skont in-nefqa kienet biss parzjali. Fl-2012, il-gvern naqqas il-pagi gross nominali għal kull impjegat fis-settur pubbliku b'madwar 3%. Ġie miftiehem aktar tnaqqis tal-ispejjeż tax-xogħol fis-settur pubbliku mal-imsieħba soċjali f'nofs Mejju 2013. Il-paga minima hija fost l-oġhla fl-UE bħala perċentwal tal-paga medja, hi indiċizzata għall-inflazzjoni, u kienet suġġetta għal żieda diskrezzjonali kbira fl-2010. Għalkemm ir-rata ta' tkabbir tal-kumpens nominali għal kull impjegat kienet negattiva fl-2012 (-0,4%) il-kost tax-xogħol unitarju nominali (NULC) irreġistra tkabbir pożittiv moderat fl-2012 (0,7%) minħabba t-tkabbir tal-produttività aktar negattiva (-1,1%). Il-miżuri biex jitneħħa t-tkabbir tal-produttività u l-progress sostnut fit-tnaqqis tal-kostijiet tal-unità lavorattiva jgħin biex tinkiseb lura l-kompetittività.

(18) Is-sjeda tal-istat għandha rwol sinifikanti għall-ekonomija Slovena b'bosta fatturi jibqgħu ma jinbidlux mill-perijodu transitorju tas-snin disgħin. L-għodo tal-privatizzazzjoni u r-ristrutturar korporattiv adottati matul is-snin disgħin wasslu fl-istat li jibqgħu dominanti, speċjalment fis-settur finanzjarju. Fl-2011, l-intrapriżi proprjetà tal-Istat irrappreżentaw wieħed minn sitta tal-valur totali miżjud għall-ekonomija Slovena, madwar nofs it-total tat-telf fis-settur korporattiv, u impjegaw waħda minn kull tmien persuni. Barra minn hekk, fondi kkontrollati mill-Istat u l-intrapriżi jkollhom impatt fuq il-finanzi pubbliċi permezz tal-interazzjoni livelli għolja ta' dejn, il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni garanziji sinifikanti tal-gvern. Id-daqs u dgħufija tal-intrapriżi tal-istat jżommu lura l-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir u jikkontribwixxu għall-iżbilanċi eżistenti. Dominanza mill-Istat u governanza li spiss ma tiffunzjonax tajjeb ta' assi Statali timpedixxi l-investment domestiku u barrani privat, filwaqt li tnaqqas il-produttività u l-kompetittività. It-transproprjetà ta' intrapriżi tal-Istat fis-settur mhux finanzjarji ma' istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat joħloq riskji kontagġi, jilimita l-aġġustament u jgħawweġ l-allokkazzjoni tar-riżorsi, speċjalment fir-rigward ta' investment għdid.

(19) Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma fassal prijoritajiet ta' politika fl-oqsma tas-sjeda statali u d-diżingranaġġ korporattiv, iżda ma jipprovdi dettalji tal-miżuri ppjanati. Ir-reviżjoni fil-fond tal-2013 ddeskriviet ir-riżultati ekonomiċi fir-rigward tal-proprjetà tal-istat, f'termini ta' kostijiet fiskali diretta u kontinġenti, u f'termini ta' distorsjoni ta' operazzjonijiet kummerċjali normali. Madankollu, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jsemmi biss in-nuqqas ta' koordinazzjoni bħala żvantaġġ għall-imġiba tal-istat bħala sid ta' intrapriżi mhux finanzjarji. B'mod ġenerali, filwaqt li l-Programm Nazzjonali ta' Riforma

jinkludi elementi pożittivi, ma jiprovdi biżżejjed informazzjoni dwar l-orjentazzjoni strateġika għal kumpaniji li se jibqgħu fil-pussess tal-Istat, u impenji dettaljati, marbuta biż-żmien biex itejbu l-prestazzjoni finanzjarja u l-ġestjoni tagħhom. Ittieħdu xi passi inizjali biex titjeb il-governanza korporattiva, kif inhu rakkomandat fir-rakkomandazzjonijiet tal-2012 speċifiċi għal kull pajjiż, u bie jiġu privatizzati xi impriżi statali. Leġislazzjoni li tipprovdi l-istabbiliment tal-futur tas-Slovenia Sovereign Holding (SSH) twettqet, iżda għad trid tiġi implimentata b'mod effettiv. Reġistru ta' ħatriet tal-Bord tat-Tmexxija u ta' superviżjoni f'intrapriżi statali bir-ekwiżiti għal divulgazzjoni tal-interessi jista' jgħin iżid it-trasparenza. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jħabbar il-preparazzjoni ta' strateġija ta' privatizzazzjoni sal-aħħar kwart tal-2013, li se jitressqu għat-tielet kwart tas-sena, wara l-ittra tat-23 ta' Mejju 2013. Sadanittant, il-Gvern ippropona lill-Parlament lista ta' 15-il kumpanija għall-privatizzazzjoni. Minbarra ishma minoritarji u SMEs, din il-lista tinkludi wkoll lill-kumpaniji importanti bħat-tieni l-akbar bank, NKBM.

(20) Is-Slovenja għandha għadd kbir ta' professjonijiet regolati u hemm lok għal tnaqqis sinifikanti tal-ostakli għad-dħul li jkollu effett pożittiv fuq l-impjeg u l-kompetizzjoni. L-awtoritajiet Sloveni nedew proċess ta' riforma fl-2012 biex jirrevedi bosta professjonijiet regolati bil-għan li jiġu definiti aħjar professjonijiet irregolati eżistenti, it-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi u biex jiġi ssimplifikat l-aċċess għal professjonijiet. L-ewwel sett ta' liġijiet fil-qasam tal-artiġjanat, it-turiżmu u l-kostruzzjoni kellu jiġi adottat mill-Parlament fil-bidu tal-2013. Madankollu, ir-riforma tinsab lura ħliet għas-settur tal-artiġjanat. Is-Slovenja stabbiliet l-prekundizzjonijiet legali għal Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni indipendenti iżda għad trid tiżgura li l-livelli tal-persunal se jibqgħu jiġu żgurati. Il-leġislazzjoni għandha tkompli tiġi emendata biex tagħti lill-Aġenzija linja tal-baġit separata, minħabba li dan huwa neċessarju biex tiżgura l-indipendenza finanzjarja tagħha. Il-proċedimenti ġudizzjarji tal-Prim' Istanza f'każijiet ċivili u kummerċjali kif ukoll il-proċeduri ta' falliment huma twal mingħajr raġuni. Minkejja t-tendenza pożittiva viżibbli biex tqassar tulijiet ta' każijiet ċivili u kummerċjali hemm bżonn ta' sforz kontinwu biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, minħabba li dawn ifixklu l-attività tan-negozju u jnaqqsu l-attrazzjoni tas-Slovenja għal investment barrani dirett. F'dan il-kuntest, in-nuqqas previst fin-numru tal-imħallfin għal kull abitant kif stabbiliet fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, kien ikun kontrobalanċjat minn żidiet sinifikanti fl-effikazzja.

(21) Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jafferma l-ħtieġa li jirristruttura korporazzjonijiet mhux finanzjarji f'diffikultà finanzjarja iżda l-isfida politika u r-risposta ta' politika dwar ir-ristrutturar korporattiv jeħtieġu iktar elaborazzjoni li tiffoka fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq. Hemm bżonn miżuri addizzjonali biex jattiraw investment privat, inkluż l-investment barrani dirett, u sabiex jiġi assigurat biżżejjed qsim tal-piżijiet privati li

jippreserva r-riżorsi tal-kontribwenti. Il-proċess ta' ristrutturatur għandu jwassal għall-bejgħ ta' kumpaniji ristrutturati mingħajr l-involviment ta' finanzjament pubbliku.

- (22) Is-Slovenja hija fil-proċess li temenda leġislazzjoni sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ta' insolvenza. Il-Gvern emenda l-liġi dwar operazzjonijiet finanzjarji, proċeduri ta' insolvenza u l-Att dwar ix-xoljiment obbligatorju f'April 2013. L-emendi jirfinaw id-definizzjoni ta' insolvenza u jintroduċu inċentivi għall-manigġers biex japplikaw għall-falliment fil-ħin. Il-qafas ta' insolvenza attwali ma għandux biżżejjed inċentivi u sanzjonijiet biex jiżgura li l-kumpaniji japplikaw għall-falliment fi stadju bikri. Proċeduri ta' soluzzjoni obbligatorja (riorganizzazzjoni fil-qorti) fil-qorti huma kumplessi u proċeduri tal-insolvenza favur id-debitur, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji mikro. M'hemmx biżżejjed inċentivi għall-kummerċjalizzazzjoni bikrija ta' kompromess, li jista' jgħin biex jiġi żgurat li jkun hemm tkompliġa ta' negozji vijabbli. Il-leġislazzjoni l-ġdida għet imħabbra biex tippermetti r-ristrutturatur finanzjarju ta' kumpaniji fi stat ta' dejn eċċessiv fi stadju bikri tal-proċess, u l-Ministeru tal-Ġustizzja ppreveda li jipproponi bidliet legali sabiex jiffaċilitaw ir-ristrutturatur barra l-qorti u l-konverżjoni ta' dejn sal-aħħar ta' Mejju 2013. Qafas legali xieraq żviluppat skont skeda ta' żmien maqbula li jipprovdni inċentivi kompatibbli lill-kredituri, is-sidien u l-manigġment ikun essenzjali sabiex jiffaċilita r-ristrutturatur finanzjarju ta' kumpaniji illikwidati vjabbli.
- (23) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovenja. Hija vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazżjonali ta' Riforma, u ppreżentat rieżami fil-fond. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovenja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (9) hawn taħt.
- (24) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu (1) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (25) Fid-dawl tar-reviżjoni bir-reqqa tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazżjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà għas-Slovenja. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet kollha ta' hawn taħt,
- (26) Fil-kuntest tas-semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro

bħala entità sħiħa. Fuq din il-bażi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (?). Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, is-Slovenja wkoll għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fil-perijodu bejn l-2013 u l-2014 biex:

1. Għas-sena 2013 u għas-snin ta' wara, timplimenta u ssaħħaħ l-istrategġija baġitarja, appoġġjata minn miżuri strutturali speċifikati biżżejjed, biex tiġi żgurata l-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2015 b'mod sostenibbli u t-titjib fil-bilanċ strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, għandha tfttx li tikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali li tippermetti lis-Slovenja biex jintlaħaq l-MTO li għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2017. Korrezzjoni fit-tul l-iżbilanċi fiskali teħtieġ l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ambizzjużi, li jżidu l-kapaċità ta' aġġustament tal-ekonomija u ssaħħaħ it-tkabbir potenzjali u l-impjiegi. Tissalvagwardja l-infiq li jiffavorixxi t-tkabbir, tadotta miżuri biex itejjeb il-konformità mat-taxxa u timplimenta miżuri fuq in-naħa tal-infiq sostnut minn revizzjonijiet sistematiċi tan-nefqa pubblika fil-livelli kollha tal-gvern. Biex tittejjeb il-kredibbiltà ta' konsolidazzjoni, tlesti l-adozzjoni tar-regola tal-gvern ġenearli dwar il-bilanċ/eċċess f'termini strutturali, tagħmel il-qafas baġitarju fuq perijodu medju vinkolanti, li jħaddan u trasparenti, u jssaħħaħ ir-rwol ta' korpi indipendenti ta' monitoraġġ tal-politika fiskali sa tmim l-2013. Tieħu miżuri biex tnaqqas gradwalment l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Istat.
2. Isaħħaħ is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet lil hinn mill-2020 billi taġġusta aktar parametri rilevanti kollha, inkluż permezz ta' rabta tal-età statutorja tal-irtirar u ż-żieda fl-istennija tal-għomor, filwaqt li l-adegwatezza tal-pensjonijiet tiġi ppreservata. Tinkludi l-infiq marbut mal-età dwar il-kura fit-tul u ttejjeb l-aċċess għas-servizzi billi terġa' tiffoka fuq l-għoti ta' kuri minn kura istituzzjonali għal kura fid-dar, tiffoka u timmira l-benefiċċji, u ssaħħaħ il-prevenzjoni biex jitnaqqsu d-diżabbiltà/d-dipendenza.
3. Tassigura li l-iżviluppi tal-paga, inklużi l-paga minima, jappoġġjaw il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi. Tissorvelja mill-qrib l-effetti reċenti fuq ir-riforma tas-suq tax-xogħol u jekk ikun meħtieġ identifikata oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni ulterjuri li tkattar il-ħolqien tal-impjiegi u tittratta s-segmentazzjoni, inkluż permezz tar-Regolament għal xogħol studentesk. Tieħu aktar miżuri biex jiżdiedu l-impjiegi taż-żgħażaġh gradwati fil-livell terzjarju, persuni anzjani u dawk b'ħiliet baxxi billi tiffoka r-riżorsi fuq miżuri dwar il-politika tas-suq tax-xogħol attiv magħmula apposta filwaqt li tittejjeb l-effikaċja tagħhom. Tindirizza n-nuqqas ta' tlaqqieġh fil-ħiliet billi ttejjeb l-attrazzjoni tal-edukazzjoni

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

vokazzjonali rilevanti u l-programmi ta' taħriġ u billi tiżviluppa aktar il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

4. Tieħu l-passi meħtieġa, b'kontribut minn imsieħba Ewropej, biex tikkuntratta konsulent estern indipendenti f'Ġunju 2013 biex iwettaq rieżami tal-kwalità tal-assi tal-banek mifruxa fuq is-sistema kollha. Ittemm dan l-eżerċizzju fl-2013, bi progress aktar mgħaġġel fil-każijiet taż-żewġ banek diġà suġġetti għall-proċedura ta' għajjnuna mill-Istat, biex iħaffu korrezzjoni tal-karta tal-bilanċ tagħhom. Tkun lesta li tipprovdi kapital addizzjonali jekk it-trasferiment tal-assi jew ir-rieżami tal-kwalità tal-assi jiżvelaw nuqqasijiet addizzjonali. Il-miżuri kollha, inklużi valutazzjonijiet oġġettivi tal-ħtiġijiet kapitali, it-trasferiment tal-assi lill-Kumpanija tal-Ġestjoni tal-Assi tal-Banek, l-iskema ta' protezzjoni tal-assi, l-implimentazzjoni operattiva tal-miżuri ta' ristrutturar għandhom ikunu implimentati b'konformità sħiħa mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-każ li tkun involuta għajjnuna mill-Istat. B'mod parallel, tiżviluppa sa Marzu 2014 u timplimenta strateġija settorjali komprensiva biex tiżgura ġestjoni indipendenti ta' banek riformati u biex tittejjeb sostanzjalment l-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-profittabbiltà fis-settur, inkluż permezz tal-konsolidazzjoni fejn xieraq. Tipproċedi b'mod mgħaġġel bi preparazzjonijiet għal privatizzazzjoni mħabbra ta' NKBM u tistabbilixxi, sa Settembru 2013, skeda ambizzjuża għal ċessjoni ta' ishma tal-istat diretti u indiretti tal-banek.
5. Twestaq rieżami tal-qafas regolatorju tal-Bank sa tmiem l-2013, u abbażi ta' dan ir-rieżamii, issaħħaħ il-kapaċità superviżorja, it-trasparenza u żvelar statistiku.
6. Tħaffef ir-riforma ta' servizzi regolati, inkluż tnaqqis sinifikanti ta' ostakli għad-dħul. Ittejjeb l-ambjent tan-negozju, inkluż permezz li tkun żgurata l-indipendenza u li tipprovdi biżżejjed u finanzjament awtonomu għall-Aġenzij dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni.
7. Tibni fuq l-isforzi preċedenti li jnaqqsu ulterjorment it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji fl-ewwel istanza f'każijiet ċivili u kummerċjali u n-numru ta' każijiet pendenti, partikolarment każijiet ta' infurzar.
8. Bħala parti mill-istrateġija ppjanata tal-Gvern, li għandu tintemm sa Settembru 2013, tikklassifika l-assi ewlenin u

sekondarji tal-Istat skont kriterji ekonomiċi, bil-għan li jitneħħew tal-assi sekondarji. Tagħmel lis-Slovenia Sovereign Holding (SSH) operazzjonali bis-sħiħ fil-ħin, u tittrasferixxi kemm l-appartenenza u l-ġestjoni tal-ishma kollha lill-SSH, potenzjalment teskludi dawk li huma fuq il-lista għal privatizzazzjoni sħiħa u immedjata. Tiżguraw l-ġestjoni professjonali tal-SSH mill-bidu, potenzjalment tinkludi ħliet internazzjonali, u relazzjoni indipendenti definita b'mod ċar mal-kumpaniji involuti. Għal ishma ewlenin, tiżviluppa strateġiji speċifiċi għas-settur biex ittejjeb il-profittabbiltà u l-governanza korporattiva. Tintroduċu sistema obligatorja u pubblikament disponibbli ta' reġistru ta' ħatriet tal-Bord tat-Tmexxija u ta' superviżjoni f'intrapriżi statali mar-rekwiżiti għal divulgazzjoni ta' interessi. Tiżgura li l-qafas regolatorju jiffaċilita ċessjoni ta' assi mhux prinċipali u li l-ostakli amministrattivi tal-Istat jkunu minimizzati.

9. Tidentifikaw u tibda xogħol dwar it-tneħħija legali kollha eżistenti u l-ostakli amministrattivi għal ristrutturazzjoni sostenibbli ta' dejn eċċessiv/sottokapitalizzat iżda li tkun vijabbli għall-kumpaniji permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq. F'dan il-kuntest, tieħu miżuri sabiex tiżgura l-kondiviżjoni suffiċjenti tal-piżijiet privati biex jiżdied l-investment privat, inkluż l-investment barrani dirett, kif ukoll biex tinkiseb aktar effiċjenza f'kumpaniji f'diffikultà bħala parti mill-proċess ta' ristrutturar. Tadotta l-qafas legali meħtieġ għal ristrutturar barra l-qorti sa Settembru 2013, filwaqt li tiżgura li huwa koerenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-insolvenza u tipprovdi inċentivi biex kemm il-kredituri u l-azzjonisti jilħqu ftehimiet ta' ristrutturar barra mill-qorti. Ittejjeb l-infurzar ta' proċeduri ta' insolvenza korporattiva u soluzzjonijiet fil-qorti, inkluż is-soluzzjoni b'mod rapidu ta' każijiet pendenti tal-qorti marbuta mal-proċeduri ta' falliment, sabiex jiġi massimizzat il-valur ta' rkupru u biex jiffaċilitaw riżoluzzjoni f'waqtha u effiċjenti ta' self inadempjenti.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2013 u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja, 2012-2016

(2013/C 217/20)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiki u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiki tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida

għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali ekonomiki u dwar l-impjiegi, tagħhom.

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapjiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri iddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livelli nazzjonali, tal-UE u l-livelli taż-żona tal-euro li jużaw l-livers, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari li jesprimu l-impenn sħiħ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja għall-perjodu 2012-2015.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-28 ta' Novembru 2012, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew ġie debitament involut fis-Simestru Ewropew, skont ir-Regolament 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar aspetti soċjali u tal-impjeg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitrawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titkompla konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-reviżjoni fil-fond għal Spanja, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni waslitha biex tikkonkludi li Spanja qed

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 bild-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 81.

tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, livelli għoljin ħafna tad-dejn domestiku u dak estern ikompli joħlqu riskji għat-tkabbir u l-istabbiltà finanzjarja; is-settur bankarju għaddej minn proċess ta' rikapitalizzazzjoni u ristrutturar, inkluż bi flejjes pubbliċi; riġiditajiet fis-swieg tal-prodott u tax-xogħol jikkontribwixxu għal qgħad għoli li dejjem qed jiżdied, u b'mod aktar ġenerali jfixklu l-aġġustament tal-ekonomija. Għalkemm l-aġġustament qiegħed iseħħ, il-kobor tar-rettifika meħtieġa jirrikjedi azzjoni politika qawwija kontinwa, floqsma fis-swieg tal-prodotti u tas-servizzi, is-suq tax-xogħol, is-settur finanzjarju, u l-finanzi pubbliċi.

- (9) Fit-30 ta' April 2013, Spanja sottomettiet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-perjodu 2012-2016. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2013 skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plawsibbli ħafna għas-sena 2013 u soġġett għal xi riskji negattivi fl-2014 u lil hinn meta mqabbel mat-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2013. Għalkemm il-Programm ta' Stabbiltà jipprevedi tkabbir li jkun aktar baxx matul il-perjodu 2014-2016 meta mqabbel mat-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2013, dan tal-aħħar huwa msejjes fuq suppożizzjoni tal-ebda bidla fil-politika, u għalhekk ma jqisx konsolidazzjoni fiskali li se tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-miri baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà, huwa li d-defiċit ġenerali tal-gvern jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG sal-2016. Il-konsolidazzjoni tiddependi prinċipalment fuq it-trażżin tal-infiq bil-proporzjon tal-infiq jonqos bi 3,7 punti perċentwali matul il-perjodu 2012-2016, iżda wkoll permezz ta' miżuri li jżidu d-dħul. Abbażi tal-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid)⁽¹⁾ it-titjib annwali tad-defiċit strutturali ppjanat fil-Programm ta' Stabbiltà huwa ta' 1,2 %, 0,4 %, 0,9 % u 0,9 % tal-PDG għas-snin 2013 sal-2016. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-objettiv għal terminu medju (OTM) ta' pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, li jkun intlaħaq sal-2018. L-OTM huwa aktar ambizzjuż milli meħtieġ mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-pass ta' aġġustament previst f'termini strutturali fl-2017-18 jirrappreżenta progress suffiċjenti lejn l-OTM. Il-Programm ta' Stabbiltà jipprojetta li l-proporzjoni tad-dejn tal-Gvern se jilħaq l-oġġla punt tiegħu fl-2016 u mbagħad jibda jonqos wara.

(1) Bilanċ aġġustat ċiklikament, nett minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tat-tagħrif ipprovdut fil-programm, permezz tal-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

Il-moghħdijiet ta' aġġustament ta' defiċit u dejn huma suġġetti għal riskji negattivi. Miżuri li jappoġġjaw il-miri tad-defiċit mhumiex speċifikati biżżejjed, speċjalment fil-livell reġjonali. Għall-2016, il-Programm ta' Stabbiltà ma jippreżenta l-ebda miżura u l-miżuri temporanji preċedenti huma estiżi biss sal-2014. Tfaddil ipplanat mir-riforma tal-gvern lokali huwa soġġett għal riskji sinifikanti ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, hemm inċertezzi madwar il-qagħda ekonomika, is-suq tax-xogħol u dik finanzjarja kif ukoll żviluppi fid-dħul fil-kuntest ta' żbilanċi makroekonomiċi kbar persistenti. L-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma ta' rtirar bikri adottata u l-ilhug ta' ftehim fuq il-fattur tas-sostenibbiltà jnaqqsu r-riskji fis-sistema tas-sigurtà soċjali. Riskju ulterjuri jirriżulta minn obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta ma' skemi/garanziji ta' protezzjoni tal-assi. Kien hemm progress kbir fir-rappurtar ta' eżekuzzjoni baġitarja, iżda għad hemm lok għal aktar implimentazzjoni trasparenti u f'waqtha tal-mekkaniżmi preventivi u korrettivi tal-Liġi dwar l-Istabbiltà Baġitarja. Rappurtar sistematiċu u f'waqtu dwar arretrati tal-Gvern, li l-ammont kbir pendenti tagħhom kien jeħtieġ skema ta' ħlas mill-ġdid *ad hoc*, huwa nieqes. L-istabbiliment ta' kunsill fiskali indipendenti waqa' lura. Proposta ta' reviżjoni tar-regoli ta' indiċjar għad-dħul u l-infiq pubbliku kollu ġgħib magħha tfaddil baġitarju u aktar rispons tal-prezzijiet għall-kundizzjonijiet ekonomiċi. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal aktar titjib fil-kost-effittività fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-mediċini, per eżempju billi jiġu riveduti l-prezzijiet ta' referenza u jiġi ċċentralizzat ix-xiri ta' prodotti farmaċewtiċi, jew jiġu estiżi l-kopagamenti.

- (11) Filwaqt li l-ibbilanċjar mill-ġdid sinifikanti tal-piż relattiv tat-taxxa lejn il-konsum u taxxi ambjentali seħħew fl-2012, il-proporzjon tat-taxxa għall-PDG fi Spanja għadu fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. L-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa tista' titjeb aktar billi jiżdied is-sehem ta' taxxi indiretti li jiffavorixxu aktar it-tkabbir u billi jiġu ttrattati l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, f'konformità mal-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali. Spanja ħadet xi miżuri biex jiġi indirizzat il-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva, iżda hemm bżonn isiru iktar sforzi fil-kuntest ta' dejn privat għoli.
- (12) Il-programm ta' aġġustament tas-settur finanzjarju qiegħed fit-triq it-tajba. B'mod partikolari, ir-rikapitalizzazzjonijiet meħtieġa kienu ġew imwettqa, u għet stabbilita l-kumpanija għall-ġestjoni tal-assi Sareb. Ir-ristrutturar tal-banek, b'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, se jeħtieġu attenzjoni kontinwa fis-snin li ġejjin. Biex ittaffi r-restrizzjonijiet tal-finanzjament u l-likwidità fuq il-kumpaniji, fl-2012 Spanja implimentat pjan kbir ta' ħlas ta' dejn kummerċjali tal-gvernijiet reġjonali u lokali lil kumpaniji (EUR 27,3 biljun) u nediet diversi inizjattivi biex twessa' l-għażliet tal-finanzjament għall-impriżi. Estensjoni ta' dak il-pjan hija prevista għall-2013.

- (13) Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tibqa' kritika. L-aġġustament mill-ġdid tal-ekonomija 'l bogħod mid-domanda domestika u l-konstruzzjoni f'kuntast ta' riġiditajiet fis-suq u tlaqqigħ ħażin tal-ħiliet, fost l-oħrajn, ikkontribwew għaż-żieda fir-rata tal-qgħad sa 27 % fil-bidu tal-2013. Ta' tħassib partikolari hija żieda kbira fir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh għal 56 % u ż-żieda ta' qgħad fuq perjodu ta' żmien twil għal 44,4 % tal-qgħad totali fi tmiem l-2012. Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li r-riforma tas-suq tax-xogħol tal-2012 bdiet twassal għal aktar flessibilità interna (fl-impriżi), għal xi tnaqqis fl-ispejjeż ta' sensji u għal żieda fil-moderazzjoni tal-pagi. F'Lulju 2013, fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tħabbret valutazzjoni uffiċjali tar-riforma mqabbla mal-obiettivi mistqarrija tagħha, bil-ħsieb li tikkumplementaha fejn meħtieġ. Ir-riformi fil-qasam tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol baqgħu lura u azzjonijiet li jimmodernizzaw u jsaħħu s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi nnifisu għadhom meħtieġa u l-ftuħ addottat riċenti għal aġenziji ta' tqegħid privat għad irid isir kompletament operattiv kif ukoll il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi pubbliċi nazzjonali u reġjonali (Single Job Portal).
- (14) Sehem għoli ta' nies qiegħda mingħajr kwalifiki formali (35 %) u rilevanza tas-suq tax-xogħol inadegwata tal-edukazzjoni u t-taħriġ jikkontribwixxu għar-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, kif ukoll qgħad fuq terminu twil. L-Istrateġija tal-Impjiegi għaż-Żgħażaġħ u l-Intraprenditorija 2013-2016 nazzjonali, ippreżentata f'Marzu 2013, tinkorpora firxa ta' miżuri fuq perjodu qasir u fuq perjodu itwal maħsuba biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjeg għaż-żgħażaġh. Fl-istess ħin, ġie introdott taħriġ vokazzjonali doppju u diġà bdew proġetti bi prova fl-2012. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013 jenfasizza wkoll l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tar-riforma tas-sistema edukattiva u jtejjeb il-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
- (15) Bażikament bħala riżultat tal-qagħda tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll minħabba l-effettività limitata tal-ħarsien soċjali fit-tnaqqis tal-faqar, Spanja hija taħt il-medja tal-UE fl-indikaturi prinċipali ewlenin jkejlu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, bit-tfal ikunu partikolarment esposti. B'mod ġenerali, l-ebda titjib maġġuri ma ġie rreġistrat fl-iżvilupp ta' miżuri ġodda ta' politika. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ma jinkludix informazzjoni dwar il-kontenut jew iż-żmien għall-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali 2013-2016. L-isfidi ewlenin huma l-ħtieġa li jiġu rrazzjonalizzati l-miri u r-riżorsi taħt qafas xieraq ta' politika, titjeb il-governanza u l-koordinazzjoni interistituzzjonali fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-assistenza soċjali tar-rikorrenti u jiġu riveduti l-ostakli għall-mobbiltà. Ġie rreġistrat ċertu progress fil-miżuri biex jindirizzaw il-faqar tat-tfal u titjeb l-effiċjenza tas-servizzi ta' appoġġ għall-familji.
- (16) Dgħufijiet fl-ambjent tan-negozju bħas-segmentazzjoni tas-suq domestiku jew ostakoli għad-dħul f'industriji tas-servizzi, iżommu lura l-ħolqien tal-impjiegi u l-progress tar-riforma f'dan il-qasam qed jieħu iktar żmien milli mbassar fil-pjan ta' riforma ta' Settembru 2012. L-ewwel abbozz tal-Liġi dwar l-Unità tas-Suq kienet adottata mill-Gvern f'Janar 2013 u l-approvazzjoni finali tagħha mill-Parlament hija prevista sal-aħħar tal-2013. L-impenji mtennija fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 jipprevedu l-ewwel abbozz tal-liġi dwar servizzi professjonali sal-aħħar ta' Ġunju 2013 u l-adozzjoni finali tal-liġi dwar l-intraprenditorija u dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji, qabel tmiem l-2013. Minkejja l-effetti mistennija ta' dawn ir-riformi, għad hemm skop għal aktar faċilità tal-kundizzjonijiet għad-dħul u l-ħruġ mis-suq, b'mod partikolari billi jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-liċenzji tan-negozju u billi jiġi rivedut il-qafas ta' insolvenza. Barra minn hekk, l-ostakli regolatorji u oħrajn għat-tkabbir tal-impriżi għandhom jiġu trattati. Minkejja r-riformi riċenti, l-ostakoli għad-dħul għal ħwienet b'superfiċje kbira jkomplu jillimitaw il-kompetizzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-immut. F'Settembru 2012 il-Gvern adotta abbozz ta' liġi li tgħaqqad l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni mal-awtoritajiet superviżorji u regolatorji fsitt setturi, u b'hekk jinħoloq korp wieħed — il-Kummissjoni Nazzjonali għas-Swieq u l-Kompetizzjoni (CNMC). Din ir-riforma għandha l-għan li tapplika b'mod konsistenti l-prinċipji tal-kompetizzjoni fid-diversi setturi ekonomiċi. It-tneħħija tat-tnaqqis mit-taxxa ta' pagamenti u pagamenti mill-ġdid ta' imgħax tas-self b'ipoteka fl-2012 kien essenzjali li jċaqilqu iċċentivi 'l bogħod mis-sjieda tad-dar, iżda l-isforzi sabiex jinħoloq suq tal-kiri akbar u aktar effiċjenti, li għandu wkoll jappoġġa l-mobbiltà tax-xogħol, għadhom fi stadju bikri.
- (17) Id-defiċit fit-tariffi tal-elettriku, li jimplika li hemm responsabbiltà potenzjalment imdaqsa ta' obbligazzjoni kontinġenti għall-baġit u r-riskji makroekonomiċi mhux negliġibbli, għadha ma ġietx indirizzata b'mod konklusiv, billi l-miżuri ppreżentati matul l-2012 u fil-bidu tal-2013 kienu insuffiċjenti. Fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2013, il-Gvern ħabbar li abbozz ta' liġi li tirriforma aktar is-settur tal-elettriku se tiġi ppreżentata sal-aħħar ta' Ġunju 2013. Hemm kamp ta' applikazzjoni għal aktar titjib fil-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ tal-elettriku. L-infrastruttura tat-trasport hija abbundanti iżda hemm lok biex l-għażla tal-investment issir aktar stretta u tingħata prijorità għall-manutenzjoni effiċjenti ta' networks eżistenti. It-twaqqif ta' osservatorju indipendenti, kif ippjanat, jista' jgħin f'dan ir-rigward. Fl-istess ħin, ostakoli tekniċi u legali jipprevjenu l-kompetizzjoni fit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri.
- (18) Ix-xenarju deċentralizzat ħafna li jitlob li jkun hemm koordinazzjoni mtejba bejn id-diversi amministrazzjonijiet pubbliċi, kemm sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq kumpaniji u familji. Għal dan l-għan, ittieħdu bosta inizjattivi jew jinsabu għaddej-jin. B'mod partikolari fi Frar 2013 il-Gvern ippreżenta

abbozz ta' Liġi dwar ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Lokali (li għandha tiġi adottata mill-Parlament qabel tmiem l-2013) u ġie stabbilit kumitat għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Huwa ser jippreżenta proposti għal riforma tal-amministrazzjoni pubblika Spanjola sal-aħħar ta' Ġunju 2013. Riforami biex titjieb il-ħidma tas-sistema ġudizzjarja jinsabu għaddejnin, għalkemm xi miżuri qed jakkumulaw id-dewmien u għad baqa' ambitu biex titjieb l-effiċjenza tal-ġudikatura Spanjola.

- (19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Spanja. Hija vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Hija ma qasitx biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Spanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa mill-ġdid il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (9) hawn taħt.
- (20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (21) Fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Il-valutazzjoni tikkonkludi li l-aġenda ta' riforma proposta hija komprensiva u qiegħda fid-direzzjoni t-tajba. Fl-istess waqt, il-valutazzjoni tenfasizza l-urġenja li jiġu adottati u implimentati b'mod effettiv r-riforami nieqsa sabiex ikunu jistgħu jibdeu jużaw l-effetti pożittivi mistennija. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3), (4), (5), (7), (8) u (9) hawn taħt.
- (22) Fil-kuntest tas-semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro bħala entità sħiħa. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tagħha hija l-euro, Spanja għandha tiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

1. Twassal l-isforz fiskali strutturali kif meħtieġ mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-PDE biex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2016. Għal dan

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

il-għan, timplimenta l-miżuri adottati fil-pjanijiet tal-baġit 2013 fil-livelli kollha tal-gvern, isahha l-istrateġija baġitarja fuq medda medja ta' żmien b'miżuri strutturali speċifikati biżżejjed għas-snin 2014-2016. Korrezzjoni dewwiema tal-iżbilanċi fiskali kredibbli hija bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-kapaċità tal-aġġustament u jippermettu żieda fit-tkabbir potenzjali u l-impjiegi. Wara li tinkiseb il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, isegwi l-aġġustament strutturali b'pass xieraq sabiex jilħaq l-OTM sal-2018. Tiżgura infurzar strett u trasparenti tal-miżuri preventivi u korrettivi previsti fl-istabbiltà baġitarja mil-liġi organika. Tistabbilixxi awtorità fiskali indipendenti qabel tmiem l-2013 biex tippovdi analiżi u pariri u tissorvelja l-konformità tal-politika fiskali u nazzjonali tar-regoli fiskali tal-UE. Ittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika fil-livelli kollha tal-Gvern, u twestaq analiżi sistematika ta' oġġetti ewlenin ta' nfiq sa Marzu 2014. Iżżid il-kosteffettività tas-settur tal-kura tas-saħħa, filwaqt li tinżamm l-aċċessibbiltà għal gruppi vulnerabbli, pereżempju billi tnaqqas l-infiq farmaċewtiku tal-isptar, isahha il-koordinazzjoni bejn tipi ta' kura u ttejjeb l-inċentivi għal użu effiċjenti tar-riżorsi. Tieħu miżuri biex tnaqqas l-ammont pendenti ta' arretrati tal-Gvern, tevitaw akkumulazzjoni ulterjuri tagħhom u tippubblika regolarment dejta dwar ammonti dovuti. Tadotta l-liġi tad-diżindjar biex jtnaqqas il-livell ta' inerzja tal-prezzijiet fin-nefġiet u d-dħul pubbliċi, fil-ħin biex tkun fis-seħħ sal-bidu tal-2014 u tikkunsidra passi addizzjonali biex tillimita l-applikazzjoni ta' klawżoli ta' indjar. Tiffinalizza sal-aħħar tal-2013 ir-Regolament tal-fattur ta' sostenibbiltà sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi iżżid l-età tal-irtirar effettiva billi tallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mat-tibdil fl-istennija tal-ħajja.

2. Twettaq analiżi sistematika tas-sistema tat-taxxa sa Marzu 2014. Tikkunsidra li tkompli trażżan l-ispiża tat-taxxi ftasazzjoni diretta, tesplora l-kamp ta' applikazzjoni sabiex tkompli tillimita l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ta' VAT u tieħu passi addizzjonali ftasazzjoni ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tad-dazji doganali u t-taxxi fuq il-fjuwil. Tieħu aktar miżuri biex tindirizza l-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva. Tintensifika l-ġlieda kontra l-ekonomija klandestina u x-xogħol mhux iddikjarat.
3. Timplimenta l-programm tas-settur finanzjarju għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-miżuri li jippromwovu intermedjazzjoni mhux bankarja adottata f'Novembru 2012.
4. Tiffinalizza l-evalwazzjoni tar-riforma tas-suq tax-xogħol għall-2012 li tkopri l-firxa sħiħa tal-oġġettivi u l-miżuri tagħha sa Lulju 2013, u tippreżenta emendi, jekk meħtieġ, sa Settembru 2013. Tadotta l-pjan nazzjonali tal-impjiegi għall-2013 sa Lulju 2013 u tadotta malajr riforma orjentata lejn ir-riżultat ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-immirar u l-effiċjenza ta' gwida. Issaħħa u timmodernizza s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex tiġi żgurata assistenza individwalizzata effettiva għal dawk li jinsabu qiegħda skont il-profilu u l-bżonnijiet tat-taħriġ tagħhom. Tissaħħa l-effettività ta' programmi ta'

taħriġ mill-ġdid għal ħaddiema li huma akbar fl-età u dawk b'ħiliet baxxi. Twettaq bis-sħiħ il-portal uniku tal-impjegji u tħaffef l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni pubblika-privata f'servizzi ta' sejbien ta' impjeg biex tiżgura l-applikazzjoni effettiv tagħha diġà fl-2013.

5. Timplimenta u tissorvelja mill-qrib l-effettività tal-miżuri biex jitnaqqas il-qgħad taż-żgħażaġh stabbilit fl-istrateġija dwar l-intraprenditorija u l-impjegji għaż-żgħażaġh 2013-2016, pereżempju permezz ta' garanzija għaż-żgħażaġh. Tkompli bl-isforzi biex iżżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol, biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jitjieb it-tagħlim tul il-ħajja, jiġifieri billi tespandi l-applikazzjoni ta' tahrġ vokazzjonali doppju lil hinn mill-fażi bi prova li għaddejja bħalissa u billi tintroduċi sistema komprensiva ta' monitoraġġ ta' prestazzjoni tal-istudenti sa tmiem l-2013.
6. Tadotta u timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tnaqqas l-għadd ta' persuni li qegħdin fir-riskju tal-faqar u/jew l-esklużjoni soċjali billi ssaħħaħ il-politiki tas-suq tax-xogħol attiv u billi ttejjeb l-impjegabilità tan-nies imbiegħda mis-suq tax-xogħol u billi ttejjeb l-immirar u ż-żieda fl-effiċjenza u l-effikaċja tal-miżuri ta' appoġġ inkluża l-kwalità tas-servizzi ta' appoġġ għall-familji.
7. Tadotta u timplimenta b'mod urġenti l-abbozz ta' liġi dwar l-unità tas-suq u tħaffef l-azzjonijiet kumplimentari kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni rapida tagħha. Tiġi żgurata l-effettività, l-awtonomija u l-indipendenza tal-awtorità regolatorja li għadha kif inħolqot. Sa tmiem l-2013, tkun adottat u implimentat il-Liġi dwar l-assoċjazzjonijiet u s-servizzi professjonali, sabiex telimina kwalunkwe restrizzjoni iġustifikata fuq l-aċċess għal, u għall-eżerċizzju ta', attivitajiet professjonali u l-Liġi dwar l-Intraprenditorija. Tiġbor mill-ġdid u tikkonċentra skemi ta' Appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni ta' impriżi. Tnaqqas in-numru u tqassar il-proċeduri

tal-ħruġ tal-liċenzji, inkluż għal attivitajiet industrijali, u xxerred l-użu tal-aproċċ "liċenzja mgħaġġla" għal attivitajiet li mhumiex għall-bejgħ bl-immnut. Tirrevedi l-oqfsa ta' insolvenza għall-kumpaniji u l-individwi, inkluża l-limitazzjoni tar-responsabbiltà personali tal-intraprendituri u tħaffef toffri t-tieni ċans għan-negozji li jkunu fallaw. Tneħħi restrizzjonijiet mhux ġustifikabbli għall-istabiliment ta' postijiet tan-negozju fuq skala kbira. Sa Marzu 2014, tirrevedi l-effettività tal-qafas regolatorju biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq tal-kiri tad-djar.

8. Tindirizza d-defiċit fit-tariffi tal-elettriku permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' riforma strutturali tas-settur tal-elettriku sa tmiem l-2013. Tintensifika l-isforzi tagħha biex tlesti l-interkonnessionijiet tal-elettriku u l-gass mal-pajjiżi ġirien. Tnaqqas l-obbligazzjoni kontinġenti għall-finanzi pubbliċi li jirriżultaw minn infrastruttura tat-trasport mhux profittabbli. Twaqqaf osservatorju indipendenti sabiex jikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri tal-ġejjieni. Tieħu miżuri biex tiżgura kompetizzjoni effettiva f'servizzi ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.
9. Tadotta, skont l-iskeda ppreżentata r-riforma tal-amministrazzjoni lokali u tiddefinixxi sa Ottubru 2013 pjan biex ittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika ġenerali. Tadotta u timplimenta riformi kontinwi biex titjieb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Isvezja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja, 2012-2016

(2013/C 217/21)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq il-koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu "l-linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politika ekonomika nazzjonali u fil-politika tal-impjiegi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew il-Gvernijiet tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, tal-UE u taż-żona euro, bl-użu tal-influenzi, l-istrumenti, u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Isvezja għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja għall-perijodu 2012-2015.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Isvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li kellha ssirlu analiżi fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu garantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni li tħeġġeġ it-tkabbir. Huwa enfażizza l-ħtieġa li titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppublikat ir-riżultati tal-analiżi fil-fond tagħha dwar l-Isvezja skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Isvezja qiegħda tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li jistħoq-qilhom monitoraġġ u azzjoni politika. B'mod partikolari, l-iżviluppi makroekonomiċi li jirrigwardaw id-dejn tas-settur privat u t-tnaqqis fl-ingranaġġ, flimkien mal-inefficienzi li jifdal fis-suq tad-djar jistħoq-qilhom attenzjoni kontinwa. Għalkemm il-bilanċ pożittiv attwali tal-kont kurrenti ma joħloqx riskji simili għad-defiċits il-kbar, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel monitoraġġ tal-iżviluppi fil-kont kurrenti tal-Isvezja.

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 85.

- (9) Fid-19 ta' April 2013, l-Isvezja ressqet il-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-perijodu 2012-2017 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tagħha. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku li fuqu huma msejsin il-previżjonijiet baġitarji tal-Programm huwa aċċettabbli għall-2013. Il-Gvern qed jipprevedi tkabbir fil-PDG ta' 1,2 % u 2,2 % fl-2013 u fl-2014 rispettivament, filwaqt li l-Kummissjoni qed tipprevedi 1,5 % u 2,5 %. L-objettiv tal-istrateġija baġitarja mfassal fil-Programm ta' Konverġenza huwa li jkun hemm is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu twil billi jiġu rrispettati r-regoli tal-qafas fiskali Svediż, inkluża l-mira li jkun hemm eċċess fuq is-self nett tal-gvern ġenerali ta' 1 % tal-PDG tul iċ-ċiklu tal-kummerċ. Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika naqas minn eċċess żgħir ta' 0,2 % tal-PDG fl-2011 għal defiċit ta' 0,5 % fl-2012. Il-Programm ta' Konverġenza jikkonferma l-objettiv baġitarju preċedenti ta' terminu medju (OTM) ta' -1,0 % tal-PDG. L-OTM huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Konverġenza jipprevedi li l-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni, se jitjeb minn defiċit żgħir ta' madwar 0,4 % tal-PDG fl-2012-13 għal eċċess mill-2014 'l quddiem. Għalhekk, l-OTM x'aktarx li jintleħaq fil-perijodu tal-programm. Skont l-informazzjoni fil-Programm ta' Konverġenza, ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern, netta mill-miżuri diskrezzjonali ta' dħul, se taqbeż ir-rata referenzjarja fuq terminu medju tat-tkabbir potenzjali tal-PDG tal-2012 u tal-2013, iżda fl-2014 se tinżel taħt din ir-rata. Anki jekk titqies il-possibiltà ta' aktar miżuri diskrezzjonali ta' espansjoni fl-2014, ir-riskji għall-miri baġitarji huma limitati. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn li huwa taħt is-60 % tal-valur referenzjarju tal-PDG, huwa previst li jilħaq temporanjament it-42 % tal-PDG fl-2013, iżda jerġa' jaqa' taħt l-40 % tal-PDG fl-2015. Il-Kummissjoni tipprevedi li l-proporzjoni tad-dejn jonqos għal 39 % fl-2014.
- (11) L-insolvenza għolja tas-settur privat (b'235 % tal-PDG fl-2012) tibqa' kwistjoni li tħasseb. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi li huwa madwar 80 % tal-PDG jew bejn wiehied u ieħor 170 % tal-introjt disponibbli kien biss dan l-aħħar li stabbilizza ruħu, u mhux probabbli li jonqos fil-futur qrib minħabba t-tkabbir fil-kreditu u r-ritmu kajman fl-ammortizzazzjoni ipotekarja. It-tnaqqis attwali fit-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax u t-taxxi rikorrenti baxxi fuq il-propjetà jikkontribwixxu għall-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni Svediża fuq id-djar, u jikkontribwixxu għal-livelli għolja ta' dejn. Barra minn hekk, il-qabża relattivament kbira li teżisti bejn ir-rata effettiva ta' taxxa marġinali fuq id-dejn u fuq l-ekwitajiet għal investment ġdid tissuġġerixxi preġudizzju kontinwu lejn l-iffinanzjar tad-dejn għall-korporazzjonijiet L-Isvezja reċentement irrestrinġiet it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-imgħax fost l-impriżi ta' grupp, iżda m'għandhiex sistema komprensiva biex tikkoreġi l-preġudizzju lejn it-taxxa fuq id-dejn/l-ekwitajiet. Id-dejn tal-kumpaniji għadu sostanzjali, b'149 % tal-PDG.
- (12) Għalkemm is-suq tad-djar Svediż kien stabbli fl-imgħoddi reċenti, għadu sors potenzjali ta' instabbiltà. Bħala provvista, is-suq tad-djar Svediż huwa kkaratterizzat b'xi inefficienzi li jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fil-prezzijiet tad-djar kif ukoll joħlqu l-effetti mhux mixtieqa ta' lock-in. L-investment Svediż fil-konstruzzjoni huwa biss nofs tal-pajjiżi Nordiċi l-oħrajn, kemm meta pparagunat mal-PDG kif ukoll mal-popolazzjoni. It-tnedija ta' proġett, kif inhi bħalissa, ħafna drabi tieħu ħafna snin minħabba l-proċeduri twal fil-livell muniċipali. L-issimplifikar ta' dawn il-proċeduri iżid il-flessibilità fil-provvista tad-djar, tinkoraġġixxi il-kompetizzjoni fis-settur tal-konstruzzjoni u tnaqqas l-ispejjeż tal-konstruzzjoni. Aktar riformi fis-sistema li tiffissa l-kiri huma meħtieġa sabiex il-forza tas-suq tkun tista' toħloq provvista ottimali ta' djar għall-kiri bi prezzijiet adegwati. L-indirizzar tal-inefficienzi fis-suq tad-djar probabbilment se jgħin ukoll biex jitnaqqas id-dejn tal-unitajiet domestiċi għadarba dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma marbutin ma' xulxin.
- (13) Fl-Isvezja, ir-rati tal-qgħad taż-żgħażaġh, tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u ta' dawk bi ftiit kompetenzi professjonali, b'mod ġenerali jibqgħu ħafna ogħla mill-bqija tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u ogħla mill-medja tal-UE. L-Isvezja, ħadet numru kbir ta' miżuri ġodda relevanti sabiex tindirizza din il-kwistjoni. Il-miżuri li jiffukaw fuq l-integrazzjoni ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol diġà taw l-ewwel riżultati mixtieqa billi naqqsu r-rata tal-qgħad, iżda jinħtieġu sforzi kontinwi sabiex titnaqqas id-differenza bejniethom u l-bqija tal-popolazzjoni. S'issa ż-żgħażaġh ma jidherx li bbenefikaw mill-miżuri. Madankollu, twaqqfu għadd ta' miżuri li jawguraw tajjeb, jew li huma pjanati; dawn jinkludu l-appoġġ għal ftehimiet tal-bidu dwar ix-xogħol fil-kuntest tal-mudell Svediż għall-iffissar tal-pagi minn sħab soċjali kompletament indipendenti. Sforzi oħra sabiex jissaħħu l-apprendistati u tipi oħra ta' edukazzjoni vokazzjonali bbażata fuq ix-xogħol huma wkoll kompletament relevanti, iżda jridu jkun aktar ambizzjużi jekk irid ikollhom l-impatt mixtieq. Progress kontinwu huwa assigurat fir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-impjeggi u l-isfruttar tal-benefiċċji ta' garanzija ta' xogħol għaż-żgħażaġh. Miżuri definiti b'mod aktar preċiż li jiffukaw fuq dawk l-aktar fil-bżonn għandhom ikunu ppreferuti għas-sussidji ġenerali. Taħt il-Garanzija ta' Xogħol Svediża, iż-żgħażaġh li qed ifittxu xogħol permezz tas-Servizz Pubbliku tal-Impjeggi u li kienu diġà ilhom mingħajr xogħol għal 90 jum, huma offruti servizzi mmirati sabiex jgħinuhom itejbu l-possibiltà tagħhom li jsibu opportunitajiet ta' xogħol u edukazzjoni. Madankollu, il-garanzija attwalment tidher effettivament mhux daqshekk immirata lejn iż-żgħażaġh li la qed jitgħallmu jew jitħarrġu, u lanqas ma huma rreġistrati mas-Servizz Pubbliku tal-Impjeggi. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-2012, l-Isvezja kkommissjonat

eżami dwar l-effetti ta' tnaqqis fil-VAT għar-restoranti u għas-servizzi tal-forniment tal-ikel fil-prezzijiet, fil-pagi u fil-impjiegi taż-żgħażaġh, li għandu jagħti r-riżultati preliminari f'Jannar tal-2014, u l-konklużjonijiet tal-aħħar fl-2016. Dan l-eżami se jkun importanti quddiem it-tħassib li tqajjem dwar il-kosteffettività ta' din il-miżura.

- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Isvezja. Hi vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u ppreżentat eżami fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Isvezja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) hawn taħt.
- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ qed tiġi riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,
- (16) Abbażi tal-eżami fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (2) u (3) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Isvezja tiegħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 biex:

1. Timplimenta l-miżuri neċessarji sabiex twettaq politika fiskali favur it-ktabbir u żżomm pożizzjoni fiskali soda, u tiżgura konformità mal-OTM fuq il-programm kollu.

2. Tkompli tindirizza r-riskji relatati mad-dejn privat billi tnaqqas il-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni fuq id-djar billi telimina gradwalment it-tnaqqis fit-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq ipoteki jew/u żżid it-taxxi fuq il-proprjetà. Tkompli tiegħu miżuri biex tinkoraġġixxi self prudenti b'miżuri li jippromwovu l-ammortizzazzjoni ipotekarja. Tkompli tnaqqas il-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni tal-kumpaniji.
3. Ittejjeb l-effiċjenza fis-suq tad-djar permezz ta' riformi kontinwi tas-sistema tal-istabbiliment tal-kera u ssaħħaħ il-libertà kuntrattwali bejn il-kerreġja u s-sidien. Tiġi promossa aktar kompetizzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni u jiġu riveduti l-proċeduri tal-ippjanar, tat-tqassim f'żoni u tal-approvazzjoni, bl-għan li tiżdied it-trasparenza, jiqsar id-dewmien u jonqsu l-ostakli għad-dħul ta' kumpaniji tal-kostruzzjoni.
4. Jiġu msaħħa l-isforzi sabiex tittejjeb l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh bi ftit kompetenzi professjonali u tal-persuni migranti, b'miżuri iktar b'saħħithom u mmirati aħjar sabiex tittejjeb l-impjegabbiltà u d-domanda għall-ħaddiema ta' dawn il-gruppi. Jiżdiedu l-isforzi sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, anki permezz tal-użu aktar wiesa' ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, apprendistati u forom oħra ta' kuntratti li jikkumbinaw ix-xogħol u l-edukazzjoni. Titlesta il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex tkopri aħjar liż-żgħażaġh li mhux jitgħallmu jew jitħarrġu. Tlesti u tiġbed konklużjonijiet mill-eżami fuq l-effettività tar-rata mnaqqsa tal-VAT attwali għar-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel għas-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Pajjiżi l-Baxxi u li twassal opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi, 2012-2017

(2013/C 217/22)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li titnieda strategġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida wiesa' għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-'linji gwida integrati'. L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).

- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapjiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew fuq Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-pressjonijiet, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrategġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż partikolari.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-2012 u wassal l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-perijodu 2012-2015.

- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkanżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Pajjiżi l-Baxxi bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.

- (6) Il-Parlament Ewropew huwa involut kif dovut fis-Semestru Ewropew, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u, fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.

- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex ikunu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitteġġeg it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li tkun segwita konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tiffavorixxi t-tkabbir, li jergħu jinġiebu l-kundizzjonijiet normali għas-self fl-ekonomija, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-reviżjoni fil-fond tagħha għall-Pajjiżi l-Baxxi taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Pajjiżi l-Baxxi għandu żbilanċi makroekonomiċi, għalkemm dawn mhumiex eċċessivi.

⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 88.

- (9) Fid-29 ta' April 2013, il-Pajjiżi l-Baxxi ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2013 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-perjodu 2012-2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà taħt ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Pajjiżi l-Baxxi implimenta miżuri ta' konsolidazzjoni mdaqqsqa matul il-perjodu 2011-2013, iżda li dak l-isforz fiskali x'aktarx li mhux biżżejjed biex jitranġa d-defiċit eċċessiv sal-2013, l-aktar minħabba żviluppi ekonomiċi li kienu agħar milli mistenni. Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa b'mod ġenerali plawżibbli. Għall-2013 u l-2014, il-Programm ta' Stabbiltà pprojetta tkabbir ekonomiku reali ta' -0,4 % u 1,1 %, rispettivament, li huwa pjuttost simili għat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni ta' -0,8 % u 0,9 %. L-objettiv tal-Programm ta' Stabbiltà huwa li mill-2014 jitnaqqas b'mod sostenibbli d-defiċit nominali għal taħt it-3 % tal-PDG. Il-Programm ta' Stabbiltà ma filhx referenza espliċita għall-objettiv ta' terminu medju (OTM), li jissuġġerixxi li l-OTM ta' 0,5 %, kif imsemmi fil-Programm ta' Stabbiltà tas-sena l-oħra, huwa kkonfermat. L-OTM huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Tkabbir u Stabbiltà. Barra minn hekk, filwaqt li fl-2015 fil-Programm ta' Stabbiltà hemm ipplanat tnaqqis fil-bilanċ strutturali ta' 0,5 % fil-PDG f'termini strutturali, f'konformità mar-rekwiżit strutturali annwali minimu, fl-2016, il-bilanċ strutturali huwa mistenni jmur lura b'0,4 % tal-PDG u jitjieb b'0,1 % tal-PDG fl-2017, biex b'hekk ma jiksibx il-perkors ta' aġġustament xieraq. Abbażi għat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-isforz fiskali annwali medju ta' madwar 0,7 % tal-PDG tul il-perjodu 2010-2013 huwa konformi mal-isforz fiskali ta' ¾ % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill. L-aġġustament baġitarju fl-2011 u l-2012 kien intiż l-aktar għal-lat tan-nefqa, iżda madankollu fl-2013 kien qed jiddependi ferm fuq miżuri tad-dħul. Id-defiċit nominali stabbilit bil-Programm ta' Stabbiltà huwa konsistenti ma' korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2014, sena wara l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill taħt il-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE) fit-2 ta' Diċembru 2009. Il-Kunsill jikkunsidra li l-isforz fiskali previst mill-awtoritajiet mhuwiex kompatibbli ma' korrezzjoni attwali tad-defiċit eċċessiv sal-2014. Hemm miżuri addizzjonali possibbli ta' konsolidazzjoni speċifikati fil-Programm ta' Stabbiltà li tneħħew temporanjament u fi kwalunkwe każ mhux se jkunu biżżejjed. Il-Pajjiżi l-Baxxi jeħtieġ li jiddefinixxi miżuri addizzjonali biex iġib id-defiċit nominali globali tal-gvern inqas minn 3 % tal-livell limitu tal-PDG fl-2014 b'mod sostenibbli. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa mistenni jkompli jogħla għal 74 % tal-PDG fl-2013 filwaqt li jogħla fit aktar għal 75 % tal-PDG fl-2014. Il-proporzjon tad-dejn huwa projetat li jibqa' '1 fuq sew mill-valur referenzjali ta' 60 %. Għall-2015, fil-Programm ta' Stabbiltà huwa mistenni li l-proporzjon tad-dejn jonqos għal 71,4 % tal-PDG u mbagħad jerġa' jonqos f'it, għal 70,8 % fl-2017. Madankollu, dan it-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn wara l-2014 mhuwiex sostnut biżżejjed b'miżuri ta' politika.
- (11) Sabiex il-potenzjal għat-tkabbir tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-futur jiżdied, huwa ta' importanza eċċezzjonali li l-konsolidazzjoni meħtieġa, biex tiżgura l-korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv u tikseb l-OTM fit-terminu qasir sa medju, tissalvagwardja nefqa li tiffavorixxi t-tkabbir. B'mod partikolari, l-isforzi għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u r-riċerka, inkluża r-riċerka fundamentali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, se jkunu importanti ħafna għal aġġustament bilanċjat. Dan mhux talli se jagħti appoġġ għall-irkupru ekonomiku, iżda jista' wkoll isostni l-innovazzjoni u l-kapital uman, itejjeb il-kompetittività u l-prospetti ta' tkabbir fit-terminu medju u twil.
- (12) Is-suq tad-djar iħaddan fih sfida ewlenija, fejn snin ta' riġiditajiet u inċentivi distortivi f'furmaw il-finanzjament tad-djar u xejriet ta' tfaddil settorjali. It-tendenza tal-unitajiet domestiċi li jostnu d-dejn gross fuq ipoteki kontra l-ġid tas-suq tad-djar tirrifletti sew inċentivi fiskali li ilhom, partikolarment it-tnaqqis sħiħ tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki. Minn April tal-2012 ġiet implimentata parzjalment sensiela ta' miżuri. Uħud minnhom jikkonċernaw l-aġġustament tat-trattament fiskali tal-finanzjament tad-djar. Il-pass gradwali biex it-tnaqqis tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki jiġi limitat u jiżdied l-inċentiv għall-amortizzament huwa ġustifikat, iżda l-introduzzjoni gradwali ta' din il-miżura huwa wisq kajman biex ikun jista' jinfluenza b'mod sinifikanti l-mod ta' amortizzament. Is-suq tal-kiri huwa limitat b'regolament u l-preżenza ta' settur tassew kbir ta' akkomodazzjoni soċjali li jrid ukoll jaffaċċja listi ta' stennija twal. L-introduzzjoni reċenti ta' xi differenzjazzjoni tar-renti fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali bbażati fuq id-dħul hija pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda l-impatt tagħha huwa limitat. Għaldaqstant, għalkemm il-miżuri proposti huma passi fid-direzzjoni t-tajba, ir-ritmu ġenerali tar-riformi huwa kajman biex jindirizza l-problemi sottostanti u għalhekk hemm b'żonn li tingħata spinta, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt fuq l-ambjent ekonomiku kurrenti u simultanjament jibqa' jiġi żgurat li l-akkomodazzjoni soċjali tkun disponibbli għaċ-ċittadini żvantaġġati, li ma jistgħux jiksibu akkomodazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq tad-djar, inkluż f'postijiet b'domanda għolja
- (13) Is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjoni ssaħħet permezz ta' żieda gradwali fl-età statutorja tal-irtirar minn 65 sena fl-2012 għal 67 fl-2021. Għalhekk, il-Pajjiżi l-Baxxi indirizza bis-sħiħ dik il-biċċa tar-rakkomandazzjoni tal-2012 dwar iż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar u li torbotha mal-istennija tal-għomor, kemm għall-pensjonijiet tal-ewwel pilastru u kif ukoll tat-tieni. L-isfidi li jifdal jinkludu t-tqassim intra u interġenerazzjonali xieraq tal-ispejjeż u r-riskji. Barra minn hekk, it-tiġdid maġġuri tal-governanza tal-fondi tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel biex jgħin ir-reżiljenza tinfed it-tixjiħ. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għar-riforma tal-kura fit-tul se jgħinu biex jitrażnu

l-ispejjeż tat-tixjiħ li qed jikbru b'pass mgħaġġel u għalhekk jappoġġaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura fit-tul iridu jinżammu flivell adegwat.

- (14) Ir-riformi tas-suq tax-xogħol li ppropona l-Gvern għandhom l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni u l-mobilità tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma tal-Att ta' Parteċipazzjoni hija ambizzjuża u rilevanti biex il-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol tingħata spinta. Madankollu, ir-riformi għadhom mhumiex promulgati bħala liġi. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar miżuri biex tittejjeb l-impjegabbiltà tal-persuna fil-marġini tas-suq tax-xogħol, inklużi n-nisa, nies bi sfond ta' migrant, nies b'diżabilità u l-anzjani. Il-Pajjiżi l-Baxxi ħabbar riformi fl-iskema tal-benefiċċji għan-nies qiegħda u fil-leġiżlazzjoni relattivament riġida tiegħu tal-ħarsien tal-impjegi. Dawn ir-riformi, flimkien ma' kreditu tat-taxxa tal-mobilità ("mobilitébonus") għal min iħaddem biex jimpjega benefiċjarji tas-sigurtà soċjali minn 50 sena 'l fuq jew nies b'diżabilità okkupazzjonali, huma mmirati sew lejn dawk b'parteċipazzjoni baxxa tas-suq tax-xogħol. Madankollu, għalkemm dawn il-miżuri huma fid-direzzjoni t-tajba, jistgħu biss jiġi vvalutati bis-siġħ ladarba jiġu adottati. Finalment, l-aċċellerazzjoni tat-tneħħija tad-diżinċentivi li jifdal għal dawk bit-tieni sors ta' dħul sabiex jiżied l-għadd ta' sigħat maħduma se jkollha l-potenzjal li ttaffi n-nuqqasijiet fil-provvista ta' ħaddiema fil-futur.
- (15) Sar progress sostanzjali fir-rakkomandazzjoni tal-2012 dwar ir-rabtiet fl-innovazzjoni u x-xjenza/n-negozju. Il-politika ta' intrapriża "Sa Fuq", inkluż l-approċċ settorjali għas-sħubijiet pubbliċi-privati fil-qasam tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni ("settur ewlieni") bħalissa tinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni. Apparti l-politiki ta' innovazzjoni settorjali, huwa importanti li ssir riċerka orizzontali u politiki innovattivi u li jinżamm livell adegwat ta' finanzjament pubbliku għal riċerka fundamentali mhux allokat.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Pajjiżi l-Baxxi. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, u ppreżentat revizzjoni fil-fond. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Pajjiżi l-Baxxi iżda qieset ukoll il-konformità tiegħu mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jinġhata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(18) Fid-dawl tar-reviżjoni fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (2) hawn taħt.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro⁽²⁾. Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, il-Pajjiżi l-Baxxi għandu jiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Pajjiżi l-Baxxi jieħu azzjoni fil-perjodu 2013-2014 biex:

- Jirrinforza u jimplementa strateġija baġitarja, appoġġata b'miżuri speċifiċi biżżejjed, għas-sena 2014 u lil hinn biex jiżgura korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv sal-2014 b'mod sostenibbli u jkiseb l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-PDE. Jiproteġi n-nefqa foqhma direttament rilevanti għat-tkabbir bħall-edukazzjoni, l-innovazzjoni u r-riċerka. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, isegwi fl-isforz ta' aġġustament strutturali li se jippermetti lill-Pajjiżi l-Baxxi jilħaq l-objettiv ta' terminu medju sal-2015.
- Isaħħaħ l-isforzi tiegħu sabiex is-suq tad-djar jiġi riformat b'mod gradwali billi jithaffet it-tnaqqis ipplanat fit-tnaqqis tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki u billi jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' prezzar orjentat aktar lejn is-suq fis-suq tal-kiri, u billi r-rati tal-kiri jsiru aktar relatati mad-dħul tal-unitajiet domestiċi fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Jiffoka mill-għdid il-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali biex isostnu l-unitajiet domestiċi l-aktar fil-bżonn.
- Jaġġusta l-pensjonijiet tat-tieni pilastru mas-sħab soċjali, biex jiżgura tqassim xieraq tal-ispejjeż u r-riskji intra- u inter-ġenerazzjonali. Isostni ż-żieda gradwali fl-età statutorja tal-irtirar b'miżuri għaż-żieda tal-impjegabbiltà ta' ħaddiema akbar fl-età. Jimplementa ir-riforma pplanata tas-sistema ta' kura fit-tul sabiex jiżgura l-effikaċja *vis-à-vis* spiża tagħha u jikkomplementaha b'aktar miżuri li jrażżnu ż-żieda fl-ispejjeż, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà.

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 97 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

4. Jieħu aktar miżuri biex isaħħaħ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' dawk il-persuni li jinsabu fil-marġini tas-suq tax-xogħol. Ikompli jnaqqas id-diżinċentivi tat-taxxa fuq ix-xogħol, inkluż bi tneħħija gradwali tal-krediti tat-taxxa trasferibbli għal dawk li għandhom it-tieni sors tad-dħul. Irawwem tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u jindirizza r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol, anke billi jirrifirma l-leġislazzjoni tal-ħarsien tal-impjeggi u s-sistema tal-benefiċċji għan-nies qiegħda.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Renju Unit u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit, 2012/13 sa 2017/18

(2013/C 217/23)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta'pożizzjonijiet ta'baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta'politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tnedi strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ⁽³⁾, li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdni qafas koerenti għall-azzjoni fuq il-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-żona tal-euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha. Huma ddeċidew fuq

azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jiksbu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

- (4) Fl-10 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ⁽⁴⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Renju Unit għall-2012 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit għall-2012-2017.
- (5) Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jirrappreżenta l-bidu tas-Semestru Ewropew 2013 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ukoll fit-28 ta' Novembru 2012, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellu jitwettaq rieżami fil-fond.
- (6) Il-Parlament Ewropew kien involut sew fis-Semestru Ewropew, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u fis-7 ta' Frar 2013, adotta riżoluzzjoni dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 u riżoluzzjoni dwar il-kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013.
- (7) Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jiġi inkoraġġut it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titwettaq konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa'j kollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.
- (8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami fil-fond tagħha għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li r-Renju Unit jinsab għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi, li jishoqqillhom monitoraġġ u azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, żviluppi makroekonomiċi fil-qasam tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, marbut ma' livelli għolja ta' dejn ipotekarju u l-karatteristiċi tas-suq immobiljari, flimkien ma' żviluppi negattivi fil-kompetittività esterna, partikolarment fir-rigward tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti u tat-tkabbir dgħajef fil-produttività, ikomplu jistħoq-qilhom attenzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.⁽³⁾ Miżmuma għall-2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/208/UE tas-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21).⁽⁴⁾ ĠU C 219, 24.7.2012, p. 91.

- (9) Fit-30 ta' April 2013, ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-perijodu 2012/13 sa 2017/18 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tiegħu. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (10) Skont il-paragrafu 4 tal-Protokoll (Nru 15) dwar ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-obbligu fl-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-amministrazzjoni pubblika ma japplikax għar-Renju Unit. Il-Paragrafu 5 tal-Protokoll jistipula li r-Renju Unit għandu jipprova jevita defiċit eċċessiv tal-Gvern. Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jeżisti defiċit eċċessiv fir-Renju Unit.
- (11) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta'Konverġenza, li twettqet skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm huwa plaw-zibbli. L-għan tal-istrateġija baġitarja ppreżentata fil-Programm ta' Konverġenza huwa li jinkiseb baġit kurrenti aġġustat ċiklikament qrib il-bilanċ sa tmiem il-perijodu dinamiku ta' ħames snin. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika laħaq il-quċċata tiegħu fil-livell ta' 11,5 % tal-PDG fl-2009/10⁽¹⁾ u tnaqqas għal 5,6 % tal-PDG fl-2012/13, permezz ta' miżuri ta' darba li naqqsu d-defiċit b'2 punti perċentwali fl-2012/13. Madankollu, il-Programm ta' Konverġenza juri li l-Gvern huwa mbassar li ma jirrispettax l-iskadenza tal-2014/15 għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv stabbilita mill-Kunsill billi d-defiċit huwa stmat li se jkun ta' 6,0 % tal-PDG dik is-sena. Skont il-projezzjonijiet tal-programm, is-sena li fiha d-defiċit eċċessiv se jissewwa hija l-2017/18, fejn dan se jilħaq it-2,3 % tal-PDG, tliet snin wara l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill f'Diċembru 2009. Il-Programm ta' Konverġenza jimplika li d-defiċit strutturali tal-amministrazzjoni pubblika, kif rikalkulat mill-Kummissjoni, jitjieb marġinalment minn 5,6 % tal-PDG fl-2013/14 għal 5,1 % tal-PDG fl-2014/15. Matul il-perijodu 2010/11 sa 2012/13, l-isforz fiskali mhux aġġustat medju huwa stmat li hu ta' 1,1 % tal-PDG, li huwa ferm anqas mill-1 % tal-PDG rrakkomandati mill-Kunsill, qabel il-korrezzjoni għall-impatt ta' kwalunkwe reviżjoni għat-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni, jew dħul imprevist jew nuqqas fid-dħul. Ir-riskji ewlenin għall-projezzjonijiet baġitarji jirriżultaw minn tkabbir iżgħar milli mistenni minħabba inflazzjoni għolja persistenti li qed tillimita l-konsum privat u deterjorament potenzjali fl-ambjent internazzjonali li jista' jaffettwa l-kummerċ u l-investiment.

Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fuq terminu medju (OTM) kif previst mill-Patt tal-Istabbiltà u t-Tkabbir. Il-Gvern kompla bl-istrateġija tal-konsolidazzjoni fiskali tiegħu iżda, minħabba n-nefqa ogħla milli mistenni minħabba l-operat tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u d-dħul tat-taxxa anqas milli mistenni, id-defiċit huwa ogħla milli previst. Minbarra dan, il-miżuri ta' konsolidazzjoni meħuda sa issa ma kinux biżżejjed biex jinkiseb l-isforz fiskali medju annwali rrakkomandat sabiex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni potenzjali għad-dħul mir-riforma strutturali, pereżempju l-għan li tiżied l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa permezz ta' reviżjonijiet tal-istruttura tar-rata tal-VAT, għadha relattivament mhix sfruttata biżżejjed. Id-dejn tal-Gvern bħala perċentwal tal-PDG żdied minn 56,1 % fl-2008/09 għal 90,7 % fl-2012/13. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa projettat li se jiżied għal 100,8 % fl-2015/16 u għal 2016/17 qabel jerġa' jonqos għal 99,4 % fl-2017/18.

- (12) It-tnaqqis tad-dejn tal-unitajiet domestiċi kompla fl-2012, iżda fil-livell tiegħu ta' 96 % tal-PDG, id-dejn tal-unitajiet domestiċi fir-Renju Unit għadu ħafna ogħla mill-medja taż-żona tal-euro u t-tnaqqis tad-dejn jista' ma jiġix sostnut ladarba l-ekonomija titjeb u t-tranżazzjonijiet tal-unitajiet domestiċi jirritornaw lura għal livelli aktar normali. Il-prezzijiet tad-djar għadhom għoljin u volatili fil-kuntest ta' nuqqas ta' djar. Minħabba taħlita ta' prez-zijiet għolja tad-djar u l-użu wiesa' ta' ipoteki b'rati varjabbli, l-unitajiet domestiċi huma partikolarment esposti għall-bidliet fir-rati tal-imgħax, u wkoll għal żidiet fil-qgħad. Il-Gvern ħa azzjoni sabiex jirrifirma l-liġijiet dwar l-ippjanar tal-ispazju, iżda l-kostruzzjoni residenzjali għadha flivell baxx u s-sistema tal-ippjanar, inklużi r-restrizzjonijiet taż-żoni hodur, għadha tikkostitwixxi limitazzjoni importanti fuq il-provvista tad-djar. L-interventi tal-Gvern biex jistimola d-domanda għad-djar aktar milli l-provvista tagħhom, inkluża l-iskema riċenti Help to Buy jistgħu potenzjalment jagħmlu din is-sitwazzjoni agħar billi jżidu l-prezzijiet tad-djar u d-dejn tal-unitajiet domestiċi. Is-sistema tat-taxxa fuq il-proprietà tar-Renju Unit tgħaqqad flimkien taxxa rikorrenti regressiva (it-Taxxa tal-Kunsilli) ma' taxxa progressiva fuq it-tranżazzjonijiet (it-Taxxa tal-Bolla fuq l-Art). Huwa probabbli li t-taħlita ta' prez-zijiet għoljin tad-djar, pressjonijiet fuq il-finanzi tal-unitajiet domestiċi u kriterji tas-self aktar responsabbli se jkomplu jwaqqfu lil diversi unitajiet domestiċi bi dħul medju milli jsiru sidien ta' djar. F'dan il-kuntest, il-kera privata tista' ssir alternattiva akar attraenti u vijabbli għas-sjeda tad-djar.

⁽¹⁾ Il-perijodu „2009/10” jirreferi għas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' April 2009 u tispiċċa fil-31 ta' Marzu 2010.

- (13) Ir-Renju Unit qed jiffaċċja l-isfidi kemm tal-qgħad kif ukoll tas-sottoimpjeg, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh.

Il-qgħad kien ta' 7,8 % fil-bidu tal-2013, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 10,9 %, u huwa mistenni li jibqa' fil-biċċa l-kbira stabbli matul l-2013 u l-2014. Il-qgħad taż-żgħażaġh li jammonta għal 20,7 % huwa ferm ogħla, u żdied b'mod kostanti sa mill-2007, meta kien ta' 14,3 %. Il-proporzjon taż-żgħażaġh li ma jaħdmux u li ma jattendux ċentri ta' taġlim jew taħriġ huwa ta' 14,0 %. L-impjeg fis-settur privat kiber b'mod qawwi fl-aħħar sena, meta jitqies it-tkabbir baxx fil-PDG, iżda t-tkabbir tal-produttività u tal-pagi kien baxx. Ir-Renju Unit għandu wkoll provvista żejda ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi li d-domanda għalihom qiegħda tonqos. Fl-istess ħin, ir-Renju Unit għandu nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet vokazzjonali u tekniċi ta' kwalità għolja, u dan jikkontribwixxi għal nuqqas ta' kompetittività esterna. Minkejja li sar xi progress f'dawn l-aħħar snin, proporzjon sinifikanti ta' żgħażaġh ma għandhomx il-ħiliet u l-kwalifiki li jeħtieġu sabiex jikkompetu b'suċċess fis-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-qgħad tal-persuni b'livell baxx ta' ħiliet tal-etajiet minn 15 sa 25 sena hija ta' 37,2 %, 'il fuq sewwa mill-medja tal-UE. Il-politika tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ eżistenti hija ffukata wisq fuq il-ħiliet bażiċi u l-kwalifiki tat-tieni livell, filwaqt li kull ma jmur, l-ekonomija qiegħda titlob kwalifiki aktar avvanzati. Filwaqt li kien hemm sforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tal-programmi ta' apprentistat, huma meħtieġa sforzi ulterjuri. B'mod partikolari, is-sistema tal-kwalifiki għadha kumplessa ħafna, u dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-involvement tan-negozji fil-programmi ta' apprentistat. Ir-Renju Unit jista' jibni fuq il-Kuntratt taż-Żgħażaġħ kurrenti sabiex jimplementa Garanzija taż-Żgħażaġħ u jindirizza l-problema tal-qgħad taż-żgħażaġh u ta'dawk li mhumiex fl-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ.

- (14) Inċentivi dgħajfa biex wieħed jaħdem huma problema persistenti fir-Renju Unit. L-awtoritajiet qed jipplanaw li jindirizzaw dan permezz tal-Universal Credit, li se jippermetti lill-individwi jżommu aktar mill-introjtu tagħhom mill-benefiċċji meta jibdew jaħdmu. Filwaqt li l-Universal Credit jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-impjeg, ħafna se jkun qed jiddependi fuq l-implimentazzjoni effettiva u s-servizzi ta' appoġġ, inkluża l-interazzjoni ma' benefiċċji oħra. B'mod parallell, bosta benefiċċji tal-età tax-xogħol u krediti tat-taxxa se jiġu miżjudi b'1 % fis-sena sal-2016 li huwa anqas mir-rata tal-inflazzjoni projettata iżda għandu wkoll itejjeb l-inċentivi tax-xogħol. Firxa ta' riformi oħra għall-benefiċċji soċjali ġew introdotti wkoll f'April 2013. Hemm ir-riskju ta' żieda fil-faqar, inkluż aktar faqar tat-tfal għal dawk f'unitajiet domestiċi li ma jsibux impjeg. B'kuntrast ma' dan, l-ambitu, il-livell u t-titjib tal-ħlasijiet, kemm universali kif ukoll ittestjati skont il-mezzi, għall-pensjonanti kienu fil-biċċa l-kbira eżentati mit-tnaqqis. Ir-riżultati bikrin mill-Programm ta' Ħidma jissuġġerixxu li għad hemm lok għal titjib fl-implimentazzjoni u r-riżultati. Ir-Renju Unit qed jiffaċċja wkoll sfidi li għadhom preżenti sabiex iżid l-impjegji tal-ġenituri u jtejjeb l-aċċess għal kura tat-tfal ta' kwalità għolja bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu. Fil-livell ta' 17,3 %, il-proporzjon ta' tfal mir-Renju Unit li qed jgħixu f'unitajiet

domestiċi mingħajr impjeg huwa t-tieni l-ogħla fl-Unjoni. Sadattant, l-ispejjeż tal-kura tat-tfal fir-Renju Unit huma fost l-ogħla fl-Unjoni, u dan jippreżenta problemi partikolari għal min jaqla' t-tieni paga fost il-koppji, u għall-ġenituri waħedhom. Fl-2010, 4 % biss tat-tfal taħt it-tliet snin użaw il-kura tat-tfal formali fuq bażi full-time, ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 14 %.

- (15) L-istokk tad-dejn korporattiv tar-Renju Unit huwa pjutost għoli, iżda xi impriżi qed ikollhom diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-kreditu, u l-investment tan-negozju għadu fuq livelli baxxi ħafna. Tnaqqis mingħajr preċedent fl-investment tan-negozju wara l-2007 wassal biex il-formazzjoni tal-kapital gross fiss niżlet għal 14,2 % tal-PDG fl-2012. Dan huwa t-tielet l-anqas livell fl-Unjoni. Ir-Renju Unit għandu livell baxx ta' nefqa tan-negozju fuq ir-R&Ż, li waqa' minn 1,17 % tal-PDG fl-2001 għal 1,09 % fl-2011. L-investment tan-negozju beda jżid f'it il-pass, b'żieda annwali ta' 4,9 % fl-2012, iżda għadu baxx. Is-self nett lis-settur korporattiv baqa' negattiv fl-2012. Filwaqt li impriżi ikbar b'karti tal-bilanċ b'saħ-ħithom jistgħu jisselfu b'kost storikament baxx, bosta impriżi oħra, partikolarment SMEs, qed ikollhom diffikultà biex jiksbu aċċess għall-kreditu. Dan huwa aggravat mill-kompetizzjoni limitata fl-industrija bankarja. L-implimentazzjoni korretta tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Politika Finanzjarja dwar il-kalkolu prudenti tal-ħtiġijiet tal-kapital tal-banek u dwar l-indirizzar ta' nuqqasijiet identifikati ta' kapital mingħajr ma jiġi mxekkel is-self għall-ekonomija għandha tgħin fit-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja fis-sistema bankarja tar-Renju Unit.
- (16) Ir-Renju Unit għandu sfida sabiex iġedded u jtejjeb l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tiegħu. Barra minn hekk, ir-Renju Unit jeħtieġ investment sostanzjali f'kapacià għda ta' ġenerazzjoni tal-elettriku sal-2020, kemm biex jissostitwixxi impjanti antiki li waslu biex jagħlqu, kif ukoll sabiex jissodisfa l-obbligu tal-enerġija rinnovabbli u l-istandards tal-emissjonijiet tal-karbonju aktar stretti. Fil-livell ta' 3,8 %, is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija jinsab fil-25 post minn 27 Stat Membru (medja tal-UE ta' 13,0 %). Se tkun meħtieġa ċertezza regolatorja sabiex jiġi ffaċilitat investment adegwat u f'waqtu. Nuqqasijiet fil-kapacià u fil-kwalità tan-netwerks tat-trasport tar-Renju Unit huma problema strutturali għall-ekonomija, b'mod partikolari għall-produtturi, id-distributuri u l-esportaturi tal-oġġetti. Bħalissa hemm lakuna sinifikanti bejn il-finanzjament impenjat, pubbliku u privat, u l-lista tal-ħtiġijiet tal-investment fit-trasport li l-Gvern qed ifittex li jindirizza billi jipprijorizza l-infiq pubbliku għall-infrastruttura u billi

jiġbed investment privat addizzjonali. L-ispejjeż għal kull unità fil-kostruzzjoni u fil-manutenzjoni tat-trasport ukoll għadhom għoljin fir-Renju Unit.

- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit. Hija vvalutat il-Programm ta'Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta'Riforma, u ppreżentat rieżami fil-fond. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta'Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (19) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2), (3), (5) u (6) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDALI r-Renju Unit jieħu azzjoni fil-perijodu 2013-2014 sabiex:

1. Jimplimenta strateġija baġitarja msaħħa, appoġġjata minn miżuri speċifikati biżżejjed, għas-sena 2013/14 u lil hinn minnha. Jiżgura l-korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2014/15, u l-kisba tal-isforz fiskali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-PDE u jqiegħed il-proporzjon għoli ta' dejn pubbliku fit-triq ta' tnaqqis sostnut. Korrezzjoni li tħalli effett fit-tul tal-iżbilanċi fiskali titlob l-implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-kapaċità tal-aġġustament u jixprunaw it-tkabbir potenzjali. Isegwi approċċ differenzjat, u favorevoli għat-tkabbir fir-rigward tal-issikkar fiskali, inkluż permezz ta' prijoritizzazzjoni tan-nefqa kapitali f'waqtha b'rendiment ekonomiku għoli u permezz ta' approċċ ibbilanċjat għall-kompożizzjoni tal-miżuri ta' konsolidazzjoni u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà fuq perijodu ta' żmien medju u fit-tul. Sabiex jiġbor aktar dħul, jagħmel użu akbar mir-rata standard tal-VAT.
2. Jieħu aktar azzjoni sabiex iżid il-provvista tad-djar, inkluż permezz ta' liberalizzazzjoni ulterjuri tal-liġijiet tal-ippjanar tal-isparju u permezz ta' tħaddim effiċjenti tas-sistema tal-ippjanar. Jiżgura li l-politika tad-djar, inkluża l-iskema Help to Buy ma tinkoraġġix self ipotekarju eċċessiv u imprudenti;

u jipromwovi provvista akbar biex jevita prezzijiet tad-djar ogħla. Iwettaq riformi inkluż fit-taxxi fuq l-art u l-proprietà sabiex inaqqas id-distorsjonijiet u jipromwovi l-kostruzzjoni residenzjali f'waqtha. Jieħu passi sabiex itejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-kera, b'mod partikolari billi jagħmel il-kiri fit-tul aktar attraenti, kemm għal min jikri kif ukoll għal sid il-kera.

3. Bħala segwitu tal-Kuntratt taż-Żgħażaġħ, iżid il-miżuri li jindirizzaw il-qgħad taż-Żgħażaġħ, pereżempju permezz ta' Garanzija taż-Żgħażaġħ. Iżid il-kwalità u t-tul tal-apprentis-tati, jissimplifika s-sistema tal-kwalifiki u jsaħħaħ l-involvement ta' min iħaddem, partikolarment fil-forniment ta' ħilet tekniċi avvanzati u intermedji. Inaqqas in-numru ta' zghażaġh bejn l-etajiet ta' 18 u 24 sena li għandhom ħilet bażiċi ta' livell baxx ħafna, inkluż permezz ta' implimentazzjoni effettiva tal-programm tal-Perijodu ta' Prattika.
4. Isaħħaħ l-isforzi sabiex jappoġġja l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u jnaqqas il-faqar tat-tfal billi jiżgura li l-Universal Credit u riformi oħra tas-servizzi soċjali jrendu sistema ġusta tal-benefiċċji tat-taxxa b'aktar ċarezza fl-inċentivi għax-xogħol u s-servizzi tal-appoġġ. Jaċċellera l-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tat-tfal u jittejbu l-kwalità u d-disponibilità tagħhom.
5. Jieħu passi ulterjuri sabiex itejjeb id-disponibbiltà tal-finanzjament bankarju u mhux bankarju għas-settur korporattiv, filwaqt li jiżgura li l-miżuri jkun mmirati primarjament lejn kumpaniji vijabbli, b'mod partikolari l-SMEs. Inaqqas l-ostakli għad-dħul fis-settur bankarju, inaqqas l-ispejjeż għall-bdil tal-banek u jiffaċilita l-ħolqien tal-hekk imsejħa challenger banks permezz ta' divestiment ta' assi bankarji. Jimplimenta b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Politika Finanzjarja dwar il-valutazzjoni prudenti tar-rekwiżiti tal-kapital tal-banek u dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-kapital identifikati.
6. Jieħu miżuri sabiex jiffaċilita żieda f'waqtha fl-investment fl-infrastruttura tan-netwerk, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' proċessi aktar effettivi ta' ppjanar u ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Jipprovdi qafas regolatorju stabbli għall-investment f'kapaċità ġdida tal-enerġija, inkluż f'enerġija rinnovabbli. Itejjeb il-kapaċità u l-kwalità tan-netwerks tat-trasport billi jipprovdi aktar prevedibbiltà u ċertezza dwar l-ippjanar u l-finanzjament u billi jutilizza l-aktar taħlita effikaċi ta' sorsi ta' kapital pubbliċi u privati.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. ŠADŽIUS

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Lulju 2013

dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom

(2013/C 217/24)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1176/2011 tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Il-Grupp tal-Euro għandu responsabilità speċjali fil-governanza taż-żona tal-euro. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja indikat b'mod ċar l-interrelazzjonijiet mill-qrib fiż-żona tal-euro, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa għal qagħda aggregata koerenti ta' politika li tirrifletti r-riperkussjonijiet qawwija bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (l-Istati Membri taż-żona tal-euro) għal arranġamenti effettivi tal-koordinazzjoni fil-politika biex ikun hemm rispons rapidu għall-bidliet fl-ambjent ekonomiku.

(2) L-Istati Membri taż-żona tal-euro impenjaw ruħhom għal sett ta' riformi politiki u koordinament politiku addizzjonali b'impatt wiesa' billi ffirmaw, fit-2 ta' Marzu 2012, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinament u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Id-dħul

fis-seħħ tal-hekk imsejħa Regolamenti two pack ⁽³⁾ ("two pack") fl-2013 se jkomplu japprofondixxu l-koordinament baġitarju u tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro.

(3) Qed isir xogħol biex tiġi approfondita iktar l-unjoni ekonomika u monetarja ("UEM"). Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni għal pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda ġenwina. Il-pjan ta' azzjoni jidentifika ħsieb u għanijiet ta' UEM ġenwina kif ukoll l-istrumenti u l-passi li jagħmilha possibbli li jintlaħqu. Il-pjan ta' azzjoni kien maħsub li jvara dibattitu Ewropew. Fit-12 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat pjan direzzjonali lejn Unjoni Bankarja. Din il-proposta kienet akkumpanjata minn proposta għal żewġ regolamenti meħtieġa biex jiġi stabbilit mekkaniżmu uniku ta' superviżjoni. Fil-5 ta' Diċembru 2012, il-President tal-Kunsill Ewropew ħareġ rapport li kien żviluppat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-BĊE, u li kien fih pjan direzzjonali speċifiku u limitat biż-żmien għall-ksib ta' UEM ġenwina. Dan kien strutturat madwar l-oqsma ta' qafas politiku finanzjarju, baġitarju u ekonomiku integrat u leġittimità u responsabilità demokratiċi.

Fl-14 ta' Diċembru 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar il-ħidma li trid issir fuq pjan direzzjonali għat-tlestija tal-UEM, filwaqt li jagħrfu l-interdipendenza bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-benefiċċji li l-istabbiltà fiż-żona tal-euro tista' ggħib lill-membri tagħha u lill-Unjoni bħala entità waħda.

(4) Il-Parlament Ewropew kien involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew u, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina", esprima fehmietu dwar l-approfondiment tal-UEM.

(5) Il-ġestjoni tal-kriżi taż-żona tal-euro kienet ikkaratterizzata minn rieda qawwija. L-impenn tal-Istati Membri kollha u tal-istituzzjonijiet tal-UE għas-salvagwardjar tal-integrità taż-żona tal-euro ma jstax jiġi ddebitat. Madankollu, l-effikaċja tal-governanza taż-żona tal-euro kif ukoll il-kondotta tal-ġestjoni tal-kriżi mill-Grupp tal-Euro

⁽³⁾ Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1); Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

hemm bżonn li jittejjbu iktar biex jiġi żgurat bis-sħiħ il-koordinament effikaċi tal-livell taż-żona tal-euro. Hemm bżonn ukoll ta' koordinament imsaħħaħ biex wieħed jilħaq pożizzjoni politika aggregata koerenti fiż-żona tal-euro u biex jiġi żgurat li l-miżuri politiċi neċessarji jkunu implimentati. L-ilħuq ta' dawn l-għanijiet iqawwi l-fiduċja taċ-ċittadini u s-swieq, u b'hekk jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro.

- (6) L-implimentazzjoni tat-two pack se jkompli jsaħħaħ is-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro. It-two pack jassenja rwol lill-Grupp tal-Euro fid-diskussjoni dwar l-abbozzi tal-baġits tal-Istati Membri individwali kif ukoll il-prospetti baġitarji għaż-żona tal-euro bħala entità waħda, bil-għan li tiġi żgurata pożizzjoni fiskali kumplessiva xierqa. Dawn id-diskussjonijiet iseħħu fuq il-bażi tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u tal-valutazzjoni kumplessiva taż-żona tal-euro u l-interazzjoni tagħhom. Għall-konsolidazzjoni fiskali fiż-żona tal-euro, l-isfida hija li l-proporzjon ta' dejn mal-PDG, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar jaqbad it-triq tan-niżla. Dan jista' jsir billi jkun hemm politiki ta' konsolidazzjoni fiskali differenzjali li jiffavorixxu t-tkabbir filwaqt li jagħtu spinta lill-potenzjal ta' tkabbir taż-żona tal-euro.

Il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbità u Tkabbir tipprevedi aġġustament baġitarju kif definit f'termini strutturali lejn valur referenzjarju nominali li tqis differenzi minn pajjiż għall-ieħor fir-riskji għas-sostenibilità, kemm fit-terminu l-qasir u kemm f'dak medju, u tippermetti stabbilizzaturi awtomatiċi biex jiffunzjonaw mat-triq lejn l-aġġustament. Il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbità u Tkabbir tipprevedi aġġustament gradwali lejn l-OTM b'titjib strutturali annwali ta' 0,5 % bħala punt ta' riferiment. Dan jista' jkun modulatur fuq bażi speċifika għall-pajjiż meta jitqiesu l-kundizzjonijiet ċikliċi u r-riskju ta' sostenibilità tad-dejn. Il-kredibilità tal-politika fiskali tul it-terminu medju jissaħħaħ jekk il-kompożizzjoni tal-infiq u d-dħul tal-gvern kellhom jirriflettu aħjar l-impatt fuq it-tkabbir tal-partiti ta' nfiq u sorsi ta' dħul differenti. Barra minn hekk, il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija jista' jittejjeb b'riformi strutturali ulterjuri u bl-isfruttament tal-possibiltajiet offerti mill-qafas fiskali eżistenti tal-UE biex jinholq bilanċ bejn il-ħtiġijiet ta' investment produttiv pubbliku u l-oġettivi ta' dixxiplina fiskali fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (7) Ħafna mill-indikaturi tar-riskju relatati mas-swieq finanzjarji tal-UE u s-sentiment fis-suq ttejjebu meta mqabbla mal-2012 hekk kif sfumat l-intensità taż-żieda fil-fiduċja awtosodisfacenti u distruttiva. Madankollu, għad hemm frammentazzjoni tas-suq sinifikanti. Kundizzjonijiet imtejba ta' ffinanzjar għall-banek għadhom iridu jwasslu għal żieda fil-kreditu għall-ekonomija reali u d-differenzi sinifikanti jippersistu fost l-Istati Membri fir-rigward tal-attività ta' self bankarju u l-ispiża ta' finanzjament

lis-settur privat. Il-faċilitazzjoni tat-tnaqqis fl-ingranaġġ ordinarat kemm tas-settur bankarju u kemm tas-settur privat nonfinanzjarju filwaqt li jiġi sostnut il-fluss ta' kreditu għid għal użi produttivi fl-ekonomija reali u partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), huma l-isfida ewlenija bħalissa.

- (8) Iktar tiswija tal-karti ta' bilanċ tal-banek u iktar tisħiħ tal-minimu ta' ekwità, fejn meħtieġa, jikkontribwixxu għat-tiswija tal-kanal ta' kreditu. F'dan il-kuntest, reviżjonijiet ta' kwalità tal-assi u simulazzjonijiet ta' kriżi għandhom isiru mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) biex jipprovdu trasparenza tal-karti ta' bilanċ tal-banek, biex jidentifikaw kull parti vulnerabbli li jifdal, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fis-settur kollu kemm hu. Ir-riskju ta' frammentazzjoni ulterjuri tas-suq finanzjarju u t-turbolenza finanzjarja juru l-importanza għall-euro li jkompli għaddej il-ħolqien tal-Unjoni Bankarja filwaqt li jiġu evitati approċċi ad hoc għar-riżoluzzjonijiet bankarji.
- (9) Huma meħtieġa riformi strutturali fiż-żona tal-euro biex jittejjeb it-tħaddim tas-swieq tal-prodotti u tax-xogħol sabiex tiġi promossa l-kompetittività, jissaħħaħ il-proċess ta' aġġustament li għaddej u tiġi ggarantita r-riallokazzjoni sostenibbli tar-riżorsi. Barra minn hekk, ir-riformi strutturali għandhom rwol essenzjali fil-faċilitazzjoni tal-proċess ta' ribilincjament u tnaqqis fl-ingranaġġ. Għall-Istati Membri b'defiċit, il-kisbiet fil-kompetittività jżidu l-esportazzjonijiet netti pożittivi, li jgħinu biex jirribilancjaw ix-xejra ta' tkabbir lejn setturi kummerċjabbli inqas intensivi fix-xogħol, filwaqt li jkun hemm sostenn għall-irkupru ekonomiku u t-tnaqqis għall-proporzjonijiet tad-dejn. Fl-istess ħin, ir-riformi għat-titjib tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri b'bilanċ favorevoli fil-kont kurrenti jstgħu jikkontribwixxu għar-riallokazzjoni tar-riżorsi u jgħinu biex tingħata spinta lill-investment fis-setturi mhux kummerċjabbli. Dan isaħħaħ ir-rwol tad-domanda domestika fil-kompożizzjoni tat-tkabbir li jagħmel l-aġġustament fiż-żona tal-euro iktar simetrika. Fl-istess ħin, il-kriżi kellha effetti asimetriċi fuq l-impjegji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, bl-Istati Membri l-iktar milquta jkunu dawk bl-iktar kompressjoni severa ta' domanda domestika marbuta mal-bilanċi sfavorevoli tal-kont kurrenti. Fin-nuqqas ta' assorbiment effettiv u veloċi tal-qgħad ċikliku, jstgħu jimmaterializzaw ruħhom effetti ta' istereżi, fejn il-qgħad irabbi l-għeruq u jsir inqas sensitiv għad-dinamiċi tal-pagi. Għalhekk, ir-riformi strutturali fis-suq tax-xogħol jibqgħu ta' importanza partikolari għall-mitigazzjoni tar-riskji għall-koeżjoni soċjali u l-potenzjal ta' tkabbir futur fiż-żona tal-euro. Bl-iffirmar tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetaria, fit-2 ta' Marzu 2012, l-Istati Membri taż-żona tal-euro impenjaw ruħhom li jiddiskutu ex ante, u fejn adatt jikkoordinaw, il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għar-riformi ekonomiċi ewlenin bil-ħsieb li jinholq punt ta' riferiment tal-aħjar Prattiki u jaħdmu lejn politika ekonomika koordinata aktar mill-qrib. L-impatt tal-miżuri diġà adottati għandu jkun

immonitorjat mill-Grupp tal-Euro, bil-ksieb li jħeġġeġ azzjoni ulterjuri fejn ikun hemm bżonn, u biex javvanzaw l-ambizzjonijiet ta' riformi b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment u kollettivament, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kunsill fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, iżda b'mod partikolari fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-qafas tal-Grupp tal-Euro, fil-perijodu 2013-2014, biex:

1. Jieħdu r-responsabbiltà għall-pożizzjoni ta' politika aggregata fiż-żona tal-euro sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro sabiex jiżiedu t-tkabbir u l-impjiegi, u biex jagħmlu progress fil-ħidma fuq l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Jippermettu lill-Grupp tal-Euro jkollu rwol ċentrali fil-qafas ta' sorveljanza msaħħa applikabbli għall-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jikkoordina u jimmonitorja r-riformi fil-livell nazzjonali u fil-livell taż-żona tal-euro li huma neċessarji għal żona tal-euro stabbli u robusta u biex tiġi żgurata l-koerenza politika, u fit-tħejija tas-Summits taż-Żona tal-Euro.
2. Jiżguraw li l-Grupp tal-Euro jimmonitorja u jikkoordina l-politiki fiskali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pożizzjoni fiskali aggregata għaż-żona tal-euro bħala entità waħda biex tiġi żgurata politika fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir. Għal dan l-għan, il-Grupp tal-Euro għandu jiddiskuti l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji ta' kull Stat Membru taż-żona tal-euro, u s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji taż-żona tal-euro bħala entità waħda fuq il-bażi tal-valutazzjoni kumplessiva mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-interazzjoni tagħhom. Il-koordinament għandu jikkontribwixxi għall-iżgurar li l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali jkun differenzjat skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tal-Istati Membri taż-żona tal-euro bl-aġġustament baġitarju definit fit-termini strutturali f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jippermetti lill-istabbilizzaturi awtomatiċi jiffunzjonaw tul it-triq tal-aġġustament u li, fid-dawl tat-tiżiħ tal-kredibilità tal-politika fiskali fit-terminu medju, il-konsolidazzjoni fiskali hija appoġġata minn taħlita ta' nfiq u dħul kumplessivament effiċjenti u li tiffavorixxi t-tkabbir u minn riformi strutturali xierqa li jqawwu l-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku.
3. Jivvalutaw, fil-qafas tal-Grupp tal-Euro, ir-raġunijiet wara d-differenzi fir-rati tas-self speċjalment lill-SMEs fl-Istati Membri taż-żona tal-euro; jespjoraw il-konsegwenzi tal-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji fiż-żona tal-euro, u jikkontribwixxu għal modi biex jingħelbu.
4. Filwaqt li jibnu fuq ir-rikapitalizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni tas-snin imgħoddija, jipromwovu iktar tiswija tal-karta

tal-bilanċ fost il-banek bħala mezz li jirriverjsja l-frammentazzjoni fis-suq uniku u jtejjeb il-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali, partikolarment l-SMEs. Għal din il-fini: (a) jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ u s-simulazzjonijiet ta' kriżi jsiru mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) b'kooperazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) huma konklużi skont l-iskeda maqbula; (b) jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni meta japplikaw ir-rekwiżiti ta' kondivizzjoni tal-piżijiet fir-rikapitalizzazzjoni tal-banek; (c) jiżguraw id-disponibbiltà ta' garanziji ta' kontinġenza fiskali kredibbli fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ u stress tests; (d) ineħħu l-inċentivi superviżorji għall-banek biex iqabblu l-assi u l-obbligi mal-fruntieri nazzjonali; u (e) jaċċelleraw il-passi meħtieġa biex tiġi stabbilita Unjoni Bankarja, kif deskritt mill-Kunsill Ewropew.

5. Jikkoordinaw ex ante l-pjanijiet ta' riforma ekonomika ewlenin tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, b'mod partikolari fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti u jivvalutaw l-impatt tagħhom fuq iż-żona tal-euro, meta jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal Stati Membri individwali taż-żona tal-euro. Jipromwovu aġġustament ulterjuri fiż-żona tal-euro, jiżguraw korrezzjoni tal-iżbilanċi esterni u interni, fost l-oħrajn billi jseguw bir-reqqa r-riformi li jindirizzaw id-distorsjonijiet għall-kondotta tat-tfaddil u tal-investment fl-Istati Membri li għandhom kemm defiċits u kemm bilanċi favorevoli fil-kontijiet kurrenti. Jieħdu l-passi neċessarji għal implimentazzjoni effettiva tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi, b'mod partikolari billi jivvalutaw il-progress fl-impjenji għar-riforma fl-Istati Membri li jesperjenzaw iżbilanċi eċċessivi u bl-implimentazzjoni tar-riforma fl-Istati Membri bi iżbilanċi li jirrikjedu azzjoni deċiżiva biex jiġu evitati riperkussjonijiet fil-bqija taż-żona tal-euro.
6. F'konformità mal-AGS 2013, huwa kruċjali li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu miżuri kollettivi u sinifikanti sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u l-livelli dejjem jogħlew ta' qgħad. Is-sitwazzjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa partikolarment ta' tħassib u hija rakkomandata azzjoni b'saħħitha fuq il-linji tal-Patt għal Tkabbir u Impjiegi u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE. Huma rakkomandati aktar riformi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impjiegi, jiġi evitat l-irtirar bikri mis-suq tax-xogħol, titnaqqas l-ispiża tax-xogħol, tiġi miġġielda s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jingħata appoġġ għall-innovazzjoni.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. ŠADŽIUS

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

**Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru
Ewropew 2013**

(2013/C 217/25)

L-Artikolu 2ab(2) tar-Regolment tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, li jagħmel parti mit-taqsimha "Djalogu ekonomiku", jiddikjara li "Il-Kunsill huwa mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament."

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispejgazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (RSP) dwar Stat Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2013 li l-Kummissjoni ma tabqilx dwarhom.

Il-Kunsill qabel ukoll ma għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni ⁽²⁾ (*).

IL-BELĠJU

RSP 2

Test tal-Kummissjoni:

Iżid l-isforzi biex tonqos id-diskrepanza bejn l-età effettiva u l-età statutorja tal-irtirar, inkluż bit-tneħħija fi żmien qasir ta' sistemi ta' rtirar bikri. Isostni riformi tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għax-xjuħija b'miżuri favur l-impjegji u riformi tas-suq tax-xogħol li jwasslu għal tixjiħ attiv. Iħaffef l-adozzjoni ta' deċiżjoni li torbot l-età statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-ħajja. Ikompli jtejjeb il-kosteffettività tal-infiq pubbliku fit-tul fuq kura istituzzjonali.

Test maqbul:

Iżid l-isforzi biex tonqos id-diskrepanza bejn l-età effettiva u l-età statutorja tal-irtirar, inkluż bit-tneħħija fi ~~żmien qasir ta' sistemi ta' rtirar bikri~~ bit-tkomplija tar-riformi li għaddejjin biex jitnaqqsu l-possibiltajiet ta' rtirar bikri. Isostni riformi tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għax-xjuħija b'miżuri favur l-impjegji u riformi tas-suq

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ RSPs mingħajr tibdil jew għal liema t-tibdil sar imma bi ftehim mal-Kummissjoni: BU, DK, DE, HU, PL, RO, SL, SK, SV, UK, Euro żona.

(* Test li ġe mmodifikat jidher fil-korsiv u test li ġie mħassar jidher ~~maqbul~~.

tax-xogħol li jwasslu għal tixjiħ attiv. *Iżid l-età tal-irtirar effettiva bl-allinjament tal-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni għall-bidliet fl-istennija tal-ħajja. Jaċċellera l-adozzjoni ta' deċiżjoni biex tinholq rabta bejn l-età tal-irtirar statutorja u l-istennija tal-ħajja.* Ikompli jtejjeb il-kosteffettività tal-infiq pubbliku fit-tul fuq kura istituzzjonali.

Spjegazzjoni:

Il-Belġju jidher li miexi tajjeb biex jilħaq il-mira ta' impjeg ta' 50 % li għandha tintlaħaq fl-2020. Ir-rata attwali hija ta' 39,5 %, b'żieda annwali medja ta' 1.4 punti perċentwali matul il-perjodu 2020-2012.

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar, deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà, fit-12 ta' Frar 2013.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

RSP 3

Test tal-Kummissjoni:

Tħaffef biex iżżid l-età tal-irtirar statutorja meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni attwali, tintroduċi rabta ċara bejn l-età tal-irtirar statutorja u l-istennija tal-ħajja, u tirrevedi l-mekkaniżmu tal-indiċjar. Takkumpanja ż-żieda fl-età tal-irtirar b' miżuri li jixprunaw l-impjegabbiltà ta' ħaddiema akbar fl-età u tnaqqas il-mod kif wieħed jirtira kmieni. B'mod partikolari, tneħħi s-sussidju pubbliku fuq l-iskema ta' rtirar kmieni. Tieħu miżuri biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-kosteffettività għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għall-kura fl-isptarijiet.

Test maqbul:

Iżid l-età tal-irtirar effettiva bl-allinjament tal-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni għall-bidliet fl-istennija tal-ħajja Tħaffef biex iżżid l-età tal-irtirar statutorja meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni attwali, tintroduċi rabta ċara bejn l-età tal-irtirar statutorja u l-istennija tal-ħajja, u tirrevedi janalizza l-mekkaniżmu ta' indiċjar. Takkumpanja ż-żieda fl-età tal-irtirar b' miżuri li jixprunaw l-impjegabbiltà ta' ħaddiema akbar fl-età u tnaqqas il-mod kif wieħed jirtira kmieni. B'mod partikolari, tneħħi s-sussidju pubbliku fuq l-iskema ta' rtirar kmieni. Tieħu miżuri biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tan-nefqa għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għall-kura fl-isptarijiet.

Spjegazzjoni:

It-test tar-Rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013.

RSP 4:

Test tal-Kummissjoni:

Tieħu miżuri biex issaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tas-servizz pubbliku tal-impjiegi. Iżżid b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-faċilitajiet inklussivi għall-indukrar tat-tfal b'fokus fuq it-tfal ta' mhux aktar minn tliet snin, u l-parteċipazzjoni tat-tfal Rom b'mod partikolari billi tadotta u timplimenta l-liġi dwar faċilitajiet privati għall-indukrar tat-tfal u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-faċilitajiet pubbliċi għall-indukrar tat-tfal

Test maqbul:

Tagħmel sforzi addizzjonali miżuri biex issaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tas-servizz pubbliku tal-impjiegi. Iżżid b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-faċilitajiet inklussivi għall-indukrar tat-tfal b'fokus fuq it-tfal ta' mhux aktar minn tliet snin, u l-parteċipazzjoni tat-tfal Rom, b'mod partikolari billi tadotta u timplimenta l-liġi dwar l-għoti ta' servizzi privati għall-indukrar tat-tfal faċilitajiet u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tas-servizzi kemm pubbliċi kif ukoll privati għall-indukrar tat-tfal faċilitajiet.

Spjegazzjoni:

L-analiżi ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar din il-kwistjoni tikkonkludi i r-Repubblika Ċeka ħadet azzjonijiet f'konformità mar-RSP iżda tista' tkompli bl-isforzi biex tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tas-Servizzi tal-Impjiegi Pubbliku (PES) minħabba l-għadd għoli ta' persuni qiegħda u għandha tkompli ttejjeb l-effettività tal-politiki tas-suq tal-impjiegi attiv (ALMPs).

L-ESTONJA

RSP 4

Test tal-Kummissjoni:

Ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, b'mod partikolari fil-bini u t-trasport, u ssaħħaħ l-inċentivi ambjentali li jikkonċernaw il-vetturi u l-iskart, billi tqis it-tassazzjoni tal-karozzi u/jew dazji tas-sisa ogħla fuq il-fjuwils tal-magni. Tħaffef l-iżvilupp tal-konnessjonijiet tal-enerġija bejn il-fruntieri biex tiddeversifika s-sorsi tal-enerġija u tippromwovi l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija.

Test maqbul:

Ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija, b'mod partikolari fil-bini u t-trasport, u ssaħħaħ l-inċentivi ambjentali li jikkonċernaw il-vetturi u l-iskart ~~billi tqis it-tassazzjoni tal-karozzi u/jew dazji tas-sisa ogħla fuq il-fjuwils tal-magni~~. Tħaffef l-iżvilupp tal-konnessjonijiet tal-enerġija bejn il-fruntieri biex tiddeversifika s-sorsi tal-enerġija u tippromwovi l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija.

Spjegazzjoni:

Ir-rakkomandazzjoni għandha tipprovdi opportunità akbar għall-Istat Membru biex jagħżel il-miżuri biex jindirizza l-isfida. Skont l-awtoritajiet Estonjani, investment fit-trasport pubbliku, kif ukoll fi trasport multi-modali, flimkien ma' investment fbini aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, jindirizza aħjar il-problema tat-tniġġis fl-Estonja. Il-Kunsill huwa tal-istess fehma.

SPANJA

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Tiffinalizza sal-aħħar tal-2013 r-regolament tal-fattur ta' sostenibbiltà sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi tipprovdi li l-età tal-irtirar ser togħla skont iż-żieda fl-istennija tal-ħajja.

Test maqbul:

Tiffinalizza sal-aħħar tal-2013 r-regolament tal-fattur ta' sostenibbiltà sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż ~~billi żżid l-età tal-irtirar effettiva permezz ta' allinjament tal-età tal-irtirar jew tal-benefiċċji tal-pensjoni mal-bidliet fl-istennija tal-ħajja~~ tipprovdi li l-età tal-irtirar ser togħla skont iż-żieda fl-istennija tal-ħajja.

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar, deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013.

FRANZA

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Issaħħaħ u tkompli ttwettaq l-istrateġija baġitarja fl-2013. Ittejjeb il-kredibbiltà tal-aġġustament billi tispeċifika sal-ħarifa tal-2013 u timplimenta l-miżuri meħtieġa għas-sena 2014 u aktar 'il quddiem sabiex tiġi

żgurata korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli mhux aktar tard mill-2015 u l-kisba tal-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-PDE. Tuża l-qligħ mhux mistenni kollu għat-tnaqis tad-defiċit. Korrezzjoni sostenibbli tal-iżbilanċi fiskali tirrikjedi implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi biex tiżdied il-kapaċità ta' aġġustament u jissaħħu t-tkabbir u l-impjegi. Iżomm direzzjoni ta' konsolidament fiskali li hija favur it-tkabbir u żżid aktar l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, b'mod partikolari billi tipproċedi kif kien ipplanat b'analiżi tal-kategoriji tal-infiq fis-subsettori kollha tal-gvern ġenerali. Tieħu azzjoni permezz tal-liġi li ġejja dwar id-deċentralizzazzjoni sabiex tikseb sinerġiji u tfaddil aħjar bejn il-livelli tal-gvern ċentrali, reġjonali u lokali. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tkompli l-isforz ta' aġġustament strutturali b'pass xieraq sabiex tilħaq l-OTM sal-2016. Tieħu miżuri sat-tmiem tal-2013 sabiex tibbilanċja s-sistema tal-pensjonijiet b'mod sostenibbli mhux aktar tard mill-2020, pereżempju billi tadatta r-regoli dwar l-indiċjar, iżżid aktar l-età statutorja għall-irtirar u l-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni sħiħa u tanalizza skemi speċjali, filwaqt li tevita żieda fil-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegaturi, u iżżid il-kosteffettività tan-nefqa fil-kura tas-saħħa, inkluż fl-oqsma tan-nefqa farmaċewtika.

Test maqbul:

[...] Tieħu azzjoni permezz tal-Liġi ta' Deċentralizzazzjoni li ġejja sabiex tikseb sinerġiji u tfaddil aħjar bejn il-livelli tal-gvern ċentrali, ~~reġjonali~~ u lokali. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tkompli l-isforz ta' aġġustament strutturali b'pass xieraq sabiex tilħaq l-OTM sal-2016. Tieħu miżuri sat-tmiem tal-2013 sabiex tibbilanċja s-sistema tal-pensjonijiet b'mod sostenibbli mhux aktar tard mill-2020, pereżempju billi tadatta r-regoli dwar l-indiċjar, ~~billi iżżid il-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni sħiħa, billi iżżid aktar l-età tal-irtirar effettiva statutorja permezz ta' allinjament tal-età tal-irtirar jew tal-benefiċċju tal-pensjoni mal-bidliet fl-istennija tal-ħajja u l-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni sħiħa~~ u billi tanalizza skemi speċjali, filwaqt li tevita żieda fil-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegaturi, u iżżid il-kosteffettività tan-nefqa fil-kura tas-saħħa, inkluż fl-oqsma tan-nefqa farmaċewtika.

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà, fit-12 ta' Frar 2013. B'kont meħud tal-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja Franza, il-Kunsill jaqbel li l-elementi aktar speċifiċi tar-Rakkomandazzjoni li jagħmlu referenza għar-riforma tal-pensjonijiet, għandhom jinżammu.

L-ITALJA

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Tiżgura li d-defiċit jibqa' taħt it-3 % tal-PDG fl-2013, billi timplimenta b'mod sħiħ il-miżuri adottati. Twettaq l-aġġustament strutturali b'pass xieraq u permezz ta' konsolidazzjoni fiskali li tħeġġeġ it-tkabbir sabiex tilħaq u żżomm l-OTM sa mill-2014. Tilħaq l-eċċessi strutturali primarji ppjanati sabiex il-proporzjon għoli ferm ta' bejn id-dejn u l-PDG (previst li jkun 132,2 % tal-PDG fl-2014) jieħu t-triq tan-niżla. Tkompli twettaq titjib li jdum fl-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika billi timplimenta bi sħiħ il-miżuri adottati fl-2012 kif ukoll iżżid l-isforz permezz ta' analiżi regolari profonda tal-infiq fil-livelli kollha tal-Gvern.

Test maqbul:

Tiżgura li d-defiċit jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2013, billi timplimenta bi sħiħ il-miżuri adottati. Twettaq l-aġġustament strutturali b'pass xieraq u permezz ta' konsolidazzjoni fiskali li tħeġġeġ it-tkabbir sabiex tilħaq u żżomm l-OTM sa mill-2014. Tilħaq l-eċċessi strutturali primarji ppjanati sabiex il-proporzjon għoli ferm ta' bejn id-dejn u l-PDG (~~previst li jkun 132,2 % tal-PDG fl-2014~~) jieħu t-triq tan-niżla. Tkompli twettaq titjib li jdum fl-effiċjenza u l-kwalità tan-nefqa pubblika billi timplimenta bi sħiħ il-miżuri adottati fl-2012 kif ukoll iżżid l-isforz permezz ta' analiżi regolari profonda tal-infiq fil-livelli kollha tal-Gvern.

Spjegazzjoni:

Bil-konsiderazzjoni li r-referenza għall-proporzjon previst ta' bejn id-dejn u l-PDG fl-2014 ma żżidx valur għar-rakkomandazzjoni, u li previżjonijiet bħal dawn ma ġew inklużi fir-Rakkomandazzjonijiet għall-ebda Stat Membru ieħor, ġie maqbul li ċ-ċifra titħassar mir-rakkomandazzjoni u tiġi inkluża fil-premessa rilevanti.

IL-LATVJA

RSP 4

Test tal-Kummissjoni:

Tindirizza r-rati għoljin ta' faqar bir-riforma tal-assistenza soċjali għal kopertura aħjar, billi ttejjeb l-adekwatezza tal-benefiċċji u ssaħħaħ il-miżuri ta' attivazzjoni għal dawk li jirċievu l-benefiċċji. Issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' twassil biex tnaqqas il-faqar fost it-tfal b'mod effettiv.

Test maqbul:

Tindirizza r-rati għoljin ta' faqar bir-riforma tal-assistenza soċjali għal kopertura aħjar, billi ttejjeb l-adekwatezza tal-benefiċċji u ~~ssaħħaħ~~ il-miżuri ta' attivazzjoni għal dawk li jirċievu l-benefiċċji. Issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' twassil biex tnaqqas il-faqar fost it-tfal b'mod effettiv.

Spjegazzjoni:

Il-konklużjonijiet tal-analiżi ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u tal-Kumitat ta' Protezzjoni Soċjali (KPS) dwar il-politika tal-Latvja għall-attivazzjoni u għat-tnaqqis tal-faqar, urew li għadd ta' miżuri ewlenin fl-2013 ser jiġu stabbiliti u li huwa pjanat li tissaħħaħ l-attivazzjoni u tiġi żgurata kooperazzjoni aħjar bejn is-servizzi tal-impjiegi pubbliċi u s-servizzi muniċipali tal-assistenza soċjali, b'rabta mtejbja tal-benefiċċji ta' assistenza soċjali għal politika attiva fis-suq tax-xogħol (ALMPs) biex jinkisbu eżiti aħjar tas-suq tax-xogħol mill-attivazzjoni ta' dawk li jirċievu benefiċċji. Fl-2012, il-Latvja rriformat is-sistema tal-assistenza soċjali u ħadet miżuri biex tikseb attivazzjoni aħjar. Fuq din il-bażi, jistgħu jiġu previsti miżuri ġodda biex tittejjeb l-effettività u l-kopertura tas-sistema tal-benefiċċji soċjali. Għalhekk, xi elementi ewlenin tat-tweġiba tal-Latvja attwalment għadhom proposti jew fi stadju bikri ta' abbozzar u b'hekk l-implimentazzjoni tagħhom ser tkun importanti biex jintlaħqu r-RSP.

IL-LITWANJA

RSP4

Test tal-Kummissjoni:

Timplimenta miżuri konkreti mmirati sabiex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Issaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-riforma tal-assistenza soċjali f'forma ta' flus u l-miżuri ta' attivazzjoni.

Test maqbul:

Timplimenta miżuri konkreti mmirati sabiex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. *Tkompli* ~~issaħħaħ~~ ir-rabtiet bejn ir-riforma tal-assistenza soċjali f'forma ta' flus u l-miżuri ta' attivazzjoni.

Spjegazzjoni:

Ir-riżultati tal-analiżi ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS jinnotaw li fil-Litwanja l-ħidma mal-muniċipalitajiet tinsab għaddejja fuq proġett għall-perjodu 2012-2014 sabiex għadd l-aktar possibbli ta' persuni li ilhom qiegħda jergħu lura fis-suq tax-xogħol (benefiċjarji ta' benefiċċji soċjali). Ġie enfasizzat li, fl-2012, il-Litwanja għaddiet liġi dwar l-assistenza soċjali f'forma ta' flus għal residenti foqra bl-għan li timmira għajnnha aħjar lil dawk l-aktar fil-bżonn.

IL-LUSSEMBURGU

RSP 3

Test tal-Kummissjoni:

Irażżan l-infiq relatat mat-tixjij billi jagħmel il-kura fit-tul aktar kosteffettiva, b'mod partikolari permezz ta' enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-ġhajxien indipendenti, it-tishij tar-riforma tal-pensjonijiet adottata reċentement, it-teħid ta' miżuri addizzjonali sabiex jitrażżan l-irtirar kmieni u ż-żieda fl-età tal-irtirar effettiva, inkluż billi l-età tal-irtirar statutorja tintrabat mal-istennija tal-ħajja.

Test maqbul:

Irażżan l-infiq relatat mat-tixjiħ billi jagħmel il-kura fit-tul aktar kosteffettiva, b'mod partikolari permezz ta' enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti, it-tisħiħ tar-riforma tal-pensjonijiet adottata reċentement, it-teħid ta' miżuri addizzjonali sabiex jittrażżan l-irtirar kmieni u ż-żieda fl-età tal-irtirar *effettiva, inkluż billi l-età tal-irtirar statutorja tintrabat mal-istennija tal-ħajja*. ~~L-età ta' rtirar effettiva, inkluż billi tipprovi li l-età tal-irtirar se togħla skont iż-żieda fl-għomor tal-ħajja~~

Spjegazzjoni:

It-test tar-Rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013.

RSP 5

Test tal-Kummissjoni:

Iżid l-isforzi sabiex inaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh billi jtejjeb it-tfassil u l-monitoraġġ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Isaħħaħ l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali sabiex iqabbel aħjar il-ħiliet taż-żgħażaġh mad-domanda tax-xogħol, b'mod partikolari għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Jieħu azzjoni determinata sabiex iżid ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema li huma akbar fl-età inkluż billi jtejjeb l-impjegabbiltà tagħhom permezz tat-tagħlim tul il-ħajja.

Test maqbul:

Iżid l-isforzi sabiex inaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh billi jtejjeb it-tfassil u l-monitoraġġ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Isaħħaħ l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali sabiex iqabbel aħjar il-ħiliet taż-żgħażaġh mad-domanda tax-xogħol, b'mod partikolari għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni. ~~Jieħu azzjoni determinata~~ *Isaħħaħ l-isforzi* sabiex iżid ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema li huma akbar fl-età inkluż billi jtejjeb l-impjegabbiltà tagħhom permezz tat-tagħlim tul il-ħajja.

Spjegazzjoni:

Il-konklużjonijiet tar-rieżami tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO jinnutaw li tħejja abbozz ta' liġi li jinkludi sett ta' miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-impjiegi ta' ħaddiema akbar fl-età. Impriżi li jħaddmu aktar minn 150 ħaddiem ser ikollhom jstabbilixxu "pjan ta' ġestjoni tal-etajiet" inklużi miżuri biex jiġu żviluppati l-ħiliet ta' ħaddiema akbar fl-età, jiġu evitati problemi tas-saħħa fuq ix-xogħol, u tiġi mmaniġġata aħjar it-transizzjoni mix-xogħol għall-irtirar. White book ġdid, li jaqbel dwar sett ta' miżuri li għandhom jittieħdu biex jissaħħaħ it-tagħlim tul il-ħajja ġie approvat lejn tmiem l-2012. B'mod ġenerali, ħafna mill-miżuri ppreżentati minkejja li jidhru li jmorru fid-direzzjoni t-tajba, jibqgħu vagi u b'hekk l-EMCO kkonkluda li kienu meħtieġa aktar sforzi f'dan il-qasam.

MALTA

RSP 2

Test tal-Kummissjoni:

Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet sabiex trażżan iż-żieda mbassra fin-nefqa, fosthom billi tiġi aċċellerata ż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar, billi tiġi introdotta rabta bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-ħajja u billi jitħeġġeġ it-tfaddil tal-pensjonijiet privati. Tieħu miżuri biex iżżid ir-rata tal-impjiegi tal-ħaddiema li huma akbar fl-età billi tiżviluppa u timplimenta strateġija komprensiva tat-tixjiħ attiv. Twettaq riformi fil-kura tas-saħħa biex iżżid il-kosteffettività tas-settur, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-għoti tal-kura primarja pubblika. Ittejjeb l-effiċjenza u tnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Test maqbul:

Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, tkompli tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet sabiex trażżan iż-żieda mbassra fin-nefqa, fosthom b'miżuri bħall-aċċellerazzjoni taż-żieda fl-età tal-irtirar statutorja, iżżid l-età effettiva tal-irtirar billi tiġi allinjata l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mal-bidliet tal-istennija tal-għomor u billi tinkoraggi xi t-tfaddil tal-pensjonijiet privat. Tieħu miżuri biex iżżid

ir-rata tal-impjeggi tal-ħaddiema li huma akbar fl-età billi tiffinalizza u timplimenta strateġija komprensiva tat-tixjiħ attiv. Twestaq ir-riformi fil-proviżjoni tal-kura tas-saħħa biex iżżid il-kosteffettività tas-settur, b'mod partikolari billi ssaħħa il-proviżjoni tal-kura primarja pubblika. Ittejjeb l-effiċjenza u tnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Spjegazzjoni:

Ir-rakkomandazzjoni ġiet aġġustata biex tirrifletti l-fatt li r-riforma tal-pensjonijiet hija proċess kontinwu f'Malta, magħmula minn sensiela ta' riformi parametriċi approvati fl-2006 u l-2007, u skedata li tidħol fis-seħħ matul il-ħmistax-il sena li ġejjin. Minkejja l-impatti pożittivi ta' din ir-riforma, Malta tirrikonoxxi li għad jonqos xi jsir sabiex jiġu żgurati l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-pensjonijiet, u, wara l-elezzjonijiet f'Marzu 2013, il-Gvern il-ġdid reġa' kkonferma l-impenn tiegħu li jkompli bil-proċess tar-riforma tal-pensjonijiet f'Malta.

B'dan il-għan, saru żewġ proċessi ta' konsultazzjoni fl-2011 u l-2012 u wara r-rispons li wasal mingħand is-sħab soċjali, ġie ppreżentat rapport finali lill-Gvern. Fir-rigward tal-introduzzjoni tat-tielet pilastru ta' pensjonijiet privati, l-Att dwar il-Pensjonijiet tal-Irtirar diġà ġie approvat mill-Parlament. Dan l-Att ser jiġi appoġġat minn numru ta' Avviżi Legali li jkopru aspetti differenti kif ukoll minn Direttivi/Regoli li għandhom jinħarġu mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarja ta' Malta, li ġew ippreżentati għall-konsultazzjoni fl-1 ta' April 2013. Huwa previst li l-Att dwar il-Pensjonijiet tal-Irtirar ser jidħol fis-seħħ fl-istess ħin ma' dawk ir-regoli u l-proċeduri.

Meta jħares 'il quddiem, il-Gvern indika li matul il-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed iwaqqaf Grupp ta' Strateġija Interministerjali bil-kompiti li jerġa' jeżamina l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet, b'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-Rapport Postkonsultazzjoni ppreżentat lill-Gvern f'Marzu 2012, li jiddeskrivi strateġija komprensiva li tindirizza l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet f'Malta fit-tielet kwart tal-2014. Ser tiġi żviluppata wkoll strateġija ta' komunikazzjoni sar-raba' kwart tal-2013 bil-għan li jogħla l-livell ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kwistjonijiet tal-pensjonijiet.

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u, għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar, deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013.

Finalment, ġie maqbul li t-test jiġi aġġustat biex jirrifletti l-fatt li l-istrateġija bil-għan li tiżdied ir-rata ta' impjeg ta' ħaddiema ta' età akbar qed tiġi ffinalizzata. Wara li Malta rċeviet RSP fl-2011 biex tfassal "strateġija attiva komprensiva għat-tixjiħ", fi Frar 2012 twaqqaf Kumitat Interministerjali bil-mandat li jipproponi strateġija attiva komprensiva għat-tixjiħ lill-Gvern. Wara l-bidla reċenti fil-gvern, l-amministrazzjoni l-ġdida indikat li qed tagħti l-ogħla prijorità lill-finalizzazzjoni ta' din l-istrateġija, inkluż bil-ħatra ta' Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u t-Tixjiħ Attiv li għandu l-għan li jagħti direzzjoni politika ġdida u impetu ġdid lill-ħidma u li jaħdem għall-finalizzazzjoni tagħha. Hu ppjanat li l-abbozz ta' strateġija finali jiġi ppreżentat lill-Gvern sa tmiem Settembru. Wara l-approvazzjoni mill-Kabinett, huwa mistenni li l-Politika Nazzjonali titnieda f'Ottubru 2013.

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

RSP 2

Test tal-Kummissjoni:

Isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex is-suq tad-djar jiġi riformat b'mod gradwali billi jħaffu t-tnaqqis ipplanat fit-tnaqqis tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki u billi jipprovdu mekkaniżmu ta' prezzar orjentat aktar lejn is-suq fis-suq tal-kiri, u billi jirrelataw il-kirja mad-dħul tal-unitajiet domestiċi fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Jiffukaw mill-ġdid il-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali biex jappoġġaw l-unitajiet domestiċi l-aktar fil-bżonn.

Test maqbul:

Isaħħu l-isforzi tagħhom sabiex is-suq tad-djar jiġi riformat b'mod gradwali billi jħaffu t-tnaqqis ipplanat fit-tnaqqis tat-taxxa tal-imgħax fuq l-ipoteki, *filwaqt li jqisu l-impatt fl-ambjent ekonomiku attwali*, u billi jipprovdu

mekkaniżmu ta' prezzar orjentat aktar lejn is-suq fis-suq tal-kiri, u billi jirrelataw il-kirja mad-dħul tal-unitajiet domestiċi fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Jiffukaw mill-ġdid il-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali biex jappoġġaw l-unitajiet domestiċi l-aktar fil-bżonn.

Spjegazzjoni:

Implimentazzjoni aktar mgħaġġla tista' toħloq riskju għall-irkupru ekonomiku, meta wieħed iqis l-ambjent ekonomiku fraġli attwali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Kważi miljun unità domestika bħalissa jinsabu f'pożizzjoni ta' ekwità negattiva fir-rigward ta' darhom (ipoteka oġhla mill-valur tad-dar). Tnaqqis aktar mgħaġġel tat-tnaqqis jista' jagħmel pressjoni akbar biex il-prezzijiet tad-djar jitbaxxew, u b'hekk joħloq riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Jista' wkoll inaqqas aktar il-konsum privat. Skont is-Centraal Planbureau, aktar minn nofs it-tnaqqis attwali fil-konsum privat fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa minħabba t-tensjonijiet fis-suq tad-djar.

RSP 4

Test tal-Kummissjoni:

Jieħdu aktar miżuri biex isaħħu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' dawk il-persuni li jinsabu fil-marġini tas-suq tax-xogħol. Ikomplu jnaqqsu d-diżinċentivi tat-taxxa fuq ix-xogħol, inkluż bi tneħħija gradwali aktar mgħaġġla tal-krediti tat-taxxa trasferibbli għal dawk li għandhom tieni sors tad-dħul. Irawmu t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw ir-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol, anke billi jaċċelleraw ir-riforma tal-leġislazzjoni tal-ħarsien tal-impjiegi u s-sistema tal-benefiċċji għan-nies qiegħda.

Test maqbul:

Jieħdu aktar miżuri biex isaħħu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' dawk il-persuni li jinsabu fil-marġini tas-suq tax-xogħol. Ikomplu jnaqqsu d-diżinċentivi tat-taxxa fuq ix-xogħol, inkluż bi tneħħija gradwali aktar mgħaġġla tal-krediti tat-taxxa trasferibbli għal dawk li għandhom it-tieni sors tad-dħul. Irawmu t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw ir-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol, anke billi jaċċelleraw ir-riforma ta' jirrifirmaw il-leġislazzjoni tal-ħarsien tal-impjiegi u s-sistema tal-benefiċċji għan-nies qiegħda.

Spjegazzjoni:

Dwar l-ewwel bidla, it-tneħħija gradwali aktar mgħaġġla tal-kreditui tat-taxxa trasferibbli ma tolgotx l-inċentiv (id-diżinċentiv) biex jiżdied l-għadd ta' sigħat ta' xogħol għal dawk li għandhom it-tieni sors tad-dħul li diġà daħlu fis-suq tax-xogħol.

Dwar it-tieni bidla, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi qabel mas-sħab soċjali dwar riformi essenzjali tas-suq tax-xogħol, bħar-riforma tal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tal-impjeg u tas-sistema ta' benefiċċji tal-qgħad. Intlaħaq qbil kemm dwar is-sustanza kif ukoll dwar ir-ritmu tar-riformi ma' min iħaddem u l-impjegati, u dan ħoloq ċarezza u appoġġ wiesa' mis-soċjetà. Din hi kundizzjoni essenzjali biex l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi previsti tirnexxi.

L-AWSTRJA

RSP 2

Test tal-Kummissjoni:

Tmexxi 'l quddiem l-armonizzazzjoni tal-età tal-pensjoni għall-irġiel u għan-nisa, torbot l-età tal-irtirar statutorja mat-istennija tal-ħajja, timplimenta u timmonitorja r-riformi reċenti li jirrestrinġu l-aċċess għall-irtirar kmieni u jtejbu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kbar fl-età, sabiex jiżdiedu l-età tal-irtirar effettiva u r-rata tal-impjiegi tal-ħaddiema akbar fl-età.

Test maqbul:

Tmexxi 'l quddiem l-armonizzazzjoni tal-età tal-pensjoni għall-irġiel u għan-nisa, iżżid l-età tal-irtirar effettiva billi tallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mal-bidliet fl-istennija tal-ħajja ~~torbot l-età tal-irtirar statutorja mat-tal-ħajja~~, timplimenta u timmonitorja r-riformi reċenti li jirrestrinġu l-aċċess għall-irtirar kmieni u jtejbu aktar l-impjegabbiltà tal-ħaddiema akbar fl-età, sabiex jiżdiedu l-età tal-irtirar effettiva u r-rata tal-impjiegi tal-ħaddiema akbar fl-età.

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar, deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013.

Ir-rakkomandazzjoni kienet aġġustata wkoll biex tirrifletti l-fatt li minħabba riformi kbar fil-pensjonijiet u miżuri ta' protezzjoni tas-suq tax-xogħol li jakkumpanjawhom (bħall-inizjattiva tas-suq tax-xogħol għal persuni akbar fl-età u b'diffikultajiet ta' saħħa, il-programm preventiv fit2work, ambjenti tax-xogħol favorevoli għal min hu akbar fl-età) ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età żdiedet minn 27,4 % għal 43,1 % mill-2004. Il-konklużjonijiet tal-analiżi tas-sorveljanza multilaterali tal-EMCO jindikaw li r-riformi ġew introdotti biex iħeġġu u jagħmlu possibbli ħajja ta' xogħol itwal u aktar b'saħħitha.

IL-FINLANDJA

RSP 3

Test tal-Kummissjoni:

Tieħu passi oħra sabiex iżżid ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema li huma akbar fl-età, inkluż billi ttejjeb l-impjegabbiltà tagħhom u jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' rtirar kmieni u billi tiġi allinjata l-età statutorja minima tal-irtirar mal-istennija tal-ħajja miżjuda. Timplimenta u timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-miżuri li jinsabu għaddejjin sabiex ittejjeb il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u ta' dawk li ilhom ħafna qiegħda, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' ħilet relevanti għall-impjegji.

Test maqbul:

Tieħu passi oħra sabiex iżżid ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema li huma akbar fl-età, inkluż billi ttejjeb l-impjegabbiltà tagħhom u jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' rtirar kmieni, iżżid l-età tal-irtirar effettiva billi tallinja l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni mal-bidliet fl-istennija tal-ħajja u billi tiġi allinjata l-età statutorja minima tal-irtirar mal-istennija tal-ħajja miżjuda. Timplimenta u timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-miżuri li jinsabu għaddejjin sabiex ittejjeb il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u ta' dawk li ilhom ħafna qiegħda, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' ħilet relevanti għall-impjegji.

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni fih test maqbul b'mod orizzontali. Ġie maqbul li hemm kanali differenti biex tiżdied l-età tal-irtirar effettiva u, għalhekk, biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. It-test oriġinali tal-Kummissjoni li jiffoka biss fuq iż-żieda (statutorja) tal-età tal-irtirar deher wisq preskrittiv u ddefinit b'mod dejjaq. It-test il-ġdid ifakkar fit-test adottat preċedentement mill-Kunsill, l-aktar reċentement dwar ir-Rapport tal-2012 dwar is-Sostenibbiltà fit-12 ta' Frar 2013. Fil-Finlandja, ir-rabta tal-pensjoni għall-anzjani mal-istennija tal-ħajja wkoll ma tkunx xierqa mingħajr bidla kbira fis-sistema tal-kriterji għall-pensjoni.

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2013/C 217/19	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 għas-Slovenja u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja, 2012-2016	75
2013/C 217/20	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2013 u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja, 2012-2016	81
2013/C 217/21	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Isvezja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Isvezja, 2012-2016 ...	86
2013/C 217/22	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tal-Pajjiżi l-Baxxi u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi, 2012-2017	89
2013/C 217/23	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2013 tar-Renju Unit u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Renju Unit, 2012/13 sa 2017/18	93
2013/C 217/24	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom	97

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2013/C 217/25	Nota ta' spjegazzjoni — Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru Ewropew 2013	100
---------------	---	-----



EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

